KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel, 29.4.2013
SWD(2013) 53 final/2

# DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Gwida għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-istat, l-akkwisti pubbliċi u s-suq intern għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, u b'mod partikolari għal servizzi soċjali ta' interess ġenerali**

**WERREJ**


1 L-Introduzzjoni ........ 21

2 Il-kunċett tas-SIEĠ ........ 25

3 Il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat ........ 32

3.1 Ħarsa ġenerali lejn il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat ........ 32

3.2 Il-Komunikazzjoni ........ 35

3.2.1 Meta japplikaw ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u x'inhuma l-konsegwenzi? ........ 35

3.2.2 L-att ta' inkarigu ........ 46

3.2.3 Kumpens ħieles minn għajnuna skont is-sentenza Altmark ........ 53

3.3 Kumpens mingħajr għajnuna skont ir-Regolament *de minimis* ........ 59

3.4 Kumpens skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ ........ 63

3.4.1 Il-kamp ta' applikazzjoni ........ 63

3.4.1.1 Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun ........ 64

3.4.1.2 L-isptarijiet u s-servizzi soċjali ........ 64

3.4.1.3 Id-durata tal-perjodu ta' inkarigu ........ 67

3.4.1.4 L-applikazzjoni għas-settur tat-trasport ........ 67

3.4.1.5 L-impriżi f'diffikultà ........ 69

3.4.2 Il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità ........ 69

3.4.2.1 Il-preżentazzjoni ġenerali ........ 69

3.4.2.2 L-att ta' inkarigu ........ 72

3.4.2.3 L-ammont tal-kumpens ........ 75

3.4.2.4 Il-kumpens żejjed u l-irkupru ........ 80

3.4.2.5 Il-kumpens nieqes ........ 82

3.4.3 It-trasparenza u r-rapportar ........ 82

3.4.4 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji ........ 83

3.5 Il-kumpens skont il-Qafas dwar is-SIEĠ ........ 84

3.5.1 Il-kamp ta' applikazzjoni ........ 84

3.5.2 Il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità (Jekk jogħġbok kun af li t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin relatati mad-Deċiżjoni huma applikabbli mutatis mutandis ukoll għall-Qafas: 117, 119, 124 sa 138, 140 sa 147) ........ 85

3.5.3 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji ........ 95

3.6 Il-pakkett tas-SIEĠ u regoli oħrajn ........ 95

4 Mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni għas-SSIĠ tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku ........ 99

4.1 Is-SSIĠ huwa pprovdut mill-awtorità pubblika nnifisha ........ 99

4.2 Il-forniment tas-SSIĠ huwa inkarigat lil parti terza bi ħlas ........ 100

5 Applikazzjoni konkomitanti tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u tar-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt u konċessjonijiet ta' servizz għas-SIEĠ114

6 Mistoqsijiet ġenerali dwar l-applikazzjoni għas-SIEĠ, u b'mod paritkolari għas-SSIĠ, tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi) ........ 117

7 Mistoqsijiet dwar l-applikabilità tad-Direttiva dwar is-Servizzi għas-SIEĠ u, b'mod partikolari, għas-SSIĠ ........ 120

# WERREJ – MISTOQSIJIET


1 L-Introduzzjoni ..... 21

2 Il-kunċett tas-SIEĠ ..... 25

*1. X'inhu servizz ta' interess ġenerali (SIĠ)?* ..... 25

*2. X'inhu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ)? L-awtoritajiet pubbliċi jridu jdaħħlu dan il-kunċett fil-liġi domestika tagħhom?* ..... 25

*3. X'inhu servizz soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ)?* ..... 25

*4. L-Istati Membri għandhom xi diskrezzjoni għad-definizzjoni tas-SIEĠ?* ..... 26

*5. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi lista ta' kriterji sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jużawha fid-determinazzjoni ta' jekk servizz huwiex ta' interess ġenerali?* ..... 27

*6. Il-liġi tal-UE timponi limiti fuq id-diskrezzjoni tal-Istati Membri meta jiġu ddefiniti s-SIEĠ?* ..... 27

*7. Hemm xi eżempji ta' żball manifest ta' valutazzjoni mill-Istati Membri fid-definizzjoni tas-SIEĠ?* 28

*8. Huwa possibbli li ċerti servizzi finanzjarji jitqiesu bħala SIEĠ?* ..... 29

*9. Il-kostruzzjoni ta' infrastruttura minnha nnifisha tista' tikkwalifika bħala SIEĠ?* ..... 29

*10. Il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi f'impriża għall-fini ta' espansjoni tal-attività tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp (fil-bijofarmaċija, pereżempju) jistgħu jitqiesu bħala SIEĠ?* ..... 30

*11. Awtorità pubblika tista' tikklassifika servizz bħala SIEĠ jekk diġà jkun hemm servizz simili disponibbli pprovdut minn operaturi oħrajn fis-suq li mhumiex inkarigati b'SIEĠ?* ..... 30

*12. Servizz jista' jiġi ddefinit bħala SIEĠ jekk is-suq ikun kapaċi jipprovdih fil-futur qarib?* ..... 31

*13. Jekk fornitur ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal, li jopera b'termini tas-suq u mhux inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ, ikun f'diffikultajiet u jirriskja li jfalli, l-Istat Membru jista' f'dak il-ħin jinkarigah b'SIEĠ sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz (bis-suppożizzjoni li hemm nuqqas ta' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal f'dik iż-żona li jkunu jistgħu jipprovdu s-servizz)?* ..... 31

3 Il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat ..... 32

3.1 Ħarsa ġenerali lejn il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat ..... 32

*14. F'liema strumenti jikkonsisti l-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ għall-Għajnuna mill-Istat?* ..... 32

*15. X'inhu l-iskop tal-Komunikazzjoni tas-SIEĠ?* ..... 32

*16. X'inhu r-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?* ....................32

*17. Dwar xiex inhi din id-Deċiżjoni?* ....................33

*18. Dwar xiex inhu dan il-Qafas?* ....................33

*19. X'inhuma l-għanijiet rispettivi tad-Deċiżjoni u l-Qafas? X'inhuma d-differenzi bejn dawn it-tnejn?*33

*20. X'inhuma l-passi loġiċi tal-analiżi għal kumpens tas-servizz pubbliku?* ....................34

*21. Kif tista' tiġi pprovduta ċertezza legali lill-forntiuri tas-SIEĠ? U x'jiġri jekk ma jkunux jafu jekk il-kumpens jaqax taħt id-Deċiżjoni, il-Qafas jew ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?* ....................34

*22. Hemm xi obbligi legali għall-fornituri tas-SIEĠ?* ....................35

*23. Il-pakkett tas-SIEĠ jistabbilixxi d-dritt li impriżi jirċievu għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku?* ....................35

3.2 Il-Komunikazzjoni ....................35

3.2.1 Meta japplikaw ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u x'inhuma l-konsegwenzi? .... 35

*24. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat stabbiliti fit-TFUE meta jkunu japplikaw għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-SIEĠ?* ....................35

*25. Attività meta tikkwalifika bħala 'ekonomika' skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?* .......35

*26. Il-membri ta' professjoni liberali jistgħu jikkostitwixxu 'impriżi' skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?* ....................37

*27. Attività, meta tikkwalifika bħala mhux ekonomika għall-fini tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?* ......37

*28. Meta awtorità pubblika tipprovdi tagħrif u pariri lil ċittadini fi ħdan iż-żona tagħha ta' responsabilità, tkun impenjata f'attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?* .............39

*29. Il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida speċifika fuq id-distinzjoni bejn attività ekonomika u mhux ekonomika għal erba' żoni. L-attivitajiet kollha barra dawk l-erba' żoni dejjem huma ekonomiċi?* .................39

*30. Klassifikazzjoni bħala ekonomika jew mhux ekonomika tista' tinbidel maż-żmien?* ....................39

*31. Ir-regoli tat-TFUE dwar l-Għajnuna mill-Istat jistgħu japplikaw għal fornituri ta' servizzi mingħajr skop ta' qligħ?* ....................39

*32. Huwa possibbli li awtorità pubblika tippreferi xi tipi ta' organizzazzjonijiet (pereż. organizzazzjonijiet pubbliċi/għal qligħ/mingħajr skop ta' qligħ) bħala l-fornitur ta' SIEĠ?* ....................40

*33. Iċ-ċentri ta' azzjoni soċjali li jipprovdu SSIĠ (bħal servizzi għall-anzjani u n-nies b'diżabilità) huma soġġetti għar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?* ....................40

*34. Id-distribuzzjoni ta' kupuni minn muniċipalità lil ċerti kategoriji ta' utenti individwali biex ikunu jistgħu jiksbu SIEĠ tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat?* ........ 41

*35. L-assistenza soċjali mogħtija lil ċerti benefiċjarji bħal familji bi dħul baxx (skont, pereżempju, in-nefqa attwali tagħhom fuq SIEĠ u/jew kriterji oġġettivi oħrajn li ġejjin mis-sitwazzjoni individwali tagħhom) u mħallsa direttament lill-fornitur ta' servizzi skont arranġament ta' "parti terza li tħallas" tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat?* ........ 41

*36. SIEĠ spiss jiġu pprovduti f'kuntest lokali. Huwa minnu li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri?* ........ 41

*37. Hemm effett veru fuq il-kummerċ f'każijiet li fihom operatur wieħed jipprovdi SIEĠ speċifiku f'reġjun?* ........ 42

*38. Hemm xi eżempji ta' SIEĠ lokali li fil-verità ma jidhrux li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri?* ........ 42

*39. X'jiġri jekk attività hija ekonomika u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri?* ........ 44

*40. L-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tfisser li l-Istati Membri huma meħtieġa jibdlu l-modi li bihom huma organizzati u jitmexxew is-SIEĠ tagħhom?* ........ 44

*41. X'jiġri jekk awtorità pubblika tipprovdi kumpens għal servizz ta' interess ġenerali li jitqies li huwa ekonomiku fis-sura tiegħu?* ........ 45

*42. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jimponu mudell organizzazzjonali speċifiku fuq l-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward tas-SIEĠ?* ........ 45

*43. Is-somom finanzjarji mogħtija b'rabta mat-trasferiment tas-setgħat bejn il-korpi pubbliċi fil-kuntest ta' deċentralizzazzjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala Għajnuna mill-Istat?* ........ 45

*44. Il-finanzjament ta' entità in-house — skont it-tifsira tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku — li jipprovdi SIEĠ jimplika l-esklużjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?* ........ 45

*45. X'inhuma l-konsegwenzi jekk il-kumpens għal SIEĠ tabilħaqq jitqies Għajnuna mill-Istat?* ........ 46

3.2.2 L-att ta' inkarigu ........ 46

*46. X'inhu l-għan ta' "att ta' inkarigu"?* ........ 46

*47. X'tipi ta' atti ta' inkarigu jitqiesu adegwati?* ........ 46

*48. Hemm bżonn ta' att ta' inkarigu għal SSIĠ?* ........ 48

*49. Liema awtoritajiet huma intitolati jinkarigaw kumpanija b'SIEĠ? L-awtoritajiet muniċipali għandhom din il-kompetenza?* ........ 48

*50. Il-fornitur innifsu tas-SIEĠ, li spiss ikollu għarfien speċifiku, jista' jiddefinixxi l-kontenut tal-att ta' inkarigu?* ........ 48

*51. Il-kunċett ta' att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) TFUE u tal-pakkett tas-SIEĠ jikkorrispondi għall-kunċett ta' "fornitur mandat mill-Istat" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?* ........ 48

*52. Dan li ġej jikkostitwixxi att ta' inkarigu skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u d-Direttiva dwar is-Servizzi: deċiżjoni minn awtorità pubblika reġjonali li tiddefinixxi servizz soċjali ta' taħriġ vokazzjonali ta' interess ġenerali u li tinkariga bil-ġestjoni ta' dan is-servizz lil entità waħda jew iktar ta' taħriġ?* ........ 49

*53. Fil-każ ta' SIEĠ ikkofinanzjat minn bosta awtoritajiet pubbliċi, hemm bżonn li kull waħda mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati tadotta l-att ta' inkarigu tagħha stess jew hu possibbli li, meta jingħata l-kumpens, issir referenza għall-att ta' inkarigu maħruġ mill-awtorità "mexxejja" jew li torganizza tas-SIEĠ?* 50

*54. Meta awtorità pubblika tkun tixtieq tinkariga bosta SIEĠ lil fornitur ta' servizzi wieħed jew iktar, hemm bżonn li dik l-awtorità tadotta bosta atti li jikkorrispondu għas-SIEĠ individwali?* ........ 50

*55. L-att ta' inkarigu għandu jispeċifika "kompitu" jew "attivitajiet speċifiċi" li jridu jitwettqu?* ........ 50

*56. Kif għandu jiġu abbozzat att ta' inkarigu li jikkonċerna servizzi bħal SSIĠ li, minn naħa jridu jidhru globalment, u min-naħa l-oħra jridu jitfasslu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti individwali? L-att ta' inkarigu jrid jiddeskrivi kull servizz li għandu jiġi pprovdut?* ........ 51

*57. Fi tmiem perjodu ta' inkarigu, l-istess SIEĠ jista' jerġa' jiġi inkarigat lill-istess kumpanija?* ........ 52

*58. Kif għandu jitfassal att ta' inkarigu li jikkonċerna servizzi li jridu jiġu adattati fil-proċess tal-kunsinna għal ċirkostanzi li jinbidlu f'termini ta' intensità tal-kura, profili tal-utenti u numri tal-utenti?* ...... 52

*59. Ir-rekwiżit ta' att ta' inkarigu jillimita l-awtonomija u l-libertà tal-fornituri ta' servizzi tal-bidu?* ... 53

*60. Ir-rekwiżit ta' att ta' inkarigu jillimita l-awtonomija tal-fergħat lokali ta' fornitur tas-SIEĠ li għandu mandat kif xieraq fil-livell nazzjonali meta jfassal prijoritajiet?* ........ 53

3.2.3 Kumpens ħieles minn għajnuna skont is-sentenza Altmark ........ 53

*61. Il-Qorti x'tiddikjara fis-sentenza Altmark?* ........ 53

*62. Awtorità pubblika tista' tevita l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat billi torganizza proċedura ta' offerti, mingħajr ma tivverifika jekk humiex issodisfati l-kriterji kollha tas-sentenza Altmark?* 55

*63. Il-forniment ta' SIEĠ għaliex għandu jiġi kkumpensat skont il-kriterju tal-"inqas spejjeż għall-komunità"? Dan ma jwassalx għall-forniment ta' servizz ta' kwalità baxxa?* ........ 55

*64. Tista' tagħti eżempju ta' sitwazzjoni li fiha mekkaniżmu ta' restituzzjoni (kif imsemmi fil-para. 67 tal-Komunikazzjoni) ikun xieraq?* ........ 56

*65. X'inhi proċedura miftuħa, skont it-tifsira tal-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni?* ........ 56

*66. X'inhi proċedura ristretta skont it-tifsira tal-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni?* ........ 56

*67. Il-proċedura nnegozjata għaliex titqies li tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark f'ċirkostanzi eċċezzjonali?* ....57

*68. Jekk tiġi ppreżentata offerta waħda biss, dik l-offerta qatt ma titqies biżżejjed biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz bl-inqas spiża għall-komunità jew jista' jkun hemm anki każijiet fejn l-offerta xorta tkun biżżejjed?* ....57

*69. X'inhi r-relazzjoni bejn ir-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u l-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat? Il-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat tista' twassal għall-obbligu li dejjem japplikaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jekk fornitur jiġi inkarigat b'SIEĠ?* ....57

*70. X'jiġri jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li fihom element ta' negozjar jinbidel fir-riforma li għaddejja bħalissa tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku?* ....58

*71. Xi tfisser eżattament 'remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata'? Opinjoni ta' espert wieħed tista' tkun biżżejjed biex tipprovaha?* ....58

*72. Stat Membru jista' juża spiża ta' referenza stabbilita minn qabel għall-fini ta' applikazzjoni tal-kriterju relatat mal-ispejjeż ta' impriża tipika mmexxija sew?* ....58

*73. X'inhuma l-konsegwenzi tal-applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterji ta' Altmark?*59

3.3 Kumpens mingħajr għajnuna skont ir-Regolament *de minimis* .... 59

*74. X'inhi d-differenza bejn ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u r-Regolament ġenerali de minimis?* 59

*75. Kif jista' jiġi żgurat li jiġi rrispettat il-limitu massimu ta' EUR 500 000? Hemm xi verifiki għall-konformità?* ....59

*76. Att ta' inkarigu skont it-tifsira tad-Deċiżjoni/Qafas huwa meħtieġ ukoll skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?* ....60

*77. X'inhu l-vantaġġ tal-użu tar-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ meta mqabbel mad-Deċiżjoni?*60

*78. X'inhuma r-regoli dwar l-akkumulazzjoni ta' għajnuna mogħtija skont iż-żewġ Regolamenti de minimis? B'mod iktar speċifiku, impriża li rċeviet għajnuna de minimis ġenerali fl-aħħar snin, issa tista' tirċievi wkoll għajnuna de minimis għas-SIEĠ?* ....60

*79. X'inhuma r-regoli dwar l-akkumulazzjoni ta' kumpens mogħti skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u l-kumpens mogħti skont il-kriterji ta' Altmark?* ....60

*80. Kumpanija tista' tirċievi kumpens għal SIEĠ wieħed skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas, u għajnuna de minimis għal SIEĠ ieħor skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?* ....61

*81. Fornitur ta' servizzi li għal ċertu perjodu ta' żmien irċieva kumpens skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas jista' jiġi ffinanzjat għal perjodu ieħor ta' żmien skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ għall-istess servizz?* ....61

*82. Fornitur ta' servizzi jixtieq jistabbilixxi servizz ta' appoġġ għaż-żgħażagħ qiegħda li jeħtieġ appoġġ finanzjarju ta' EUR 150 000: ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat japplikaw għal għotja bħal din minn awtorità pubblika?* ....61

*83. Awtorità pubblika tista' tiffinanzja inizjattiva pilota sabiex tiddefinixxi l-kontenut ta' kompiti ta' SIEĠ?* ....62

*84. F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat skont ir-Regolament de minimis ġenerali jew ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ, l-ammont ta' EUR 200 000 / EUR 500 000 jirreferi għas-SIEĠ jew għall-impriża inkarigata bis-SIEĠ, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni attivitajiet oħrajn li għalihom l-impriża tirċievi riżorsi tal-Istat?* ....62

*85. Fil-każ ta' korp inkarigat bil-forniment ta' bosta SIEĠ li jfassal kontijiet separati għal kull SIEĠ, huwa possibbli li tiġi applikata r-regola de minimis għal kull SIEĠ b'mod separat?* ....62

*86. F'każ li korp inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ ikun impenjat ukoll f'attivitajiet mhux ekonomiċi, hemm bżonn li jnaqqas l-ammont ta' kumpens imħallas għas-SIEĠ mhux ekonomiċi għall-fini tar-Regolamenti de minimis?* ....62

*87. Il-baġit għan-nefqa tal-investiment marbuta ma' SSIĠ jista' jiġi riżervat fuq perjodu li jestendi minn sena għal bosta snin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa possibbli li jiġu applikati r-Regolamenti de minimis?* ....63

*88. Ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u r-Regolament de minimis ġenerali japplikaw għall-fornituri ta' SIEĠ f'diffikultà?* ....63

3.4 Kumpens skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ ....63

3.4.1 Il-kamp ta' applikazzjoni ....63

*89. F'liema każijiet tapplika d-Deċiżjoni?* ....63

3.4.1.1 Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun ....64

*90. Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun għandu jiġi applikat bħala valur nett jew gross?* ....64

*91. Il-livell limitu japplika għal kull inkarigu ta' SIEĠ jew għal kull impriża? X'jiġri jekk bosta impriżi jipprovdu SIEĠ b'mod konġunt?* ....64

3.4.1.2 L-isptarijiet u s-servizzi soċjali ....64

*92. Hemm dispożizzjoni fuq attività anċillari fl-Artikolu 2(1)(b) għall-isptarijiet, iżda mhux fl-Artikolu 2(1)(c) għal servizzi soċjali. Dan ifisser li s-servizzi soċjali jitqiesu b'mod inqas favorevoli?* ....64

*93. Min jista' jiddefinixxi l-kontenut ta' "servizzi soċjali"?* ....64

*94. Għaliex il-lista ta' servizzi soċjali eżenti fid-Deċiżjoni hija eżawrjenti? X'jiġri jekk Stat Membru jixtieq jinkariga lil fornitur ta' servizzi b'servizz soċjali ta' interess ġenerali li mhuwiex kopert minn din il-lista?* ....65

*95. Il-lista ta' servizzi soċjali fid-Deċiżjoni kif tista' tkun relatata mal-listi ta' servizzi fl-Anness II B tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku (Direttiva 2004/18/KE)?* ........ 65

*96. Xi jkopri t-terminu 'indukrar tat-tfal' fl-Artikolu 2(1)(c)?* ........ 65

*97. Il-frażi "jissodisfaw ħtiġijiet soċjali" tillimita t-tip ta' servizzi soċjali li jistgħu jkunu SIEĠ, pereżempju fil-każ ta' indukrar tat-tfal, għal indukrar tat-tfal għal familji b'diffikultajiet finanzjarji?* ........ 66

*98. Xi jkopri t-terminu "l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli" fl-Artikolu 2(1)(c)?* ........ 66

*99. Xi jkopri t-terminu "aċċess għas-suq tax-xogħol u r-reintegrazzjoni fih" fl-Artikolu 2(1)(c)? It-taħriġ professjonali huwa parti minnu?* ........ 66

*100. Għajnuna lill-impriżi għall-integrazzjoni soċjali u fix-xogħol tista' tkun koperta mid-Deċiżjoni?* ........ 66

3.4.1.3 Id-durata tal-perjodu ta' inkarigu ........ 67

*101. Id-durata tal-perjodu ta' inkarigu tista' taqbeż l-10 snin biss jekk irid jiġi amortizzat investiment sinifikanti fuq perjodu itwal jew dan jista' jsir ukoll għal raġunijiet iġġustifikati oħrajn? Xi tfisser "investiment sinifikanti"?* ........ 67

*102. Minħabba l-limitazzjoni tal-perjodu ta' inkarigu għal 10 snin fil-prinċipju, ma għadux possibbli li fornitur jiġi awtorizzat għal perjodu bla limitu?* ........ 67

3.4.1.4 L-applikazzjoni għas-settur tat-trasport ........ 67

*103. X'inhi d-differenza bejn l-Artikolu 2(1)(d) u l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni?* ........ 67

*104. Eżattament għal xiex jirreferi l-livell limitu ta' 300 000 passiġġier tal-kollegamenti tal-ajru u marittimi mal-gżejjer kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni? Id-Deċiżjoni tista' tiġi applikata wkoll għar-rotot tal-ajru/tal-baħar li ma jipprovdux kollegamenti ma' gżira?* ........ 68

*105. L-ajruporti b'iktar minn 200 000 passiġġier jew portijiet b'iktar minn 300 000 passiġġier jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni f'każijiet fejn il-kumpens tas-servizz pubbliku ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun?* ........ 68

*106. X'inhi r-relazzjoni bejn id-Deċiżjoni u r-Regolament (KE) Nru 1008/2008, b'mod partikolari l-Artikolu 16 tar-Regolament? Tista' tagħti xi eżempji ta' x'tip ta' servizzi jistgħu jiġu definiti bħala SIEĠ għall-ajruporti skont l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni?* ........ 69

*107. X'inhi r-relazzjoni bejn id-Deċiżjoni u r-Regolament 1370/2007?* ........ 69

3.4.1.5 L-impriżi f'diffikultà ........ 69

*108. Id-Deċiżjoni tapplika wkoll għal ditti f'diffikultà?* ........ 69

3.4.2 Il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità ........ 69

3.4.2.1 Il-preżentazzjoni ġenerali ........ 69

*109. X'inhuma l-kundizzjonijiet ewlenin tal-kompatibilità stabbiliti mid-Deċiżjoni?* ....69

*110. X'inhi d-differenza bejn il-kundizzjonijiet tas-sentenza Altmark u l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni?* ....70

*111. X'inhuma d-differenzi ewlenin bejn id-Deċiżjonijiet tal-2005 u tal-2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità?* ....71

*112. Fil-każ li l-operaturi kollha tas-suq huma inkarigati bl-istess SIEĠ, kollha kemm huma għandhom jirċievu l-istess ammont ta' kumpens għall-forniment tas-SIEĠ skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?* ....71

*113. Din id-Deċiżjoni teħtieġ l-għażla tal-inqas impriża għolja għall-forniment tas-SIEĠ?* ....72

*114. Huwa minnu li jekk awtorità pubblika tikklassifika servizz bħala SIEĠ u tikkonforma mad-Deċiżjoni, ma għandhiex bżonn tikkonforma mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku?* ....72

3.4.2.2 L-att ta' inkarigu .... 72

*115. Għaliex hemm rekwiżit ġdid biex tiżdied referenza għad-Deċiżjoni fl-att ta' inkarigu (l-Artikolu 4(f))?* ....72

*116. Id-Deċiżjoni teħtieġ parametri biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' kumpens li jrid jiġi ddefinit fl-att ta' inkarigu. Dan kif jista' jsir qabel jiġi offrut is-servizz?* ....72

*117. Anki għall-korpi esperjenzati fil-forniment ta' SIEĠ, jista' jkun hemm livell għoli ta' imprevedibilità fl-ispiża u riskju ta' telf ex post: bidliet imprevedibbli fil-livell ta' indukrar meħtieġ, fil-profili tal-utenti, fin-numri tal-utenti u fil-livell ta' dħul (nuqqas ta' ħlas ta' tariffi minn utenti, qabżiet fin-numru ta' utenti, ċaħda ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn milli jagħtu sehemhom). Il-korpi pubbliċi kif jistgħu jlaħħqu ma' din is-sitwazzjoni?* ....73

*118. Meta jiġu ddefiniti l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens għal korp partikolari, għandu jsir tqabbil mal-korpi l-oħrajn? Għandha tittieħed deċiżjoni fuq l-effiċjenza? Kif jista' jitqabbel il-valur tal-indukrar pastorali, gwida spiritwali, ħin żejjed meħud, eċċ.?* ....73

*119. Kif għandhom jiġu ddeterminati l-parametri għall-kumpens għall-ispejjeż fil-każ li SIEĠ partikolari jiġi ffinanzjat minn żewġ awtoritajiet pubbliċi jew iktar?* ....74

*120. F'każ li awtorità pubblika tixtieq tiffinanzja biss parti mill-ispejjeż annwali ta' fornitur assenjat SIEĠ, kif għandhom jiġu ddeterminati l-parametri għall-kumpens?* ....74

*121. F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat parzjalment minnu mill-awtorità pubblika u parzjalment mill-utenti tiegħu, huwa possibbli li awtorità pubblika tkopri l-ispejjeż kollha jekk is-SIEĠ qed jagħmel it-telf?* ....74

*122. Huwa possibbli li awtorità pubblika tistabbilixxi fl-att ta' inkarigu li ser tkopri t-telf operatorju mġarrab għal kull perjodu stabbilit mingħajr ma tiddefinixxi ebda parametri oħrajn għall-kalkolu tal-kumpens?*75

3.4.2.3 L-ammont tal-kumpens .... 75

*123. Liema metodoloġija għandha tintuża biex tiġi kkalkolata l-ispiża netta tal-obbligi ta' servizz pubbliku skont id-Deċiżjoni?* ....75

*124. Tista' tagħti xi eżempji tat-tip ta' investiment li jista' jiġi appoġġjat bħala parti minn SIEĠ? Pereżempju, l-ispejjeż marbutin ma' magna tal-bastimenti jistgħu jitqiesu bħala spiża tas-SIEĠ, filwaqt li jkun magħruf li l-awtorità inkarigat lil sid il-bastiment b'obbligu ta' servizz pubbliku sabiex iġorr lill-passiġġieri?* ....75

*125. Hemm bżonn li ammont speċifiku ta' kumpens jiġi attribwit għal spejjeż speċifiċi?* ....76

*126. Fil-kalkolu tal-kumpens, huwa possibbli li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ż-żewġ għotjiet minn awtorità pubblika u s-servizzi pprovduti minn awtorità pubblika biex korp jiġi megħjun jirrilaxxa l-obbligi tiegħu ta' servizz pubbliku?* ....76

*127. Kif għandu jiġi kkalkolat l-ammont tal-kumpens għal servizz pubbliku f'każ li l-fornituri tas-SIEĠ ikollhom drittijiet speċjali jew esklussivi relatati mar-rilaxx ta' numru ta' kompiti tas-servizz pubbliku?* ....76

*128. F'każ li bosta korpi pubbliċi, inkluża awtorità lokali, jingħaqdu flimkien ma' korpi privati f'entità legali sabiex joperaw SIEĠ b'mod konġunt, kif għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-preżenza f'dik l-entità ta' membri li mhumiex awtoritajiet pubbliċi meta jiġi kkalkolat il-kumpens?* ....76

*129. Il-benefiċċji tat-taxxa li ġejjin mill-istatus korporattiva ta' korp għandhom jingħaddu mad-dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni?* ....77

*130. Il-ħlasijiet li jsiru skont ftehim ta' trasferiment tal-qligħ u t-telf fi ħdan impriża b'parteċipazzjoni pubblika għandhom jingħaddu bħala dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni?* ....77

*131. Xi jfisser it-terminu "profitt raġonevoli" għall-kalkolu ta' kumpens kompatibbli?* ....78

*132. Kif għandu jiġi ddefinit ir-"riskju"? Tista' tagħti eżempji ta' x'jikkostitwixxi riskju għall-fornitur?*78

*133. Għall-fini ta' kalkolu tal-qligħ raġonevoli, id-Deċiżjoni tirreferi għal rata ta' redditu fuq il-kapital. Huwa possibbli li jintużaw metodi differenti għall-kalkolu tal-qligħ raġonevoli?* ....79

*134. Iż-żona ta' sikurezza tal-qligħ tapplika biss għar-redditu fuq il-kapital. Ma hemm l-ebda żona ta' sikurezza jekk, wara ġustifikazzjoni, jintużaw indikaturi oħrajn tal-livell ta' qligħ?* ....79

*135. Hemm xi mezzi prattiċi ta' kif wieħed isir jaf x'inhu l-livell tar-rata ta' tpartit relevanti?* ....79

*136. Ikun aċċettabbli li mal-ispejjeż jiżdiedu spejjeż ġenerali ta' 20 %, u li dan jitqies bħala l-qligħ raġonevoli?* ....79

*137. Hemm bżonn li jinżammu kontijiet separati għall-impriża li tipprovdi SIEĠ, filwaqt li jitwettqu attivitajiet kummerċjali oħrajn ukoll?* ....79

*138. Hemm bżonn li jinżammu kontijiet separati għall-korp li huwa inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ u impenjat ukoll f'attivitajiet mhux ekonomiċi?* ....80

*139. Liema spejjeż jistgħu jiġu kkumpensati meta impriża tuża l-istess infrastruttura biex tipprovdi kemm SIEĠ kif ukoll attivitajiet ekonomiċi li mhumiex ikkaratterizzati bħala SIEĠ?* ....80

3.4.2.4 Il-kumpens żejjed u l-irkupru .... 80

*140. Id-Deċiżjoni tippermetti sabiex isir il-ħlas ta' kumpens tas-servizz pubbliku iżda tipprojbixxi kumpens żejjed; xi jfisser it-terminu "kumpens żejjed"?* ....80

*141. Għandu jkun hemm kontroll kull tliet snin. Huwa possibbli li jiġi riportat kumpens żejjed għall-perjodu ta' wara oltre l-10 % jekk ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed tul il-perjodu sħiħ ta' inkarigu? Jew għandu jkun hemm irkupru?* ....80

*142. X'effett ikollu t-twaqqif ta' mekkaniżmu mfassal sabiex jevita kwalunkwe kumpens żejjed fuq l-obbligu ta' awtorità pubblika biex twettaq verifiki għal kumpens żejjed?* ....81

*143. F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet pubbliċi jew iktar (pereż. minn gvern ċentrali u/jew reġjun u/jew provinċja u/jew awtorità lokali ta' livell inferjuri), kif għandu jitwettaq il-kontroll għal kumpens żejjed?* ....81

*144. Fil-każ ta' kumpens żejjed relatat mal-finanzjament konġunt ta' SIEĠ minn bosta livelli ta' awtoritajiet pubbliċi, il-ħlas lura tal-kumpens żejjed kif għandu jitwettaq bejn il-bosta livelli involuti?* ....81

3.4.2.5 Il-kumpens nieqes .... 82

*145. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jipprojbixxu l-kumpens nieqes ta' fornitur ta' SSIĠ/SIEĠ, jiġifieri l-ħlas ta' livell ta' kumpens inqas mill-ispejjeż relatati mal-forniment tas-SSIĠ/SIEĠ? Kumpens nieqes lill-fornitur ma jwassalx għal vantaġġ ekonomiku għall-kompetitur tiegħu, li ma għandux għaliex iġarrab il-piż finanzjarju tat-tali kumpens nieqes?* ....82

*146. Impriża inkarigata b'SIEĠ li tirċievi kumpens nieqes tista' titħallas kumpens provviżorju qabel tmiem is-sena finanzjarja jekk wara dik is-sena ser titħallas il-kumpens meħtieġ għar-rilaxx tal-kompitu tagħha?* ....82

3.4.3 It-trasparenza u r-rapportar .... 82

*147. Ir-rekwiżit addizzjonali ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni japplika jekk il-kumpens għal SIEĠ wieħed jaqbeż il-EUR 15-il miljun jew jekk is-SIEĠ kollha inkarigati lil impriża waħda jaqbżu l-EUR 15-il miljun ukoll?* ....82

*148. Il-pubblikazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni għall-ammonti li jaqbżu l-EUR 15-il miljun huma meħtieġa kull sena jew inkella, l-ammonti annwali jistgħu jiġu ppubblikati fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu?* ....82

*149. Meta l-għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku tista' tiġi eżentata min-notifika fuq il-bażi tad-Deċiżjoni, hemm obbligu li jintbagħat fuljett ta' informazzjoni lill-Kummissjoni?* ....83

*150. Min għandu jipprovdi r-rapporti fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni — l-Istati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali / lokali?* ....83

3.4.4 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji .... 83

*151. Kemm ilha tiġi applikata din id-Deċiżjoni? Hija retroattiva?* ....83

*152. L-Istati Membri jridu jallinjaw mad-Deċiżjoni l-ġdida għajnuna individwali eżistenti li hija legalment implimentata skont id-Deċiżjoni tal-2005?* ....83

*153. L-Istati Membri li għandhom fis-seħħ skemi tas-SIEĠ li kienu legalment implimentati skont id-Deċiżjoni tal-2005, jistgħu jibqgħu jagħtu inkarigi ġodda skont id-Deċiżjoni tal-2005 matul il-perjodu transitorju ta' sentejn?* ....84

3.5 Il-kumpens skont il-Qafas dwar is-SIEĠ .... 84

3.5.1 Il-kamp ta' applikazzjoni .... 84

*154. Il-Qafas japplika għal kumpens tas-servizz pubbliku għas-settur tat-trasport?* ....84

*155. Il-Qafas japplika għal kumpens għax-xandir tas-servizz pubbliku?* ....84

*156. X'inhuma r-regoli għall-applikazzjoni tal-Qafas għal ditti f'diffikultà?* ....84

*157. Hemm bżonn li l-għajnuna li taqbeż il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni?* ....84

*158. Meta Stat Membru jirrifjuta t-talba ta' reġjun jew ta' komunitajiet lokali oħrajn għan-notifika ta' għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku, huwa possibbli li l-komunitajiet pubbliċi jaġixxu f'isimhom? Il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni kontra dan l-Istat Membru?* ....85

3.5.2 Il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità (Jekk jogħġbok kun af li t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin relatati mad-Deċiżjoni huma applikabbli mutatis mutandis ukoll għall-Qafas: 117, 119, 124 sa 138, 140 sa 147) .... 85

*159. X'inhuma l-bidliet ewlenin meta mqabbla mal-Qafas tal-2005 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità?* ....85

*160. X'inhu l-għan tar-rekwiżit, imsemmi fil-paragrafu 14, għall-konsultazzjoni pubblika qabel jingħata l-inkarigu ta' SIEĠ?* ....86

*161. X'għandu jkun il-kontenut tal-konsultazzjoni pubblika msemmija fil-paragrafu 14? Konsultazzjoni bħal din tista' ssir fil-forma ta' smigħ pubbliku?* ....86

*162. Huwa possibbli li awtorità pubblika tistabbilixxi fl-att ta' inkarigu li ser tkopri t-telf operatorju mġarrab għal kull perjodu stabbilit mingħajr ma tiddefinixxi xi parametri oħrajn għall-kalkolu tal-kumpens?*86

*163. X'inhuma assi fissi mhux trasferibbli, kif imsemmi fil-paragrafu 17? Tista' tagħti eżempji?* ....87

*164. X'inhuma "l-assi l-iżjed sinifikanti", kif imsemmi fil-paragrafu 17?* ....87

*165. Durata ta' 10 snin dejjem tkun aċċettabbli skont il-Qafas? Jew anki perjodu iqsar ta', pereż, 8 snin, ikollu bżonn ġustifikazzjoni fuq il-bażi tad-deprezzament tal-assi sinifikanti?* ....87

*166. X'inhi d-differenza bejn ir-rekwiżiti f'termini ta' durata tal-perjodu ta' inkarigu skont id-Deċiżjoni u l-Qafas? Ir-rekwiżit tad-Deċiżjoni huwa eħrex minn dak tal-Qafas, u jekk iva, kemm?* ....87

*167. Il-Kummissjoni għaliex introduċiet dispożizzjoni ġdida fil-paragrafu 18 dwar konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza?*......88

*168. Il-paragrafu 19 tal-Qafas jeħtieġ l-għażla tal-fornitur ta' servizzi permezz ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku?* 88

*169. X'inhi r-rabta bejn ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark u l-paragrafu 19 tal-Qafas?*......88

*170. Il-Kummissjoni għaliex daħħlet dispożizzjoni fil-paragrafu 20 dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni? Għaliex din ma ddaħħlitx fid-Deċiżjoni wkoll?*......89

*171. Għaliex iddaħħlet metodoloġija ġdida fil-paragrafu 24 (il-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati ) sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens?*......89

*172. Għaliex ir-regoli l-ġodda jeħtieġu li l-Istati Membri jinkludu inċentivi għall-effiċjenza fil-mekkaniżmi ta' kumpens tagħhom?*......90

*173. Tista' tagħti eżempji ta' mekkaniżmi ta' kumpens li jistgħu jipprovdu inċentivi għall-effiċjenza?*...90

*174. Jekk l-ammont tal-kumpens jiġi stabbilit wara proċedura nnegozjata, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni dwar l-inċentivi għall-effiċjenza hija ssodisfata?*......91

*175. Fil-każ ta' ħlas bil-quddiem, kif jista' jiġi evitat ir-riskju li l-fornitur jiddikjara spejjeż żejda jew jissottovaluta d-dħul?*......92

*176. Il-Qafas jippermetti li jsir il-ħlas ta' kumpens tas-servizz pubbliku iżda jipprojbixxi l-kumpens żejjed; xi jfisser it-terminu "kumpens żejjed"?*......92

*177. Għaliex għandu jiġi pprovdut kontroll ta' sentejn jew tlieta f'każ li l-kumpens ikun ġie ddefinit ex ante bħala somma f'daqqa (u, għaldaqstant, huwa indipendenti mill-ispejjeż u d-dħul li fil-fatt jiġġarrbu)?*..92

*178. Il-verifiki regolari għandhom ikunu limitati għall-ħruġ ta' kumpens żejjed jew għandhom iħarsu wkoll lejn il-kwistjoni ta' jekk SIEĠ għadux iġġustifikat jew jekk sadanittant is-servizz jistax jiġi pprovdut mis-suq?* 93

*179. Huwa possibbli li l-kumpens żejjed jiġi riportat għall-perjodu li jmiss jekk ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed tul il-perjodu sħiħ ta' inkarigu? Jew għandu jsir irkupru?*......93

*180. Għall-fini tal-Qafas, f'każ li impriża inkarigata b'SIEĠ tirċievi kumpens nieqes, tista' tittrasferixxi xi parti mill-kumpens żejjed li setgħet irċiviet għall-istess perjodu fir-rigward ta' SIEĠ ieħor inkarigata bih?*93

*181. Il-Kummissjoni għaliex daħħlet rekwiżiti addizzjonali għal tfixkil fil-kompetizzjoni partikolarment serju fit-Taqsima 2.9 u x'inhuma?*......94

*182. Eżempju ta' tfixkil serju mogħti fil-paragrafu 55 tal-Qafas huwa dak ta' ggruppar mhux neċessarju. Jista' jkun hemm anki każijiet ta' diżaggregazzjoni mhux neċessarja, jiġifieri meta l-iggruppar ikun aħjar minn perspettiva tal-kompetizzjoni (pereż. għaliex servizzi li jrendu iktar qligħ jiġu ggruppati ma' servizzi li jagħmlu t-telf)?*......94

*183. Skont il-paragrafu 61, ċerti kundizzjonijiet tal-kompatibilità ma japplikawx għal servizzi li kienu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni iżda li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità tad-Deċiżjoni. Tista' tispjega għaliex u tagħti eżempju?*......94

3.5.3 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji...... 95

*184. Kemm ilu jiġi applikat il-Qafas? Huwa retroattiv?*......95

*185. Jekk għajnuna individwali ngħatat legalment fuq il-bażi tal-Qafas tas-SIEĠ tal-2005, hemm bżonn li jiġi żgurat li t-tali għajnuna issa tikkonforma mal-Qafas il-ġdid? Hemm bżonn ta' notifika ġdida?*......95

*186. X'inhuma r-regoli għall-iskemi eżistenti?*......95

3.6 Il-pakkett tas-SIEĠ u regoli oħrajn......95

*187. Is-SIEĠ li jikkonċernaw l-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol tan-nies qiegħda u t-taħriġ vokazzjonali jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni jew ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 għal eżenzjoni ġenerali sħiħa?*......95

*188. Il-konformità mal-pakkett tas-SIEĠ tfisser li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku ma għandhomx għaliex jiġu applikati?*......96

*189. Il-finanzjament ta' SIEĠ mill-FSE u l-FEŻR huwa Għajnuna mill-Istat? Dan hu r-responsabilità tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni?*......96

*190. Il-finanzjament ta' SIEĠ permezz ta' riżorsi li joriġinaw mill-FSE u l-FEŻR irid jingħata skont il-pakkett tas-SIEĠ? Din hija r-responsabilità tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni?*......96

*191. Il-finanzjament ta' SIEĠ mill-FAEŻR huwa għajnuna mill-istat?*......96

*192. Finanzjament tas-SIEĠ permezz ta' riżorsi tal-FAEŻR għall-prodotti li mhumiex tal-Anness I irid jingħata skont il-pakkett tas-SIEĠ?*......97

*193. X'inhi r-relazzjoni bejn ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat fuq l-għajnuna reġjonali li stabbilixxew intensitajiet speċifiċi tal-għajnuna u r-regoli dwar is-SIEĠ?*......97

*194. Il-kontrolli tal-Għajnuna mill-Istat huma kompatibbli mal-kontrolli fuq il-finanzjament mill-FSE?*97

*195. Skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-FSE, huma eliġibbli biss il-partiti tan-nefqa u d-dħul strettament iddedikati għall-proġett li jkun qed jiġi kkofinanzjat, jiġifieri esklużi qligħ raġonevoli. Fil-każ ta' SSIĠ iffinanzjat minn riżorsi tal-FSE, il-qligħ raġonevoli jista' jiġi inkluż, kif stipulat fid-Deċiżjoni?*......98

*196. X'inhi r-relazzjoni bejn il-mekkaniżmu ta' kontroll ta' proġetti kkofinanzjati mill-FSE u l-kontroll ta' kumpens żejjed impost mill-pakkett tas-SIEĠ?*......98

*197. Jekk Stat Membru jagħti vantaġġ lil xi intrapriża inkarigata mill-obbligi ta' servizz pubbliku ta' komunikazzjoni elettronika li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/22/KE kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE, jibqa' possibbli li l-kumpens inkwistjoni jiġi evalwat skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat?*......98

4 Mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni għas-SSIĠ tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku........ 99

4.1 Is-SSIĠ huwa pprovdut mill-awtorità pubblika nnifisha........ 99

*198. Sa liema punt awtorità pubblika tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ)? Fi kliem ieħor, x'inhu l-marġini tal-flessibilità li għandha l-awtorità pubblika sabiex tiddeċiedi jekk servizz għandux jingħata direttament minnha jew għandux jiġi esternalizzat? Din id-deċiżjoni hija għalkollox f'idejha?*........99

*199. Ir-regoli tal-UE dwar l-għażla tal-fornitur ma japplikawx normalment meta l-awtoritajiet pubbliċi joffru servizz huma nfushom jew permezz ta' fornitur intern (din li tissejjaħ sitwazzjoni ta' "fornitur in-house"). X'inhuma l-ambitu u l-limiti tal-eċċezzjoni "in-house"?*........99

4.2 Il-forniment tas-SSIĠ huwa inkarigat lil parti terza bi ħlas........ 100

*200. X'inhu l-qafas legali applikabbli meta awtorità pubblika tiddeċiedi li testernalizza l-forniment ta' SSIĠ bi ħlas?*........100

*201. Xi jfisser il-kunċett ta' interess transfruntier?*........102

*202. X'inhuma l-obbligi li joħorġu mill-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni?*........103

*203. Kif għandhom jinkitbu l-ispeċifikazzjonijiet xierqa għall-għoti ta' kuntratt ta' servizzi (i) biex iwieġbu b'mod sħiħ għad-diversi ħtiġijiet tal-utenti u (ii) biex jippermettu adattament tas-servizz skont is-sitwazzjonijiet li jinbidlu f'termini ta' intensità, numru ta' utenti, eċċ.?*........104

*204. Liema rekwiżiti oħrajn ta' kwalità jistgħu jkunu integrati fl-għoti ta' kuntratt ta' appalt jew konċessjoni ta' SSIĠ?*........105

*205. Huwa possibbli li temenda l-kuntratt waqt l-implimentazzjoni?*........106

*206. Kif jista' jiġi evitat piż żejjed fuq il-fornituri ż-żgħar tas-servizzi, li spiss ikunu fl-aħjar pożizzjoni li jifhmu l-karatteristiċi ta' SSIĠ f'kuntest li jkollu dimensjoni lokali qawwija?*........106

*207. Kif jista' wieħed jirrikonċilja proċeduri ta' akkwist pubbliku, li jillimitaw l-għadd ta' fornituri magħżula, maż-żamma ta' libertà ta' għażla suffiċjenti għall-utenti ta' SSIĠ?*........106

*208. Huwa possibbli li jiddaħħal bħala kriterju għall-għażla ta' fornitur ta' servizz l-għarfien personali tal-kuntest lokali, billi dan l-aspett ikun spiss essenzjali għas-suċċess tal-prestazzjoni ta' SSIĠ?*........107

Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE jiżguraw kompetizzjoni leali bejn l-operaturi, fl-Ewropa kollha, sabiex jiġi żgurat valur aħjar għall-flus għall-awtoritajiet pubbliċi. Ħtieġa ta' għarfien tal-kuntest lokali tista' twassal għal diskriminazzjoni illegali kontra fornituri tas-servizzi barranin. Fl-istess waqt, ħtieġa bħal din tista' tnaqqas l-għażla tal-awtorità pubblika għal numru żgħir ta' operaturi lokali, u b'hekk jonqos l-effett benefiku tal-kompetizzjoni fuq skala Ewropea........107

Madankollu, ċerti ħtiġijiet marbuta mal-kuntest lokali jistgħu jkunu aċċettabbli jekk dawn ikunu ġġustifikati minħabba l-karatteristiċi tas-servizz li għandu jingħata (it-tip ta' servizz u/jew tal-kategoriji tal-utenti) u jkunu strettament marbuta mal-prestazzjoni tal-kuntratt........107

*209. Huwa possibbli li l-kompetizzjoni tiġi llimitata biss għall-fornituri ta' servizzi li ma jkollhomx skop ta' profitt?* ..... 108

*210. L-awtoritajiet pubbliċi jkun għad fadlilhom il-possibbiltà li jinnegozjaw mal-fornituri tas-servizzi waqt il-fażi tal-għażla? Dan huwa partikolarment importanti għas-SSIĠ minħabba li l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunux dejjem f'pożizzjoni li jiddefinixxu eżatt il-ħtiġijiet tagħhom fil-bidu tal-proċess. Xi drabi l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jeħtieġu diskussjoni mal-fornituri potenzjali tas-servizzi.* ..... 108

*211. Sa liema punt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għall-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet? Din il-kooperazzjoni jista' jkollha diversi forom, pereżempju muniċipalità tixtri servizz mingħand komunità oħra, jew żewġ muniċipalitajiet li flimkien iniedu kuntratt ta' appalt jew joħolqu entità bl-għan li jipprovdu SSIĠ, eċċ.* ..... 109

*212. Sa liema punt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għas-sħubiji pubbliċi-privati (PPPs)?* 110

*213. Sa fejn huwa possibbli li, fl-għoti ta' kuntratt ta' appalt jew ta' konċessjoni għal servizz soċjali ta' interess ġenerali, wieħed jipprevedi l-obbligu dwar ir-rispett ta' ċerti regoli ta' governanza korporattiva (pereżempju l-kontroll tal-intrapriża kkontribwit ugwalment mir-rappreżentanti ta' min iħaddem u tat-trejdjunjins jew l-inklużjoni ta' rappreżentanti tal-utenti fil-Bord tad-Diretturi)?* ..... 111

*214. Kif jista' wieħed jirrikonċilja r-regoli dwar l-akkwist pubbliku mal-ħtieġa tal-awtoritajiet pubbliċi li jinkoraġġixxu s-soluzzjonijiet innovattivi li jwieġbu għall-ħtiġijiet kumplessi tal-utenti ta' SSIĠ?* ..... 112

*215. X'inhuma l-obbligi tar-reklamar rigward il-konċessjonijiet ta' SSIĠ? Hija possibbli pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE?* ..... 113

*216. Jeżistu xi mezzi oħrajn ta' esternalizzazzjoni ta' SSIĠ minbarra l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet li huma kompatibbli mal-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni u joffru għażla wiesgħa ta' fornituri?* ..... 113

5 Applikazzjoni simultanja tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u tar-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt u konċessjonijiet ta' servizz għas-SIEĠ 114

*217. Il-liġi tal-UE timponi metodu speċifiku ta' ġestjoni tas-SIEĠ?* ..... 114

*218. Meta awtorità pubblika tiffinanzja fornitur ta' SIEĠ f'konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, din għandha tapplika wkoll ir-regoli tal-UE dwar l-għoti ta' kuntratti ta' appalt tas-servizzi jew il-konċessjonijiet tas-servizzi?* ..... 114

*219. Huwa possibbli li konċessjonarju ta' SIEĠ jirċievi Għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku sabiex ikopri l-ispejjeż reali tal-missjoni ta' servizz pubbliku li tiegħu huwa responsabbli?* 115

*220. L-eċċezzjoni fejn ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku ma japplikawx għal operazzjonijiet "in-house" tfisser li lanqas ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma japplikaw?* ..... 116

*221. X'inhuma l-kriterji oġġettivi biex jiġi stabbilit li ċertu livell ta' kumpens jinnewtralizza r-riskju ta' sfruttament?* ..... 116

6 Mistoqsijiet ġenerali dwar l-applikazzjoni għas-SIEĠ, u b'mod paritkolari għas-SSIĠ, tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi)........................ 117

*222. Meta japplikaw ir-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern għas-SSIĠ (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE)?*117

*223. Meta attività tiġi kkwalifikata bħala "ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*....................117

*224. Attività meta tikkwalifika bħala "mhux ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*....................118

*225. Is-servizzi soċjali esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi jibqgħu madankollu soġġetti għar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern?*....................119

*226. Għanijiet fil-politika soċjali jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri li jirregolaw is-settur tas-servizzi soċjali?*....................119

*227. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirriservaw il-prestazzjoni ta' ċerti servizzi soċjali għall-forrnituri li ma jagħmlux profitt?*....................120

7 Mistoqsijiet dwar l-applikabilità tad-Direttiva dwar is-Servizzi għas-SIEĠ u, b'mod partikolari, għas-SSIĠ.................................... 120

*228. Liema servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*..120

*229. Liema servizzi soċjali ġew esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi u meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal dawn is-servizzi soċjali?*....................121

*230. L-Istati Membri jistgħu jżommu, bħala parti mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, skemi ta' awtorizzazzjoni fil-qasam tas-servizzi soċjali?*....................122

*231. Meta skema ta' awtorizzazzjoni tkun tapplika fl-istess waqt għal servizzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għal servizzi li huma inklużi, din l-iskema taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva? Jekk iva, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi skemi ta' awtorizzazzjoni separati u speċifiċi għas-servizzi esklużi u inklużi?*....................122

*232. L-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi japplika għas-servizzi soċjali relatati mal-iskejjel tat-trabi u ċ-ċentri ta' matul il-ġurnata ipprovduti minn fornituri b'mandat mill-Istat jew mill-awtoritajiet lokali jew minn kwalunkwe entità b'mandat li toffri dawn is-servizzi?*....................122

*233. Xi jkopri l-kunċett ta' "Stat" fit-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi li jipprovdi li s-servizzi soċjali għandhom ikunu pprovduti mill-"Istat" jew minn "fornituri li għandhom mandat mill-Istat"?* 123

*234. Xi jkopri l-kunċett ta' "fornituri li għandhom mandat mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*....................123

*235. Il-kunċett ta' "fornituri li għandhom mandat mill-Istat" fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi (l-Artikolu 2(2)(j)) huwa l-istess bħall-kunċett ta' "att ta' inkarigu" fis-sens tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, kif ukoll fis-sens tal-Pakkett tas-SIEĠ?*......123

*236. Deċiżjoni uffiċjali ta' awtorità pubblika reġjonali li tiddefinixxi servizz soċjali ta' interess ġenerali ta' taħriġ vokazzjonali u li tinkariga l-ġestjoni tiegħu lil intrapriża waħda jew aktar ta' taħriġ permezz ta' konċessjoni ta' servizzi u tagħti kumpens għas-servizz pubbliku hija att ta' inkarigu fis-sens tad-Direttiva dwar is-servizzi?* ......123

*237. Xi jkopri l-kunċett ta' "karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?* ......124

Dan id-dokument huwa dokument ta' ħidma mħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Jipprovdi spjegazzjonijiet tekniċi, b'mod partikolari fuq il-bażi ta' sommarji qosra u xi kultant issimplifikati tal-leġiżlazzjoni u l-każistika fuq l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern u, fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat, tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fuq is-SIEĠ u b'mod partikolari s-SSIĠ. Dan id-dokument ma jorbotx lill-Kummissjoni Ewropea bħala istituzzjoni.

# 1 L-INTRODUZZJONI

Tqajmu għadd ta' mistoqsijiet mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, miċ-ċittadini, mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mill-partijiet interessati oħrajn fuq l-**applikazzjoni tar-regoli tal-UE, l-iktar dawk fuq l-għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u s-suq intern, għas-servizzi ta' interess ġenerali** u, b'mod partikolari, għas-**servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ)**. Dawn il-mistoqsijiet jikkonċernaw l-impatt ta' dawn ir-regoli fuq il-modi li bihom jistgħu jiġu organizzati u ffinanzjati dawn is-servizzi minn awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, fuq il-modalitajiet tal-għażla tal-fornituri ta' servizzi, f'każ li l-forniment ikun esternalizzat, u, b'mod iktar ġenerali, fuq il-qafas regolatorju li jikkonċerna, fost l-oħrajn, it-tipi ta' fornituri jew l-aċċess għas-servizzi u l-kwalità tagħhom[1].

Rigward il-mistoqsijiet dwar ir-**regoli fuq l-għajnuna mill-Istat**, l-ewwel nett dawn jikkonċernaw il-kundizzjonijiet preċiżi li fihom kumpens għal obbligi tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat, u t-tieni nett, il-kundizzjonijiet li fihom Għajnuna mill-Istat tista' titqies li hija kompatibbli mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Titfittex ukoll kjarifika dwar l-obbligu ta' notifika tat-tali għajnuna lill-Kummissjoni.

Fis-sentenza tagħha f'*Altmark Trans GmbH u Regierungspräsidium Magdeburg* v *Nahverkehrsgesellschaft Altmark GmbH* (*Altmark*)[2], il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti) stabbilixxiet li kumpens tas-servizz pubbliku ma kkostitwixxiex Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE diment li jintlaħqu l-erba' kriterji kumulattivi[3].

Meta jintlaħqu l-erba' kriterji, kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat, u l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE ma japplikawx. Jekk l-Istati Membri ma jikkonformawx mal-kriterji, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat.

Madankollu, ir-Regolament tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku

---

1 Għall-analiżi ta' dawn il-mistoqsijiet, fir-rigward ta' servizzi soċjali, ara l-Ewwel u t-Tieni Rapporti Biennali dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali, SEC(2008) 2179 tat-2 ta' Lulju 2008, u SEC(2010) 1284 tat-22 ta' Ottubru 2010.

2 Il-Kawża C-280/00 *Altmark* [2003] Ġabra I-7747.

3 Għal iktar dettalji, ara t-tweġiba pprovduta għall-mistoqsija 61.

ġenerali[4] (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: "ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ") jistipula l-kundizzjonijiet li fihom, l-għajnuna mogħtija lill-impriżi għall-forniment tas-SIEĠ ser titqies li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Għaldaqstant, kumpens tas-servizz pubbliku li jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ jitqies li ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat.

Meta kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat, l-Artikolu 106 tat-TFUE u, għat-trasport fuq l-art, l-Artikolu 93 tat-TFUE jippermettu lill-Kummissjoni tiddikjara kumpens għas-SIEĠ bħala kompatibbli mas-suq intern. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[5] (li minn hawn 'il quddiem ser tissejjaħ: "id-Deċiżjoni") u, għat-trasport fuq l-art, ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: "ir-Regolament 1370/2007") jispeċifika l-kundizzjonijiet li fihom ċerti arranġamenti ta' kumpens huma kompatibbli mal-Artikolu 106(2) u l-Artikolu 93 rispettivament u mhumiex soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika minn qabel tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE. Kull kumpens ieħor tas-servizz pubbliku jrid jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni, li ser tivvaluta l-kompatibilità tiegħu fuq il-bażi tal-Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011)[7] (li minn hawn 'il quddiem ser jissejjaħ: "il-Qafas") u, għat-trasport fuq l-art, ir-Regolament 1370/2007.

Is-sentenza *Altmark*, id-Deċiżjoni u l-Qafas għamlu kontribuzzjoni notevoli biex jiġu ċċarati u ssimplifikati r-regoli applikabbli. Minkejja dan, il-gvernijiet u l-partijiet interessati qajmu għadd ta' mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni prattika tal-qafas legali għall-każijiet speċifiċi. Waqt li kienet qed tirrevedi d-Deċiżjoni u l-Qafas fl-2011, il-Kummissjoni b'hekk adottat Komunikazzjoni spjegattiva[8] (li minn hawn 'il quddiem ser tissejjaħ: "il-Komunikazzjoni") li tiċċara l-kunċetti ewlenin tal-Għajnuna mill-Istat relevanti għas-SIEĠ. Biex tkompli tissimplifika, il-Kummissjoni żiedet il-pakkett dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-SIEĠ mar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ.

Din il-gwida tfittex li tipprovdi kjarifika speċifika fuq ċerti kwistjonijiet li tqajmu mill-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, utenti u fornituri tas-servizzi u partijiet interessati oħrajn. It-taqsima fuq l-għajnuna mill-Istat ġiet riveduta, meta mqabbla mal-verżjoni tal-2010 tal-Gwida[9] wara l-adozzjoni tal-pakkett il-ġdid tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għas-SIEĠ. Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet li fiha jirreferu b'mod speċifiku għas-servizzi

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8.

5 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU L 7, 11.1.2012, p. 3.

6 Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70, ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1.

7 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011), ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

8 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-fornitura ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4.

9 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2010) 1545 finali tas-7 ta' Diċembru 2010.

soċjali ta' interess ekonomiku ġenerali u għat-trasport, iżda japplikaw ukoll għas-SIEĠ b'mod ġenerali.

Rigward il-mistoqsijiet dwar l-**applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, dawn jiffokaw b'mod partikolari fuq is-SSIĠ** u huma relatati mal-kundizzjonijiet li fihom ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għas-SSIĠ, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli u kif ir-regoli jippermettu sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tas-SSIĠ.

L-ewwel nett, irid jiġi enfasizzat li r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ma jeħtiġux li l-awtoritajiet pubbliċi jesternalizzaw SSIĠ. Huma liberi li jiddeċiedu jekk jipprovdux is-servizz huma stess, direttament jew bl-impjegati mħaddma minnhom. Jistgħu jiddeċiedu wkoll li jipprovdu s-servizzi f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza.

Ir-regoli fuq l-akkwist pubbliku/konċessjonijiet japplikaw biss jekk awtorità pubblika tiddeċiedi li tinkariga l-forniment ta' servizz ma' parti terza bi ħlas.

F'dan l-isfond, jekk awtorità jew entità kontraenti tiddeċiedi li tagħti servizz pubbliku jew kuntratt ta' servizz, il-kuntratt ser jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE jew id-Direttiva 2004/17/KE iżda biss jekk jintlaħqu l-ammonti limitu relevanti għall-applikazzjoni tad-Direttiva[10]. Madankollu, kuntratti ta' servizzi soċjali u tas-saħħa mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva 2004/18/KE jew id-Direttiva 2004/17/KE[11]; huma soġġetti biss għal numru ferm limitat tagħhom[12], u għall-prinċipji fundamentali tal-liġi tal-UE, bħar-rekwiżit li l-atturi ekonomiċi kollha jiġu ttrattati bl-istess mod u b'manjiera nondiskriminatorja u l-prinċipju ta' trasparenza.

Kuntratti ta' servizzi pubbliċi u ta' servizzi[13] li l-valur tagħhom huwa inqas mil-livell limitu tal-applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u konċessjonijiet tas-servizz (ikun xi jkun l-ammont tagħhom) jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku u huma soġġetti biss għall-prinċipji fundamentali tat-TFUE (nondiskriminazzjoni, trattament indaqs, trasparenza, eċċ.) diment li l-kuntratti jkollhom ċertu interess transfruntier. Fin-nuqqas ta' ċertu interess transfruntier, il-kuntratti jaqgħu wkoll barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-TFUE[14].

Din il-gwida tfittex li tipprovdi aktar kjarifika dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku għas-SSIĠ, billi tindirizza l-kwistjonijiet kollha mqajma l-iktar spiss f'mistoqsijiet, bħall-forniment ta' servizzi minn organizzazzjoni impjegata jew parti ta' kooperazzjoni bejn awtoritajiet pubbliċi, sħubijiet

---

10 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/18/KE.

11 Is-servizzi soċjali u s-servizzi tas-saħħa huma fost is-servizzi elenkati fl-Anness II B għad-Direttiva 2004/18/KE. Il-kuntratti għat-tali servizzi huma soġġetti biss għal numru limitat ta' disopżizzjonijiet tad-Direttiva (fuq id-distinzjoni bejn is-servizzi elenkati fl-Annessi II A u II B, ara l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva 2004/18/KE). L-Anness II B jinkludi wkoll referenza espliċita għas-servizzi soċjali u s-servizzi tas-saħħa. Il-kodiċijiet imsemmija hemm jistgħu jiġu kkonsultati fil-websajt tad-DĠ Suq Intern fuq www.simap.europa.eu.

12 L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jridu jiġu stabbiliti fil-bidu tal-proċess tal-akkwist, u jridu jiġu ppubblikati r-riżultati tal-proċess tal-offerti, kif meħtieġ mill-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE li jinqara flimkien mal-Artikoli 23 u 35(4) tad-Direttiva 2004/18/KE.

13 Ikun kif ikun is-servizz.

14 Ara l-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-liġi tal-Komunità applikabbli għall-għoti ta' kuntratti li mhumiex soġġetti jew li mhumiex kompletament soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (2006), ĠU 1.8.2006, C 179, paġna 2.

tas-settur pubbliku-privat, konċessjonijiet ta' servizz u l-kamp ta' applikazzjoni tal-prinċipji fundamentali tat-TFUE.

Għandha l-għan li tipprovdi wkoll spjegazzjoni iktar iddettaljata tal-bosta għażliet disponibbli għall-awtoritajiet pubbliċi meta jkunu jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-akkwist pubbliku tagħhom tal-karatteristiċi speċifiċi tas-SSIĠ, b'mod partikolari tar-rekwiżiti kwalitattivi kollha li jqisu xierqa sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet kumplessi tal-utenti. Nisperaw li dawn il-kjarifiki ser iwieġbu l-mistoqsijiet li saru dwar dan is-suġġett mill-partijiet interessati differenti u li ser jappoġġjaw u jipprovdu stimolu ikbar sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jkunu attivi fl-iżgurar li ċ-ċittadini jgawdu minn servizzi soċjali ta' kwalità għolja.

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal regoli ġodda dwar l-akkwist pubbliku fl-20.12.2011[15]. Tippjana li taġġorna t-taqsima dwar l-akkwist pubbliku ta' din il-gwida ladarba jiġu adottati r-regoli l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku sabiex iġġibha konformi mad-dispożizzjonijiet il-ġodda.

Rigward it-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar l-**applikazzjoni tar-regoli dwar is-suq intern**[16], dawn jiffokaw l-iktar fuq is-SSIĠ: dawn is-servizzi huma koperti mir-regoli dwar is-suq intern stabbiliti fit-TFUE meta jikkostitwixxu "attività ekonomika" skont it-tifsira tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-interpretazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Ċerti SSIĠ jistgħu jiġu koperti wkoll mid-Direttiva dwar is-Servizzi.

It-tweġibiet mogħtija fuq din il-kwistjoni huma maħsubin biex jiġu ċċarati l-għażliet disponibbli għall-Istati Membri meta jiddetermina kif għandhom jiġu pprovduti dawn is-servizzi sabiex jiġu ggarantiti l-aċċessibilità u l-kwalità tagħhom, u għaldaqstant, jieħdu f'kunsiderazzjoni l-għamla speċifika tas-SIEĠ, u b'mod partikolari tas-SSIĠ, kull meta jiġu applikati dawk ir-regoli. Dan id-dokument jiċċara wkoll li d-Direttiva dwar is-Servizzi fiha dispożizzjonijiet li jirrikonoxxu u jieħdu f'kunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tas-servizzi soċjali li ma ġewx esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

L-applikazzjoni tar-regoli tal-UE għas-SIEĠ u, b'mod partikolari għas-SSIĠ, u b'mod iktar ġenerali d-dibattitu fuq is-SIEĠ kien l-oġġett ta' bosta inizjattivi tal-Kummissjoni[17] u, dan l-aħħar, tal-Komunikazzjoni "Qafas ta' Kwalità għas-Servizzi ta' Interess Ġenerali fl-Ewropa"[18] (li minn hawn 'il quddiem ser tissejjaħ "il-Qafas ta' Kwalità tal-Kummissjoni") adottata fl-istess jum tal-pakkett il-ġdid dwar l-għajnuna mill-Istat u l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Akkwist Pubbliku u l-Konċessjonijiet.

---

15 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist pubbliku, COM/2011/0896 finali; Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali, COM/2011/0895 finali; Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni, COM/2011/0897 finali.

16 "Regoli tas-suq intern" tirreferi għar-regoli fit-TFUE dwar it-twaqqif u l-libertà fil-forniment ta' servizzi (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u fid-Direttiva dwar is-Servizzi.

17 Ara, fost l-oħrajn, White Paper dwar servizz ta' interess ġenerali (COM(2004) 374 tat-12 ta' Mejju 2004), il-Komunikazzjoni dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali "L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Lisbona - Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea" (COM(2006) 177 tas-26 ta' April 2006) u l-Komunikazzjoni dwar "Servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid" (COM(2007) 725 finali tal-20 ta' Novembru 2007).

18 COM(2011) 900 finali tal-20.12.2011.

## 2 IL-KUNĊETT TAS-SIEĠ

### *1. X'inhu servizz ta' interess ġenerali (SIĠ)?*

Il-Protokoll Nru 26 għat-TFUE jikkonċerna s-SIĠ, iżda ma jiddefinixxix il-kunċett. Il-Kummissjoni ċċarat il-kunċett fil-Qafas ta' Kwalità tagħha (p. 3), fejn tispjega li huma servizzi li l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali jikklassifikaw bħala ta' interess ġenerali u, għaldaqstant, huma soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku (OSP). It-terminu jkopri kemm attivitajiet ekonomiċi (ara d-definizzjoni tas-SIEĠ iktar 'l isfel) kif ukoll servizzi mhux ekonomiċi. Dawn tal-aħħar mhumiex soġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika tal-UE u mhumiex koperti minn regoli dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni tat-Trattat. Madankollu, uħud mill-aspetti ta' kif inhuma organizzati dawn is-servizzi jistgħu jkunu soġġetti għal regoli ġenerali oħrajn tat-Trattat, bħall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

### *2. X'inhu servizz ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ)? L-awtoritajiet pubbliċi jridu jdaħħlu dan il-kunċett fil-liġi domestika tagħhom?*

Il-kunċett ta' SIEĠ jidher fl-Artikoli 14 u 106(2) tat-TFUE u fil-Protokoll Nru 26 għat-TFUE, iżda mhuwiex definit fit-TFUE jew f'leġiżlazzjoni sekondarja. Fil-Qafas ta' Kwalità tagħha, il-Kummissjoni ċċarat li s-SIEĠ huma attivitajiet ekonomiċi li jipprovdu riżultati fl-oġġett tal-pubbliku globali li ma jkunux forniti (jew li jkunu forniti skont kundizzjonijiet differenti f'termini ta' kwalità, sigurtà, affordabilità, trattament ugwali jew aċċess universali) mis-suq mingħajr l-intervent pubbliku. L-OSP hu impost fuq il-fornitur permezz ta' att ta' fiduċja u fuq il-bażi ta' kriterju ta' interess ġenerali li jiżgura li s-servizz hu pprovdut skont kundizzjonijiet li jippermettulu jwettaq il-missjoni tiegħu.

Il-Qorti stabbilixxiet li s-SIEĠ huma servizzi li juru karatteristiċi speċjali meta mqabbla ma' dawk ta' attivitajiet ekonomiċi oħrajn[19].

Il-kunċett jista' japplika għal sitwazzjonijiet u termini differenti, skont l-Istati Membri, u l-liġi tal-UE ma toħloq l-ebda obbligu biex jiġi ddikjarat b'mod formali li kompitu jew servizz huwa ta' interess ekonomiku ġenerali, ħlief meta t-tali obbligu jkun stabbilit fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (pereżempju servizz universali fis-setturi postali u tat-telekomunikazzjoni). Jekk il-kontenut ta' SIEĠ – jiġifieri l-obbligi ta' servizz pubbliku – huwa ddefinit biċ-ċar, ma hemmx bżonn li s-servizz inkwistjoni jiġi ddikjarat "SIEĠ". L-istess japplika għall-kunċett ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ) li huma ta' għamla ekonomika.

### *3. X'inhu servizz soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ)?*

Il-kunċett ta' SSIĠ mhuwiex definit fit-TFUE jew leġiżlazzjoni sekondarja. Il-Komunikazzjoni "L-implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Lisbona - Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea" [20] identifikat żewġ gruppi ewlenin ta' SSIĠ minbarra servizzi tas-saħħa:

---

[19] Il-Kawża C-179/90 *Merci convenzionali porto di Genova* [1991] Ġabra I-5889, paragrafu 27; il-Kawża C-242/95 *GT-Link A/S* [1997] Ġabra I-4449, paragrafu 53; u l-Kawża C-266/96, *Corsica Ferries France SA* [1998] Ġabra I-3949, paragrafu 45.

[20] COM(2006) 177 finali, 26 ta' April 2006.

- skemi statutorji u komplimentarji tas-sigurtà soċjali, organizzati f'bosta modi (organizzazzjonijiet reċiproċi jew okkupazzjonali), li jkopru r-riskji ewlenin tal-ħajja, bħal dawk marbutin mas-saħħa, it-tixjiħ, aċċidenti okkupazzjonali, il-qgħad, l-irtirar u d-diżabilità;

- servizzi essenzjali oħrajn ipprovduti direttament lill-persuna. Dawn is-servizzi li għandhom rwol ta' prevenzjoni u koeżjoni soċjali jikkonsistu f'assistenza personalizzata biex titħaffef l-inklużjoni soċjali u jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali. L-ewwel nett, joffru assistenza lil persuni li jaffaċċjaw sfidi jew kriżijiet personali (bħal dejn, qgħad, dipendenza fuq drogi jew tkissir ta' familja). It-tieni nett, jinkludu attivitajiet li jiżguraw li n-nies ikkonċernati jerġgħu jintegraw bis-sħiħ (riabilitazzjoni, taħriġ fil-lingwi għall-immigranti) u, b'mod partikolari, jidħlu lura fis-suq tax-xogħol (taħriġ okkupazzjonali u integrazzjoni mill-ġdid). B'mod partikolari, dawn is-servizzi jsostnu u jappoġġjaw ir-rwol tal-familji fl-indukrar tal-iżgħar u l-ikbar membri tas-soċjetà. It-tielet nett, dawn is-servizzi jinkludu attivitajiet biex in-nies bi problemi tas-saħħa fit-tul jew b'diżabilità jiġu integrati. Ir-raba' nett, jinkludu wkoll akkomodazzjoni soċjali, li tipprovdi akkomodazzjoni għal ċittadini żvantaġġati jew gruppi li fis-soċjetà huma inqas vantaġġati. Ovvjament, ċerti servizzi jistgħu jinkludu dawn l-erba' dimensjonijiet kollha kemm huma.

Il-Qafas ta' Kwalità tal-Kummissjoni (p. 3 u 4) irrefera wkoll għal din id-deskrizzjoni.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar is-"Servizzi ta' interess ġenerali, inklużi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali: impenn Ewropew ġdid"[21] xeħtet dawl fuq l-għanijiet u l-prinċipji organizzazzjonali li jikkaratterizzaw is-SSIĠ.

Hekk kif jiċċaraw dawn iż-żewġ komunikazzjonijiet, is-SSIĠ jistgħu jkunu ta' għamla ekonomika jew mhux ekonomika, skont l-attività involuta. Il-fatt li attività tissejjaħ "soċjali" mhuwiex biżżejjed minnu nnifsu[22] sabiex jevita milli jitqies bħala "attività ekonomika" skont it-tifsira tal-każistika tal-Qorti. Is-SSIĠ ta' għamla ekonomika huma SIEĠ (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2).




### *4. L-Istati Membri għandhom xi diskrezzjoni għad-definizzjoni tas-SIEĠ?*

[21] COM(2007) 725 finali, 20 ta' Novembru 2007.

[22] Il-Kawżi Konġunti C-180/98 għal C-184/98 *Pavlov* [2000] Ġabra I-6451, paragrafu 118; il-Kawża C-218/00 *INAIL* [2002] Ġabra I-691, paragrafu 37; u l-Kawża C-355/00 *Freskot* [2003] I-5263.

Iva. Kif spjegat fil-Komunikazzjoni[23], l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, kemm jekk f'livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, skont l-allokazzjoni tas-setgħat bejniethom b'konformità mal-liġi nazzjonali, għandhom diskrezzjoni konsiderevoli għad-definizzjoni ta' xi jqisu bħala servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali[24] (dwar il-kunċett ta' SIEĠ, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2). L-uniċi limiti huma dawk imposti mil-liġi tal-UE (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 6) u żball manifest ta' valutazzjoni (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 7).

5. ***Il-Kummissjoni tista' tipprovdi lista ta' kriterji sabiex l-awtoritajiet pubbliċi jużawha fid-determinazzjoni ta' jekk servizz huwiex ta' interess ġenerali?***

Il-kamp ta' applikazzjoni u l-organizzazzjoni tas-SIEĠ ivarjaw b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor, skont l-istorja u l-kultura tal-intervent pubbliku f'kull Stat Membru. Għaldaqstant, is-SIEĠ huma ferm varjati u jistgħu jeżistu xi disparitajiet fir-rigward tal-utenti u l-preferenzi tal-utenti minħabba sitwazzjonijiet ġeografiċi, soċjali u kulturali differenti. Għalhekk, essenzjalment hija r-responsabilità tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali biex tittieħed deċiżjoni fuq l-għamla u l-kamp ta' applikazzjoni ta' servizz ta' interess ġenerali.

B'konformità mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, l-UE tieħu azzjoni biss meta jkun hemm bżonn u fi ħdan il-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-TFUE. L-azzjoni tagħha tirrispetta d-diversità tas-sitwazzjonijiet fl-Istati Membri u r-rwoli mgħoddija lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiġi żgurat il-benesseri taċ-ċittadini tagħhom u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, filwaqt li jiġu ggarantiti għażliet demokratiċi fir-rigward tal-livell tal-kwalità tas-servizzi, pereżempju.

Għaldaqstant, mhijiex responsabilità tal-Kummissjoni li tipprovdi lista ta' kriterji għad-determinazzjoni tal-interess ġenerali ta' servizz partikolari. Huwa f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri li jiddeterminaw jekk servizz huwiex fl-interess ġenerali.

6. ***Il-liġi tal-UE timponi limiti fuq id-diskrezzjoni tal-Istati Membri meta jiġu ddefiniti s-SIEĠ?***

Iva. Fis-setturi li ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni[25], u li fihom ittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet ta' interess ġenerali[26], id-diskrezzjoni tal-Istati Membri ma tistax tikkontradixxi r-regoli li jirregolaw armonizzazzjoni bħal din. Barra minn hekk, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri dejjem tibqa' soġġetta għal kontroll ta' żball manifest.

---

23 Ara l-paragrafu 46 tal-Komunikazzjoni.

24 Il-Kawża T-17/02 *Fred Olsen* [2005] Ġabra II-2031, paragrafu 216; il-Kawża T-289/03 *BUPA u Oħrajn* v *il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-81, paragrafi 166-169; il-Kawża T-309/04 *TV2* [2008] Ġabra II-2935, paragrafi 113 *et seq.*

25 Pereżempju, is-setturi tat-telekomunikazzjonijiet u tal-posta u tal-enerġija ġew armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Ara d-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51 (kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE, ĠU L 337, 18.12.2009, p. 11); id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14 (kif emendata mid-Direttivi 2002/39/KE, ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21 u 2008/06/KE, ĠU L 52, 27.2.2008, p. 3); id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku, ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.

26 Il-Kawża C-206/98 *Il-Kummissjoni* v *Il-Belġju* [2000] Ġabra I-3509, paragrafu 45.

**Is-setturi armonizzati fil-livell tal-Unjoni:**

- Meta r-regoli tal-UE dwar l-armonizzazzjoni jirreferu biss għal ċerti servizzi speċifiċi, l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni konsiderevoli fid-definizzjoni tas-servizzi addizzjonali bħala SIEĠ. Pereżempju, fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu l-obbligi ta' servizz universali stipulati mid-Direttiva, iżda għandhom diskrezzjoni biex imorru lil hinn mid-Direttiva fid-definizzjoni ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bħala SIEĠ.

7. ***Hemm xi eżempji ta' żball manifest ta' valutazzjoni mill-Istati Membri fid-definizzjoni tas-SIEĠ?***

Kif inhu spjegat fil-paragrafu 46 tal-Komunikazzjoni, il-libertà tal-Istati Membri biex jiddefinixxu s-SIEĠ hija soġġetta għal reviżjoni mill-Kummissjoni u l-qrati tal-Unjoni biex jivverifikaw għal żbalji manifesti ta' valutazzjoni[27].

Il-ġurisprudenza tal-Qorti u l-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni juru ċerti eżempji limitati ta' żball manifest.

**Eżempji:**

- Operazzjonijiet fil-port, jiġifieri t-tagħbija, il-ħatt, it-trasbord, il-ħżin u ċ-ċaqliq inġenerali ta' prodotti jew kwalunkwe tagħmir fil-portijiet nazzjonali, mhux bilfors huma servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, li juru karatteristiċi speċjali meta mqabbla mal-interess ekonomiku ġenerali ta' attivitajiet ekonomiċi oħrajn[28].

- Attivitajiet li jikkonsistu fir-reklamar, il-kummerċ elettroniku, l-użu ta' numri tat-telefown bir-rata primjum f'logħob bi premji, sponsers jew merchandising. L-inklużjoni tagħhom fl-ambitu ta' servizz pubbliku awdjoviżiv huwa żball manifest ta' valutazzjoni[29].

- Ir-rimi ta' iġsma ta' annimali, li huwa biss fl-interess tal-atturi ekonomiċi li jibbenefikaw minnu. Dawn l-operaturi għandhom iġarrbu l-ispejjeż tar-rimi tal-iskart li kkaġunaw ("il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas")[30].

- Il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tat-TFUE[31].

- Broadband limitat għal parks kummerċjali, u b'hekk li ma jkunx ta' benefiċċju għall-popolazzjoni inġenerali[32].

---

27 Il-Kawża T-17/02 *Fred Olsen* [2005] Ġabra II-2031, paragrafu 216; il-Kawża T-289/03 *BUPA u Oħrajn* v *il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-81, paragrafi 165 *et seq*. Barra minn hekk, id-diskrezzjoni tal-Istati Membri ma tistax tiġi eżerċitata fid-dawl tar-regoli applikabbli dwar l-armonizzazzjoni – ara t-tweġiba għall-mistoqsija 6.

28 Il-Kawża C-179/90, *Merci convenzionali porto di Genova* [1991] Ġabra I-5889, paragrafu 27; il-Kawża C-242/95 *GT-Link* [1997] Ġabra I-4449, paragrafu 53; u l-Kawżi Konġunti C-34/01 sa C38/01 *Enirisorse* [2003] I-14243, paragrafi 33-34.

29 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku, ĠU C 257, 27.10.2009, p. 1.

30 Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.25051 – Il-Ġermanja – Assoċjazzjoni għar-rimi ta' iġsma ta' annimali mejtin, ĠU L 236, 1.9.2012, http://eur-

*8. Huwa possibbli li ċerti servizzi finanzjarji jitqiesu bħala SIEĠ?*

Iva. Ċerti servizzi finanzjarji, bħas-servizz bankarju universali, jistgħu jitqiesu bħala SIEĠ. Il-Kummissjoni diġà aċċettat definizzjonijiet bħal dawn minn Stati Membri f'għadd ta' okkażjonijiet[33] u ħarġet Rakkomandazzjoni fuq l-aċċess għas-servizzi bankarji bażiċi[34] (ara wkoll il-Qafas ta' Kwalità tal-Kummissjoni, p. 10).

*9. Il-kostruzzjoni ta' infrastruttura minnha nnifisha tista' tikkwalifika bħala SIEĠ?*

Il-kostruzzjoni ta' infrastruttura li hija marbuta mal-obbligu ta' servizz pubbliku u li għaldaqstant hija meħtieġa għall-forniment tiegħu tista' tikkwalifika bħala spiża marbuta mal-forniment ta' SIEĠ (ara l-Artikolu 5(3)(d) tad-Deċiżjoni).

Pereżempju, kif spjegat fil-paragrafu 49 tal-Komunikazzjoni, it-twaqqif ta' infrastruttura ta' broadband f'territorju partikolari jista' jkun SIEĠ jekk hemm nuqqas ta' disponibilità ta' infrastruttura u l-investituri ma jistgħux jipprovdu kopertura adegwata ta' broadband. Normalment dan huwa l-każ f'żoni rurali, għall-kuntrarju ta' żoni metropolitani diġà moqdija mis-suq. Kumpens bħal dan tas-servizz pubbliku jista' jingħata jekk tinżamm konformità mal-Linji Gwida dwar il-Broadband[35].

Eżempju ieħor għandu x'jaqsam mas-servizzi postali. Fil-każ tal-Posta Ellenika (Griega) (ELTA)[36], l-awtoritajiet Griegi ddefinixxew is-SIEĠ bħala sett ta' servizzi differenti, inkluż is-servizz universali postali. Il-Kummissjoni vverifikat li l-awtoritajiet ma tawx kumpens żejjed lill-Posta Griega għall-ispiża netta tal-forniment tas-SIEĠ, inklużi l-ispejjeż ta' deprezzament ta' infrastruttura modernizzata ġdida. Għalhekk, il-Posta Griega

lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2012:236:0001:0034:MT:PDF. Ara wkoll il-Kawża C-126/01 *Ministère de l'Economie, des Finances et de l'Industrie v GEMO* [2003] I-13769.

31 Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nru C 28/1998 – L-Italja – Centrale del Latte di Roma, ĠU L 265, 19.10.2000, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2000:265:0015:0028:EN:PDF.

32 Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nru N 890/2006 – Franza – SICOVAL, http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/218142/218142_723454_30_2.pdf; għajnuna mill-Istat Nru N 284/2005 – L-Irlanda – Metropolitan Area Networks, http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/199656/199656_581678_68_2.pdf.

33 Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nru N 514/2001 – Ir-Renju Unit - Modernizzazzjoni tas-sistema tar-Renju Unit għall-ħlas ta' benefiċċji u l-forniment ta' aċċess għal servizzi bankarji universali permezz tal-uffiċċji tal-posta, ĠU C 186, 6.8.2003, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_n514_01 għajnuna mill-istat Nru N 244/2003 - Ir-Renju Unit - L-Għoti tal-Aċċess mill-Unjoni tal-Kreditu għal Servizzi Finanzjarji Bażiċi, ĠU C 223, 10.9.2005, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N244_2003; għajnuna mill-istat Nru C 49/2006 — L-Italja — Poste Italiane — l-allokazzjoni tal-investiment tal-bonds ta' tfaddil postali, ĠU L 189, 21.7.2009, http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2009:189:0003:0037:MT:PDF; għajnuna mill-Istat Nru N 642/2005 — L-Iżvezja — Posten AB, ĠU C 291, 5.12.2007, http://ec.europa.eu/competition/state_aid/register/ii/doc/N-642-2005-WLWL-en-22.11.2006.pdf; għajnuna mill-istat Nru N 650/2001 – L-Irlanda – An Post, ĠU C 43, 27.2.2007, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N650_2001

34 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għal kont bażiku ta' ħlas (C(2011)4977).

35 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida Komunitarji għall-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mat-tusigħ rapidu tan-netwerks tal-faxx wiesa', ĠU C 235, 30.9.2009, p. 7.

36 Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-istat SA.32562 - Il-Greċja – Għajnuna għall-Posta Ellenika, ĠU C 99, 3.4.2012, http://ec.europa.eu/eu_law/state_aids/comp-2011/sa32562-2011n.pdf.

setgħet timmodernizza l-infrastruttura tagħha u ttejjeb il-kwalità tas-servizz pubbliku, sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttivi 2002/39/KE[37].

**10. *Il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi f'impriża għall-fini ta' espansjoni tal-attività tagħha fir-riċerka u l-iżvilupp (fil-bijofarmaċija, pereżempju) jistgħu jitqiesu bħala SIEĠ?***

Ma jidhirx li huwa possibbli li l-ħolqien jew iż-żamma ta' impjiegi f'impriża partikolari jitqiesu bħala SIEĠ. Is-SIEĠ huma servizzi indirizzati għal ċittadini jew fl-interess tas-soċjetà inġenerali, aspett li mhuwiex preżenti f'dan il-każ u li, għaldaqstant, ma jistax jintuża biex tiġi ġġustifikata miżura skont l-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

Min-naħa l-oħra, l-Istat jista' jkun jixtieq jieħu sehem fil-finanzjament ta' attività bħal din, iżda dak ikun jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat lill-impriża inkwistjoni. Parteċipazzjoni bħal din tista' tkun perfettament kompatibbli mal-liġi tal-UE, pereżempju skont il-qafas tal-Komunità għall-Għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni[38] jew ir-Regolament għal eżenzjoni ġenerali sħiħa[39] għall-għajnuna għal impjieg, taħriġ jew SMEs, skont l-għan maħsub tal-intervent pubbliku (appoġġ għar-riċerka, l-iżvilupp ta' impjieg jew taħriġ, SMEs, eċċ.).

Ir-regoli dwar in-notifika minn qabel, l-ispejjeż eliġibbli, il-kundizzjonijiet ta' eliġibilità, eċċ. tal-għajnuna ppjanata jridu jiġu vvalutati fuq il-bażi tat-testi applikabbli, li ser jgħinu sabiex jiġi żgurat li, fejn hemm bżonn, l-għajnuna tkun kompatibbli mal-Artikolu 107(3) tat-TFUE.

**11. *Awtorità pubblika tista' tikklassifika servizz bħala SIEĠ jekk diġà jkun hemm servizz simili disponibbli pprovdut minn operaturi oħrajn fis-suq li mhumiex inkarigati b'SIEĠ?***

L-Istati Membri għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-definizzjoni ta' SIEĠ (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 4).

Madankollu, meta jkun hemm impriżi oħrajn li joperaw f'kundizzjonijiet normali tas-suq, mhux inkarigati b'SIEĠ, li diġà jipprovdu jew li jistgħu jipprovdu servizz sodisfaċenti u b'kundizzjonijiet, bħall-prezz, karatteristiċi tal-kwalità oġġettivi, kontinwità u aċċess għas-servizz, konsistenti mal-interess pubbliku kif iddefiniti mill-Istat, il-Kummissjoni tqis li ma jkunx xieraq li jintrabat obbligu ta' servizz pubbliku ma' servizz bħal dan[40]. Għaldaqstant, huwa saħansitra iktar importanti li l-Istati Membri jispeċifikaw iktar biċ-ċar il-karatteristiċi tas-servizz inkwistjoni, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet għall-forniment tiegħu u l-grupp fil-mira tiegħu. Jekk servizz diġà jkun ipprovdut mis-suq, għad li bil-kundizzjonijiet meqjusa mhux sodisfaċenti mill-Istat Membru kkonċernat, pereżempju għaliex is-suq ma jistax jipprovdih bil-livell ta' kwalità jew bi prezz li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jqisuh bħala fl-interess pubbliku (pereżempju għaliex in-nollijiet tat-trasport huma għoljin wisq għall-familji bi dħul baxx), servizz bħal dan jista' jikkwalifika bħala SIEĠ. Dan is-servizz irid jiġi offrut fuq bażi nondiskriminatorja.

---

[37] Id-Direttiva 2002/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Direttiva 97/67/KE fir-rigward tal-ftuħ ulterjuri għal kompetizzjoni tas-servizzi postali Komunitarji, ĠU L 176, 5.7.2002, p. 21.

[38] Il-qafas tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, ĠU C 323, 30.12.2006, p. 1.

[39] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE), ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

[40] Kawża C-205/99 *Analir* [2001] Ġabra I-1271, p. 71. Ara wkoll il-paragrafu 48 tal-Komunikazzjoni.

Meta s-servizz ma jkunx diġà pprovdut mis-suq, il-kwistjoni dwar jekk jistax jiġi pprovdut mis-suq hija d-deċiżjoni tal-Istat Membru, filwaqt li l-Kummissjoni tista' tivverifika biss għal żball manifest.

***12. Servizz jista' jiġi ddefinit bħala SIEĠ jekk is-suq ikun kapaċi jipprovdih fil-futur qarib?***

Meta l-klassifikazzjoni ta' servizz bħala SIEĠ tkun iġġustifikata b'mod ieħor, is-sempliċi fatt li s-suq jista' jkun kapaċi jipprovdih fil-ġejjieni ma jipprevjenix fil-prinċipju lill-Istat Membru milli jiddefinixxi s-servizz f'dak iż-żmien bħala SIEĠ. Madankollu, f'każijiet li fihom is-suq ser ikun kapaċi jipprovdi s-servizzi f'temp ta' żmien qasir bil-kundizzjonijiet (inkluż il-prezz, il-kwalità, il-kontinwità u l-aċċess għalih) mixtieqa mill-Istat Membru, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom inaqqsu l-perjodu ta' inkarigu kif xieraq u jissorveljaw l-evoluzzjoni tas-suq sabiex ikunu jistgħu jiddeċiedu jekk hemmx bżonn ta' inkarigu ġdid meta jiskadi dak ta' qabel. Jekk is-suq ikun għadu ma jistax jipprovdi s-servizz fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu, u l-Istat Membru jqis li s-servizz għadu jikkwalifika bħala SIEĠ, inkarigu ġdid kompatibbli mal-Artikolu 106 tat-TFUE huwa possibbli.

Fir-rigward tal-mistoqsija ta' jekk huwiex ċar li ser ikunu kapaċi jipprovdu servizz partikolari fil-futur qarib, il-kompitu tal-Kummissjoni huwa limitat għall-verifika għal żbalji manifesti fil-valutazzjoni tal-Istat Membru.

***13. Jekk fornitur ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal, li jopera b'termini tas-suq u mhux inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ, ikun f'diffikultajiet u jirriskja li jfalli, l-Istat Membru jista' f'dak il-ħin jinkarigah b'SIEĠ sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz (bis-suppożizzjoni li hemm nuqqas ta' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal f'dik iż-żona li jkunu jistgħu jipprovdu s-servizz)?***

Fir-rigward tal-indukrar tat-tfal, l-ewwel nett irid jiġi osservat li f'ċerti kundizzjonijiet, il-forniment ta' dan is-servizz jista' jitqies li ma jinvolvix attività ekonomika[41]. Meta s-servizzi ta' indukrar tat-tfal jikkostitwixxu attività ekonomika, spiss dawn jiġu ddefiniti bħala SIEĠ. Stat Membru jista' jinkariga lil fornitur ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal bil-forniment ta' SIEĠ jekk l-obbligu ta' servizz pubbliku jkun iddefinit biċ-ċar, u l-inkarigu jkun konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat. Huwa possibbli li f'ċerta żona, filwaqt li fornituri ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal spiss jiġu inkarigati b'SIEĠ sabiex ifornu servizzi ta' indukrar tat-tfal b'rati tas-suq inqas, oħrajn joffru servizzi ta' indukrar tat-tfal bir-rati tas-suq. Jekk fornitur ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal li kien qed jopera fir-riskji ta' termini tas-suq ifalli u ma hemmx biżżejjed fornituri alternattivi li jistgħu jidħlu minnufih, l-Istat Membru jista' jinkariga lil dak il-fornitur b'SIEĠ skont id-Deċiżjoni[42], sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz (jiġifieri numru suffiċjenti ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal). Madankollu, f'sitwazzjoni speċifika bħal din relatata ma' problemi ta' kapaċità, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jikkunsidraw jillimitaw id-durata tal-inkarigu ta' SIEĠ għaż-żmien meħtieġ biex operaturi potenzjali oħrajn tas-suq ikunu jistgħu jieħdu f'idejhom is-servizz b'termini tas-suq.

Peress li qabel l-ebda obbligu ta' servizz pubbliku ma ġie inkarigat lill-fornitur ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal, fil-prinċipju l-kumpens tas-SIEĠ jista' jkopri biss spejjeż futuri tas-SIEĠ u jrid jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-parametri spjegati fl-att ta' inkarigu skont id-Deċiżjoni.

41 Sentenza tal-Qorti tal-EFTA tal-21 ta' Frar 2008 fil-Kawża E-5/07.

42 Peress li d-djar għall-anzjani jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni (Artikolu 2(1)(c)) ikun xi jkun l-ammont ta' kumpens, il-Qafas tas-SIEĠ mhuwiex applikabbli.

Fir-rigward tat-telf mill-imgħoddi, jekk il-fornitur ta' servizzi ma jistax isib finanzjament privat, dawn jistgħu jiġu koperti minn għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturazzjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-R&R[43].

# 3 Il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat

## 3.1 Ħarsa ġenerali lejn il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat

### *14. F'liema strumenti jikkonsisti l-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ għall-Għajnuna mill-Istat?*

Il-pakkett tas-SIEĠ dwar l-Għajnuna mill-Istat jikkonsisti f'erba' strumenti applikabbli għall-awtoritajiet kollha (nazzjonali, reġjonali, lokali) li jagħtu kumpens għall-forniment ta' SIEĠ:

- Il-**Komunikazzjoni** tiċċara kunċetti bażiċi ta' Għajnuna mill-Istat li huma relevanti għas-SIEĠ, bħall-kunċetti ta' għajnuna, SIEĠ, attività ekonomika, ir-relazzjoni bejn ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-Għajnuna mill-Istat, eċċ.

- Ir-**Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ** jistabbilixxi li l-kumpens tas-SIEĠ li ma jaqbiżx il-EUR 500 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali ma jaqax taħt l-iskrutinju tal-Għajnuna mill-Istat.

- Id-**Deċiżjoni** riveduta teżenta lill-Istati Membri mill-obbligu li jinnotifikaw kumpens tas-servizz pubbliku lill-Kummissjoni, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar il-kompatibilità tad-Deċiżjoni.

- Il-**Qafas** rivedut jistabbilixxi r-regoli għall-valutazzjoni tal-kumpens tas-SIEĠ li jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat u mhux eżenti minn notifika mid-Deċiżjoni. Dawk il-każijiet iridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli jekk jissodisfaw il-kriterji tal-Qafas.

### *15. X'inhu l-iskop tal-Komunikazzjoni tas-SIEĠ?*

Il-Komunikazzjoni tagħti ħarsa ġenerali komprensiva u prattika lejn il-kunċetti tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat li huma relevanti għas-SIEĠ u tipprovdi spjegazzjonijiet ta' kwistjonijiet ewlenin f'dokument wieħed. Tiġbor fil-qosor l-iktar ġurisprudenza relevanti tal-Qrati tal-UE u l-prattika ta' teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Għandha l-għan li tħaffef l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għal awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kif ukoll fornituri ta' servizzi pubbliċi. Il-Kummissjoni fittxet li tipprovdi l-iktar ċarezza possibbli fuq il-kunċetti ewlenin, bħall-kunċett ta' attività ekonomika, l-effett fuq il-kummerċ jew is-SIEĠ, kif ukoll fuq ir-relazzjoni bejn ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u dwar l-akkwist pubbliku.

### *16. X'inhu r-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?*

Skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ, il-finanzjament pubbliku tas-SIEĠ li ma jaqbiżx il-EUR 500 000, mogħti fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali, ma jitqiesx bħala Għajnuna mill-Istat. Dan għaliex l-ammont tant huwa żgħir li jista' jitqies li ma

[43] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà, ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

għandux impatt fuq il-kummerċ jew il-kompetizzjoni transfruntiera. Peress li l-miżuri ma jitqisux bħala Għajnuna mill-Istat, ma hemmx obbligu li ***jiġu nnotifikati minn qabel lill-Kummissjoni.***

*17. Dwar xiex inhi din id-Deċiżjoni?*

Id-Deċiżjoni tispeċifika l-kundizzjonijiet li bihom il-kumpens għall-kumpaniji għall-forniment ta' servizzi pubbliċi huwa kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat u ma għandux għaliex jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minn qabel.

*18. Dwar xiex inhu dan il-Qafas?*

Il-Qafas jispeċifika l-kundizzjonijiet li bihom il-kumpens tas-servizz pubbliku mhux kopert mid-Deċiżjoni huwa kompatibbli mar-regoli tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat. Kumpens bħal dan ser ikollu jiġu nnotifikat lill-Kummissjoni minħabba r-riskju ogħla ta' tfixkil tal-kompetizzjoni, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel valutazzjoni ddettaljata u tiddeċiedi jekk il-miżura inkwistjoni hijiex kompatibbli mas-suq intern.

*19. X'inhuma l-għanijiet rispettivi tad-Deċiżjoni u l-Qafas? X'inhuma d-differenzi bejn dawn it-tnejn?*

Iż-żewġ testi jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li bihom il-kumpens tas-servizz pubbliku li jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat huwa kompatibbli mat-TFUE.

**L-iktar differenza importanti** tinsab fil-fatt li kumpens tas-servizz pubbliku kopert mid-Deċiżjoni **ma għandux bżonn jiġi nnotifikat** lill-Kummissjoni. Ladarba jiġu ssodisfati l-kriterji tad-Deċiżjoni, l-Istat Membru kkonċernat jista' jagħti l-kumpens mingħajr dewmien. Madankollu, meta ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni, il-kumpens jaqa' taħt il-Qafas. Dan ifisser li jrid jiġi nnotifikat minn qabel lill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tivverifika jekk l-Għajnuna mill-Istat ikkonċernata hijiex kompatibbli mat-TFUE.

Barra minn hekk, minħabba l-każijiet li jaqgħu taħt il-Qafas normalment huma każijiet kbar li potenzjalment jistgħu joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni li jinħass iktar, il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità ġeneralment huma eħrex minn dawk fid-Deċiżjoni. Għal iktar dettalji fuq il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità, ara t-taqsima 3.5.2.

## 20. *X'inhuma l-passi loġiċi tal-analiżi għal kumpens tas-servizz pubbliku?*

Il-graff ta' hawn taħt tispjega l-passi ewlenin li għandhom jiġu segwiti għad-determinazzjoni ta' liema strument tal-pakkett tas-SIEĠ jista' japplika għall-kumpens tas-servizz pubbliku.




## 21. *Kif tista' tiġi pprovduta ċertezza legali lill-forntiuri tas-SIEĠ? U x'jiġri jekk ma jkunux jafu jekk il-kumpens jaqax taħt id-Deċiżjoni, il-Qafas jew ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?*

Il-pakkett tas-SIEĠ dwar l-għajnuna mill-Istat u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japplikaw il-Qafas huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u fuq l-internet. Ir-responsabilità għall-iżgurar li xi kumpens għal SIEĠ huwa konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat hija tal-awtoritajiet nazzjonali li jinkarigaw impriża bil-forniment tas-SIEĠ. Meta l-għajnuna tingħata skont id-Deċiżjoni, l-att ta' inkarigu jrid jagħmel

referenza għad-Deċiżjoni, sabiex il-fornitur tas-SIEĠ jiġi mgħarraf dwar il-bażi legali u jkun jista' jivverifika l-konformità mad-Deċiżjoni. Jekk l-att ta' inkarigu ma jagħmilx referenza għad-Deċiżjoni, il-fornitur tas-SIEĠ jista' jistaqsi lill-awtorità li tinkariga dwar fuq liema bażi legali tingħata l-għajnuna u tivverifika li, meta l-għajnuna taqa' taħt il-Qafas, hija koperta minn deċiżjoni ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni.

**22. *Hemm xi obbligi legali għall-fornituri tas-SIEĠ?***

Il-pakkett tas-SIEĠ ma jimponi ebda obbligi speċifiċi fuq il-fornituri tas-SIEĠ. L-awtorità pubblika li tinkariga lill-fornitur bis-SIEĠ trid tiżgura li jiġu rispettati r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat. Madankollu, il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li l-kumpens mogħti huwa konformi mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għandhom jiġu riflessi fl-att ta' inkarigu sabiex il-fornitur ikun jaf bihom bis-sħiħ. Il-fornitur finalment iġarrab ir-riskju li jrodd lura l-kumpens jekk jingħata bi ksur tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

**23. *Il-pakkett tas-SIEĠ jistabbilixxi d-dritt li impriżi jirċievu għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku?***

Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, Għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mat-TFUE, ħlief meta jkunu japplikaw id-derogi stabbiliti mit-Trattat innifsu. B'hekk, il-prinċipju huwa li l-Għajnuna mill-Istat mhijiex permessa u tista' tingħata biss b'mod eċċezzjonali fil-każijiet u b'konformità mal-kundizzjonijiet ipprovduti mill-Artikolu 107(2) u (3) u l-Artikolu 106(2) tat-TFUE. Konsegwentement, ma hemm l-ebda dritt min-naħa tal-impriżi għal Għajnuna mill-Istat.

Il-pakkett tas-SIEĠ ma jistabbilixxix id-dritt li impriżi jirċievu għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku, iżda jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ta' kompatibilità għal għajnuna bħal din meta l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jiddeċiedu li jorganizzaw u jiffinanzjaw is-SIEĠ permezz ta' Għajnuna mill-Istat.

## 3.2 Il-Komunikazzjoni

### *3.2.1 Meta japplikaw ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u x'inhuma l-konsegwenzi?*

**24. *Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat stabbiliti fit-TFUE meta jkunu japplikaw għall-organizzazzjoni u l-finanzjament tas-SIEĠ?***

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw biss għal 'impriżi'. Dan il-kunċett ikopri lil kwalunkwe entità impenjata f'attività ekonomika, indipendentement mill-istatus legali tal-entità jew il-mod li bih hija ffinanzjata[44]. B'mod partikolari, mhuwiex relevanti jekk l-entità twaqqfitx biex tiġġenera qligħ jew le (para. 9 tal-Komunikazzjoni).

**25. *Attività meta tikkwalifika bħala 'ekonomika' skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?***

Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti u/jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni[45] (ara l-para. 11 tal-Komunikazzjoni). F'dan il-kuntest, il-fatt li l-attività inkwistjoni tissejjaħ 'soċjali' jew

---

44 Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn* [2000] Ġabra I-6451.

45 Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni* v *L-Italja* [1987] Ġabra 2599, paragrafu 7; Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni v L-Italja* [1998] Ġabra I-3851, paragrafu 36; u *Pavlov*.

titwettaq minn operatur mingħajr skop ta' qligħ mhuwiex biżżejjed waħdu[46] biex tiġi evitata klassifikazzjoni bħala attività ekonomika.

Il-Komunikazzjoni tipprovdi kemm gwida ġenerali fuq il-kunċett ta' attività ekonomika kif żviluppat mill-qrati Ewropej (para. 9 *et seq.*) kif ukoll gwida iktar speċifika fir-rigward tal-eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi (para. 16), is-sigurtà soċjali (para. 17 *et seq.*), il-kura tas-saħħa (para. 21 *et seq.*) u l-edukazzjoni (para. 26 *et seq.*).

B'mod iktar importanti, jekk suq jeżistix għal ċertu servizz jiddependi fuq l-organizzazzjoni tal-attività mill-Istat Membru kkonċernat u b'hekk, ikun jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor u jista' jinbidel ukoll maż-żmien (para. 12). Għaldaqstant, il-gwida settorjali speċifika offruta għal erba' setturi (ara l-paragrafu ta' qabel) ma jfittixx li jistabbilixxi lista ta' servizzi ekonomiċi u mhux ekonomiċi, iżda minflok jagħti eżempji tal-elementi li għandhom rwol fid-determinazzjoni ta' jekk servizz partikolari jistax jitqies bħala ekonomiku.

**Eżempji ta' attivitajiet meqjusa bħala ekonomiċi fid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u s-sentenzi tal-Qrati mill-imgħoddi:**

- Attività tal-akkwist tal-impjiegi mwettqa minn aġenziji pubbliċi tal-impjiegi[47].
- Skemi fakultattivi tal-assigurazzjoni li joperaw skont il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni, anki meta huma amministrati minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ[48]; il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni jfisser li l-benefiċċji tal-assigurazzjoni jiddependu biss fuq l-ammont ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mir-riċevituri u r-redditi finanzjarji fuq l-investimenti li jsiru.
- Servizzi ta' trasport f'emerġenza u servizzi ta' trasport ta' pazjenti[49].
- Servizzi bħat-twettiq ta' formalitajiet doganali, relatati b'mod partikolari mal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-ġarr ta' prodotti, kif ukoll servizzi komplimentarji oħrajn bħal servizzi fl-oqsma monetarji, kummerċjali u tat-taxxa, li l-aġenti tad-dwana joffru billi jġarrbu r-riskji finanzjarji relatati[50].
- L-għoti minn entitajiet legali, imwaqqfa minn impjegaturi jew organizzazzjonijiet ta' trejdjunjins u awtorizzati mill-Istat, ta' assistenza lill-impjegati u impjegaturi relatati mat-tlestija ta' redditi tat-taxxa fuq id-dħul, u pariri oħrajn relatati[51].
- Il-ġestjoni ta' infrastruttura tat-trasport[52].
- Servizzi mediċi pprovduti jew f'ambjent ta' sptar jew xi mkien ieħor[53]. Madankollu, l-isptarijiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw ukoll attività mhux ekonomika (ara l-para. 22 tal-Komunikazzjoni).

---

46 *Pavlov*, paragrafu 118; Kawża C-218/00 *INAIL* [2002] Ġabra I-691, paragrafu 37; u Kawża C-355/00 *Freskot* [2003] Ġabra I-5263.

47 Kawża C-41/90 *Höffner u Elser* [1991] Ġabra I-1979, paragrafu 21.

48 Kawża C-244/94 *FFSA* [1995] Ġabra I-4013, paragrafi 17-22; Kawża C-67/96 *Albany* [1999] Ġabra I-5751, paragrafi 80-87.

49 Kawża C-475/99 *Glöckner* [2001] Ġabra I-8089, paragrafu 20.

50 Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni* v *L-Italja* [1998] Ġabra I-3851, paragrafu 37.

51 Kawża C-451/03 *Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti* [2006] Ġabra I-2941, paragrafu 63.

52 Kawża C-82/01 P *Aéroports de Paris* v *Commission* [2002] Ġabra 1-9297.

- Akkomodazzjoni b'kirjiet iktar baxxi; ara l-prattika ta' deċiżjoni fuq il-forniment ta' fondi ipotekarji ġenerali, skemi tal-akkomodazzjoni affordabbli maħsubin biex jipprovdu akkomodazzjoni bi spejjeż baxxi, skemi ta' sussidji tal-kirjiet u skemi ta' għotjiet għal persuni anzjani u b'diżabilità, kif ukoll familji bi żvantaġġi soċjali[54].

- Il-forniment ta' infrastruttura anċillari għall-akkomodazzjoni soċjali, bħal toroq, ħwienet, postijiet ta' divertiment tat-tfal, postijiet ta' rikreazzjoni, ġonna, meded ta' art, spazji miftuħin, siti għal postijiet ta' adorazzjoni, fabbriki, skejjel, uffiċċji u bini ieħor jew art u xogħlijiet u servizzi oħrajn bħal dawn, meħtieġa biex jiġi żgurat ambjent tajjeb għal akkomodazzjoni soċjali[55].

Dwar il-kunċett ta' attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli tat-TFUE fuq is-suq intern, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 223.

***26. Il-membri ta' professjoni liberali jistgħu jikkostitwixxu 'impriżi' skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?***

Iva. Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet il-pożizzjoni li speċjalisti mediċi jistgħu jipprovdu, fil-kapaċità tagħhom bħala atturi ekonomiċi li jaħdmu għal rashom, servizzi f'suq, l-iktar is-suq f'servizzi mediċi speċjalisti, u b'hekk jikkostitwixxu impriżi. Il-fatt li jipprovdu servizzi kumplessi u tekniċi u l-fatt li l-prattika tal-professjoni tagħhom ma tistax tiġi rregolata ma jistax jibdel dik il-konklużjoni[56].

***27. Attività, meta tikkwalifika bħala mhux ekonomika għall-fini tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?***

Żewġ kategoriji relevanti ta' attivitajiet determinati bħala mhux ekonomiċi huma:

- Attivitajiet relatati mal-eżerċizzju ta' prerogattivi tal-Istat

Attivitajiet marbutin mal-eżerċizzju ta' prerogattivi tal-Istat mill-Istat innifsu, jew minn awtoritajiet li jaħdmu fi ħdan il-limti tal-awtorità pubblika tagħhom, ma jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi għall-fini tar-regoli dwar il-kompetizzjoni. Din l-eċċezzjoni hija limitata għal dawk l-attivitajiet li jsawru parti intrinsika mill-prerogattivi tal-awtorità uffiċjali u jitwettqu mill-Istat, jiġifieri li għalihom l-Istat Membru kkonċernat ma ddeċidiex li jdaħħal mekkaniżmi tas-suq (para. 16 tal-Komunikazzjoni). F'dan il-kuntest, mhuwiex relevanti jekk l-Istat huwiex qiegħed jaġixxi permezz ta' korp li jagħmel parti mill-amministrazzjoni tal-Istat jew permezz ta' korp separat li ngħata mill-Istat drittijiet speċjali jew esklussivi[57].

---

53 Kawża C-157/99 *Smits* [2001] Ġabra I-5473, paragrafu 53; Kawżi Konġunti 286/82 u 26/83 *Luisi u Carbone* [1984] Ġabra 377, paragrafu 16; Kawża C-159/90 *Society for the Protection of unborn children* [1999] Ġabra I-4685, paragrafu 18; Kawża C-368/98 *Abdon Vanbraekel* [2001] Ġabra I-5363, paragrafu 43; Kawża T-167/04 *Asklepios Kliniken* [2007] Ġabra II-2379, paragrafi 49-55.

54 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nru N 89/2004 - L-Irlanda - Garanzija favur il-Housing Financing Agency, Skemi tal-akkomodazzjoni soċjali ffinanzjati mill-HFA, ĠU C 131, 28.5.2005, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N89_2004

55 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 395/05 - L-Irlanda – Garanzija ta' self għal skemi tal-infrastrutturi soċjali ffinanzjati mill-Housing Finance Agency (HFA), ĠU C 77, 5.4.2007, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N395_2005

56 Kawżi Konġunti C-180/98 sa C-184/98 *Pavlov u Oħrajn* [2000] Ġabra I-6451.

57 Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni* v *Ir-Repubblika Taljana* [1987] Ġabra 2599, paragrafi 7 u 8.

**Eżempji ta' attivitajiet mhux ekonomiċi marbutin mal-eżerċizzju ta' prerogattivi tal-Istat:**

- Attivitajiet relatati mal-armata jew il-pulizija.
- Iż-żamma u t-titjib ta' sikurezza ta' navigazzjoni tal-ajru[58], is-sigurtà[59], il-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-kontroll u s-sikurezza tat-traffiku marittimu[60].
- Is-sorveljanza kontra t-tniġġis[61] hija kompitu fl-interess pubbliku li tagħmel parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat fir-rigward tal-ħarsien tal-ambjent f'żoni marittimi.
- L-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-infurzar ta' sentenzi ta' ħabs sabiex jiġi żgurat it-tħaddim tas-sistema penali[62].

- Ċerti attivitajiet ta' għamla purament soċjali

Il-ġurisprudenza pprovdiet sett ta' kriterji li bihom ċerti attivitajiet b'funzjoni purament soċjali jitqiesu mhux ekonomiċi.

**Eżempji ta' attivitajiet mhux ekonomiċi ta' għamla purament soċjali:**

- Il-ġestjoni taħt il-kontroll tal-Istat ta' skemi obbligatorji tas-sigurtà soċjali b'għan esklussivament soċjali, li jaħdmu skont il-prinċipju ta' solidarjetà, li joffru benefiċċji tal-assigurazzjoni b'mod indipendenti mill-kontribuzzjonijiet u l-gwadann tal-persuna assigurata[63]. Ara l-para. 17 *et seq.* tal-Komunikazzjoni dwar il-fatturi li jagħmlu distinzjoni bejn skemi tas-sigurtà soċjali ekonomiċi u mhux ekonomiċi.
- Il-forniment ta' indukrar tat-tfal u edukazzjoni pubblika ffinanzjati bħala regola ġenerali mill-finanzi pubbliċi u t-twettiq ta' kompitu ta' servizz pubbliku fl-oqsma

58 Kawża C-364/92 *SAT/Eurocontrol* [1994] Ġabra I-43, paragrafu 27; Kawża C-113/07 P *Selex Sistemi Integrati* v *Il-Kummissjoni* [2009] Ġabra I-2207, paragrafu 71.

59 Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-kawża N 309/2002 tad-19 ta' Marzu 2003, Sigurtà tal-avjazzjoni – kumpens għall-ispejjeż imġarrba wara l-attakki tal-11 ta' Settembru 2001, ĠU C 148, 25.6.2003, u fil-kawża N 438/2002 tas-16 ta' Ottubru 2002, Għajnuna b'appoġġ ta' funzjonijiet ta' awtorità pubblika fis-settur Belġjan, ĠU C 284, 21.11.2002, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N438_2002

60 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 438/02 tas-16 ta' Ottubru 2002, Il-Belġju – Għajnuna lill-awtoritajiet tal-port, ĠU C 284, 21.11.2002, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N438_2002

61 Kawża C-343/95 *Calì & Figli* [1997] Ġabra I-1547, paragrafu 22.

62 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N140/2006 – Il-Litwanja – L-allokazzjoni ta' sussidji lill-Impriżi tal-Istat f'Ċentri Korrettivi, ĠU C 244, 11.10.2006, http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/register/ii/doc/N-140-2006-WLWL-en-19.7.2006.pdf.

63 Kawża C-159/91 *Poucet et Pistre* [1993] Ġabra I-637; Kawża C-218/00 *Cisal u INAIL* [2002] Ġabra I-691, paragrafi 43-48; Kawżi Konġunti C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01 *AOK Bundesverband* [2004] Ġabra I-2493, paragrafi 51-55.

64 Kawża 263/86 *Humbel* [1988] Ġabra 5365, paragrafu 18; Kawża C-318/05 *Il-Kummissjoni* v *Il-Ġermanja* [2007], Ġabra I-06957, paragrafi 74-75, u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat Nri N 118/00 – Għotjiet pubbliċi lill-għaqdiet sportivi professjonisti, ĠU C 333, 28.11.2001, p. 6, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N118_2000 ,NN 54/2006 – Prerov Logistics College, ĠU C 291, 30.11.2006, p. 18 http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/register/ii/doc/NN-54-2006-WLWL-EN-8.11.2006.pdf; Sentenza tal-Qorti tal-EFTA tal-21 ta' Frar 2008 fil-Kawża E-5/07.

65 Kawża T-319/99, *FENIN*.

soċjali, kulturali u edukattivi mmirati għall-poplu[64]. Ara l-para. 26 *et seq.* tal-Komunikazzjoni fuq il-fatturi li jagħmlu distinzjoni bejn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi fil-qasam tal-edukazzjoni.

- L-organizzazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi li huma parti integrali ta' servizz nazzjonali taas-saħħa u li huma kważi kompletament ibbażati fuq il-prinċipju ta' solidarjetà, iffinanzjati direttament minn kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u riżorsi oħrajn tal-Istat, u li jipprovdu s-servizzi tagħhom b'xejn lil persuni affiljati fuq il-bażi ta' kopertura universali[65]. Ara l-para. 21 *et seq.* tal-Komunikazzjoni dwar il-fatturi li jagħmlu distinzjoni bejn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

***28. Meta awtorità pubblika tipprovdi tagħrif u pariri lil ċittadini fi ħdan iż-żona tagħha ta' responsabilità, tkun impenjata f'attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni?***

Il-forniment ta' tagħrif ġenerali mill-awtoritajiet pubbliċi (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali) dwar il-mod li bih il-korpi kompetenti japplikaw ir-regoli taħt ir-responsabilità tagħhom hija marbuta mill-qrib mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tagħhom. Din l-attività ma titqiesx bħala ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

***29. Il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida speċifika fuq id-distinzjoni bejn attività ekonomika u mhux ekonomika għal erba' żoni. L-attivitajiet kollha barra dawk l-erba' żoni dejjem huma ekonomiċi?***

Le. Il-Komunikazzjoni toffri gwida dwar meta attività hija ekonomika u meta mhijiex ekonomika u tibni fuq il-ġurisprudenza tal-qrati Ewropej. Minbarra l-prinċipji ġenerali (para. 9 *et seq.*), il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida iktar speċifika għal ċerti żoni, bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u telenka l-fatturi relevanti għat-test ta' jekk attività speċifika hijiex ekonomika.

La l-eżempji mogħtija fit-taqsimiet speċifiċi (bħall-eżempji ta' żoni li jagħmlu parti intrinsika mill-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi fil-para. 16) u lanqas l-għażla taż-żoni li għalihom hija pprovduta gwida iktar speċifika ma jissuġġerixxu li dawn huma eżempji eżawstivi. Dan jidher mit-test tal-Komunikazzjoni, li fiha l-para. 14 b'mod partikolari jiddikjara biċ-ċar li ma tista' titfassal ebda lista eżawstiva. Din hija konsegwenza tal-fatt li l-kunċett ta' attività ekonomika jista' jinbidel maż-żmien (ara l-mistoqsija 30 ta' warajha). Għall-attivitajiet li mhumiex imsemmija b'mod speċifiku, il-prinċipji ġenerali li jinstabu fil-para. 9 *et seq.* jipprovdu gwida dwar jekk attività hijiex ekonomika jew le.

***30. Klassifikazzjoni bħala ekonomika jew mhux ekonomika tista' tinbidel maż-żmien?***

Iva. Il-klassifikazzjoni ta' attività tista' tiddependi fuq il-mod li bih hija organizzata l-attività fi Stat Membru u tista' tinbidel maż-żmien minħabba d-deċiżjonijiet tal-politika fuq il-mod li bih hija organizzata l-attività jew bħala riżultat ta' żviluppi fis-suq (para. 12 tal-Komunikazzjoni).

***31. Ir-regoli tat-TFUE dwar l-Għajnuna mill-Istat jistgħu japplikaw għal fornituri ta' servizzi mingħajr skop ta' qligħ?***

Iva. Is-sempliċi fatt li entità ma għandhiex skop ta' qligħ ma jfissirx li l-attivitajiet li twettaq mhumiex ta' għamla ekonomika[66]. L-istatus legali ta' entità li tipprovdi SSIĠ ma jaffettwax l-għamla tal-attività kkonċernata. Il-kriterju relevanti huwa jekk l-entità twettaqx attività ekonomika (para. 9 tal-Komunikazzjoni).

Pereżempju, assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ jew organizzazzjoni tal-karità li twettaq attività ekonomika ser tikkostitwixxi 'impriża' biss għall-attività speċifika (l-aħħar subparagrafu tal-para. 9, tal-Komunikazzjoni). Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni mhumiex ser japplikaw għall-attivitajiet mhux ekonomiċi tagħhom.

**Eżempju:**

Il-forniment ta' servizzi tat-trasport f'emerġenza u servizzi tat-trasport ta' pazjenti minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ jista' jikkostitwixxi attività ekonomika. Obbligi tas-servizz pubbliku jistgħu jrendu s-servizzi pprovduti minn dawn l-organizzazzjonijiet inqas kompetittivi meta mqabbla ma' servizzi paragunabbli offruti minn operaturi oħrajn li mhumiex marbutin b'obbligi bħal dawn, iżda dak il-fatt ma jistax jipprevjeni lill-attivitajiet inkwistjoni milli jitqiesu bħala ekonomiċi[67].

***32. Huwa possibbli li awtorità pubblika tippreferi xi tipi ta' organizzazzjonijiet (pereż. organizzazzjonijiet pubbliċi/għal qligħ/mingħajr skop ta' qligħ) bħala l-fornitur ta' SIEĠ?***

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma jimponux kriterji speċifiċi għall-għażla tal-fornitur iżda japplikaw bl-istess mod għal impriżi pubbliċi u privati. Għaldaqstant, fil-prinċipju, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma jipprevjenux lill-Istati Membri milli jagħtu preferenza lil xi tipi ta' fornituri. Madankollu, awtoritajiet pubbliċi jistgħu jkunu marbutin minn oqsma oħrajn tal-liġi tal-UE, bħal b'mod partikolari r-regoli dwar l-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar is-suq intern jew ir-regoli settorjali, bħal dawk fil-qasam tat-trasport. Meta jkunu applikabbli r-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, anki l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi ta' dawn ir-regoli ssir kundizzjoni għall-kompatibilità tal-għajnuna f'każijiet koperti mill-Qafas (para. 19 tal-Qafas). Fuq din il-kwistjoni, f'dak li għandhom x'jaqsmu r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u s-suq intern, ara t-taqsimiet 4 u 6, b'mod partikolari l-mistoqsijiet 209 u 227.

***33. Iċ-ċentri ta' azzjoni soċjali li jipprovdu SSIĠ (bħal servizzi għall-anzjani u n-nies b'diżabilità) huma soġġetti għar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?***

Wieħed ma jistax jiġġeneralizza dwar jekk ċentri lokali ta' assistenza soċjali humiex soġġetti għar-regoli tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, u b'mod speċifiku għar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, peress li dan jiddependi mill-attivitajiet li jwettqu.

Jekk ċentru ta' dan it-tip jipprovdi servizz ta', pereżempju, meals-on-wheels jew ta' indukrar fid-dar, u l-istess servizzi jistgħu jiġu pprovduti minn fornituri oħrajn ta' servizzi, kemm jekk pubbliċi kif ukoll privati, f'dak il-każ iċ-ċentru jkun qed iforni s-servizzi f'suq u b'hekk qiegħed iwettaq attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 25).

---

66 Kawżi Konġunti 209/78 sa 215/78 u 218/79 *Van Landewyck* [1980] Ġabra 3125 u Kawża C-244/94 *FFSA u Oħrajn* [1995] Ġabra I-4013, paragrafu 21.

67 Kawża C-475/99 *Glöckner* [2001] Ġabra I-8089, paragrafu 21.

Madankollu, dan ma jimplikax li l-attivitajiet kollha taċ-ċentru għandhom jiġu kklassifikati bħala ekonomiċi fl-għamla tagħhom; jista' jwettaq ukoll attività li tinvolvi protezzjoni soċjali biss, bħal jekk jagħmel ħlasijiet tal-benefiċċji soċjali pubbliċi lill-benefiċjarji, ħidma li ma tikkostitwixxix attività ekonomika.

***34. Id-distribuzzjoni ta' kupuni minn muniċipalità lil ċerti kategoriji ta' utenti individwali biex ikunu jistgħu jiksbu SIEĠ tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat?***

L-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet lokali, jistgħu jipprovdu dan it-tip ta' appoġġ lil nies li jużaw dawn is-servizzi bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(2)(a) tat-TFUE, li jistipula li l-għajnuna jrid ikollha sura soċjali u tingħata lil konsumaturi individwali bla diskriminazzjoni relatata mal-oriġini tal-prodotti kkonċernati.

***35. L-assistenza soċjali mogħtija lil ċerti benefiċjarji bħal familji bi dħul baxx (skont, pereżempju, in-nefqa attwali tagħhom fuq SIEĠ u/jew kriterji oġġettivi oħrajn li ġejjin mis-sitwazzjoni individwali tagħhom) u mħallsa direttament lill-fornitur ta' servizzi skont arranġament ta' "parti terza li tħallas" tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat?***

Jekk hemm, pereżempju, riskju li l-assistenza pprovduta tista' ma tilħaqx l-għan soċjali tagħha jekk titħallas direttament lill-benefiċjarju, organizzazzjoni soċjali tista' tiddeċiedi li tħallas ftit minnha jew kollha kemm hi lill-parti li tipprovdi s-servizz ikkonċernat (pereż. sid ta' akkomodazzjoni soċjali jew kantin ta' skola għat-tfal).

Ħlas bħal dan ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat lill-fornitur ta' servizzi jekk l-ammont imħallas skont arranġament ta' "parti terza li tħallas" u l-bażi li fuqha huwa kkalkolat huma ddefiniti biċ-ċar u marbutin mill-qrib mal-benefiċjarju aħħari, li jrid ikun persuna fiżika. Dan jimplika li t-trasferiment ma jagħti l-ebda vantaġġi oħrajn lill-fornitur ta' servizzi. Pereżempju, l-ammont totali ta' kirja li trid titħallas lill-fornitur ta' servizzi trid tiġi stabbilita b'mod indipendenti u minn qabel, sabiex il-kera li jkun għad baqa' titħallas mill-benefiċjarju titnaqqas b'mod ġenwin mill-ammont li l-fornitur ta' servizzi diġà jkun irċieva mill-organizzazzjoni soċjali kkonċernata.

***36. SIEĠ spiss jiġu pprovduti f'kuntest lokali. Huwa minnu li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri?***

Fil-qasam tal-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-effett fuq il-kummerċ ma jiddependix fuq il-karattru lokali jew reġjonali tas-servizz fornut, jew fuq l-iskala tal-attività kkonċernata. L-ammont relattivament żgħir tal-għajnuna pprovduta jew id-daqs relattivament żgħir tal-entità li tirċevih ma jeskludux il-possibilità li jiġi affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri[68]. Anki ammont żgħir ta' għajnuna jista' jagħti spinta lis-servizzi fornuti minn fornitur wieħed ta' servizzi, u b'hekk jagħmilha iktar diffiċli għall-kumpaniji Ewropej l-oħrajn biex ifornu l-istess servizzi fis-suq lokali.

Madankollu, fuq il-bażi tal-esperjenza li kisbet hi stess, il-Kummissjoni fasslet limiti massimi u temmen li sa dawn il-livelli l-għajnuna mhijiex ser taffettwa l-kummerċ jew il-kompetizzjoni. Pereżempju, l-għajnuna għall-forniment ta' SIEĠ li ma taqbiżx limitu massimu ta' EUR 500 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin, skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ, ma titqiesx li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew ma tfixkilx jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u għaldaqstant ma taqax taħt l-

68 Kawżi T-214/95 *Vlaams Gewest* v *Il-Kummissjoni* [1998] Ġabra II-717, paragrafi 48 sa 50, C-280/00, *Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] Ġabra I-7747, paragrafi 81-82 u C-172/03 *Heiser* [2005] Ġabra I-1627, paragrafi 32-33.

Artikolu 107(1) tat-TFUE. Barra minn hekk, skont ir-Regolament ġenerali *de minimis* (ir-Regolament 1998/2006) għajnuna li ma taqbiżx limitu massimu ta' EUR 200 000 (EUR 100 000 għall-impriżi attivi fis-settur tat-trasport bit-triq) ma titqiesx li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri[69].

Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, tabilħaqq ma hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ minħabba l-karattru lokali tas-servizz. Il-Kummissjoni tagħti eżempji ta' deċiżjonijiet meħudin mill-Kummissjoni (para. 40), dwar, pereżempju, pixxini li għandhom jintużaw l-iktar mill-popolazzjoni lokali[70] u mużewijiet lokali li aktarx li mhumiex ser jattiraw viżitaturi transfruntiera[71] (għal iktar dettall, ara l-mistoqsija 38 iktar 'l isfel).

**Eżempju ġenerali tal-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

Is-sussidji pagabbli lil stazzjonijiet tas-servizzi Olandiżi li jinstabu qrib il-fruntiera Ġermaniża, minħabba żieda fil-prezzijiet nazzjonali tal-fjuwil wara żieda fid-dazji tas-sisa fil-Pajjiżi l-Baxxi, affettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li l-għan tagħhom kien li jimmitigaw id-disparità bejn il-livell tad-dazji tas-sisa pagabbli fil-Pajjiżi l-Baxxi u l-ammont ta' dazju tas-sisa impost fuq iż-żjut ħfief fil-Ġermanja[72].

**Eżempju ta' effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri meta jkollhom x'jaqsmu s-SIEĠ**

Is-sussidji pubbliċi għal servizzi kurrenti regolari bil-kowċ fil-muniċipalità ta' Stendal, il-Ġermanja, imħallsa lill-kumpanija li kienet tipprovdi biss trasport lokali jew reġjonali u ma kienet tipprovdi l-ebda servizzi tat-trasport barra l-pajjiż ta' oriġini tagħha, jista' jkollha impatt fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri[73].

***37. Hemm effett veru fuq il-kummerċ f'każijiet li fihom operatur wieħed jipprovdi SIEĠ speċifiku f'reġjun?***

Anki jekk operatur li jipprovdi SIEĠ speċifiku (bħal fil-każ ta' servizzi ta' kura medika speċjalizzata jew tal-ambulanza) ikun l-uniku operatur ġewwa reġjun jew komunità lokali għaliex ma hemmx oħrajn hemmhekk, dan ma jeskludix il-possibilità li operaturi minn Stati Membri oħrajn ikunu interessati fil-forniment tas-SIEĠ inkwistjoni. Dan ifisser li wieħed ma jistax jeskludi l-possibilità li jkun hemm impatt potenzjali fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri[74]. Barra minn hekk, l-operatur reġjonali jista' jkun attiv jew jippjana li jopera f'reġjuni oħrajn.

***38. Hemm xi eżempji ta' SIEĠ lokali li fil-verità ma jidhrux li jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri?***

69 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna de minimis.

70 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 258/00, ĠU C 172, 16.6.2001, p. 16.

71 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 630/03, ĠU C 275, 8.12.2005, p. 3.

72 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 999/705/KE tal-20 ta' Lulju 1999, ĠU L 280, 30.10.1999, p. 87 ikkonfermata mill-Kawża tal-Qorti tal-Ġustizzja C-382/99 *Il-Pajjiżi l-Baxxi* v *Il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-5163.

73 Il-Qorti tal-Ġustizzja, *Altmark trans u Regierungspräsidium Magdeburg*, ċitata iktar 'il fuq, paragrafu 77.

74 Il-Qorti tal-Ġustizzja, *Altmark trans u Regierungspräsidium Magdeburg*, imsemmija iktar 'il fuq, paragrafu 78 et seq.

Iva. Il-Kummissjoni ħadet numru ta' deċiżjonijiet fuq l-Għajnuna mill-Istat li, skont dawn, miżuri mfassla biex jiffinanzjaw servizzi lokali (indipendentement minn jekk dawn tal-aħħar ikunux SIEĠ, SSIĠ ta' għamla ekonomika jew servizzi purament kummerċjali) tqiesu li ma jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara wkoll il-para. 40 tal-Komunikazzjoni):

**Eżempji ta' miżuri meqjusa li ma għandhomx effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri**

- Fil-każ tal-pixxina ta' Dorsten[75], tqies li sussidju annwali għall-bini u t-tħaddim ta' pixxina pubblika f'Dorsten li tintuża mill-popolazzjoni lokali biss ma setax jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

- Fil-każ tal-isptarijiet Irlandiżi[76], il-pożizzjoni meħuda kienet li sistema ta' provvedimenti kapitali li għandha l-għan li toħloq faċiliatjiet għal sptarijiet pubbliċi lokali relattivament żgħar, li jaqdu suq tal-isptar lokali b'sottokapaċità ċara, ma setgħetx tattira investiment jew klijenti minn Stati Membri oħrajn u għaldaqstant, ma setgħetx taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

- Fil-każ taż-żoni tas-servizz f'Tenerife[77], tqies li sussidji mogħtija għall-kostruzzjoni minn assoċjazzjonijiet lokali ta' trasport bit-triq ta' żoni muniċipali ta' servizz għall-membri tagħhom ma setgħux jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li kienu għall-użu lokali biss.

- Fil-każ tal-mużewijiet lokali f'Sardinja[78], il-pożizzjoni meħuda kienet li l-finanzjament ta' proġetti relatati ma' mużewijiet ta' daqs u baġit limitat ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li – minbarra fil-każ ta' ftit mużewijiet kbar ta' fama internazzjonali – ma kienx probabbli li nies minn Stati Membri oħra ser jaqsmu l-fruntieri bil-ħsieb ewlieni li jżuru dawn il-mużewijiet.

- Ġie deċiż li l-finanzjament għal produzzjonijiet teatrali tal-pajjiż Bask[79] ma affettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri għaliex dawn kienu produzzjonijiet fuq skala żgħira mtella' minn mikroimpriżi lokali jew kumpaniji żgħar, l-udjenza potenzjali tagħhom kienet limitata għal reġjun ġeografiku u lingwistiku speċifiku,

[75] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 258/2000 – Il-Ġermanja – Il-Pixxina ta' Dorsten, IP/001509 tal-21.12.2000, ĠU C 172, 16.6.2001, p. 16 http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N258_2000

[76] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 543/2001 – L-Irlanda – Provvedimenti kapitali għal sptarijiet, ĠU C 154, 28.6.2002, p. 4 http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N543_2001

[77] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża NN 29/02 – Spanja - Għajnuna għall-installazzjoni ta' żoni tas-servizz f'Tenerife, ĠU C 110, 8.5.2003, p. 13, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_NN29_2002

[78] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża N 630/2003 – L-Italja – Mużewijiet lokali - Sardinja, ĠU C 275, 8.12.2005, p 3, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N630_2003

[79] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 257/2007 – Spanja – Għotjiet għal produzzjonijiet teatrali fil-pajjiż Bask, ĠU C 173, 26.7.2007, p. 2.

u ma setgħux jiġbdu turiżmu transfruntier.

- Fil-każ li jikkonċerna finanzjament għal ċentru li jippromwovi l-konservazzjoni tal-kultura u l-wirt ta' Ċipru f'Nikosija (Ċipru)[80], il-Kummissjoni sabet li l-bixra lokali u l-pożizzjoni ġeografika taċ-ċentru flimkien mas-sura tal-attività jeskludu kwalunkwe effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

- Il-Kummissjoni qieset li appoġġ għall-bini ta' unità għall-kura tas-saħħa mentali fil-perjodu medju u twil fil-Grigal tal-Portugall[81] ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba l-kapaċità limitata tal-unità (50 sodda) li kważi ser tintuża kollha għall-forniment ta' servizzi lil residenti taż-żona u minħabba n-nuqqas ta' interess ta' entitajiet oħrajn biex ifornu t-tali servizzi f'dan ir-reġjun.

- F'kawża li tikkonċerna l-finanzjament lill-pubblikatur ta' gazzetta li jippubblika gazzetta ta' kuljum f'Madeira[82] il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ. Hemm biss żewġ gazzetti ppubblikati kuljum f'Madeira, u l-ebda minnhom ma hija ppubblikata minn kumpanija minn Stat Membru ieħor. Iż-żewġ pubblikaturi mhumiex attivi f'xi suq ieħor fejn hemm xi kompetizzjoni ma' kumpaniji minn Stati Membri oħrajn.

- Il-Kummissjoni sabet li l-bejgħ ta' art minn muniċipalità Olandiża lil skola għall-irkib taż-żwiemel[83] ma setax ikollu xi effett fuq il-kummerċ, anki jekk jinbiegħ inqas mill-prezz tas-suq, minħabba l-karattru ovvjament lokali tal-iskola għall-irkib taż-żwiemel.

## 39. *X'jiġri jekk attività hija ekonomika u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri?*

Jekk attività hija ekonomika u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, hija koperta mir-regoli dwar il-kompetizzjoni.

## 40. *L-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tfisser li l-Istati Membri huma meħtieġa jibdlu l-modi li bihom huma organizzati u jitmexxew is-SIEĠ tagħhom?*

Le. Il-fatt li r-regoli dwar il-kompetizzjoni japplikaw ma jfissirx li l-awtoritajiet pubbliċi huma meħtieġa jiżguraw li hemm numru kbir ta' fornituri ta' servizzi fis-suq. Lanqas ma jfisser li l-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati jneħħu kwalunkwe dritt speċjali jew esklussiv li diġà ngħata lill-fornituri ta' servizzi li huma meħtieġa u proporzjonati għat-twettiq tas-SIEĠ ikkonċernati. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jagħtu drittijiet bħal dawn diment li ma jmorrux lil hinn minn dak li hemm bżonn biex il-fornituri ta' servizzi jkunu jistgħu jwettqu l-kompitu tagħhom li jfornu servizzi ta' interess ġenerali b'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli[84]. B'mod simili, l-awtoritajiet pubbliċi ma għandhom ebda obbligu li jipprivatizzaw lill-fornituri tas-SIEĠ (ara wkoll il-para. 37 tal-Komunikazzjoni).

---

[80] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża SA.34466 – Ċipru – Ċentru għall-Arti Viżwali u r-Riċerka, deċiżjoni tas-7.11.2012 (għadha mhijiex ippubblikata).

[81] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża SA.34576 – Il-Portugall – Jean Piaget / L-unità għall-kura ssoktata fil-perjodu medju u twil fil-Grigal, deċiżjoni tas-7.11.2012 (għadha mhijiex ippubblikata).

[82] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża SA.33243 – Il-Portugall – Jornal de Madeira, deċiżjoni tas-7.11.2012 (għadha mhijiex ippubblikata).

[83] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża SA.34404 – Il-Pajjiżi l-Baxxi – Ix-xiri ta' art għar-rilokazzjoni ta' skola għall-irkib ta' żwiemel, deċiżjoni tas-7.11.2012, ĠU C 370, 30.11.2012, p.2.

[84] Kawżi C-320/91 *Corbeau* [1993] Ġabra I-2533, paragrafi 14-16, C-67/96 *Albany* [1999] Ġabra I-5751, paragrafu 107.

## 41. *X'jiġri jekk awtorità pubblika tipprovdi kumpens għal servizz ta' interess ġenerali li jitqies li huwa ekonomiku fis-sura tiegħu?*

Kumpens tas-servizz pubbliku pprovdut minn awtorità pubblika lill-fornitur ta' servizzi jista' jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat jekk il-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark tagħha ma jiġux issodisfati f'daqqa (ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet fit-taqsima 3.2.3) u jekk jiġu ssodisfati l-kriterji l-oħrajn dwar l-Għajnuna mill-Istat[85]. Minkejja dan, il-fatt li kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat ma jfissirx minnu nnifsu li mhuwiex permissibbli, peress li jista' jkun kompatibbli mat-TFUE.

## 42. *Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jimponu mudell organizzazzjonali speċifiku fuq l-awtoritajiet pubbliċi fir-rigward tas-SIEĠ?*

Le. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom diskrezzjoni konsiderevoli fir-rigward tal-mod li bih jagħżlu li jmexxu s-SIEĠ li jdaħħlu fis-seħħ. Skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jorganizzaw u jiffinanzjaw is-SIEĠ tagħhom kif jidhrilhom li huwa xieraq, diment li l-kumpens li jipprovdu f'dan il-kuntest ma jmurx lil hinn minn dak li hemm bżonn biex jiġi żgurat li s-SIEĠ jitwettqu b'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli, b'konformità mal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

## 43. *Is-somom finanzjarji mogħtija b'rabta mat-trasferiment tas-setgħat bejn il-korpi pubbliċi fil-kuntest ta' deċentralizzazzjoni jistgħu jiġu kklassifikati bħala Għajnuna mill-Istat?*

Le. Il-kunċett ta' Għajnuna mill-Istat ma joffri l-ebda distinzjoni fuq il-bażi tal-livell (ċentrali, reġjonali, lokali jew ieħor) li fih tingħata. Madankollu, japplika biss fil-każ ta' trasferiment ta' riżorsi lil impriża waħda jew iktar li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

Meta min-naħa l-oħra t-trasferimenti finanzjarji jsiru fi ħdan strutturi tal-Istat (mill-Istat lil reġjuni, jew minn dipartiment lil muniċipalitajiet, pereżempju), purament b'konformità mat-trasferiment ta' setgħat pubbliċi u b'mod li mhuwiex relatat ma' attività ekonomika, ma hemm l-ebda trasferiment ta' riżorsi tal-istat sabiex jingħata vantaġġ fuq impriża.

## 44. *Il-finanzjament ta' entità in-house — skont it-tifsira tar-regoli dwar l-akkwist pubbliku — li jipprovdi SIEĠ jimplika l-esklużjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?*

Le. It-terminu "in-house" jintuża fil-liġi dwar l-akkwist pubbliku, filwaqt li r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jaqgħu taħt il-liġi dwar il-kompetizzjoni. Jekk ir-regoli dwar il-kompetizzjoni, u b'mod partikolari ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, humiex applikabbli ma jiddependix fuq l-istatus legali jew l-għamla tal-entita li tipprovdi SIEĠ, iżda fuq il-karattru "ekonomiku" tal-attività mwettqa minn dik l-entità (para. 9 tal-Komunikazzjoni). Skont il-ġurisprudenza stabbilita, kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta' prodotti u/jew servizzi f'suq partikolari hija attività ekonomika skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni (għal eżempji ta' attivitajiet ekonomiċi skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 25). Konsegwentement, jekk il-finanzjament pubbliku ta' attività ekonomika mwettqa minn entità in-house skont it-tifsira tar-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt jissodisfa l-

[85] Jiġifieri, 1) it-trasferiment ta' riżorsi u l-imputabilità lill-Istat, 2) l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u t-tfixkil tal-kompetizzjoni, u 3) l-għamla selettiva tal-miżura inkwistjoni.

kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) tat-TFUE[86] u ma jissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fis-sentenza Altmark (għal dawn il-kundizzjonijiet, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 61), ikunu applikabbli r-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat (ara l-paragrafi 13 u 37 tal-Komunikazzjoni).

F'dan il-kuntest, wieħed għandu jżomm f'rasu li meta t-trasferimenti finanzjarji jsiru fi ħdan strutturi tal-Istat (mill-iItat għal reġjuni, jew minn dipartiment għal muniċipalitajiet, pereżempju) purament b'konformità mat-trasferiment ta' setgħat pubbliċi u b'mod li ma jkunx relatat mal-ebda attività ekonomika, ma hemm l-ebda trasferiment ta' riżorsi tal-Istat lill-impriża, u dan ifisser li ma hemm l-ebda Għajnuna mill-Istat (ara l-mistoqsija 43).

### *45. X'inhuma l-konsegwenzi jekk il-kumpens għal SIEĠ tabilħaqq jitqies Għajnuna mill-Istat?*

Il-fatt li kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat **ma jfissirx li kumpens bħal dan huwa projbit.** Dan il-kumpens huwa kompatibbli mat-TFUE meta jiġu ssodisfati[87] l-kundizzjonijiet speċifikati fid-Deċiżjoni[88] jew il-Qafas[89].

### *3.2.2 L-att ta' inkarigu*

### *46. X'inhu l-għan ta' "att ta' inkarigu"?*

Att ta' inkarigu (ara l-para. 51 *et seq*. tal-Komunikazzjoni) huwa l-att li jinkariga lill-impriża kkonċernata bil-forniment ta' SIEĠ u jistabbilixxi l-għamla tal-kompitu kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet operazzjonali ġenerali tas-SIEĠ. Hemm bżonn ta' assenjament tas-servizz pubbliku sabiex jiġu ddefiniti l-obbligi tal-impriża u tal-Istat. Fin-nuqqas ta' att bħal dan, il-kompitu speċifiku tal-impriża ma jkunx magħruf u ma jkunx jista' jiġi ddeterminat kumpens ġust.

### *47. X'tipi ta' atti ta' inkarigu jitqiesu adegwati?*

Inkarigu skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u skont it-tifsira tas-sentenza Altmark jeħtieġ biss li l-att ta' inkarigu jieħu l-forma ta' att wieħed jew iktar b'forza legali vinkolanti skont il-liġi nazzjonali. L-għamla speċifika tal-att (jew atti) tista' tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru, skont, fost l-oħrajn, affarijiet oħra fuq l-organizzazzjoni politika u/jew amministrattiva tiegħu.

---

86 Jiġifieri, 1) vantaġġ ekonomiku 2) effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tfixkil tal-kompetizzjoni, u 3) l-għamla selettiva tal-miżura inkwistjoni.

87 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat taħt il-forma ta' kumpens għas-servizzi pubbliċi mogħti lil ċerti impriżi inkarigati bil-ġestjoni ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

88 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Qafas tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens ta' servizz pubbliku (2011), ĠU C 8, 11.1.2012, p. 15.

89 Fis-settur tat-trasport bl-art, din il-kompatibilità hija rregolata mir-Regolament 1370/2007. Fir-rigward tat-trasport bl-ajru u marittimu, din il-kompatibilità tista' tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Linji Gwida tal-Komunità dwar il-finanzjament ta' ajruporti u għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 94/C 350/07 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat fis-settur tal-avjazzjoni, ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5, jew il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu, ĠU C 13, 17.1.2004. Id-Deċiżjoni u l-Qafas dwar is-SIEĠ japplikaw ukoll għat-trasport bl-ajru u marittimu..

Skont ir-regoli bażiċi tal-liġi amministrattiva, kull awtorità pubblika lokali, reġjonali jew ċentrali għandha bżonn bażi legali sabiex tiddefinixxi SIEĠ u tiffinanzjah. Konsegwentement, il-kunċett ta' att ta' inkarigu jista' jikkorrispondi sew għall-bażi legali li l-awtorità pubblika kkonċernata tagħżel f'kull każ bid-diskrezzjoni tagħha stess. Ma hemmx bżonn li dan l-att iġorr it-titlu tal-att ta' inkarigu. Lanqas ma hemm bżonn li l-Istati Membri jistabbilixxu qafas legali speċjali biex jadottaw l-hekk imsejħa "atti ta' inkarigu".

Għaldaqstant ma hemmx att ta' inkarigu "li jaqbel għal kulħadd"; jiddependi kemm fuq l-awtorità pubblika li tinkariga s-servizz kif ukoll fuq l-attività kkonċernata.

Ta' min jinnota li skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti fir-rigward ta' att ta' inkarigu huma pjuttost bażiċi: dan ma jeskludix il-possibilità li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jżidu iktar dettalji mal-att ta' inkarigu, bħal, pereżempju, rekwiżiti tal-kwalità. Madankollu, ċerti elementi jridu jiġu speċifikati fl-att ta' inkarigu, bħall-kontenut u d-durata tal-obbligu, il-parametru għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens u l-arranġamenti biex jiġi evitat u rkuprat kwalunkwe kumpens żejjed (para. 52 tal-Komunikazzjoni). Meta l-Għajnuna mill-Istat għal SIEĠ tingħata skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas, ir-rekwiżiti għall-att ta' inkarigu huma stabbiliti b'mod espliċitu u b'dettalji addizzjonali fl-Art. 4 u l-para. 16 rispettivament (jiġifieri: l-impriża u, fejn applikabbli, it-territorju kkonċernat; l-għamla ta' kwalunkwe drittijiet esklussivi mogħtija lill-impriża mill-awtorità awtorizzanti; deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' kumpens; referenza għad-Deċiżjoni).

Approvazzjoni jew awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità pubblika lill-fornitur ta' servizzi, li tawtorizza l-forniment ta' ċerti servizzi, ma tikkorrispondix għall-kunċett tal-att ta' inkarigu. Dan għaliex ma toħloqx obbligu għall-operatur sabiex jipprovdi s-servizzi kkonċernati, iżda tippermettilu biss jeżerċita attività ekonomika billi joffri ċerti servizzi f'suq. Eżempju jista' jkun l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-operatur biex jiftaħ ċentru għall-indukrar tat-tfal jew ċentru għall-anzjani fuq il-bażi biss tal-konformità tal-operatur mar-regoli dwar is-saħħa pubblika, is-sikurezza jew il-kwalità.

**Eżempji ta' atti ta' inkarigu:**

- Kuntratt ta' konċessjoni[90] u kuntratt pubbliku ta' servizz
- Kuntratti tal-programm ministerjali[91]
- Struzzjonijiet ministerjali[92]
- Liġijiet[93] u Atti[94]
- Kuntratti tal-prestazzjoni annwali jew pluriennali[95]
- Digrieti leġiżlattivi[96] u kull xorta ta' deċiżjoni regolatorja, kif ukoll deċiżjonijiet jew atti muniċipali.

[90] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 562/05 - L-Italja - Proroga della durata della concessione della Società Italiana del Traforo del Monte Bianco (SITMN), ĠU C 90, 25.4.2007, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N562_2005

[91] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża NN 51/06 - L-Italja - Poste Italiane SpA: kumpens mill-Istat Membru għall-obbligi tas-servizz postali universali 2000-2005, ĠU C 291, 30.11.2006, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_NN51_2006

## 48. *Hemm bżonn ta' att ta' inkarigu għal SSIĠ?*

Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni japplikaw għal servizzi ta' interess ġenerali li huma ekonomiċi fl-għamla tagħhom (fir-rigward tal-kunċett ta' attività ekonomika għall-fini tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 25). Il-fatt li l-attività inkwistjoni tista' tissejjaħ "soċjali" mhuwiex minnu nnifsu biżżejjed biex tiġi evitata klassifikazzjoni bħala "attività ekonomika" skont it-tifsira ta' dawn ir-regoli. B'hekk, peress li l-inkarigu huwa wieħed mill-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex il-kumpens tas-servizz pubbliku jkun kompatibbli mat-Trattat, huwa obbligatorju għall-operaturi li huma responsabbli għas-SIEĠ, inklużi s-SSIĠ ta' għamla ekonomika.

## 49. *Liema awtoritajiet huma intitolati jinkarigaw kumpanija b'SIEĠ? L-awtoritajiet muniċipali għandhom din il-kompetenza?*

Hija kwistjoni ta' liġi nazzjonali li l-awtoritajiet huma intitolati jinkarigaw kumpanija b'SIEĠ. Il-liġi tal-UE ma tistabbilixxi l-ebda limiti f'dan ir-rigward. B'mod ġenerali, kwalunkwe awtorità li għandha kompetenza biex tiddefinixxi u tiffinanzja SIEĠ ikollha wkoll il-kompetenza li tinkariga impriża bil-forniment ta' dan is-SIEĠ.

## 50. *Il-fornitur innifsu tas-SIEĠ, li spiss ikollu għarfien speċifiku, jista' jiddefinixxi l-kontenut tal-att ta' inkarigu?*

F'ċerti Stati Membri, ġieli l-fornituri jiżviluppaw u jipproponu servizzi li mbagħad jiġu diskussi mill-awtoritajiet pubbliċi u ffinanzjati minnhom. Il-kunċett ta' att ta' inkarigu fl-Artikolu 106(2) TFUE u l-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat inġenerali ma fih ebda limitu fuq l-involviment tal-fornitur fit-tfassil tal-att ta' inkarigu. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar jekk jiġix inkarigat il-fornitur trid tkun tal-awtorità pubblika. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat, pereżempju, bl-approvazzjoni tal-proposta tal-fornitur (il-para. 53 tal-Komunikazzjoni; fuq din il-kwistjoni ara wkoll il-mistoqsija 59).

## 51. *Il-kunċett ta' att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) TFUE u tal-pakkett tas-SIEĠ jikkorrispondi għall-kunċett ta' "fornitur mandat mill-Istat" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*

Le. Il-kunċett ta' att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE u l-pakkett tas-SIEĠ u dak ta' "fornituri li għandhom mandat mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi huma żewġ kunċetti li jaqblu, peress li jippresupponu l-eżistenza ta' obbligu li l-fornitur tas-SIEĠ iforni s-servizz. L-eżistenza ta' obbligu ta' forniment hija element essenzjali taż-żewġ kunċetti.

---

92 Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 166/05 - Ir-Renju Unit - Finanzjament ta' appoġġ għan-netwerk rurali tal-gvern lil Post Office Limited, ĠU C 141, 16.6.2006, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N166_2005

93 Sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-Kawża T-289/03 *BUPA u Oħrajn* v *Il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-741, paragrafi 182 and 183. Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża NN 8/07 – Spanja – Financiamento de las medidas de reducción de plantilla de RTVE, ĠU C 109, 15.5.2007, http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/register/ii/doc/NN-8-2007-WLWL-7.3.2007.pdf.

94 Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 395/05 – L-Irlanda – Garanziji għal self għal skemi tal-infrastruttura soċjali ffinanzjati mill-Housing Finance Agency (HFA), ĠU C 77, 5.4.2007, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N395_2005

95 Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża C 24/2005 – Franza – Laboratoire national de métrologie et d'essais, ĠU L 95, 5.4.2007, p. 25.

96 Ara s-sentenza tal-Qorti (It-Tielet Awla) fil-Kawża C-451/03 *Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti* v *Giuseppe Calafiori* [2006] Ġabra I-2941.

Min-naħa l-oħra, iż-żewġ kunċetti għandhom funzjonijiet differenti. L-ewwel kunċett huwa wieħed tal-prekondizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati qabel ma l-kumpens tas-servizz pubbliku jkun jista' jitqies bħala konformi mal-kundizzjonijiet tal-każistika *Altmark* jew bħala kompatibbli mal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, u possibilment eżentat min-notifika (jekk jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni), filwaqt li t-tieni kunċett għandu l-għan li jfassal il-limiti tal-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjoni ta' ċerti servizzi soċjali mill-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi.

B'hekk, skont il-pakkett tas-SIEĠ, l-att ta' inkarigu jikkorrispondi għall-att li jinkariga impriża bil-forniment ta' SIEĠ. F'dan il-każ, minbarra t-twaqqif ta' obbligu għall-forniment tas-servizz, kif indikat iktar 'il fuq, l-att ta' inkarigu jrid jiddefinixxi wkoll, fost l-oħrajn, l-għamla u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-entitajiet inkarigati bil-forniment tas-servizzi, il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens, u s-salvagwardji biex jiġi evitat kumpens żejjed (ara wkoll il-mistoqsijiet 46 u 47).

Fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-Kummissjoni tieħu l-pożizzjoni li sabiex fornitur jitqies bħala li għandu "mandat mill-Istat" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j), irid ikun obbligat jipprovdi servizz inkarigat lilu mill-Istat. Fornitur b'obbligu li jipprovdi servizz, pereżempju minħabba proċedura tal-akkwist pubbliku jew konċessjoni ta' servizz, jista' jitqies bħala fornitur li għandu "mandat mill-Istat" skont it-tifsira tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Dan japplika wkoll għal kull xorta oħra ta' miżura meħuda mill-Istat diment li tinvolvi obbligu sabiex il-fornitur inkwistjoni jforni s-servizz.

B'konsegwenza ta' dan, anki operatur li jirċievi att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-pakkett tas-SIEĠ ser jitqies bħala li għandu "mandat" skont it-tifsira tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-att ta' inkarigu ser ikun jeħtieġ, mingħajr dubju, konformità ma' kundizzjonijiet oħrajn, relatati b'mod partikolari mal-mekkaniżmi implimentati sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna riċevuta ma taqbiżx l-ispejjeż imġarrba mill-fornitur tas-servizz.

***52. Dan li ġej jikkostitwixxi att ta' inkarigu skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u d-Direttiva dwar is-Servizzi: deċiżjoni minn awtorità pubblika reġjonali li tiddefinixxi servizz soċjali ta' taħriġ vokazzjonali ta' interess ġenerali u li tinkariga bil-ġestjoni ta' dan is-servizz lil entità waħda jew iktar ta' taħriġ?***

Deċiżjoni minn awtorità pubblika reġjonali, b'setgħa legali vinkolanti skont il-liġi nazzjonali, li tiddefinixxi (a) l-għamla u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku, (b) l-impriża jew l-impriżi inkarigati b'dawn l-obbligi u t-territorju kkonċernat, (c) l-għamla ta' kwalunkwe dritt esklussiv jew speċjali mogħti lill-impriża/i, (d) il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens, u (e) l-arranġamenti sabiex jiġi evitat u jintradd lura kwalunkwe kumpens żejjed, tista' tikkostitwixxi att ta' inkarigu skont it-tifsira tad-Deċiżjoni (ara wkoll il-mistoqsija 47 iktar 'il fuq).

Deċiżjoni bħal din, li tikkostitwixxi att ta' inkarigu skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, tikkostitwixxi wkoll att li jagħti mandat lill-fornitur skont it-tifsira tad-Direttiva dwar is-Servizzi għaliex toħloq obbligu fuq l-impriża/i inkwistjoni biex tforni s-servizz.

Min-naħa l-oħra, jekk id-deċiżjoni inkwistjoni timponi obbligu ta' forniment tas-servizz iżda ma tinkludix l-elementi msemmija iktar 'il fuq, din tkun qed tikkostitwixxi att li jagħti mandat lill-fornitur skont it-tifsira tad-Direttiva dwar is-Servizzi iżda mhux att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-pakkett tas-SIEĠ.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, ara t-taqsima 7.

53. ***Fil-każ ta' SIEĠ ikkofinanzjat minn bosta awtoritajiet pubbliċi, hemm bżonn li kull waħda mill-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati tadotta l-att ta' inkarigu tagħha stess jew hu possibbli li, meta jingħata l-kumpens, issir referenza għall-att ta' inkarigu maħruġ mill-awtorità "mexxejja" jew li torganizza tas-SIEĠ?***

Mill-perspettiva tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, ma hemm l-ebda mudell ta' att ta' inkarigu; dan l-att irid jiġi adattat għal-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, li fih irid jistabbilixxi l-obbligu tal-fornitur magħżul għall-forniment tas-servizz. B'hekk, il-kwistjoni dwar jekk att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-pakkett tas-SIEĠ, adottat minn awtorità pubblika "mexxejja" bħal reġjun, hijiex valida wkoll għal awtoritajiet oħrajn (pereżempju muniċipalità jew reġjun ieħor) hija kwistjoni tal-liġi nazzjonali.

| **Eżempji ta' atti li jistgħu jikkostitwixxu "att ta' inkarigu" skont it-tifsira tal-pakkett tas-SIEĠ fil-każ ta' SSIĠ/SIEĠ ikkofinanzjat minn bosta awtoritaiet pubbliċi:**<br><br>• Att maħruġ minn reġjun u mbagħad approvat b'deċiżjoni tal-kunsill muniċipali; id-deċiżjoni ta' approvazzjoni tista' tikkostitwixxi wkoll att ta' inkarigu mill-muniċipalità kkonċernata.<br><br>• Att ta' inkarigu maħruġ u approvat b'mod konġunt minn reġjun, distrett u muniċipalità jew minn żewġ muniċipalitajiet u żewġ reġjuni għal SIEĠ partikolari sabiex jiġi pprovdut minn fornitur speċifikat wieħed jew iktar. |
|---|

Bħala regola ġenerali, ladarba att ta' inkarigu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet stipulati fil-para. 52 tal-Komunikazzjoni, il-forma magħżula tal-att legali u n-numru ta' awtoritajiet pubbliċi kkonċernati ma jaffettwawx l-għamla tiegħu bħala att ta' inkarigu skont it-tifsira tal-pakkett tas-SIEĠ.

54. ***Meta awtorità pubblika tkun tixtieq tinkariga bosta SIEĠ lil fornitur ta' servizzi wieħed jew iktar, hemm bżonn li dik l-awtorità tadotta bosta atti li jikkorrispondu għas-SIEĠ individwali?***

Le. M'hemmx bżonn li jiġu adottati bosta atti ta' inkarigu, b'kull wieħed jikkorrispondi għal SIEĠ jew fornitur ta' servizzi partikolari. Minkejja dan, l-att ta' inkarigu jrid jindika l-għamla, id-durata u dettalji meħtieġa oħrajn ta' kull obbligu ta' servizz pubbliku impost fuq kull operatur mill-awtorità pubblika. M'hemmx bżonn li jiġi speċifikat kull servizz individwali jekk il-kontenut u l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull SIEĠ ikunu preċiżi biżżejjed.

55. ***L-att ta' inkarigu għandu jispeċifika "kompitu" jew "attivitajiet speċifiċi" li jridu jitwettqu?***

L-att ta' inkarigu ma għandux għaliex jispeċifika kull attività involuta fil-forniment ta' SIEĠ.

Meta ma jkunx possibbli li s-servizzi jiġu deskritti b'iktar preċiżjoni, tista' tiġi aċċettata definizzjoni wiesgħa tal-kompitu tas-servizz pubbliku, diment li l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompitu jiġi stipulat biċ-ċar. Minkejja dan, iktar ma att ta' inkarigu jiddefinixxi bi preċiżjoni l-kompitu assenjat, aktar se jkun għoli l-livell ta' protezzjoni minn appell skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat (pereżempju minn kompetituri) għall-kumpens mogħti.

Huwa wkoll f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi, u fl-aħjar interess tagħhom, li jiċċaraw kif ser jitwettqu l-kompiti tas-SIEĠ, pereżempju billi jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-kwalità.

***56. Kif għandu jiġu abbozzat att ta' inkarigu li jikkonċerna servizzi bħal SSIĠ li, minn naħa jridu jidhru globalment, u min-naħa l-oħra jridu jitfasslu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti individwali? L-att ta' inkarigu jrid jiddeskrivi kull servizz li għandu jiġi pprovdut?***

L-att ta' inkarigu jrid jispeċifika l-għamla u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-entitajiet inkarigati bil-forniment tas-servizzi, il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens (iżda mhux l-ammont eżatt ta' kumpens li għandu jingħata), u s-salvagwardji implimentati biex jiġi evitat kumpens żejjed.

Mhux dejjem ikun hemm bżonn li fl-att ta' inkarigu jiġi inkluż kull tip ta' servizz li għandu jiġi pprovdut. Pereżempju, m'hemmx bżonn li ssir referenza għal kull tip ta' servizz tal-kura tas-saħħa, u xi ħaġa bħal "assistenza medika ta' kuljum id-dar għall-anzjani fit-tali belt" tista' tkun biżżejjed. Madankollu, l-att ta' inkarigu trid tippermetti li ssir l-allokazzjoni korretta tal-ispejjeż bejn l-attivitajiet tas-SIEĠ u mhux tas-SIEĠ li l-fornitur ta' servizzi jista' joffri.

Ċerti tipi ta' SIEĠ, bħall-assistenza lill-anzjani jew nies żvantaġġati, jistgħu jeħtieġu tipi differenti ta' servizz fi ħdan il-qafas ta' kompitu ġenerali tas-servizz pubbliku. L-iskop tal-att ta' inkarigu mhuwiex li jiġi limitat il-mod li bih jiġi organizzat il-forniment ta' SIEĠ, iżda li jiġi stabbilit qafas ċar li fi ħdanu jiġi pprovduti dawk is-SIEĠ u l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi kkonċernati.

L-elementi li jridu jiddaħħlu f'att ta' inkarigu għall-fini tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat bl-ebda mod ma jillimitaw id-diskrezzjoni li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi meta jiddefinixxu u jorganizzaw is-SIEĠ tagħhom. L-Istati Membri u l-korpi pubbliċi għandhom marġni usa' ta' diskrezzjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-kompiti ta' servizz pubbliku li jixtieqũ jimplimentaw, u s-servizzi ddettaljati ferm/bi preċiżjoni li jagħmlu parti minn dawn il-kompiti mhux bilfors iridu jiġu speċifikati[97].

L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jmorru lil hinn mir-rekwiżiti bażiċi tal-att ta' inkarigu u jispeċifikaw kriterji li jixtiequ jistabbilixxu għall-fini ta' titjib tal-prestazzjoni tal-impriżi inkarigati b'SIEĠ.

**Eżempji:**

- Meta awtorità pubblika tkun tixtieq tistabbilixxi servizz ta' assistenza f'ċentri jew djar għall-anzjani, ser ikun biżżejjed li fl-att ta' inkarigu tispeċifika li l-fornitur tas-SSIĠ ikun ġie inkarigat bil-kompitu li jwaqqaf ċentru li ser jipprovdi l-assistenza meħtieġa, filwaqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-multipliċità tal-ħtiġijiet, b'mod partikolari, fejn ikun hemm bżonn, fil-livell mediku, psikoloġiku u soċjali jew, fil-każ ta' assistenza fid-djar, servizzi bħall-kura medika, il-kunsinna ta' ikel, servizzi ta' tindif tad-dar, eċċ.

- Meta awtorità pubblika tkun tixtieq tistabbilixxi ċentru ta' appoġġ għaż-żgħażagħ qiegħda, ser ikun biżżejjed li tispeċifika li l-fornitur ta' servizzi ġie

[97] Ta' min jinnota li l-marġni usa' ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom fid-definizzjoni tal-kompiti tas-servizz pubbliku tagħhom dejjem huwa soġġett għal kontroll għal żball ċar mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja (ara fid-dettall il-mistoqsijiet 6 u 7 iktar 'il fuq).

inkarigat bil-kompitu li jorganizza servizz ta' appoġġ għaż-żgħażagħ qiegħda li ser jipprovdi t-taħriġ meħtieġ iżda ser jinkludi wkoll servizzi oħrajn direttament marbutin mar-riintegrazzjoni effettiva tal-persuni li jkunu qed jiġu assistiti.

**57. *Fi tmiem perjodu ta' inkarigu, l-istess SIEĠ jista' jerġa' jiġi inkarigat lill-istess kumpanija?***

Iva. L-istess fornitur jista' jerġa' jiġi inkarigat bl-istess SIEĠ. Dan huwa minnu wkoll jekk ikunu japplikaw id-Deċiżjoni jew il-Qafas, li jistabbilixxu limiti speċifiċi fir-rigward tad-durata tal-perjodu ta' inkarigu.

Jekk l-inkarigu jikkonsisti f'kuntratt jew konċessjoni pubbliċi u jkunu japplikaw ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, fil-prinċipju, l-awtorità pubblika trid torganizza proċedura ta' offerti ġdida, li ovvjament tkun miftuħa wkoll għall-fornitur eżistenti.

**58. *Kif għandu jitfassal att ta' inkarigu li jikkonċerna servizzi li jridu jiġu adattati fil-proċess tal-kunsinna għal ċirkostanzi li jinbidlu f'termini ta' intensità tal-kura, profili tal-utenti u numri tal-utenti?***

Sikwit, l-awtoritajiet pubbliċi u l-fornituri ta' servizzi jkollhom esperjenza fis-servizzi personalizzati u l-ħtiġijiet speċifiċi li jistgħu jinqalgħu matul il-forniment tas-SIEĠ, u fis-sitwazzjonijiet li jinbidlu li jistgħu jseħħu. Fuq il-bażi tal-esperjenza tagħhom, jistgħu joħorġu stima ta' min joqgħod fuqha ta' kwalunkwe ħtiġijiet oħrajn li jistgħu jinqalgħu u jirriflettu din l-istima fl-att ta' inkarigu.

Hemm żewġ alternattivi:

- Fl-att ta' inkarigu, l-awtorità pubblika tista' tinkludi mekkaniżmu ta' korrezzjoni *ex post* li ser jippermetti li ssir reviżjoni perjodika tal-kompitu inkarigat[98].
- L-awtorità pubblika tista' taġġorna l-att ta' inkarigu jekk jidher biċ-ċar li servizz speċifiku ma kienx previst iżda jista' jiġi fornit mill-istess entità.

**Eżempju:**

Muniċipalità tixtieq tipprovdi servizzi integrati li jkopru l-bosta ħtiġijiet tal-anzjani (assistenza medika d-dar, kunsinna tal-ikel, servizzi ta' tindif tad-dar, eċċ.). X'għandu jsir biex jiġi żgurat li l-muniċipalità tkun tista' tikkumpensa lill-fornitur ta' servizzi għall-forniment ta' servizzi oħrajn li jwieġbu għall-ħtiġijiet li ma kinux previsti fil-bidu?

Kif ġie indikat iktar 'il fuq, il-muniċipalità tista' toħroġ stima ta' servizzi addizzjonali bħal dawn mill-esperjenza tagħha fl-imgħoddi fil-qasam, jew tiddefinixxi mekkaniżmi ta' korrezzjoni *ex post* għat-tali ħtiġijiet. Pereżempju, jekk l-att ta' inkarigu inizjali jikkonsisti f'kuntratt ta' appalt, ġeneralment l-istima ta' servizzi oħrajn ser tieħu l-forma ta' għażla għal servizzi addizzjonali possibbli indikati fl-offerta inizjali.

---

98 Dwar dan il-punt, ara d-Deċiżjoni tal-Kumment fil-kawżi N 541/04 u N 542/04 – Il-Pajjiżi l-Baxxi – Sistema ta' ugwalizzazzjoni tar-riskji u ż-żamma ta' riżervi, ĠU C 324, 21.12.2005, http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N541_2004 http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_N542_2004

Fil-prinċipju, il-muniċipalità tista' wkoll taġġorna l-att ta' inkarigu jekk jidher biċ-ċar li ma kienx previst servizz speċifiku u li dan jista' jiġi fornit mill-istess korp. Madankollu, jekk l-att ta' inkarigu inizjali kkonsista f'kuntratt ta' appalt jew konċessjoni u l-offerta inizjali ma pprevedietx alternattiva għal servizzi addizzjonali, l-awtorità kontraenti ma tkunx tista' timmodifika l-kuntratt jew il-konċessjoni pubbliċi matul it-twettiq tiegħu (f'dan ir-rigward ara t-tweġiba għall-mistoqsija 205 iktar 'l isfel), iżda, fil-prinċipju, ikollha bżonn torganizza proċedura tal-offerti ġdida, ovvjament b'din il-proċedura ta' offerti li tkun miftuħa wkoll għall-fornitur tas-servizzi inizjali.

***59. Ir-rekwiżit ta' att ta' inkarigu jillimita l-awtonomija u l-libertà tal-fornituri ta' servizzi tal-bidu?***

Le. Ir-rekwiżit relatat ma' att ta' inkarigu bl-ebda mod ma jillimita l-awtonomija u l-libertà tal-inizjattiva tal-entitajiet li jipprovdu servizzi soċjali. Huma kompletament ħielsa li jieħdu l-inizjattiva fl-iżvilupp jew it-titjib ta' dawn is-servizzi u jagħmlu proposti lill-awtoritajiet pubbliċi.

Il-kunċett ta' att ta' inkarigu huwa flessibbli biżżejjed biex f'dan il-każ jikkorrispondi għad-deċiżjoni tal-awtorità pubblika li tapprova u tiffinanzja dawn il-proposti. Għaldaqstant, f'każ li awtorità pubblika tapprova proposta li ssir minn fornitur ta' servizzi, skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni, id-definizzjoni tal-kompitu tas-SIEĠ kif ukoll il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens u s-salvagwardji implimentati biex jiġi evitat kumpens żejjed iridu jiġu inklużi fil-kontenut tad-deċiżjoni/ftehim jew fil-kuntratt imfassal bejn l-awtorità pubblika u l-fornitur ta' servizzi.

***60. Ir-rekwiżit ta' att ta' inkarigu jillimita l-awtonomija tal-fergħat lokali ta' fornitur tas-SIEĠ li għandu mandat kif xieraq fil-livell nazzjonali meta jfassal prijoritajiet?***

Diment li fornitur jiġi assenjat lilu SIEĠ fil-livell nazzjonali fuq il-bażi ta' att ta' inkarigu li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-para. 52 tal-Komunikazzjoni, il-fergħat lokali tal-fornitur jistgħu jistabbilixxu prijoritajiet fi ħdan il-limiti tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-att ta' inkarigu.

### *3.2.3 Kumpens ħieles minn għajnuna skont is-sentenza Altmark*

***61. Il-Qorti x'tiddikjara fis-sentenza Altmark?***

F'*Altmark*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kumpens tas-servizz pubbliku **ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat** skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE diment li jiġu ssodisfati erba' kriterji kumulattivi.

- L-ewwel nett, l-impriża li tirċievi jrid fil-fatt ikollha obbligi ta' servizz pubbliku biex tirrilaxxa, u l-obbligi jridu jkunu ddefiniti biċ-ċar.
- It-tieni nett, il-parametri li fuq il-bażi tagħhom huwa kkalkolat il-kumpens iridu jkunu ġew stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti.
- It-tielet nett, il-kumpens ma jistax ikun ogħla milli hemm bżonn biex ikopri parti mill-ispejjeż imġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku jew kollha kemm huma, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rikavati relevanti u qligħ raġonevoli.

- Fl-aħħar nett, meta l-impriża li għandha tirrilaxxa l-obbligi ta' servizz pubbliku, f'każ speċifiku, ma tintgħażilx skont proċedura tal-akkwist pubbliku li tippermetti għall-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi dawk is-servizzi bl-inqas spejjeż għall-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż li kienet iġġarrab impriża tipika mmexxija kif xieraq u mgħammra b'mod adegwat.

**Eżempji ta' każijiet li fihom il-Kummissjoni qieset li l-kriterji ta' *Altmark* ġew issodisfati u b'hekk il-kumpens ma kienx jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat:**

- Il-finanzjament ipprovdut għal skema ta' promozzjoni tal-investimenti biex tiġi żgurata sikurezza fil-provvista tal-elettriku fl-Irlanda ma tqisitx li hija Għajnuna mill-Istat;

– Il-forniment ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' riżerva tal-elettriku ġdida biex tlaħħaq mad-domanda għall-elettriku fi kwalunkwe żmien tas-sena, inklużi l-eqqel perjodi, tqies li huwa SIEĠ.

– Barra minn hekk, il-proċedura miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja ġiet organizzata b'tali mod li jiggarantixxi li ġew issodisfati t-tliet kundizzjonijiet l-oħrajn kollha kemm huma stabbiliti fid-deċiżjoni *Altmark*[99].

- Sussidji li ffinanzjaw infrastruttura ta' broadband fi Franza ma tqisux li huma għajnuna għaliex:

– Aċċess universali għal infrastruttura ta' broadband (u broadband b'veloċità għolja) għall-pajjiż sħiħ kien SIEĠ.

– Parametri speċifiċi ddefinixxew minn qabel l-ammont ta' kumpens fil-kuntratt ta' konċessjoni.

– Ma kien hemm l-ebda riskju ta' kumpens żejjed, peress li l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens kienu ddefiniti bi preċiżjoni fil-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju tal-operaturi, li kienu msawra fuq id-dejta speċifika pprovduta mill-awtorità pubblika stess. Raġuni oħra għaliex ma kien hemm l-ebda riskju ta' kumpens żejjed kien il-fatt li l-awtorità pubblika kienet ħtieġet li l-operaturi li kellhom jipprovdu s-servizz iwaqqfu kumpanija *ad hoc* għal dak il-għan, li tiggarantixxi n-newtralità tal-fornitur ta' servizzi kkonċernati; barra minn hekk, kien hemm klawżoli "better-fortune" f'każ li l-profitti jkunu ogħla minn livell partikolari.

– Il-ħtiġijiet tal-proġett u x'kellhom x'joffru l-kandidati ġew analizzati fil-fond u fid-dettall. Barra minn hekk, il-proċedura magħżula ppermettiet sabiex jintgħażel l-iktar kandidat effiċjenti li offra s-servizz bl-inqas spejjeż għall-komunità[100].

- Fil-kawża Dorsal, il-Kummissjoni qieset li r-raba' kriterju ta' Altmark kien issodisfat għaliex analiżi komparattiva ddettaljata tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-proġett

[99] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 475/2003 – L-Irlanda - Obbligu tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' elettriku ġdida għas-sigurtà tal-provvista, ĠU C 34, 7.2.2004, p. 8.

[100] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 381/2004 – Franza – It-twaqqif ta' infrastruttura ta' veloċità għolja fil-Pyrénées-Atlantiques, ĠU C 162, 2.7.2005, p. 5 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-għajnuna N 331/2008 – Franza – Broadband b'veloċità għolja fid-Dipartiment Hauts-de-Seine, http://ec.europa.eu/eu_law/state_aids/comp-2008/n331-08.pdf.

u l-offerti tal-kandidati kif ukoll il-proċedura kompetittiva nnifisha ppermettew sabiex jiġi stmat il-kumpens fuq il-bażi tal-ispejjeż li jiġġarrbu minn impriża mmexxija kif suppost u mgħammra b'mod adegwat[101].

- Il-Kummissjoni sabet li t-tariffi nominali mħallsa minn 'Cassa Depositi e Prestiti' – korp finanzjarju kkontrollat mill-Istat – lil 'Poste Italiane' ma tqisux li huma Għajnuna mill-Istat:

– Id-distribuzzjoni ta' kotba tat-tfaddil postali tqieset li hija SIEĠ.

– It-tariffa tas-suq kienet stima xierqa tal-livell ta' spejjeż li jiġġarrbu minn impriża tipika, immexxija kif suppost u mgħammra b'mod adegwat fl-istess settur, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rikavati u l-qligħ raġonevoli mir-rilaxx tal-obbligi tagħha. B'hekk kien issodisfat ir-raba' kriterju ta' *Altmark*[102].

**62.** ***Awtorità pubblika tista' tevita l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat billi torganizza proċedura ta' offerti, mingħajr ma tivverifika jekk humiex issodisfati l-kriterji kollha tas-sentenza Altmark?***

Le. Is-sentenza Altmark tal-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi erba' kundizzjonijiet kumulattivi li jridu jiġu ssodisfati sabiex il-kumpens għall-forniment ta' SIEĠ ma jkunx jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat. Minbarra dan, il-kuntratt u d-dokumenti tal-offerti jista' jkun fihom l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa kollha biex tiġi żgurata konformità mat-3 kundizzjonijiet l-oħrajn.

**63.** ***Il-forniment ta' SIEĠ għaliex għandu jiġi kkumpensat skont il-kriterju tal-"inqas spejjeż għall-komunità"? Dan ma jwassalx għall-forniment ta' servizz ta' kwalità baxxa?***

Ir-rekwiżit ta' proċedura tal-akkwist pubbliku li tippermetti li jsir il-forniment ta' servizz bl-"inqas spejjeż għall-komunità" ġie stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Altmark. Il-Kummissjoni tiċċara li l-"inqas spejjeż għall-komunità" hija idea usa' mill-inqas prezz u li proċedura tal-akkwist pubbliku mhux bilfors tfisser l-inqas prezz bħala l-kriterju tal-għoti biex tiġi ssodisfata l-ewwel alternattiva tar-raba' kriterju ta' Altmark. Il-para. 67 tal-Komunikazzjoni jiddikjara li l-"offerta l-iktar ekonomikament vantaġġuża tista' tintuża wkoll, diment li l-kriterji tal-għoti jkunu marbutin mill-qrib mas-suġġett tas-servizz li għandu jiġi fornut u jippermettu sabiex l-iktar offerta ekonomikament vantaġġuża tilħaq il-valur tas-suq. Dan il-kriterju jippremetti sabiex tittieħed f'kunsiderazzjoni firxa ta' elementi, inklużi kunsiderazzjonijiet tal-kwalità (minbarra dawk ipprovduti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għażla) u l-kriterji soċjali u ambjentali, iżda l-kriterji jridu jiġu ddefiniti minn qabel b'tali mod li jitħalla jkun hemm kompetizzjoni effettiva.

Barra minn hekk, ta' min jinnota li kumpens li ma jissodisfax ir-raba' kriterju Altmark, u li b'hekk jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat, xorta jista' jkun kompatibbli mal-

[101] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża N 382/2004 – Franza – It-twaqqif ta' infrastruttura ta' veloċità għolja fir-reġjun Limousin (Dorsal), ĠU C 230, 2.7.2005, p. 5, http://ec.europa.eu/competition/state_aid/cases/164637/164637_509484_51_2.pdf.

[102] Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-kawża C 49/06 – Poste Italiane – Banco Posta – Remunerazzjoni mħallsa għad-distribuzzjoni ta' prodotti finanzjarji tat-tfaddil postali, ĠU C 31, 13.2.2007.

Artikolu 106 tat-TFUE u eżenti min-notifika skont id-Deċiżjoni jew approvat mill-Kummissjoni wara notifika fuq il-bażi tal-Qafas.

***64. Tista' tagħti eżempju ta' sitwazzjoni li fiha mekkaniżmu ta' restituzzjoni (kif imsemmi fil-para. 67 tal-Komunikazzjoni) ikun xieraq?***

Mekkaniżmu ta' restituzzjoni hija dispożizzjoni li teħtieġ li l-fornitur iħallas lura kumpens f'ċerti ċirkostanzi. Meta jkun diffiċli li jiġi previst id-dħul li ser isir mill-forniment ta' servizz, mekkaniżmu ta' restituzzjoni fl-att ta' inkarigu jista' jkun għodda xierqa biex tnaqqas ir-riskju li l-fornitur jirċievi kumpens żejjed (jiġifieri jirċievi kumpens li jaqbeż l-ispejjeż netti inkluż qligħ raġonevoli, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-riskji involuti).

Ta' min jinnota li fil-każijiet li fihom il-fornitur jassumi riskju għoli (pereż. ċerti tipi ta' kuntratti ta' konċessjoni), il-livell ta' rikavati jista' jvarja minn (telf) negattiv għal ogħla mis-soltu. Dan mhux bilfors ifisser li fl-aħħar każ il-fornitur jirċievi kumpens żejjed, diment li l-livell ta' qligħ ikun għadu raġonevoli fir-rigward tal-livell ta' riskju. Madankollu, f'każijiet bħal dawn l-Istati Membri jistgħu jinkludu klawżola ta' restituzzjoni fil-mekkaniżmu ta' restituzzjoni sabiex jistabbilixxu limitu massimu fuq il-qligħ massimu li ser jitħallas.

***65. X'inhi proċedura miftuħa, skont it-tifsira tal-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni?***

Il-proċedura miftuħa msemmija fil-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni tfisser proċedura tal-akkwist pubbliku li fiha kwalunkwe attur ekonomiku interessat jista' jippreżenta offerta, kif iddefinita fl-Artikolu 1(11)(a) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 1(9)(a) tad-Direttiva 2004/17/KE.

***66. X'inhi proċedura ristretta skont it-tifsira tal-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni?***

Il-proċedura ristretta msemmija fil-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni tfisser proċedura tal-akkwist pubbliku li fiha kwalunkwe attur ekonomiku jista' jitlob sabiex jieħu sehem fiha u li fiha huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistednin mill-awtorità jew l-entità kontraenti li jistgħu jippreżentaw offerta, kif definita fl-Artikolu 1(11)(b) tad-Direttiva 2004/18/KE u l-Artikolu 1(9)(b) tad-Direttiva 2004/17/KE.

Fi proċeduri ristretti għal kuntratti ta' appalt koperti mid-Direttiva 2004/18/KE, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li ser jistiednu għall-offerti, diment li hemm disponibbli numru għoli biżżejjed ta' kandidati xierqa. Fl-avviż tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti jridu jindikaw ukoll l-għan u l-kriterji jew regoli nondiskriminatorji li beħsiebhom japplikaw, in-numru minimu ta' kandidati li beħsiebhom jistiednu (li jridu jkunu tal-inqas ħamsa) u, fejn xieraq, in-numru massimu. Fi kwalunkwe każ, in-numru ta' kandidati mistiedna jrid ikun għoli biżżejjed biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġenwina. L-awtoritajiet kontraenti jridu jistiednu numru ta' kandidati li tal-inqas jilħaq in-numru minimu stabbilit minn qabel. Meta n-numru ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u l-livelli minimi ta' ħila jonqos milli jilħaq in-numru minimu, l-awtorità kontraenti tista' tkompli bil-proċedura billi tistieden lil kwalunkwe kandidat bil-ħiliet meħtieġa. L-awtorità kontraenti tista' ma tinkludix fil-kuntest tal-istess proċedura lil atturi ekonomiċi oħrajn li ma weġbux għat-talba biex jieħdu sehem, jew kandidati li ma għandhomx il-ħiliet meħtieġa (ara l-Artikolu 44(3) tad-Direttiva 2004/18/KE).

Jeżistu regoli simili għal proċeduri ristretti għall-kuntratti fis-setturi tal-utilitajiet koperti mid-Direttiva 2004/17/KE (ara l-Artikolu 54 tad-Direttiva 2004/17/KE).

***67. Il-proċedura nnegozjata għaliex titqies li tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark f'ċirkostanzi eċċezzjonali?***

Il-proċedura nnegozjata b'pubblikazzjoni minn qabel (kif iddefinita fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2004/18/KE) tinvolvi n-negozjar mal-fornituri potenzjali tas-SIEĠ u għaldaqstant tagħti diskrezzjoni wiesgħa wisq lill-awtorità pubblika u tista' tillimita wkoll il-parteċipazzjoni tal-fornituri potenzjali interessati. Għal dawn ir-raġunijiet, tista' tissodisfa biss l-ewwel alternattiva tar-raba' kriterju ta' Altmark f'ċirkustanzi eċċezzjonali[103].

Rigward il-proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel (kif iddefinita fl-Artikolu 31 tad-Direttiva 2004/18/KE), din ma tinvolvix il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt u għaldaqstant, ma tipprovdix biżżejjed salvagwardji fir-rigard tal-pubbliċità u t-trasparenza biex tiġbed lill-fornituri potenzjalment interessati kollha. Għaladqstant, ma tistax tiġi żgurata l-għażla tal-fornitur li kapaċi jforni s-servizzi "bl-inqas spiża għall-komunità' (para. 66 tal-Komunikazzjoni).

Madankollu, ta' min jinnota li kumpens li ma jissodisfax ir-raba' kriterju ta' Altmark, u li b'hekk jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat, xorta jista' jkun għadu kompatibbli mal-Artikolu 106 tat-TFUE u eżenti min-notifika skont id-Deċiżjoni jew approvat mill-Kummissjoni wara notifika fuq il-bażi tal-Qafas.

***68. Jekk tiġi pprezentata offerta waħda biss, dik l-offerta qatt ma titqies biżżejjed biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz bl-inqas spiża għall-komunità jew jista' jkun hemm anki każijiet fejn l-offerta xorta tkun biżżejjed?***

Il-Komunikazzjoni (para. 68) tistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li proċedura li fiha tiġi ppreżentata offerta waħda biss, fil-prinċipju, mhijiex biżżejjed biex tiġi żgurata konformità mal-ewwel alternattiva tar-raba' kriterju ta' Altmark. Madankollu, dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm każijiet li fihom, minħabba salvagwardji partikolarment b'saħħithom fit-tfassil tal-proċedura, anki proċedura li fiha tiġi ppreżentata offerta waħda biss hija biżżejjed biex jiġi żgurat il-forniment tas-servizz "bl-inqas spiża għall-komunità". Madankollu, f'dawn is-sitwazzjonijiet, l-Istati Membri jingħatalhom il-parir li jinnotifikaw il-miżura, jekk il-miżura mhijiex eżenti skont id-Deċiżjoni.

***69. X'inhi r-relazzjoni bejn ir-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku u l-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat? Il-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat tista' twassal għall-obbligu li dejjem japplikaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku jekk fornitur jiġi inkarigat b'SIEĠ?***

Barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku. Stat Membru huwa ħieles fit-tfassil tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi nazzjonali tiegħu dwar l-akkwist pubbliku b'tali mod li dawk ir-regoli fil-prattika dejjem japplikaw jekk fornitur ikun inkarigat b'SIEĠ. Madankollu, jekk għalhekk Stat Membru jorbot il-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat u l-liġi dwar

[103] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N 381/04 — Franza, Projet de réseau de télécommunications haut débit des Pyrénées-Atlantiques, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 382/04 — Franza, Mise en place d'une infrastructure haut débit sur le territoire de la région Limousin (DORSAL).

l-akkwist pubbliku, din tkun deċiżjoni awtonoma tal-Istat Membru u mhux konsegwenza tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE.

70. ***X'jiġri jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li fihom element ta' negozjar jinbidel fir-riforma li għaddejja bħalissa tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku?***

Il-Komunikazzjoni tiddikjara b'mod espliċitu li l-gwida hija pprovduta għall-proċeduri u l-kriterji tal-għoti kif iddefiniti fid-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku li hemm fis-seħħ bħalissa. Diment li l-proċess leġiżlattiv għat-tfassil tar-regoli tal-ġejjieni dwar l-akkwist pubbliku huwa kurrenti u t-testi li jiġu adottati ma jkunux għadhom magħrufin, il-Komunikazzjoni ma tistax tagħti gwida dwar jekk xi proċedura li tvarja fil-kamp ta' applikazzjoni minn dawk previsti fid-Direttivi li hemm fis-seħħ tistax tiżgura l-forniment tas-servizzi "bl-inqas spiża għall-komunità'.

71. ***Xi tfisser eżattament 'remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata'? Opinjoni ta' espert wieħed tista' tkun biżżejjed biex tipprovaha?***

Il-Komunikazzjoni tiddikjara li remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata tipprovdi l-aħjar punt ta' riferiment għall-ammont ta' kumpens meħtieġ minn impriża effiċjenti (it-tieni alternattiva tar-raba' kriterju ta' Altmark). Remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata teħtieġ li s-servizzi tabilħaqq ikunu paragunabbli fl-aspetti kollha u għaldaqstant, dan huwa kunċett kemxejn strett. Il-Komunikazzjoni ma tidħolx fid-dettall dwar kif tista' tiġi ppruvata l-eżistenza ta' remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata għaliex dan jiddependi fuq il-partikolaritajiet kollha ta' kull sitwazzjoni individwali, b'mod partikolari fuq l-evidenza u l-metodoloġija użata fl-opinjoni tal-espert, il-kwalità tagħha u kemm hija rappreżentattiva u kemm hija riċenti. Għaldaqstant, mhijiex possibbli dikjarazzjoni ġenerali li opinjoni ta' espert wieħed hija evidenza biżżejjed biex tiġi stabbilita remunerazzjoni tas-suq ġeneralment aċċettata.

72. ***Stat Membru jista' juża spiża ta' referenza stabbilita minn qabel għall-fini ta' applikazzjoni tal-kriterju relatat mal-ispejjeż ta' impriża tipika mmexxija sew?***

L-Istati Membri għandhom l-għażla li jużaw spiża ta' referenza stabbilita minn qabel bil-għan li japplikaw it-tieni element tar-raba' kriterju ta' Altmark, diment li jistgħu jiġġustifikawha. Jekk jaslu għal din l-ispiża b'mod li wieħed jista' joqgħod fuqu, u din tkun ibbażata fuq dejta solida u tkun konformi mal-valuri tas-suq, tista' titqies li tikkorrispondi għall-'ispejjeż imġarrba minn impriża tipika li hija mmexxija sew u mgħammra kif suppost' skont it-tifsira tar-raba' kriterju ta' Altmark.

**Eżempji ta' prattika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ispejjeż ta' referenza**

- Il-kunsiderazzjoni mħallsa lil Poste Italiane għad-distribuzzjoni ta' kotba tat-tfaddil postali (*libretti postali*) kienet inqas mill-ammonti għal prodotti finanzjarji simili fis-suq; għaldaqstant, il-kumpens imħallas f'dan il-kuntest tqies li jissodisfa l-kriterju ta' impriża tipika, immexxija sew u mgħammra kif suppost, u ma kienx jikkostitwixxi għajnuna, filwaqt li t-tliet kriterji l-oħrajn ta' Altmark kienu ssodisfati wkoll[104].

  Madankollu,

- Fir-rigward tal-użu ta' spejjeż statistiċi determinati minn qabel ipprovduti mill-

[104] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna C 49/06, iċċitata iktar 'il fuq, paragrafi 85–93.

awtoritajiet Ċeki sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' kumpens, ma ġiet ipprovduta l-ebda prova li dawn l-ispejjeż kienu jirrappreżentaw dawk li kienu jiġġarrbu minn impriża tipika, immexxija sew u mgħammra kif suppost[105].

*73. X'inhuma l-konsegwenzi tal-applikazzjoni jew in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-kriterji ta' Altmark?*

Meta jiġu ssodisfati l-kriterji kollha ta' Altmark, il-kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat.

Meta ma jiġix issodisfat tal-inqas kriterju wieħed ta' Altmark, iżda jiġu ssodisfati l-kriterji l-oħrajn tal-Għajnuna mill-Istat[106], il-kumpens tas-servizz pubbliku jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat. Madankollu, jista' jkun għadu kompatibbli mal-Artikolu 106 tat-TFUE u eżenti min-notifika skont id-Deċiżjoni jew approvat mill-Kummissjoni wara notifika fuq il-bażi tal-Qafas.

### 3.3 Kumpens mingħajr għajnuna skont ir-Regolament *de minimis*

*74. X'inhi d-differenza bejn ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u r-Regolament ġenerali de minimis?*

Ir-Regolament ġenerali *de minimis* (ir-Regolament 1998/2006) jistipula li l-miżuri tal-għajnuna li ma jaqbżux il-EUR 200 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali għal kull impriża jaqgħu barra mill-kunċett ta' għajnuna (l-Artikolu 107(1) TFUE) għaliex jitqiesu li ma jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri u/jew li ma jfixklux u lanqas ma jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni. Dan ir-Regolament japplika jkun xi jkun l-iskop li għalih jingħata l-appoġġ, diment li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tar-Regolament.

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ jipprovdi għal livell limitu ogħla (EUR 500 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali għal kull impriża) fir-rigward ta' miżuri ta' għajnuna mogħtija għall-forniment ta' SIEĠ.

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ huwa bbażat fuq il-prinċipju li livell limitu ogħla huwa ġġustifikat għall-miżuri marbutin mal-forniment ta' SIEĠ għaliex tal-inqas parti mill-ammont tingħata bħala kumpens għal spejjeż addizzjonali marbutin mal-forniment tas-SIEĠ. B'hekk, il-vantaġġ potenzjali għall-fornitur tas-SIEĠ huwa inqas mill-ammont tal-kumpens li fil-fatt jingħata, filwaqt li skont ir-Regolament ġenerali *de minimis*, il-vantaġġ mill-istess ammont ikun ogħla. Għaldaqstant, il-limitu massimu li sakemm ma jinqabiżx ma jkun hemm l-ebda impatt fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa ogħla għal kumpens għal SIEĠ.

*75. Kif jista' jiġi żgurat li jiġi rrispettat il-limitu massimu ta' EUR 500 000? Hemm xi verifiki għall-konformità?*

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (bl-istess mod bħar-Regolament ġenerali *de minimis*) jipprovdi għal żewġ metodi alternattivi biex jiġi żgurat li l-ammont totali riċevut minn impriża jibqa' fi ħdan il-limitu massimu. Għażla minnhom hija li l-Istat Membru jistabbilixxi reġistru ċentrali tal-għajnuna *de minimis* kollha mogħtija mill-

[105] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-istat C 3/2008 (ex NN 102/2005) – ir-Repubblika Ċeka dwar il-kumpensi tas-servizz pubbliku għall-Kumpaniji tal-Karozzi tal-Linja ta' Moravia t'Isfel, ĠU L 97, 16.4.2009, paragrafi 82-83.

[106] Jiġifieri, (1) it-trasferiment ta' riżorsi tal-istat u imputabilità lill-istat, (2) effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u tfixkil tal-kompetizzjoni, u (3) l-għamla selettiva tal-miżura kkonċernata.

awtoritajiet kollha fi ħdan l-Istat Membru (l-Artikolu 3(2)). Inkella, l-awtorità awtorizzanti trid tikseb dikjarazzjoni mill-impriża dwar l-għajnuna *de minimis* kollha riċevuta biex jiġi vverifikat li l-limitu massimu huwa rrispettat (l-Artikolu 3(1)).

L-Istati Membri jridu jiġbru l-informazzjoni kollha relevanti dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija biex ikunu jistgħu juru konformità mar-Regolament. Il-Kummissjoni tista' titlob sottomissjoni tal-informazzjoni biex tivverifika jekk hemmx konformità mal-kundizzjonijiet kollha tar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (l-Artikolu 3(3)).

***76. Att ta' inkarigu skont it-tifsira tad-Deċiżjoni/Qafas huwa meħtieġ ukoll skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?***

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ japplika biss għall-għajnuna mogħtija għall-forniment ta' SIEĠ. Għaldaqstant, l-impriża benefiċjarja trid tiġi inkarigata b'SIEĠ speċifiku. Dan l-inkarigu ma jridx ikun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ jew il-Qafas dwar is-SIEĠ iżda, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, irid ikun bil-miktub u jrid jinforma lill-impriża tas-SIEĠ li fir-rigward tiegħu ngħata l-kumpens (ara l-premessa 6 tar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ).

***77. X'inhu l-vantaġġ tal-użu tar-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ meta mqabbel mad-Deċiżjoni?***

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ fih simplifikazzjonijiet f'żewġ aspetti ewlenin. L-ewwel nett, il-kundizzjonijiet kemm dwar l-inkarigu kif ukoll l-att ta' inkarigu huma eħfef (ara l-mistoqsija 76). It-tieni nett, ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ ma jeħtieġx verifika tal-ispejjeż imġarrba fil-forniment tas-servizz u b'hekk m'hemmx bżonn ta' xi verifika għall-kumpens żejjed.

***78. X'inhuma r-regoli dwar l-akkumulazzjoni ta' għajnuna mogħtija skont iż-żewġ Regolamenti de minimis? B'mod iktar speċifiku, impriża li rċeviet għajnuna de minimis ġenerali fl-aħħar snin, issa tista' tirċievi wkoll għajnuna de minimis għas-SIEĠ?***

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ jippermetti l-akkumulazzjoni ta' għajnuna *de minimis* għas-SIEĠ u għajnuna *de minimis* mogħtija skont Regolament ieħor li jaslu sal-limitu massimu ta' EUR 500 000 (l-Artikolu 2(7)). Dan ifisser, pereżempju, li jekk impriża diġà rċiviet EUR 150 000 fl-aħħar tliet snin fiskali, xorta tkun tista' tirċievi sa EUR 350 000 skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ.

Il-limitu massimu ta' EUR 500 000 għal kull impriża huwa massimu assolut għat-tipi kollha ta' għajnuna *de minimis* miżjuda flimkien. Japplika indipendentement minn jekk l-ammont mogħti skont ir-Regolament *de minimis* ġenerali ngħatax għal SIEĠ jew għal attività separata mhux ta' SIEĠ.

***79. X'inhuma r-regoli dwar l-akkumulazzjoni ta' kumpens mogħti skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u l-kumpens mogħti skont il-kriterji ta' Altmark?***

Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ ma jippermettix sabiex SIEĠ wieħed ikkumpensat b'konformità mal-kriterji ta' Altmark jirċievi wkoll għajnuna addizzjonali skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (l-Artikolu 2(8)). Għalhekk, biex tiġi evitata l-klassifikazzjoni ta' Għajnuna mill-Istat, l-ammont sħiħ tal-kumpens mogħti għal SIEĠ jew irid jilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti fis-sentenza Altmark jew ma jistax jaqbeż il-livell limitu *de minimis* tas-SIEĠ.

Jekk, min-naħa l-oħra, fornitur wieħed jiġi inkarigat b'bosta SIEĠ, jista' jiġi kkumpensat għal wieħed mis-SIEĠ skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ u, għas-SIEĠ l-oħrajn, jista' jirċievi kumpens li jissodisfa l-erba' kundizzjonijiet kollha kemm huma ta' Altmark.

***80. Kumpanija tista' tirċievi kumpens għal SIEĠ wieħed skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas, u għajnuna de minimis għal SIEĠ ieħor skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ?***

Iva. Ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ jistabbilixxi limitu massimu ta' EUR 500 000 għall-miżuri kollha skont dak ir-Regolament għal kull impriża, irrelevanti jekk jingħatawx għall-istess SIEĠ jew għal SIEĠ differenti. Jistipula wkoll li għall-istess SIEĠ, il-fornitur ma jistax jirċievi kumpens kemm skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas kif ukoll skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (l-Artikolu 2(8)), peress li dan iwassal għal kumpens żejjed. Għall-kuntrarju, huwa possibbli li jiġi riċevut kumpens skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas għal SIEĠ wieħed u għajnuna għal SIEĠ *de minimis* għal SIEĠ ieħor.

***81. Fornitur ta' servizzi li għal ċertu perjodu ta' żmien irċieva kumpens skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas jista' jiġi ffinanzjat għal perjodu ieħor ta' żmien skont ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ għall-istess servizz?***

Iva. Jekk għandhom x'jaqsmu perjodi differenti ta' żmien, l-ispejjeż imġarrba mill-fornitur tas-SIEĠ mhux diġà ġew ikkumpensati skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas u għaldaqstant, jista' jiġi applikat ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ. Madankollu, fornitur ma jistax jirċievi kumpens għall-istess servizz u l-istess perjodu ta' żmien skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas u skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (l-Artikolu 2(8)). Din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq il-fatt li r-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ jistabbilixxi livell limitu ogħla mir-Regolament *de minimis* ġenerali għaliex il-fornitur iġarrab spejjeż li għalihom l-għajnuna *de minimis* ser tikkumpensa għal tal-inqas parti minnhom, xi ħaġa li ma tibqax tapplika jekk l-istess spejjeż jingħata kumpens għalihom skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas (premessi 3 u 15). Lanqas ma hemm bżonn ta' kumpens addizzjonali skont ir-Regolament *de minimis*, jekk il-kumpens diġà jkun ingħata skont id-Deċiżjoni jew il-Qafas.

***82. Fornitur ta' servizzi jixtieq jistabbilixxi servizz ta' appoġġ għaż-żgħażagħ qiegħda li jeħtieġ appoġġ finanzjarju ta' EUR 150 000: ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat japplikaw għal għotja bħal din minn awtorità pubblika?***

Il-finanzjament ta' dan it-tip jista' jingħata mingħajr ma jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni, jekk l-ammont totali ta' riżorsi tal-Istat ipprovduti fuq perjodu ta' tliet snin ma jaqbiżx il-limitu massimu stabbilit fir-Regolament *de minimis* ġenerali (EUR 200 000) jew ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (EUR 500 000). Jekk l-ammont ma jaqbiżx dawn iż-żewġ limiti massimi, bħal fil-każ ta' dan l-eżempju, jistgħu jintużaw iż-żewġ Regolamenti (premessa 14). Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' wieħed miż-żewġ Regolamenti *de minimis*, appoġġ bħal dan ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE u ma jkollux għaliex jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni.

Għaldaqstant, awtorità pubblika tista' tagħmel għotja bħal din ta' ammont limitat mingħajr tħassib ieħor dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, anki meta l-attività li tkun trid tiġi ffinanzjata titqies li hija ekonomika.

Fiċ-ċirkostanzi kollha l-oħrajn, il-miżura xorta ser tibqa' kompatibbli jekk jiġu ssodisfati l-kriterji tad-Deċiżjoni.

***83. Awtorità pubblika tista' tiffinanzja inizjattiva pilota sabiex tiddefinixxi l-kontenut ta' kompiti ta' SIEĠ?***

Iva, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jniedu inizjattiva pilota sabiex jiddefinixxu l-kompitu tas-SIEĠ li jixtiequ jimplimentaw. Sabiex jiffinanzjaw inizjattivi pilota bħal dawn, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddependu biss fuq l-opportunitajiet offruti mir-Regolament *de minimis* ġenerali li jistabbilixxi li l-Artikolu 107(1) ma japplikax għall-għotja ta' għajnuna li ma taqbiżx il-EUR 200 000 fuq perjodu ta' tliet snin. Min-naħa l-oħra, ma jistgħux jużaw ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ, għaliex l-għajnuna ma tingħatax lill-fornitur tas-SIEĠ għal SIEĠ speċifiku, peress li fl-inizjattiva pilota l-kompiti tas-SIEĠ għadhom iridu jiġu ddefiniti.

***84. F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat skont ir-Regolament de minimis ġenerali jew ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ, l-ammont ta' EUR 200 000 / EUR 500 000 jirreferi għas-SIEĠ jew għall-impriża inkarigata bis-SIEĠ, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni attivitajiet oħrajn li għalihom l-impriża tirċievi riżorsi tal-Istat?***

Iż-żewġ limiti massimi japplikaw għall-impriża u mhux għal kull waħda mill-attivitajiet li għalihom l-impriża tirċievi riżorsi tal-Istat. Skont l-Artikolu 2(2)[107] tar-Regolament *de minimis* ġenerali, l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma jistax jaqbeż il-EUR 200 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. B'mod simili, skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ, l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda ma jistax jaqbeż il-EUR 500 000. Li huwa importanti huwa li l-istess impriża ma tistax tirċievi iktar minn EUR 200 000 / EUR 500 000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali.

***85. Fil-każ ta' korp inkarigat bil-forniment ta' bosta SIEĠ li jfassal kontijiet separati għal kull SIEĠ, huwa possibbli li tiġi applikata r-regola de minimis għal kull SIEĠ b'mod separat?***

Le. Biex japplikaw kemm għar-Regolament *de minimis* ġenerali kif ukoll għar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ, l-ammont totali tar-riżorsi tal-Istat, ikun xi jkun l-għan fil-mira, mogħti lil kwalunkwe impriża ma jistax jaqbeż il-EUR 200 000 / EUR 500 000. Minħabba dan, meta impriża jkollha numru ta' kompiti ta' interess ekonomiku ġenerali, l-ammont totali li tista' tirċievi skont ir-regola *de minimis* huwa ta' EUR 200 000 (skont ir-Regolament *de minimis* ġenerali) jew EUR 500 000 (skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ) fuq perjodu ta' tliet snin. Il-fatt li f'termini kontabilistiċi jeżistu baġits individwali għal dawn il-kompiti mhuwiex ta' importanza għall-applikazzjoni tar-regola *de minimis*.

***86. F'każ li korp inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ ikun impenjat ukoll f'attivitajiet mhux ekonomiċi, hemm bżonn li jnaqqas l-ammont ta' kumpens imħallas għas-SIEĠ mhux ekonomiċi għall-fini tar-Regolamenti de minimis?***

Le. Il-finanzjament ta' servizzi ta' interess ġenerali ta' għamla mhux ekonomika ma jaqax fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, li japplikaw biss għall-attivitajiet ta' għamla ekonomika. Għaldaqstant, il-finanzjament ta' kompiti mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali ma jitqiesx bħala finanzjament skont it-tifsira tar-

107 *Ibid.*

Regolamenti *de minimis* u m'hemmx bżonn li jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta l-ammont totali jiġi kkalkolat għall-fini ta' applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti.

***87. Il-baġit għan-nefqa tal-investiment marbuta ma' SSIĠ jista' jiġi riżervat fuq perjodu li jestendi minn sena għal bosta snin. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa possibbli li jiġu applikati r-Regolamenti de minimis?***

In-nefqa tal-investiment għal SSIĠ tista' tiġi ffinanzjata minn riżorsi pubbliċi skont ir-Regolamenti *de minimis* diment li dawk ir-riżorsi ma jaqbżux il-EUR 200 000 (skont ir-Regolament *de minimis* ġenerali) jew il-EUR 500 000 (skont ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ) fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin, ikun xi jkun il-perjodu ta' tliet snin ikkunsidrat, kif stabbilit fir-Regolamenti.

Fil-każ li r-riżorsi pubbliċi jaqbżu l-EUR 200 000 / EUR 500 000 fuq kwalunkwe tliet snin fiskali, dawn jistgħu jibbenefikaw mill-applikazzjoni tad-Deċiżjoni jew il-Qafas, diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità (għal dawn il-kundizzjonijiet, ara t-Taqsimiet 3.4.2 u 3.5.2).

***88. Ir-Regolament de minimis dwar is-SIEĠ u r-Regolament de minimis ġenerali japplikaw għall-fornituri ta' SIEĠ f'diffikultà?***

Le. La r-Regolament *de minimis* ġenerali (l-Artikolu 1(1)(h)) u lanqas ir-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ (l-Artikolu 1(2)(h)) ma japplikaw għal impriżi f'diffikultà skont it-tifsira tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ta' ditti f'diffikultà[108].

## 3.4 Kumpens skont id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ

### *3.4.1 Il-kamp ta' applikazzjoni*

***89. F'liema każijiet tapplika d-Deċiżjoni?***

**Id-Deċiżjoni tapplika għal:**

- kumpens tas-servizz pubbliku li ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun fuq bażi annwali, mogħtija għal SIEĠ f'oqsma li mhumiex it-trasport jew infrastruttura tat-trasport.
- kumpens tas-servizz pubbliku mogħti lil sptarijiet li jipprovdu kura medika, inklużi, fejn applikabbli, servizzi tal-emerġenza, ikun xi jkun l-ammont.
- kumpens tas-servizz pubbliku għall-forniment ta' SIEĠ li jaqdu ħtiġijiet soċjali fir-rigward tal-kura tas-saħħa u fit-tul, l-indukrar tat-tfal, l-aċċess għas-suq tax-xogħol u r-reintegrazzjoni fih, l-alloġġjar soċjali u l-indukrar u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli, ikun xi jkun l-ammont.
- fil-qasam tat-trasport, huwa biss kumpens tas-servizz pubbliku għal kollegamenti fl-ajru jew baħar ma' gżejjer mogħti skont regoli settorjali, li fuqhom it-traffiku ma jaqbiżx it-300 000 passiġġier; id-Deċiżjoni tapplika wkoll għal kumpens tas-servizz pubbliku għall-ajruporti u portijiet li t-traffiku annwali medju tagħhom matul is-sentejn finanzjarji ta' qabel dak li fih ġie assenjat is-SIEĠ ma jaqbiżx il-200 000 passiġġier fil-każ ta' ajruporti u 300 000 passiġġier fil-każ ta' portijiet.

---

[108] ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

3.4.1.1 Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun

***90. Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun għandu jiġi applikat bħala valur nett jew gross?***

Il-livell limitu għall-ammont ta' kumpens stabbilit fl-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni huwa ta' EUR 15-il miljun grossi (jiġifieri mingħajr kwalunkwe tnaqqis ta' taxxi).

***91. Il-livell limitu japplika għal kull inkarigu ta' SIEĠ jew għal kull impriża? X'jiġri jekk bosta impriżi jipprovdu SIEĠ b'mod konġunt?***

Il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun japplika għal kull SIEĠ speċifiku li impriża partikolari hija inkarigata bih.

Jekk impriża hija inkarigata bi tliet SIEĠ differenti, il-livell limitu japplika għal kull wieħed mis-SIEĠ (jiġifieri l-impriża tista' tirċievi kumpens totali sa massimu ta' EUR 45 miljun skont id-Deċiżjoni, diment li l-kumpens għal kull SIEĠ ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun). Jekk għall-istess SIEĠ jiġu inkarigati ħames impriżi b'mod konġunt, il-livell limitu japplika darba biss għall-kompitu speċifiku tas-SIEĠ (jiġifieri anki jekk l-ammont ta' kumpens għal kull impriża ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun, id-Deċiżjoni ma tapplikax jekk il-kumpens aggregat għas-SIEĠ imħallas lill-impriżi kollha jkun iktar minn EUR 15-il miljun).

3.4.1.2 L-isptarijiet u s-servizzi soċjali

***92. Hemm dispożizzjoni fuq attività anċillari fl-Artikolu 2(1)(b) għall-isptarijiet, iżda mhux fl-Artikolu 2(1)(c) għal servizzi soċjali. Dan ifisser li s-servizzi soċjali jitqiesu b'mod inqas favorevoli?***

Le. Ir-referenza għal attivitajiet anċillari fl-Artikolu 2(1)(b) tad-Deċiżjoni hija maħsuba sabiex tfisser li l-isptarijiet jaqgħu taħt id-deċiżjoni jkun xi jkun l-ammont tal-kumpens, anki jekk iwettqu attivitajiet anċillari oħrajn (bħal attività ta' riċerka jew kafetterija). Madankollu, il-kumpens jista' jitħallas biss għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali.

L-Artikolu 2(1)(c) għal servizzi soċjali ma fihx restrizzjoni għall-forrnituri ta' servizzi purament soċjali li bħala massimu għandhom attività kummerċjali anċillari. Għaldaqstant, il-forrnituri ta' servizzi soċjali jista' jkollhom attivitajiet oħrajn li huma iktar minn sempliċi anċillari, iżda jistgħu jirċievu kumpens għall-attivitajiet tas-SIEĠ biss. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni hija fil-fatt inqas ħarxa għal servizzi soċjali milli għal sptarijiet.

***93. Min jista' jiddefinixxi l-kontenut ta' "servizzi soċjali"?***

Il-lista ta' servizzi soċjali fl-Artikolu 2(1)(c) hija lista eżawrjenti. Peress li d-Deċiżjoni hija direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, m'hemmx għalfejn tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali. L-Istati Membri ma għandhomx il-kompetenza sabiex jadottaw leġiżlazzjoni li tista' tibdel jew tiċċara d-Deċiżjoni. Minkejja dan, diment li jibqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(1)(c), l-Istati Membri jistgħu ovvjament jispeċifikaw f'dettall ikbar fl-att ta' inkarigu dawk is-servizzi speċifiċi li jridu li jiġu pprovduti, pereżempju liema tipi ta' servizzi ta' indukrar tat-tfal, b'liema kundizzjonijiet u għal liema benefiċjarji. Id-definizzjoni ta' servizzi soċjali hija ferm wiesgħa u tkopri l-iktar oqsma importanti tas-servizzi soċjali. Barra minn hekk, billi tkopri wkoll is-SIEĠ relatati mal-"kura u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli", toffri l-flessibilità

meħtieġa biex skont il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru jiġu inklużi tipi differenti ta' servizzi indirizzati lil dawk il-gruppi tas-soċjetà li jeħtiġuhom l-iktar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali jistgħu jintalbu jiddeċiedu jekk għajnuna hijiex illegali jew jekk taqax taħt id-dispożizzjoni ta' eżenzjoni tal-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni. Madankollu, ma jistgħux jibdlu l-kontenut tad-Deċiżjoni.

94. ***Għaliex il-lista ta' servizzi soċjali eżenti fid-Deċiżjoni hija eżawrjenti? X'jiġri jekk Stat Membru jixtieq jinkariga lil fornitur ta' servizzi b'servizz soċjali ta' interess ġenerali li mhuwiex kopert minn din il-lista?***

Peress li d-Deċiżjoni hija direttament applikabbli fl-Istati Membri, hemm bżonn li jkun fiha definizzjonijiet ċari u preċiżi, billi tiżgura ċertezza legali. Għaldaqstant, il-miżuri ta' għajnuna eżenti jridu jiġu ddefiniti b'mod komprensiv. Madankollu, id-definizzjoni ta' servizzi soċjali hija ferm wiesgħa u tkopri l-iktar oqsma importanti tas-servizzi soċjali. Barra minn hekk, billi tinkludi wkoll is-SIEĠ relatati mal-"kura u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli" hija tagħti l-flessibilità meħtieġa biex skont il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru jiġu inklużi tipi differenti ta' servizzi indirizzati lil dawk il-gruppi tas-soċjetà li jeħtiġuhom l-iktar. Jekk servizz soċjali partikolari ma jkunx kopert mid-definizzjoni ta' servizzi soċjali fl-Artikolu 2(1)(c), il-kumpens xorta jista' jkun eżenti min-notifika skont l-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni, diment li l-kumpens ma jaqbiżx ammont annwali ta' EUR 15-il miljun.

95. ***Il-lista ta' servizzi soċjali fid-Deċiżjoni kif tista' tkun relatata mal-listi ta' servizzi fl-Anness II B tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku (Direttiva 2004/18/KE)?***

Il-lista ta' servizzi soċjali fl-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni hija differenti mil-lista ta' servizzi fl-Anness II B tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku (Direttiva 2004/18/KE).

Il-lista li tinsab fid-Deċiżjoni telenka s-servizzi soċjali koperti mid-Deċiżjoni, ikun xi jkun l-ammont ta' kumpens li jirċievi l-fornitur ta' servizzi. Din il-lista hija msejsa fuq kategoriji wesgħin (pereżempju "l-kura u l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli").

Il-lista ta' servizzi fl-Anness II B tad-Direttiva dwar l-akkwist pubbliku hija msejsa fuq il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi (CPV) u għandha skop differenti. Din il-lista tkopri l-kategoriji kollha ta' servizzi soċjali, iżda anki kategoriji oħrajn ta' servizzi meqjusa bħala inqas probabbli li jkunu ta' ċertu interess transfruntier għall-fornituri fi Stati Membri oħrajn u li, minħabba dan, mhumiex soġġetti għas-sett sħiħ ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE, iżda biss għal numru limitat ta' regoli ta' din id-Direttiva u għall-prinċipji ġenerali tat-TFUE. B'hekk, id-Direttiva 2004/18/KE toffri approċċ ferm flessibbli (fir-rigward tar-regoli dwar l-akkwist) għas-servizzi soċjali u servizzi oħrajn koperti mill-Anness II B ta' din id-Direttiva (għal iktar dettalji fuq dan il-punt, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 200).

96. ***Xi jkopri t-terminu 'indukrar tat-tfal' fl-Artikolu 2(1)(c)?***

It-terminu "indukrar tat-tfal" huwa kunċett wiesa' li jkopri forom differenti ta' indukrar u superviżjoni tat-tfal f'kuntesti organizzazzjonali differenti. Madankollu, sabiex l-ewwel nett tkun tapplika d-Deċiżjoni, l-Istat Membru jrid jinkariga lill-fornitur b'obbligu speċifiku ta' servizz pubbliku.

***97. Il-frażi "jissodisfaw ħtiġijiet soċjali" tillimita t-tip ta' servizzi soċjali li jistgħu jkunu SIEĠ, pereżempju fil-każ ta' indukrar tat-tfal, għal indukrar tat-tfal għal familji b'diffikultajiet finanzjarji?***

Il-frażi "jissodisfaw ħtiġijiet soċjali" fl-Artikolu 2(1)(c) ma tillimitax is-servizzi msemmija fil-lista. Diment li s-servizzi ddefiniti jikkwalifikaw bħala SIEĠ ġenwini, id-Deċiżjoni tista' tapplika għas-servizzi rispettivi kollha. Fl-eżempju, id-Deċiżjoni tista' tiġi applikata għas-servizzi kollha ta' indukrar tat-tfal, mhux biss jekk jiġu pprovduti għal familji b'diffikulatjiet finanzjarji.

***98. Xi jkopri t-terminu "l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli" fl-Artikolu 2(1)(c)?***

It-terminu "l-inklużjoni soċjali ta' gruppi vulnerabbli" jagħti lill-Istati Membri l-flessibilità meħtieġa biex skont il-ħtiġijiet ta' kull Stat Membru jinkludu tipi differenti ta' servizzi indirizzati lil dawk il-gruppi tas-soċjetà li jeħtiġuhom l-iktar. Huwa kunċett wiesa' u jista' jkopri, pereżempju, is-servizzi ta' integrazzjoni soċjali għal nies b'diżabilitajiet, servizzi ta' assistenza soċjali għall-migranti, servizzi għal nies bla dar, servizzi ta' appoġġ għall-ġenituri[109], servizzi li jappoġġjaw nies b'dejn għoli wisq jew servizzi soċjali għall-komunità tal-liżbjani, il-gays, il-bisesswali u t-transġeneri (LGBT).

***99. Xi jkopri t-terminu "aċċess għas-suq tax-xogħol u r-reintegrazzjoni fih" fl-Artikolu 2(1)(c)? It-taħriġ professjonali huwa parti minnu?***

It-terminu "aċċess għas-suq tax-xogħol u r-reintegrazzjoni fih" jirreferi għat-tipi differenti ta' servizzi li għandhom l-għan li jħaffu l-impjegabbiltà. It-taħriġ professjonali jaqa' biss taħt l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni jekk jippermetti aċċess għas-suq tax-xogħol jew reintegrazzjoni fih jew jekk irawwem l-inklużjoni soċjali ta' grupp vulnerabbli. Għaldaqstant, pereżempju, taħriġ professjonali għal dawk qiegħda għal żmien twil jaqa' taħt l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, jekk it-taħriġ professjonali jkun għal nies li diġà għandhom xogħol, normalment ma jkunx jaqa' taħt l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni, sakemm ma jkollux bħala għan l-inklużjoni ta' grupp vulnerabbli. Madankollu, ta' min jinnota li l-għajnuna mill-Istat għal taħriġ professjonali tista' tingħata bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 38 u 39 tar-Regolament 800/2008/KE (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).

***100. Għajnuna lill-impriżi għall-integrazzjoni soċjali u fix-xogħol tista' tkun koperta mid-Deċiżjoni?***

L-impriżi għall-integrazzjoni soċjali jista' jkollhom karatteristiċi differenti u jieħdu bosta forom differenti, iżda b'mod ġenerali joffru opportunitajiet tax-xogħol lil gruppi ta' ħaddiema żvantaġġati biex b'hekk jitħaffef l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol u r-reintegrazzjoni tagħhom fih u jippromwovu l-inklużjoni soċjali tagħhom. Spiss jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ bħal eżenzjoni jew tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet soċjali skont il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali.

[109] Servizzi ta' appoġġ għall-ġenituri jkopru tipi differenti ta' interventi (pereż. tagħrif, taħriġ, konsulenza, eċċ.) direttament marbutin mat-trobbija tat-tfal minn familji żvantaġġati. L-għanijiet aħħarin ta' appoġġ lill-ġenituri huwa l-għajnuna lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal tagħhom u biex iħallu impatt pożittiv fuq l-iżvilupp fiżiku, emozzjonali u konjittiv tat-tfal minn familji żvantaġġati.

B'ċerti kundizzjonijiet għajnuna bħal din tista' tkun koperta mir-REĠS[110] jew ir-Regolament *de minimis* ġenerali[111].

L-awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri jistgħu jiddefinixxu wkoll l-integrazzjoni soċjali u fix-xogħol bħala SSIĠ u jinkarigaw lill-impriżi għall-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol b'SIEĠ. F'dawn il-każijiet, id-Deċiżjoni dwar is-SIEĠ tkun tapplika għal dawk is-servizzi.

3.4.1.3 Id-durata tal-perjodu ta' inkarigu

***101. Id-durata tal-perjodu ta' inkarigu tista' taqbeż l-10 snin biss jekk irid jiġi amortizzat investiment sinifikanti fuq perjodu itwal jew dan jista' jsir ukoll għal raġunijiet iġġustifikati oħrajn? Xi tfisser "investiment sinifikanti"?***

L-uniku każ li fih id-durata tal-perjodu ta' inkarigu jista' jaqbeż l-10 snin huwa d-deprezzament ta' investiment sinifikanti. Jekk investiment jistax jitqies sinifikanti jiddependi kemm fuq il-valur assolut kif ukoll fuq il-valur relattiv tal-investiment li jeħtieġ jiġi amortizzat fuq perjodu itwal minn 10 snin meta mqabbel mal-valur(i) tal-assi l-oħrajn meħtieġa għall-forniment tas-servizz. Id-differenza bejn ir-regoli fuq id-durata tal-perjodu ta' inkarigu fid-Deċiżjoni u l-Qafas huwa spjegat iktar fil-mistoqsija 166.

***102. Minħabba l-limitazzjoni tal-perjodu ta' inkarigu għal 10 snin fil-prinċipju, ma għadux possibbli li fornitur jiġi awtorizzat għal perjodu bla limitu?***

Trid issir distinzjoni bejn awtorizzazzjoni biex titwettaq ċerta attività mingħajr obbligu tal-fornitur sabiex jipprovdi servizz pubbliku speċifiku u att ta' inkarigu, li neċessarjament jimponi obbligu fuq il-fornitur sabiex jipprovdi servizz pubbliku speċifiku. L-awtorizzazzjoni mingħajr l-obbligu mhijiex relevanti mill-perspettiva tal-Għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma jżommux lill-Istati Membri milli jawtorizzaw lill-fornitur għal perjodu bla limiti biex iwettaq attività, iżda sabiex tkun tista' tirċievi kumpens għall-forniment ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali l-impriża trid tiġi inkarigata b'obbligu ta' servizz pubbliku speċifiku. Fil-prinċipju, skont id-Deċiżjoni, id-durata ta' dan l-inkarigu hija limitata għal 10 snin (l-Artikolu 2(2)). Id-Deċiżjoni tippermetti għal perjodu itwal ta' inkarigu f'każijiet li fihom hemm bżonn ta' investiment sinifikanti li jeħtieġ li jiġi amortizzat fuq perjodu li jdum iktar minn għaxar snin. Peress li d-durata hija marbuta mill-qrib mal-perjodu ta' żmien meħtieġ għall-amortizzazzjoni tal-assi, mhijiex possibbli durata bla limiti skont id-Deċiżjoni. Wara li jintemm il-perjodu ta' inkarigu, l-istess fornitur jista' jerġa' jiġi inkarigat bil-forniment tas-servizz.

3.4.1.4 L-applikazzjoni għas-settur tat-trasport

***103. X'inhi d-differenza bejn l-Artikolu 2(1)(d) u l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni?***

L-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni għas-SIEĠ li jipprovdi kollegamenti tal-ajru jew marittimi, jiġifieri servizzi tat-trasport bl-ajru jew bil-baħar. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni jindirizza l-kamp

110 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa).

111 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat dwar l-għajnuna de minimis, ĠU L 379 of 28.12.2006.

ta' applikazzjoni fir-rigward tal-impożizzjoni tal-obbligi tas-SIEĠ fuq il-portijiet u l-ajruporti, jiġifieri l-infrastruttura tat-trasport.

104. ***Eżattament għal xiex jirreferi l-livell limitu ta' 300 000 passiġġier tal-kollegamenti tal-ajru u marittimi mal-gżejjer kif stabbilit fl-Artikolu 2(1)(d) tad-Deċiżjoni? Id-Deċiżjoni tista' tiġi applikata wkoll għar-rotot tal-ajru/tal-baħar li ma jipprovdux kollegamenti ma' gżira?***

Il-livell limitu ta' 300 000 passiġġier għall-kollegamenti tal-ajru u marittimi ma' gżejjer jirreferi għall-għadd unidirezzjonali, jiġifieri passiġġier li jtir lejn il-gżira u lura jgħodd darbtejn. Il-livell limitu japplika għar-rotta individwali bejn ajruport/port wieħed fuq il-gżira u ajruport/port wieħed fuq l-art kontinentali, mhux għat-traffiku kollu tal-ajru minn xi ajruport/port fuq il-gżira għal xi ajruport/port fuq l-art kontinentali.

Fir-rigward tar-rotot tal-ajru/baħar, id-Deċiżjoni tapplika biss fil-każ ta' kollegamenti tal-ajru jew marittimi ma' gżejjer. Ma tapplikax għal rotot tal-ajru/baħar bejn żewġ ajruporti/portijiet fuq l-**art kontinentali.**

105. ***L-ajruporti b'iktar minn 200 000 passiġġier jew portijiet b'iktar minn 300 000 passiġġier jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni f'każijiet fejn il-kumpens tas-servizz pubbliku ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun?***

Le. Il-livell limitu ġenerali ta' EUR 15-il miljun ma japplikax għat-trasport u l-infrastruttura tat-trasport (l-Artikolu 2(1)(a) tad-Deċiżjoni). Jekk l-ajruporti għandhom iktar minn 200 000 passiġġier u l-portijiet għandhom iktar minn 300 000 passiġġier, l-għajnuna għs-SIEĠ ma tkunx taqa' taħt id-Deċiżjoni u ser tiġi analizzata mill-Kummissjoni wara notifika fuq il-bażi tal-Qafas. Il-livelli limitu ta' passiġġiera għandhom jiġu interpretati li jfissru passiġġiera li jaslu u li jitilqu (għadd unidirezzjonali).

F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-Għajnuna mill-Istat għas-settur tat-trasport bl-ajru hija rregolata mil-linji gwida tal-Komunità dwar il-finanzjament ta' ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali (li minn hawn 'il quddiem ser jissejħu "l-Linji Gwida tal-2005") u mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 94/C 350/07 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat fis-settur tal-avjazzjoni. Dawn il-linji gwida jippermettu sabiex ċerti attivitajiet ekonomiċi mwettqa minn ajruporti jiġu kkunsidrati li jikkostitwixxu SIEĠ. F'każijiet eċċezzjonali, il-ġestjoni globali ta' ajruport tista' titqies bħala SIEĠ diment li hija limitata għal attivitajiet marbutin mal-attivitajiet bażiċi tiegħu.

**Eżempju:**

Awtorità pubblika tista' timponi obbligi ta' servizz pubbliku fuq ajruport li, pereżempju, jinstab f'reġjun maqtugħ għalih, u tista' tiddeċiedi li tħallas kumpens għal dawn l-obbligi. Ta' min jinnota li l-ġestjoni globali ta' ajruport bħala SIEĠ ma għandhiex tkopri attivitajiet li mhumiex direttament marbutin mal-attivitajiet bażiċi tiegħu (jiġifieri, attivitajiet kummerċjali, inklużi l-bini, il-finanzjament, l-użu u l-kiri ta' art u bini, mhux biss għall-uffiċċji u l-ħżin iżda anki għal-lukandi u l-impriżi industrijali li jinstabu fi ħdan il-perimetru tal-ajruport, kif ukoll ħwienet, ristoranti u żoni ta' parkeġġ tal-karozzi).

***106. X'inhi r-relazzjoni bejn id-Deċiżjoni u r-Regolament (KE) Nru 1008/2008, b'mod partikolari l-Artikolu 16 tar-Regolament? Tista' tagħti xi eżempji ta' x'tip ta' servizzi jistgħu jiġu definiti bħala SIEĠ għall-ajruporti skont l-Artikolu 2(1)(e) tad-Deċiżjoni?***

L-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni jistipula li d-Deċiżjoni tista' tapplika biss għat-trasport bl-ajru jekk jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament 1008/2008 kif ukoll ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni.

Il-paragrafi 45 *et seq.* tal-Komunikazzjoni jkomplu jagħtu gwida fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-Istati Membri sabiex jiddefinixxu SIEĠ u l-kompiti tal-Kummissjoni. B'mod partikolari dwar l-ajruporti, il-paragrafi 34 u 53 tal-Linji Gwida dwar il-finanzjament tal-ajruporti jipprovdu linja gwida dwar x'attivitajiet jistgħu jitqiesu bħala SIEĠ. Fi ftit kliem, il-ġestjoni globali ta' ajruport tista' titqies bħala SIEĠ f'każijiet eċċezzjonali biss, bħal fil-każ ta' reġjuni maqtugħin għalihom. Fi kwalunkwe każ, it-twettiq ta' attivitajiet kummerċjali li mhumiex direttament marbutin mal-attivitajiet ċentrali tal-ajruport ma jistax jiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni ta' SIEĠ (ara l-paragrafu 53 (iv) tal-Linji Gwida tal-2005).

***107. X'inhi r-relazzjoni bejn id-Deċiżjoni u r-Regolament 1370/2007?***

Id-Deċiżjoni ma tapplikax għal kumpens tas-servizz pubbliku fis-settur tat-trasport fuq l-art (l-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni). Il-kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku fis-settur tat-trasport tal-passiġġiera bil-ferroviji u fit-triq huwa rregolat mir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007. Il-kumpens mogħti f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huwa eżenti mill-obbligu ta' notifika minn qabel.

3.4.1.5 L-impriżi f'diffikultà

***108. Id-Deċiżjoni tapplika wkoll għal ditti f'diffikultà?***

Iva. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni li xxekkel lid-Deċiżjoni milli tiġi applikata għal ditti f'diffikultà.

*3.4.2 Il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità*

3.4.2.1 Il-preżentazzjoni ġenerali

***109. X'inhuma l-kundizzjonijiet ewlenin tal-kompatibilità stabbiliti mid-Deċiżjoni?***

Il-kundizzjonijiet ewlenin tal-kompatibilità stabbiliti mid-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:

- Att ta' inkarigu li, b'mod partikolari, jispeċifika l-għamla u d-durata tal-obbligi ta' servizz pubbliku, l-impriża u t-territorju kkonċernat, l-għamla ta' kwalunkwe drittijiet esklussivi jew speċjali mogħtija lill-impriża, il-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u l-analiżi tal-kumpens, l-arranġamenti biex jiġi evitat u mħallas lura kwalunkwe kumpens żejjed u l-inklużjoni ta' referenza għad-Deċiżjoni.
- Il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li hemm bżonn biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku inkluż qligħ raġonevoli; għal dan il-għan

mhux bilfors isir kalkolu tal-ispejjeż kollha kif ukoll kwalunkwe tip ta' dħul riċevut.

- Kontroll tal-kumpens żejjed mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri.

### *110. X'inhi d-differenza bejn il-kundizzjonijiet tas-sentenza Altmark u l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni?*

Is-sentenza Altmark tistabbilixxi meta miżura taqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' Għajnuna mill-Istat, filwaqt li d-Deċiżjoni u l-Qafas jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li bihom kumpens li jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat ikun kompatibbli mas-suq intern. Id-differenza sostanziva ewlenija bejn is-sentenza u l-pakkett tas-SIEĠ hija relatata mal-ammont/kalkolu tal-kumpens.

Skont ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark, sabiex ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat[112], l-ammont tal-kumpens irid jiġi ddefinit:

- permezz ta' proċedura tal-akkwist pubbliku miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja, li tippermetti li ssir għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizzi bl-inqas spejjeż għall-komunità; jew

- permezz ta' proċedura li biha l-awtoritajiet pubbliċi jridu jiddeterminaw l-ammont ta' kumpens fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż ta' impriża tipika, immexxija kif suppost u mgħammra b'mod adegwat.

Fi kliem ieħor, ir-raba' kriterju ta' Altmark huwa ssodisfat jekk il-kumpens jitfassal f'livell ogħla minn dak li jkun meħtieġ minn impriża effiċjenti (li kapaċi tirbaħ proċedura tal-offerta jew li hija identifikata permezz ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva).

Id-**Deċiżjoni** ma tfassalx rekwiżiti tal-effiċjenza. L-ammont tal-kumpens mhux bilfors irid jiġi ddeterminat permezz ta' proċedura tal-akkwist pubbliku, jew b'paragun mal-ispejjeż ta' impriża tipika mmexxija kif suppost.

Diment li l-awtorità pubblika tistabbilixxi li l-kumpens mogħti jikkorrispondi għall-ispejjeż netti stmati fuq il-bażi tal-parametri ddefiniti bi preċiżjoni fl-att ta' inkarigu u li ma hemm l-ebda kumpens żejjed, il-kumpens inkwistjoni jitqies bħala Għajnuna mill-Istat kompatibbli mar-regoli tat-TFUE[113].

**Eżempju:**

Awtorità pubblika tiddeċiedi li tinkariga operatur bil-forniment ta' SIEĠ u tipprovdilu l-finanzjament għal dan is-servizz. Hemm tliet xenarji possibbli:

- Is-SIEĠ inkwistjoni jiġi pprovdut minn operatur magħżul permezz ta' proċedura ta' offerti li tikkonforma mar-raba' kundizzjoni ta' Altmark bi prezz ta' 90. Jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha l-oħrajn tas-sentenza Altmark, il-kumpens ta' 90 mhux ser ikun jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat.

- Is-SIEĠ jiġi pprovdut minn operatur bi spiża netta ta' 90. Jekk din l-ispiża ta' 90 tikkorrispondi għal dik ta' impriża tipika, immexxija kif suppost u mgħammra b'mod adegwat, skont ir-raba' kriterju ta' Altmark, u jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet

112 Diment li jiġu ssodisfati t-tliet kriterji l-oħrajn tas-sentenza Altmark (ara l-mistoqsija 61).

113 Diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħrajn stabbiliti fid-Deċiżjoni.

kollha l-oħrajn ta' Altmark, il-kumpens ta' 90 mhux ser ikun jikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat.

- Is-SIEĠ jiġi pprovdut minn operatur li ma jintgħażilx permezz ta' proċedura ta' offerti li tikkonforma mar-raba' kriterju ta' Altmark u l-ispejjeż netti jaqbżu d-90 (pereż. 100). Kumpens ta' 100 ser jitqies mid-Deċiżjoni bħala Għajnuna mill-Istat kompatibbli diment li l-kumpens ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi koperta l-ispiża netta fil-fatt imġarrba mill-operatur fil-forniment tas-SIEĠ, inkluż qligħ raġonevoli. Ovvjament dan huwa impossibbli jekk is-SIEĠ inkwistjoni jaqa' taħt il-kategoriji ddefiniti fid-Deċiżjoni.

***111. X'inhuma d-differenzi ewlenin bejn id-Deċiżjonijiet tal-2005 u tal-2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità?***

Id-differenzi bejn id-Deċiżjonijiet tal-2005 u tal-2011 jikkonċernaw l-iktar il-kamp ta' applikazzjoni (tnaqqis tal-livell limitu tal-kumpens minn 30 għal 15-il miljun, tneħħija tal-livell limitu fil-livell limitu tal-fatturat tal-fornitur ta' servizzi, estensjoni tal-lista ta' servizzi soċjali eliġibbli jkunu xi jkunu l-ammonti minbarra tal-isptarijiet u r-residenzi soċjali, limitazzjoni tad-durata tal-perjodu ta' inkarigu).

Fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kompatibilità, hemm biss ftit bidliet li huma primarjament immirati sabiex iħaffu l-applikazzjoni tar-regoli u jżidu t-trasparenza.

Biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni tar-regoli, id-Deċiżjoni l-ġdida tippermetti sabiex isir test ta' kumpens żejjed fuq perjodu ta' żmien itwal[114]. Tintroduċi wkoll żona ta' sikurezza għall-qligħ raġonevoli[115], xi ħaġa li tikkostitwixxi limitu għall-qligħ raġonevoli meta l-forniment tas-SIEĠ ma jkunx marbut ma' riskju sostanzjali.

Fir-rigward tat-trasparenza, id-Deċiżjoni l-ġdida tintroduċi obbligu sabiex issir referenza għad-Deċiżjoni fl-att ta' inkarigu[116] u sabiex l-att ta' inkarigu jiġi ppubblikat u l-ammont ta' għajnuna mogħti għall-kumpens ta' iktar minn EUR 15-il miljun[117].

***112. Fil-każ li l-operaturi kollha tas-suq huma inkarigati bl-istess SIEĠ, kollha kemm huma għandhom jirċievu l-istess ammont ta' kumpens għall-forniment tas-SIEĠ skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat?***

L-Istati Membri għandhom medda wiesgħa ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-finanzjament ta' dak li jqisu bħala SIEĠ. Id-Deċiżjoni tippermetti lill-Istati Membri jiffinanzjaw bis-sħiħ l-ispejjeż netti mġarrba fil-forniment tas-SIEĠ mill-fornituri tagħhom, iżda ma tobbligahomx jagħmlu dan. Jekk jixtiequ hekk, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jħallsu kumpens indaqs b'rata fissa lill-fornituri kollha, diment li t-tali kumpens ma jwassalx għal kumpens żejjed għall-operaturi kkonċernati. Huma liberi li jagħtu kumpens nieqes ukoll, jew li ma jagħtux kumpens affattu, lill-fornituri ta' SIEĠ. Diment li l-kumpens tas-servizz pubbliku li jingħata lill-fornituri tas-SIEĠ jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-ispejjeż effettivi u d-dħul relevanti tagħhom u ma jaqbiżx dak li hemm bżonn għar-rilaxx tas-SIEĠ, it-tali kumpens jista' jitqies bħala kompatibbli skont it-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

114 Ara l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni.
115 Ara l-Artikolu 5(7) tad-Deċiżjoni.
116 Ara l-Artikolu 4(f) tad-Deċiżjoni.
117 Ara l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni.

Kif inhu spjegat fit-Taqsima 3.5.2 ta' din il-gwida, meta l-kompatibilità tal-għajnuna tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Qafas, il-metodu ta' kalkolu tal-kumpens irid ikun l-istess għall-impriżi kollha inkarigati bl-istess SIEĠ.

***113. Din id-Deċiżjoni teħtieġ l-għażla tal-inqas impriża għolja għall-forniment tas-SIEĠ?***

Le, dan mhuwiex meħtieġ mid-Deċiżjoni. L-Istati Membri huma responsabbli mid-definizzjoni tas-SIEĠ li jixtiequ u, b'mod partikolari, il-kwalità ta' dawn is-servizzi. Fejn il-kwalità tkun ogħla, l-ispiża għall-forniment tas-servizz tista' tkun ogħla u l-kumpens jista' jkopri l-ispiża kollha li fil-fatt iġġarrbet mill-kumpanija.

***114. Huwa minnu li jekk awtorità pubblika tikklassifika servizz bħala SIEĠ u tikkonforma mad-Deċiżjoni, ma għandhiex bżonn tikkonforma mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku?***

Dan mhuwiex minnu. Kif stipulat fil-premessa (29), id-Deċiżjoni tapplika mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku. B'hekk, għandha tinżamm konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku. Madankollu, il-konformità ma' dawk ir-regoli mhijiex kundizzjoni għall-applikazzjoni tad-Deċiżjoni.

3.4.2.2 L-att ta' inkarigu

***115. Għaliex hemm rekwiżit ġdid biex tiżdied referenza għad-Deċiżjoni fl-att ta' inkarigu (l-Artikolu 4(f))?***

Billi titlob lill-awtoritajiet pubbliċi jinkludu referenza għad-Deċiżjoni fl-att ta' inkarigu, il-Kummissjoni għandha l-għan li żżid it-trasparenza u ttejjeb il-konformità mar-regoli. B'mod partikolari, il-partijiet interessati ser ikunu jafu x'regoli huma applikabbli u liema kundizzjonijiet l-għajnuna għandha tissodisfa biex tkun kompatibbli mas-suq intern. B'hekk, tiżdied ukoll iċ-ċertezza legali.

***116. Id-Deċiżjoni teħtieġ parametri biex jiġi kkalkolat l-ammont ta' kumpens li jrid jiġi ddefinit fl-att ta' inkarigu. Dan kif jista' jsir qabel jiġi offrut is-servizz?***

Spiss huwa impossibbli li jkunu magħrufa d-dettalji kollha tal-ispejjeż meta impriża tibda tipprovdi SIEĠ. Minħabba dan, id-Deċiżjoni ma titlobx kalkolu ddettaljat ta', pereżempju, il-prezz għal kull jum, kull ikla, kull kategorija tal-indukrar li għandu jintradd lura mill-finanzjament pubbliku, li għandu jiġi pprovdut minn qabel, meta dan ma jkunx possibbli. Jidher biċ-ċar li l-awtoritajiet pubbliċi jibqgħu ħielsa sabiex jispeċifikaw dawn il-parametri jekk jixtiequ hekk.

Id-Deċiżjoni teħtieġ biss li l-att ta' inkarigu jinkludi l-bażi għall-kalkolu fil-ġejjieni ta' kumpens: pereżempju li l-kumpens ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi ta' prezz għal kull jum, kull ikla, kull kategorija, fuq il-bażi ta' stima tan-numru ta' utenti potenzjali, eċċ.

Il-kumpens jista' jkopri l-ispiża netta mġarrba fil-forniment tas-SIEĠ (kumpens *ex post* sħiħ), iżda f'dan il-każ, skont l-Artikolu 5(7) tad-Deċiżjoni, il-qligħ għandu jkun limitat għar-rata ta’ tpartit relevanti + 100 punt bażi.

Li huwa importanti hu li l-bażi li fuqha l-korp li jiffinanzja (l-Istat, l-awtorità lokali) ser jiffinanzja lill-fornitur hija ċara. Trasparenza bħal din hija ta' benefiċċju għall-kontribwenti wkoll.

**Eżempji:**

- F'każ li awtorità pubblika tixtieq twaqqaf ċentru għall-anzjani, il-parametri għall-kumpens għall-ispejjeż jistgħu jkunu:

  – in-numru ta' anzjani li jattendu ċ-ċentru fuq perjodu ta' sena;

  – in-numru ta' jiem imqatta' fiċ-ċentru matul dan il-perjodu.

- F'każ li awtorità pubblika tixtieq twaqqaf ċentru ta' appoġġ għall-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-parametri għall-kumpens għall-ispejjeż jistgħu jkunu:

  – in-numru ta' żgħażagħ qiegħda li jsegwu kors ta' taħriġ fuq perjodu ta' sena;

  – l-apparat użat u s-salarji tal-ħarrieġa fuq perjodu ta' sena.

***117. Anki għall-korpi esperjenzati fil-forniment ta' SIEĠ, jista' jkun hemm livell għoli ta' imprevedibilità fl-ispiża u riskju ta' telf ex post: bidliet imprevedibbli fil-livell ta' indukrar meħtieġ, fil-profili tal-utenti, fin-numri tal-utenti u fil-livell ta' dħul (nuqqas ta' ħlas ta' tariffi minn utenti, qabżiet fin-numru ta' utenti, ċaħda ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn milli jagħtu sehemhom). Il-korpi pubbliċi kif jistgħu jlaħħqu ma' din is-sitwazzjoni?***

Impriża assenjata SIEĠ, speċjalment meta tibda bl-attività tagħha jew impriża b'daqs limitat, ma tistax tieħu impenn għal baġit fiss jew prezz għal kull unità. Ovvjament, jekk ikun hemm żieda fin-numru ta' utenti, l-ispiża ser tiżdied ukoll; jekk uħud minnhom ma jistgħux iħallsu kontribuzzjoni definita minn qabel, id-dħul ser ikun inqas, eċċ.

Madankollu, dan ma jibdilx il-mod li bih jiġġarrbu l-ispejjeż (salarji mħallsa, kirja, eċċ.) jew li bih jistgħu jiġu stabbiliti (għal kull kategorija ta' indukrar, eċċ.). Primarjament dan ifisser li l-fornitur ser iġarrab spiża ikbar u l-korp pubbliku ser ikollu jħallas kumpens ogħla.

Dawn is-sitwazzjonijiet kollha jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni skont id-Deċiżjoni. Meta ma tiġix ipprovduta stima ta' sitwazzjonijiet f'bidla jew imprevedibbli li jistgħu jfeġġu matul il-forniment ta' SIEĠ fl-att ta' inkarigu, id-definizzjoni ta' mekkaniżmi *ex post* għall-korrezzjoni tal-ispejjeż stmati f'paragun mal-ispejjeż reali tista' tkun mod wieħed li bih jiġu antiċipati sitwazzjonijiet bħal dawn.

Hemm żewġ għażliet possibbli diment li l-ammont totali ta' kumpens annwali ma jaqbiżx il-livell limitu stabbilit mid-Deċiżjoni:

- fl-att ta' inkarigu l-awtorità pubblika tista' tiddefinixxi mekkaniżmu ta' korrezzjoni *ex post* li ser jippermetti sabiex issir reviżjoni perjodika tal-parametri tal-ispejjeż;
- l-awtorità pubblika tista' taġġorna l-att ta' inkarigu jekk tara li jrid jiġi mmodifikat parametru tal-ispejjeż.

***118. Meta jiġu ddefiniti l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens għal korp partikolari, għandu jsir tqabbil mal-korpi l-oħrajn? Għandha tittieħed deċiżjoni fuq l-effiċjenza? Kif jista' jitqabbel il-valur tal-indukrar pastorali, gwida spiritwali, ħin żejjed meħud, eċċ.?***

Huwa f'idejn l-awtorità pubblika sabiex tiddefinixxi sa fejn jasal il-mandat ikkonċernat u jekk kompiti li ma jistgħux jitkejlu (għall-anzjani u nies b'diżabilità, eċċ) għandhomx bħala konsegwenza livell ogħla ta' spejjeż, pereżempju f'termini ta' ħin imqatta' min-nies li jipprovdu s-servizz. Ovvjament, dawn l-ispejjeż jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni u jiġu kkumpensati. Id-Deċiżjoni ma teħtieġx xi valutazzjoni fuq l-effiċjenza, u bl-istess mod tħalli d-deċiżjonijiet fuq il-kwalità meħtieġa tas-servizz f'idejn l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati.

Pereżempju, meta żewġ korpi jipprovdu SIEĠ li għalihom huwa ddefinit livell differenti ta' kwalità fl-atti ta' inkarigu, kull wieħed mill-fornituri ta' servizzi ser jirċievi l-kumpens li jikkorrispondi għall-ispejjeż imġarrba minnu, li ser ivarjaw minħabba l-livell ta' kwalità meħtieġa.

**119.** ***Kif għandhom jiġu ddeterminati l-parametri għall-kumpens għall-ispejjeż fil-każ li SIEĠ partikolari jiġi ffinanzjat minn żewġ awtoritajiet pubbliċi jew iktar?***

Jekk żewġ awtoritajiet pubbliċi jew iktar (ngħidu aħna, raħal u reġjun) jixtiequ jiffinanzjaw b'mod parzjali, pereżempju, ċentru għall-persuni żvantaġġati, kull awtorità tista' tiddetermina l-parametri ta' kumpens skont is-servizz li qed jiġi kkunsidrat, possibilment wara li jsiru diskussjonijiet mal-fornitur ta' servizzi.

L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiddeterminaw il-kontribuzzjonijiet individwali tagħhom għall-kumpens skont kif jixtiequ, diment li l-ammont totali li jikkorrispondi għat-tipi differenti kollha ta' kumpens riċevut ma jaqbiżx l-ispiża netta mġarrba mill-fornitur tas-SIEĠ, inkluż qligħ raġonevoli.

**120.** ***F'każ li awtorità pubblika tixtieq tiffinanzja biss parti mill-ispejjeż annwali ta' fornitur assenjat SIEĠ, kif għandhom jiġu ddeterminati l-parametri għall-kumpens?***

Li jgħodd hu li dak l-ammont ta' kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex jiġu koperti l-ispejjeż imġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rikavati relevanti u qligħ raġonevoli[118].

Pereżempju, fl-att ta' inkarigu, awtorità pubblika tista' tistabbilixxi li ser tikkumpensa lill-fornitur għal 60% tal-ispiża netta (l-ispejjeż nieqes id-dħul) imġarrba fil-forniment tas-SIEĠ.

**121.** ***F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat parzjalment minnu mill-awtorità pubblika u parzjalment mill-utenti tiegħu, huwa possibbli li awtorità pubblika tkopri l-ispejjeż kollha jekk is-SIEĠ qed jagħmel it-telf?***

F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat b'mod konġunt minn awtorità pubblika u mill-utenti tiegħu u qed jagħmel it-telf, minħabba, pereżempju, tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet mill-utenti, it-telf jista' jiġi kkumpensat mill-awtorità pubblika diment li ma jwassalx għal kumpens żejjed u jekk il-parametri għall-kalkolu tal-kumpens stabbiliti mill-awtorità nazzjonali kompetenti jippermettu li dan isir. Diment li ma hemmx kumpens żejjed, il-perċentwal ta' finanzjament tas-SIEĠ mill-awtorità pubblika jista' jiġi ddeterminat b'libertà mil-leġiżlazzjoni nazzjonali u ma huwa ta' ebda sinifikanza fir-rigward tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

[118] Ara l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni.

***122. Huwa possibbli li awtorità pubblika tistabbilixxi fl-att ta' inkarigu li ser tkopri t-telf operatorju mġarrab għal kull perjodu stabbilit mingħajr ma tiddefinixxi ebda parametri oħrajn għall-kalkolu tal-kumpens?***

Għall-fini ta' kompatibilità mad-Deċiżjoni, fl-att ta' inkarigu l-Istati Membri jridu jiddefinixxu l-parametri li fuq il-bażi tagħhom jiġi kkalkolat il-kumpens sabiex l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu jistgħu jwettqu r-rwol superviżorju tagħhom.

Minkejja dan, l-Istati Membri għandhom ċerta libertà fid-definizzjoni tal-parametri tal-għażla tagħhom sabiex iħaffu l-ippjanar finanzjarju tagħhom, diment li l-metodu magħżul jippermetti li jsir kalkolu ta' kumpens trasparenti u verifikabbli. Li huwa importanti f'termini ta' kompatibilità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat huwa li ma jispiċċawx jagħtu kumpens żejjed lill-operaturi tas-SIEĠ. L-Istati Membru huma ħielsa jiddeċiedu l-mod u l-livell ta' finanzjament tas-SIEĠ tagħhom diment li jikkonformaw mar-regoli tal-UE. Għaldaqstant, fil-prinċipju jistgħu jiddefinixxu l-parametri ta' kumpens b'referenza għall-kopertura ta' telf operatorju diment li l-parametri ta' kalkolu jagħmluha possibbli sabiex jiġi ddeterminat li ma hemmx kumpens żejjed. F'dan il-każ, skont l-Artikolu 5(7) tad-Deċiżjoni, il-qligħ għandu jkun limitat għar-rata ta’ tpartit relevanti + 100 punt bażi.

3.4.2.3 L-ammont tal-kumpens

***123. Liema metodoloġija għandha tintuża biex tiġi kkalkolata l-ispiża netta tal-obbligi ta' servizz pubbliku skont id-Deċiżjoni?***

L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni jipprovdi għal żewġ metodoloġiji, u tista' tintuża kwalunkwe waħda minnhom biex jiġu kkalkolati l-ispejjeż netti ta' obbligu ta' servizz pubbliku:

- skont id-Deċiżjoni tal-2005, l-ispiża netta tista' tiġi kkalkolata bħala d-differenza bejn l-ispejjeż u d-dħul (“metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-ispiża”); meta l-impriża kkonċernata twettaq anki attivitajiet li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ, ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ispejjeż relatati mas-SIEĠ biss;
- inkella, l-ispiża netta tista' tiġi kkalkolata bħala d-differenza bejn l-ispiża netta għall-impriża għall-operat bl-obbligu ta' servizz pubbliku u l-ispiża netta jew il-qligħ tal-istess impriża li topera mingħajr l-obbligu ta' servizz pubbliku (“metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati”). Din il-metodoloġija tista' tkun adattata, pereżempju, fis-settur tar-residenzi soċjali: l-ispiża netta tista' tiġi kkalkolata bħala s-somma tal-kirja mitlufa (minħabba limitazzjoni tal-kirja meta mqabbla mal-prezz tas-suq) u l-ispejjeż addizzjonali li ġejjin mill-obbligu ta' servizz pubbliku (pereż. l-ispejjeż imġarrba fil-verifika li dawk li jikru huma eliġibbli); għandu jitnaqqas id-dħul li ma kienx jiġi riċevut li kieku r-residenzi kienu kummerċjali.

Għall-kuntrarju tal-Qafas, id-Deċiżjoni ma timponix metodoloġija speċifika: l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liema metodoloġija hija l-iktar xierqa għal kull każ speċifiku.

***124. Tista' tagħti xi eżempji tat-tip ta' investiment li jista' jiġi appoġġjat bħala parti minn SIEĠ? Pereżempju, l-ispejjeż marbutin ma' magna tal-bastimenti jistgħu jitqiesu bħala spiża tas-SIEĠ, filwaqt li jkun magħruf li l-awtorità inkarigat lil sid il-bastiment b'obbligu ta' servizz pubbliku sabiex iġorr lill-passiġġieri?***

Skont l-Artikolu 5(3)(d) tad-Deċiżjoni, l-ispejjeż marbutin mal-investimenti meħtieġa għall-forniment tas-SIEĠ jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens. Ma hemm l-ebda lista limitattiva dwar it-tipi ta' investimenti kkonċernati. L-ispejjeż ta' deprezzament ta' magna għal bastiment li tintuża esklussivament għall-forniment ta' SIEĠ huma eżempju validu. Jekk il-bastiment jintuża wkoll għal attivitajiet mhux tas-SIEĠ, l-ispejjeż jistgħu jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod parzjali biss (ara l-Artikolu 5(3)(c)).

***125. Hemm bżonn li ammont speċifiku ta' kumpens jiġi attribwit għal spejjeż speċifiċi?***

Le. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma jirreferux għall-għamla tal-ispejjeż tas-SIEĠ (pereż. salarji, manutenzjoni ta' bini, spejjeż esterni speċifiċi jew xirjiet) iżda għall-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jiġifieri jekk l-ispejjeż humiex assoċjati mat-tħaddim ta' SIEĠ jew le. M'hemmx bżonn li awtorità pubblika twarrab ammont speċifiku ta' kumpens għal servizzi speċifiċi fi ħdan il-kompitu ġenerali tas-servizz pubbliku.

***126. Fil-kalkolu tal-kumpens, huwa possibbli li jittieħdu f'kunsiderazzjoni ż-żewġ għotjiet minn awtorità pubblika u s-servizzi pprovduti minn awtorità pubblika biex korp jiġi megħjun jirrilaxxa l-obbligi tiegħu ta' servizz pubbliku?***

Iva. Skont l-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni, l-ammont tal-kumpens jinkludi l-vantaġġi kollha mogħtija mill-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-istat fi kwalunkwe għamla. F'dan ir-rigward, l-għamla finanzjarja jew materjali eżatta tal-vantaġġi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi (kumpens, servizzi, eċċ.) ma għandha l-ebda importanza.

Għaldaqstant, l-awtorità pubblika għandha tieħu f'kunsiderazzjoni kemm l-għotjiet kif ukoll is-servizzi (jew bini jew assi) ipprovduti inqas mill-prezzijiet tas-suq, meta tikkalkola l-kumpens u tara ngħatax kumpens żejjed. Dan ifisser li għandha tiġi kkalkolata għotja ekwivalenti għall-forniment ta' servizzi (jew bini jew assi) f'livell inqas mill-prezz tas-suq.

***127. Kif għandu jiġi kkalkolat l-ammont tal-kumpens għal servizz pubbliku f'każ li l-fornituri tas-SIEĠ ikollhom drittijiet speċjali jew esklussivi relatati mar-rilaxx ta' numru ta' kompiti tas-servizz pubbliku?***

L-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni jistipula li l-qligħ li jaqbeż qligħ raġonevoli li jkun ġej minn drittijiet speċjali jew esklussivi u kwalunkwe vantaġġ ieħor mogħti mill-Istat lill-impriża li topera s-SIEĠ irid jiġi inkluż fid-dħul li għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni u b'hekk jonqos il-kumpens. Tista' ssir l-istess ħaġa għal qligħ ieħor li ġej minn attivitajiet oħrajn jekk l-Istat jiddeċiedi hekk.

***128. F'każ li bosta korpi pubbliċi, inkluża awtorità lokali, jingħaqdu flimkien ma' korpi privati f'entità legali sabiex joperaw SIEĠ b'mod konġunt, kif għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-preżenza f'dik l-entità ta' membri li mhumiex awtoritajiet pubbliċi meta jiġi kkalkolat il-kumpens?***

Bis-suppożizzjoni li l-membri li mhumiex awtoritajiet pubbliċi jipprovdu lill-operatur b'kontribuzzjonijiet finanzjarji jew xi xorta oħra ta' appoġġ, li hemm bżonn jiġi ddeterminat huwa jekk it-tali kontribuzzjonijiet iridux jiġu kkaratterizzati bħala Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE. Il-kontribuzzjoni li saret minn korp irregolat mil-liġi privata tabilħaqq tista' tiġi kkaratterizzata bħala Għajnuna mill-Istat jekk issir permezz ta' "riżorsi tal-Istat". Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, jekk il-korp privat irregolat mil-liġi inkwistjoni jkun impriża pubblika skont

it-tifsira tad-Direttiva dwar it-Trasparenza[119] u, barra minn hekk, jekk id-deċiżjoni ta' għoti tal-għajnuna hijiex imputabbli għal awtorità pubblika[120]. Jekk il-kontribuzzjoni kkonċernata hija kkaratterizzata bħala Għajnuna mill-Istat, trid tiżdied ukoll fis-sitwazzjonijiet l-oħrajn ta' Għajnuna mill-Istat u mbagħad irid jiġi żgurat jekk is-somma totali tal-Għajnuna mill-Istat taqbiżx dak li hemm bżonn biex tkopri l-ispejjeż imġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni r-rikavati relevanti u, meta jkun hemm bżonn, qligħ raġonevoli għar-rilaxx ta' dawk l-obbligi.

Barra minn hekk, jekk il-kontribuzzjoni li saret tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, trid tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Deċiżjoni jew tal-Qafas, b'mod partikolari trid tissodisfa d-dispożizzjonijiet ta' att ta' inkarigu. Il-korp inkwistjoni jista' jiffinanzja s-SIEĠ fuq il-bażi tal-att ta' inkarigu (b'referenza għall-obbligi ta' servizz pubbliku stabbilit mill-awtoritajiet pubbliċi).

Jekk il-kontribuzzjoni li saret għall-obbligi ta' servizz pubbliku ma tkunx ikkaratterizzata bħala Għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, m'għandiex għalfejn tiżdied mal-kalkolu tal-ammont globali tal-Għajnuna mill-Istat; madankollu, għandha tiżdied mad-dħul relatat mal-obbligi ta' servizz pubbliku u b'hekk jonqsu kemm l-ispejjeż netti li jirriżultaw mis-SIEĠ u għaldaqstant anki l-bażi għal kumpens potenzjali. Madankollu m'għandiex għalfejn tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni u l-Qafas.

***129. Il-benefiċċji tat-taxxa li ġejjin mill-istatus korporattiva ta' korp għandhom jingħaddu mad-dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni?***

Kumpens jista' jkopri d-differenza bejn l-ispejjeż propji mġarrba fil-forniment ta' SIEĠ u r-rikavati relevanti. Benefiċċju tat-taxxa jista' jkun għajnuna mill-Istat u jista' jingħata fil-forma ta' dħul jew tnaqqis fl-ispejjeż. Tkun xi tkun l-għamla tiegħu, irid jittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġi ddeterminat l-ammont ta' kumpens meħtieġ biex jiġi pprovdut is-SIEĠ.

Meta l-benefiċċju tat-taxxa jikkonsisti fi tnaqqis tal-ispejjeż, dan ifisser li ma jista' jingħata l-ebda kumpens għall-ammont li jikkorrispondi għal dak it-tnaqqis. Meta l-benefiċċju tat-taxxa jikkonsisti fi dħul għall-fornitur ta' servizzi, dan ifisser li ser ikollu jitnaqqas mill-kumpens li għandu jiġi allokat.

***130. Il-ħlasijiet li jsiru skont ftehim ta' trasferiment tal-qligħ u t-telf fi ħdan impriża b'parteċipazzjoni pubblika għandhom jingħaddu bħala dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni?***

F'bosta Stati Membri, impriżi b'parteċipazzjoni pubblika għandhom ftehimiet ta' trasferiment tal-qligħ u t-telf u skont dawn, sussidjarja profitabbli li trendi qligħ trid tittrasferixxi l-qligħ tagħha lill-kumpanija azzjonarja, li mbagħad tuża dan il-qligħ biex tkopri telf iġġenerat minn sussidjarja li tagħmel it-telf li twettaq is-SIEĠ.

---

[119] Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi, ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17.

[120] Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-379/98 *Preussen Elektra AG* [2001] Ġabra I-2009, paragrafu 58.

Ħlasijiet bħal dawn riċevuti biex jiġi kopert telf tas-SIEĠ għandhom jingħaddu mad-dħul skont it-tifsira tal-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni u b'hekk jonqsu l-ispejjeż netti eliġibbli għall-kumpens.

### *131. Xi jfisser it-terminu "profitt raġonevoli" għall-kalkolu ta' kumpens kompatibbli?*

Skont l-Artikolu 5(5) tad-Deċiżjoni, "profitt raġonevoli" tfisser ir-rata ta' redditu fuq il-kapital li tkun meħtieġa minn impriża tipika meta jiġi kkunsidrat jekk għandux jiġi pprovdut is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali għall-perjodu ta' inkarigu sħiħ, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-livell tar-riskju. Ir-"rata ta' redditu fuq il-kapital" tfisser ir-rata interna ta' redditu li l-impriża tagħmel fuq il-kapital investit tagħha matul il-perjodu ta' inkarigu. Il-livell tar-riskju jiddependi fuq is-settur ikkonċernat, it-tip ta' servizz u l-karatteristiċi tal-kumpens.

L-Artikolu 5(8) tad-Deċiżjoni jistabbilixxi li "*Fejn, minħabba ċirkustanzi speċifiċi, ma jkunx xieraq li tintuża r-rata tar-redditu fuq il-kapital, l-Istati Membri jistgħu jserrħu fuq indikaturi tal-livell tal-profitt apparti dik tar-rata tar-redditu fuq il-kapital sabiex jiddeterminaw liema għandu jkun il-profitt raġonevoli, bħar-redditu medju fuq l-ishma, ir-redditu fuq il-kapital imħaddem, ir-redditu fuq l-assi jew ir-redditu fuq il-bejgħ*".

L-Artikolu 5(7) tad-Deċiżjoni jipprovdi għal dispożizzjoni ta' żona ta' sikurezza, billi jiddikjara li rata ta' redditu fuq il-kapital li ma taqbiżx ir-rata ta' tpartit relevanti flimkien ma' primjum ta' 100 punt bażi għandha titqies bħala raġonevoli fi kwalunkwe każ. Din ir-rata hija wkoll il-limitu superjuri għall-qligħ raġonevoli jekk il-forniment tas-servizz ma jkunx marbut ma' riskju sostanzjali.

### *132. Kif għandu jiġi ddefinit ir-"riskju"? Tista' tagħti eżempji ta' x'jikkostitwixxi riskju għall-fornitur?*

Ir-riskju jinftiehem li hu fattur li jista' jnaqqas il-qligħ mistenni (billi jnaqqas id-dħul mistenni u/jew iżid l-ispejjeż mistennija).

Ċerti fatturi jistgħu jiġu inklużi fil-parametri għall-kalkolu tal-kumpens (pereżempju l-prezz taż-żejt jew in-numru ta' passiġġiera għal servizz tal-linja); jekk dawk il-fatturi ġew inklużi fil-parametri, ma jibqgħux jikkostitwixxu fatturi ta' riskju.

L-Artikolu 5(5) tad-Deċiżjoni jistabbilixxi li l-livell ta' riskju jiddependi fuq is-settur ikkonċernat, it-tip ta' servizz u l-karatteristiċi tal-kumpens.

Il-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' kumpens huma eżempju importanti ta' fattur li jaffettwa r-riskju. Meta l-ispiża netta mġarrba fil-forniment ta' SIEĠ tkun essenzjalment ikkumpensata *ex post* bis-sħiħ, il-livell ta' riskju ser ikun negliġibbli u għaldaqstant, il-qligħ raġonevoli ser ikun limitat. Min-naħa l-oħra, somma f'daqqa għall-forniment tas-SIEĠ, iddeterminata *ex ante*, tinvolvi riskju ikbar għall-fornitur.

Is-settur tal-attività huwa eżempju ieħor ta' fattur ta' riskju. Setturi kompetittivi, fejn id-domanda u l-ispejjeż huma volatili (sakemm ma jkunux diġà ġew inklużi fil-parametri tal-kumpens) jew meta l-assi jkunu għoljin u diffiċli biex jerġgħu jinbiegħu, jitqiesu iktar riskjużi. Għaldaqstant, fornitur ikollu bżonn redditu ogħla fuq il-kapital sabiex jinvesti u jipprovdi s-servizz f'każijiet bħal dawn.

***133. Għall-fini ta' kalkolu tal-qligħ raġonevoli, id-Deċiżjoni tirreferi għal rata ta' redditu fuq il-kapital. Huwa possibbli li jintużaw metodi differenti għall-kalkolu tal-qligħ raġonevoli?***

Iva, f'ċirkostanzi speċifiċi, kif stabbilit fl-Artikolu 5(8) tad-Deċiżjoni.

Ir-redditu fuq il-kapital (jiġifieri r-"rata interna ta' redditu" li l-impriża tagħmel fuq il-kapital investit tagħha) jista' ma jkunx disponibbli jew xieraq għal każ konkret, filwaqt li indikaturi oħrajn tal-livell ta' qligħ, bħar-redditu fuq bejgħ, ikunu disponibbli u iktar adattati. F'ċirkostanzi bħal dawn, huwa possibbli li jintużaw indikaturi tal-qligħ, bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 5(8) tad-Deċiżjoni, sabiex jiġu pprovduti referenzi solidi u affidabbli għall-kalkolu tal-qligħ raġonevoli.

***134. Iż-żona ta' sikurezza tal-qligħ tapplika biss għar-redditu fuq il-kapital. Ma hemm l-ebda żona ta' sikurezza jekk, wara ġustifikazzjoni, jintużaw indikaturi oħrajn tal-livell ta' qligħ?***

Instab li mhuwiex fattibbli li tiġi pprovduta żona waħda ta' sikurezza għall-indikaturi tal-livell ta' qligħ mir-rata ta' redditu fuq il-kapital. Dan għaliex il-livelli ta' qligħ iddeterminati minn indikaturi oħrajn, bħar-"rata ta' redditu fuq l-assi" jew ir-"rata ta' redditu fuq il-bejgħ", iridu jiġu vvalutati fid-dawl tas-settur meta l-fornitur ikun attiv. Għal riskju simili, ċertu livell ta' redditu fuq l-assi jitqies raġonevoli f'settur partikolari, filwaqt li ma jitqiesx raġonevoli f'ieħor.

Anki jekk żona ta' sikurezza tiġi pprovduta biss għar-rata ta' redditu fuq il-kapital, dan ma jżommx lill-Istati Membri milli jivvalutaw x'għandu jkun il-qligħ raġonevoli fuq il-bażi tal-indikaturi tal-livell ta' qligħ minbarra r-rata ta' redditu fuq il-kapital, jekk dan ikun iġġustifikat kif xieraq.

***135. Hemm xi mezzi prattiċi ta' kif wieħed isir jaf x'inhu l-livell tar-rata ta' tpartit relevanti?***

Ir-rati ta' tpartit dalwaqt ser jiġu ppubblikati fuq il-websajt tad-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni. Ser jiġu pprovduti għall-muniti tal-UE u maturitajiet differenti.

***136. Ikun aċċettabbli li mal-ispejjeż jiżdiedu spejjeż ġenerali ta' 20 %, u li dan jitqies bħala l-qligħ raġonevoli?***

Le, ma jkunx aċċettabbli li jiżdiedu spejjeż ġenerali ta' 20% mal-ispejjeż u li dawn jitqiesu bħala l-qligħ raġonevoli. Dan għaliex il-kalkolu tal-qligħ ma jkunx marbut mar-riskju mġarrab fil-forniment tas-servizz u, għaldaqstant, ikun jaqbeż dak li għandu jitqies bħala qligħ raġonevoli.

Kontribuzzjoni xierqa għall-ispejjeż ġenerali tista' tittieħed f'kunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-ispiża netta mġarrba fil-forniment ta' SIEĠ.

Imbagħad, qligħ raġonevoli jista' jiżdied ma' din l-ispiża netta sabiex jiġi ddeterminat il-kumpens xieraq. Iżda dan il-qligħ raġonevoli għandu jkun marbut mar-riskju mġarrab mill-fornitur.

***137. Hemm bżonn li jinżammu kontijiet separati għall-impriża li tipprovdi SIEĠ, filwaqt li jitwettqu attivitajiet kummerċjali oħrajn ukoll?***

Iva, skont l-Artikolu 5(9) tad-Deċiżjoni, l-impriżi li jwettqu attivitajiet li jaqgħu kemm barra kif ukoll ġewwa l-kamp ta' applikazzjoni ta' SIEĠ iridu jżommu kontijiet li juru b'mod separat l-ispejjeż u r-rikavati tas-SIEĠ, u dawk marbutin ma' servizzi oħrajn.

Huwa l-aħjar mod sabiex dawn l-impriżi juru li l-kumpens allokat ma jaqbiżx l-ispiża netta tas-SIEĠ u li għalhekk ma jinvolvi l-ebda kumpens żejjed. Fl-istess ħin, kontabilità separata għall-attivitajiet li jaqgħu ġewwa kif ukoll barra l-kamp ta' applikazzjoni tas-SIEĠ tippermetti sabiex il-Kummissjoni u l-Istat Membru jivvalutaw jekk humiex tabilħaqq issodisfati l-kriterji stabbiliti mid-Deċiżjoni[121].

***138. Hemm bżonn li jinżammu kontijiet separati għall-korp li huwa inkarigat bil-forniment ta' SIEĠ u impenjat ukoll f'attivitajiet mhux ekonomiċi?***

Il-kontijiet interni għandhom jippermettu sabiex jiġu identifikati l-ispejjeż marbutin mal-forniment tas-SIEĠ; inkella, l-ammont ta' kumpens ma jkunx jista' jiġi stabbilit. Barra minn hekk, fil-każ ta' lment, l-impriża li magħha huwa attribwit is-SIEĠ għandha tkun kapaċi turi n-nuqqas ta' kumpens żejjed. Għaldaqstant, fil-prattika hemm bżonn li jinżammu kontijiet separati fit-tali sitwazzjonijiet.

***139. Liema spejjeż jistgħu jiġu kkumpensati meta impriża tuża l-istess infrastruttura biex tipprovdi kemm SIEĠ kif ukoll attivitajiet ekonomiċi li mhumiex ikkaratterizzati bħala SIEĠ?***

L-impriża trid talloka spejjeż għaż-żewġ tipi ta' attivitajiet. L-ispejjeż allokati għal SIEĠ jistgħu jkopru l-ispejjeż kollha varjabbli mġarrba fil-forniment tas-SIEĠ, kontribuzzjoni proporzjonata għall-ispejjeż fissi li huma komuni kemm għall-operazzjonijiet tas-SIEĠ kif ukoll għal dawk li mhumiex tas-SIEĠ.

3.4.2.4 Il-kumpens żejjed u l-irkupru

***140. Id-Deċiżjoni tippermetti sabiex isir il-ħlas ta' kumpens tas-servizz pubbliku iżda tipprojbixxi kumpens żejjed; xi jfisser it-terminu "kumpens żejjed"?***

Kumpens żejjed għandu jinftiehem bħala kumpens li l-impriża tirċievi oltre dak li huwa meħtieġ biex tiġi koperta l-ispiża netta mġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż qligħ raġonevoli.

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni jipprovdi gwida dwar kif tiġi ddeterminata l-ispiża netta mġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż qligħ raġonevoli.

***141. Għandu jkun hemm kontroll kull tliet snin. Huwa possibbli li jiġi riportat kumpens żejjed għall-perjodu ta' wara oltre l-10 % jekk ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed tul il-perjodu sħiħ ta' inkarigu? Jew għandu jkun hemm irkupru?***

Bil-għan li tiżdied il-flessibilità, id-Deċiżjoni tal-2011 tieħu approċċ pluriennali, minflok approċċ annwali bħal dak fid-Deċiżjoni tal-2005. Dan ifisser li fornitur jista' jirċievi kumpens li jaqbeż l-ispiża netta mġarrba fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku għal sena partikolari, diment li ma jkunx hemm kumpens żejjed għad-durata sħiħa tal-kuntratt.

---

121 Ara l-Artikolu 5(9) tad-Deċiżjoni.

Madankollu, sabiex jiġu evitati każijiet li fihom il-benefiċjarju jirċievi kumpens żejjed tul id-durata sħiħa tal-kuntratt, l-Artikolu (6) tad-Deċiżjoni jistabbilixxi li l-Istati Membri jridu jwettqu verifiki intermedji regolari (tal-inqas kull tliet snin) matul il-perjodu ta' inkarigu u fi tmiemu. Meta impriża tkun irċiviet kumpens żejjed li jaqbeż l-10 % tal-ammont tal-kumpens medju annwali, l-Istat Membru jrid jintervjeni biex jiżgura li l-mekkaniżmu ta' kumpens ikun konformi ma' dak li ġie stipulat fl-att ta' inkarigu. L-Istat Membru jrid jiżgura li l-impriża kkonċernata trodd lura l-kumpens żejjed u l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens iridu jiġu aġġornati għall-ġejjieni. Meta l-ammont ta' kumpens żejjed ma jaqbiżx l-10 % tal-ammont tal-kumpens annwali medju, it-tali kumpens żejjed jista' jiġi riportat għall-perjodu li jmiss u jitnaqqas mill-ammont ta' kumpens pagabbli fir-rigward ta' dak il-perjodu.

***142. X'effett ikollu t-twaqqif ta' mekkaniżmu mfassal sabiex jevita kwalunkwe kumpens żejjed fuq l-obbligu ta' awtorità pubblika biex twettaq verifiki għal kumpens żejjed?***

Peress li tant huwa importanti li jiġi żgurat li kumpens ma jaqbiżx kemm hemm bżonn biex ikopri l-ispejjeż imġarrba min impriża fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku tagħha, filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni d-dħul relevanti u qligħ raġonevoli, mekkaniżmu mfassal sabiex jevita kumpens żejjed bħal dan jista' jkun ta' benefiċċju. Minkejja dan, l-eżistenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu bħal dan ma jistax jeħles lill-Istati Membri mill-obbligu tagħhom li jiżguraw li l-impriża assolutament ma tibbenefikax minn kumpens żejjed, b'konformità mal-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni.

***143. F'każ li SIEĠ jiġi ffinanzjat b'mod konġunt minn żewġ awtoritajiet pubbliċi jew iktar (pereż. minn gvern ċentrali u/jew reġjun u/jew provinċja u/jew awtorità lokali ta' livell inferjuri), kif għandu jitwettaq il-kontroll għal kumpens żejjed?***

L-atti ta' inkarigu għandhom jitfasslu b'tali mod li jiġi żgurat li l-kumpens totali riċevut mill-fornitur tas-SIEĠ mill-awtoritajiet pubbliċi differenti ma jaqbiżx kemm hemm bżonn biex tiġi koperta l-ispiża netta fir-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluż qligħ raġonevoli.

B'mod partikolari, meta awtorità pubblika tiddetermina l-ammont ta' kumpens li għandha tagħti lill-impriża għar-rilaxx ta’ obbligi tas-servizz pubbliku, it-tali awtorità għandha tinkludi fid-dħul tal-impriża dak il-kumpens li l-impriża ser tirċievi minn awtoritajiet pubbliċi oħrajn. Jekk l-ammont ta' kumpens riċevut minn awtoritajiet oħrajn ma jkunx magħruf minn qabel, l-awtorità pubblika tista' tinkludi dan l-ammont bħala parametru għall-kalkolu tal-kumpens.

Il-verifiki għal kwalunkwe kumpens żejjed huma bbażati fuq l-istess prinċipji daqslikieku s-SIEĠ kien iffinanzjat minn awtorità pubblika waħda. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom iwettqu verifiki regolari, jew jiżguraw li t-tali verifiki jitwettqu, tal-inqas kull tliet snin matul il-perjodu ta' inkarigu u fi tmiem ta' dan il-perjodu, jiżguraw li l-kumpens li fil-fatt ingħata huwa konformi mal-att ta' inkarigu u ma jwassalx għal kumpens żejjed. Huwa f'idejn l-Istat Membru li jiddeċiedi liema awtorità pubblika għandha twettaq dawk il-verifiki.

***144. Fil-każ ta' kumpens żejjed relatat mal-finanzjament konġunt ta' SIEĠ minn bosta livelli ta' awtoritajiet pubbliċi, il-ħlas lura tal-kumpens żejjed kif għandu jitwettaq bejn il-bosta livelli involuti?***

Il-mod li bih il-ħlas lura ta' kwalunkwe kumpens żejjed għandu jinqasam bejn il-bosta korpi pubbliċi mhuwiex responsabilità tal-UE iżda tal-Istat Membru kkonċernat; fir-

rigward tal-Għajnuna mill-Istat, hija biss it-tneħħija tat-tali kumpens żejjed u tal-vantaġġ eċċessiv li wassal għalih li tkun ta' xi relevanza.

3.4.2.5 Il-kumpens nieqes

**145. *Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jipprojbixxu l-kumpens nieqes ta' fornitur ta' SSIĠ/SIEĠ, jiġifieri l-ħlas ta' livell ta' kumpens inqas mill-ispejjeż relatati mal-forniment tas-SSIĠ/SIEĠ? Kumpens nieqes lill-fornitur ma jwassalx għal vantaġġ ekonomiku għall-kompetitur tiegħu, li ma għandux għaliex iġarrab il-piż finanzjarju tat-tali kumpens nieqes?***

Skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, il-fornituri ta' SIEĠ/SSIĠ ma jistgħux jirċievu xi kumpens żejjed, jiġifieri kumpens li jmur lil hinn minn kemm hemm bżonn għar-rilaxx tal-kompiti assenjati lilhom. Dawn ir-regoli ma jipprojbixxux il-kumpens nieqes jew nuqqas ta' kumpens lill-fornituri ta' SIEĠ/SSIĠ. Huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu fuq il-mod u l-livell ta' finanzjament tas-SIEĠ/SSIĠ li jimplimentaw skont ir-regoli tal-UE.

**146. *Impriża inkarigata b'SIEĠ li tirċievi kumpens nieqes tista' titħallas kumpens provviżorju qabel tmiem is-sena finanzjarja jekk wara dik is-sena ser titħallas il-kumpens meħtieġ għar-rilaxx tal-kompitu tagħha?***

Huwa biss il-kumpens żejjed li huwa pprojbit skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat. Fil-każ ta' kumpens nieqes, huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu fuq il-metodi li għandhom jintużaw għal kwalunkwe reviżjoni tal-ammont ta' kumpens, diment li t-tali reviżjoni ma twassalx għal kumpens żejjed. Fir-rigward tal-possibilitajiet għar-reviżjoni tal-att ta' inkarigu u l-parametri għall-kalkolu tal-kumpens, ara t-tweġibiet għall-mistoqsijiet 58 u 117.

*3.4.3 It-trasparenza u r-rapportar*

**147. *Ir-rekwiżit addizzjonali ta' trasparenza stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni japplika jekk il-kumpens għal SIEĠ wieħed jaqbeż il-EUR 15-il miljun jew jekk is-SIEĠ kollha inkarigati lil impriża waħda jaqbżu l-EUR 15-il miljun ukoll?***

L-Artikolu 7 japplika jekk il-kumpens għal SIEĠ wieħed jaqbeż il-EUR 15-il miljun. Dan l-Artikolu għandu bżonn jinqara flimkien mal-Artikolu 2(1)(b) u (c) b'mod partikolari, u huwa maħsub għal servizzi soċjali kbar li jibbenefikaw mill-applikazzjoni tad-Deċiżjoni indipendentement minn kwalunkwe livelli limitu. Għal dawn il-każijiet, id-Deċiżjoni tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali dwar it-trasparenza fl-Artikolu 7. Mhijiex maħsuba biex tapplika għall-impriżi li jipprovdu bosta SIEĠ, b'kull wieħed minnhom ikkumpensat b'mod individwali b'ammont tal-għajnuna li ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun, kif jista' jinftiehem ukoll mir-referenza fl-Artikolu 7(a) għall-"att ta' inkarigu", fis-singular.

**148. *Il-pubblikazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni għall-ammonti li jaqbżu l-EUR 15-il miljun huma meħtieġa kull sena jew inkella, l-ammonti annwali jistgħu jiġu ppubblikati fi tmiem il-perjodu ta' inkarigu?***

Għad li t-twaqqit tal-pubblikazzjoni mhuwiex imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni, l-għan ta' dan l-Artikolu huwa li jiżgura trasparenza, billi l-fornituri ta' servizzi pubbliċi jiġu mgħarrfa li ġie inkarigat SIEĠ, lil min, xi jkopri, u x'inhu l-kumpens annwali. Dan jippermetti wkoll lil kompetitur possibbli jew ċittadin li jiġbed l-attenzjoni ta' mħallef

jew tal-Kummissjoni dwar każ ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli. Għaldaqstant, jidher li mill-għan ta' din id-dispożizzjoni joħroġ li din l-informazzjoni għandha tiġi ppubblikata fi żmien l-inkarigu jew matul dik is-sena. Li kieku wieħed kellu jistenna sa tmiem il-perjodu ta' inkarigu, l-għan ta' trasparenza ma jibqax jinkiseb bis-sħiħ.

**149. *Meta l-għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku tista' tiġi eżentata min-notifika fuq il-bażi tad-Deċiżjoni, hemm obbligu li jintbagħat fuljett ta' informazzjoni lill-Kummissjoni?***

Le. Meta tiġi applikata d-Deċiżjoni, l-awtoritajiet nazzjonali ma għandhom l-ebda obbligu li jibagħtu lill-Kummissjoni fuljett ta' informazzjoni. L-uniċi obbligi proċedurali imposti mid-Deċiżjoni fuq l-Istati Membri huma li l-Istati Membri jridu jżommu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, għal perjodu minimu ta' għaxar snin, l-elementi kollha meħtieġa sabiex jiġi stabbilit jekk il-kumpens mogħti huwiex kompatibbli mad-Deċiżjoni[122], u li jridu jissottomettu rapporti perjodiċi, kull sentejn, fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni[123].

**150. *Min għandu jipprovdi r-rapporti fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni — l-Istati Membri jew l-awtoritajiet reġjonali / lokali?***

Ir-rapporti fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni jridu jiġu sottomessi mill-Istati Membri għand il-Kummissjoni kull sentejn[124]. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw l-eżerċizzju ta' rapportar minn qabel, jallokaw biżżejjed żmien għall-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa mill-awtoritajiet reġjoanli u lokali relevanti.

*3.4.4 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji*

**151. *Kemm ilha tiġi applikata din id-Deċiżjoni? Hija retroattiva?***

Id-Deċiżjoni ilha tapplika mill-31 ta’ Jannar 2012, id-data li fiha daħlet fis-seħħ.

Tapplika wkoll għal kwalunkwe għajnuna mdaħħla fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni li mhijiex kompatibbli jew eżenti min-notifika skont id-Deċiżjoni tal-2005 (jiġifieri għajnuna illegali), iżda li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni (tal-2011) (l-Artikolu 10(b)). Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal skemi ta' għajnuna li ddaħħlu fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni l-ġdida; għal dawk l-iskemi mhuwiex relevanti jekk il-fornitur individwali diġà ġiex inkarigat bi SIEĠ qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni jew warajha biss. “Għajnuna li ngħatat effett" tfisser li l-impriża ngħatat id-dritt legali sabiex tirċievi l-għajnuna; mhuwiex relevanti jekk fil-verità l-għajnuna tħallsitx jew le.

**152. *L-Istati Membri jridu jallinjaw mad-Deċiżjoni l-ġdida għajnuna individwali eżistenti li hija legalment implimentata skont id-Deċiżjoni tal-2005?***

Le. Skont id-dispożizzjonijiet transitorji stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni, l-iskemi ta' għajnuna li kienu kompatibbli mad-Deċiżjoni tal-2005 ser jibqgħu kompatibbli mas-suq intern u eżenti min-notifika għal sentejn. Id-Deċiżjoni ma ssemmix għajnuna individwali mogħtija skont id-Deċiżjoni tal-2005. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni legali ta' dawk is-sitwazzjonijiet ta' għajnuna individwali mhijiex mibdula mid-Deċiżjoni l-ġdida.

---

[122] Ara l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni.

[123] Ara l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni.

[124] Ara l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni.

Il-kunċetti ta' "skema ta' għajnuna" u "għajnuna individwali" huma ddefiniti fl-Artikolu 1(d) u (e) tar-Regolament tal-Kunsill 659/1999 (ir-Regolament Proċedurali).

***153. L-Istati Membri li għandhom fis-seħħ skemi tas-SIEĠ li kienu legalment implimentati skont id-Deċiżjoni tal-2005, jistgħu jibqgħu jagħtu inkarigi ġodda skont id-Deċiżjoni tal-2005 matul il-perjodu transitorju ta' sentejn?***

Peress li l-iskemi ta' għajnuna kompatibbli mad-Deċiżjoni tal-2005 jibqgħu kompatibbli u eżenti min-notifika għal sentejn, l-Istati Membri jistgħu jagħtu inkarigi ġodda skont it-tali skemi eżistenti. Madankollu, fi tmiem il-perjodu transitorju, l-iskemi ta' għajnuna ġew allinjati mad-Deċiżjoni riveduta jew twaqqfu.

## 3.5 Il-kumpens skont il-Qafas dwar is-SIEĠ

### *3.5.1 Il-kamp ta' applikazzjoni*

***154. Il-Qafas japplika għal kumpens tas-servizz pubbliku għas-settur tat-trasport?***

Il-Qafas ma japplikax għas-settur tat-trasport fuq l-art[125], iżda japplika għat-trasport tal-ajru u tal-baħar. Il-Qafas japplika mingħajr ħsara għar-rekwiżiti addizzjonali stabbiliti:

- fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità[126],
- fir-Regolament (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu)[127].

***155. Il-Qafas japplika għal kumpens għax-xandir tas-servizz pubbliku?***

Il-Qafas ma japplikax għax-xandir tas-servizz pubbliku[128]. Dan is-settur huwa kopert mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat għax-xandir tas-servizz pubbliku[129].

***156. X'inhuma r-regoli għall-applikazzjoni tal-Qafas għal ditti f'diffikultà?***

L-għajnuna għall-forrnituri ta' SIEĠ f'diffikultà[130] ser tiġi vvalutata skont il-linji gwida tal-Komunità dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni tad-ditti f'diffikultà[131].

***157. Hemm bżonn li l-għajnuna li taqbeż il-livell limitu stabbilit fl-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni?***

---

125 Ara l-paragrafu 8 tal-Qafas.
126 ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.
127 ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7.
128 Ara l-paragrafu 8 tal-Qafas.
129 ĠU C 257, 27.10.2009, p. 1.
130 Ara l-paragrafu 9 tal-Qafas.
131 ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

Id-Deċiżjoni tapplika għall-kumpens tas-servizz pubbliku li ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun fis-sena. Fir-rigward tal-isptarijiet u ċerti servizzi soċjali, ma hemm l-ebda limitu fuq l-ammonti li huma eżenti min-notifika.

Jekk il-kumpens għas-servizzi li mhumiex sptarijiet u servizzi soċjali jaqbeż il-livell limitu ta' EUR 15-il miljun fis-sena, hemm bżonn ta' notifika minn qabel lill-Kummissjoni. Imbagħad, dan il-kumpens jiġi vvalutat skont id-dispożizzjonijiet tal-Qafas. Notifika ma tfissirx li l-kumpens jitqies inkompatibbli mat-Trattat b'mod awtomatiku, iżda minħabba l-ammont għoli tal-għajnuna kkonċernata u r-riskju ogħla ta' tfixkil tal-kompetizzjoni, l-għajnuna trid tiġi vvalutata mill-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha tal-kompatibilità[132].

***158. Meta Stat Membru jirrifjuta t-talba ta' reġjun jew ta' komunitajiet lokali oħrajn għan-notifika ta' għajnuna fil-forma ta' kumpens tas-servizz pubbliku, huwa possibbli li l-komunitajiet pubbliċi jaġixxu f'isimhom? Il-Kummissjoni tista' tieħu azzjoni kontra dan l-Istat Membru?***

Il-proċedura ta' notifika tinbeda mill-Istat Membru kkonċernat[133]. Il-proċedura tinvolvi primarjament lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. B'hekk, mill-perspettiva tar-regoli tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat, id-deċiżjoni ta' notifika ta' skema ta' għajnuna jew ta' għajnuna individwali hija f'idejn l-Istat Membru u mhux il-komunitajiet lokali jew reġjonali[134].

Meta l-għajnuna li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni skont ir-regoli eżistenti tiġi implimentata mingħajr notifika minn qabel, tikkostitwixxi Għajnuna mill-Istat illegali. L-implikazzjoni hija li l-kwistjoni tista' titressaq quddiem qorti nazzjonali, pereżempju minn kompetituri ta' min jirċievi l-għajnuna. F'każ bħal dan, il-qorti nazzjonali jkollha tieħu nota ta' din l-illegalità u tordna sabiex l-għajnuna tiġi rkuprata, indipendentement minn jekk hijiex kompatibbli mas-suq intern, xi ħaġa li l-Kummissjoni biss għandha l-kompetenza li tistabbilixxi. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tista' taġixxi *ex officio* jew wara lment u tanalizza l-miżura kkonċernata. L-analiżi tikkonkludi b'deċiżjoni li, f'każ li l-għajnuna tkun inkompatibbli, ser titlob l-irkupru tagħha.

*3.5.2 Il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità (Jekk jogħġbok kun af li t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin relatati mad-Deċiżjoni huma applikabbli mutatis mutandis ukoll għall-Qafas: 117, 119, 124 sa 138, 140 sa 147)*

***159. X'inhuma l-bidliet ewlenin meta mqabbla mal-Qafas tal-2005 fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità?***

Il-Qafas rivedut jintroduċi approċċ proporzjonat billi jżid l-iskrutinju fuq każijiet ta' għajnuna ikbar b'effetti transfruntieri iktar sinifikanti.

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-bidliet ewlenin fil-Qafas tal-2011 meta mqabbel mal-Qafas tal-2005:

| Il-Qafas tal-2005 | Il-Qafas tal-2011 |
|---|---|
| Il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità: | Il-kundizzjonijiet tal-kompatibilità: |

132 Għal iktar dettalji fuq il-kundizzjonijiet ta' kompatibilità tal-Qafas, ara t-Taqsima 3.5.2.

133 Ara l-Artikolu 108 TFUE u l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE, ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

134 Ara l-Artikolu 108 tat-TFUE.

| | |
|---|---|
| - SIEĠ ġenwin<br>- Att ta' inkarigu<br>- Test għal kumpens żejjed (verifika annwali) | - SIEĠ ġenwin<br>- Att ta' inkarigu<br>- Durata tal-perjodu ta' inkarigu<br>- Konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza<br>- Konformità mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku<br>- Nuqqas ta' diskriminazzjoni<br>- Test għal kumpens żejjed fuq il-bażi ta' approċċ pluriennali *ex ante*, inċentivi għall-effiċjenza u l-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati<br>- Trasparenza msaħħa<br>- Rekwiżiti addizzjonali possibbli għall-għajnuna li tfixkel b'mod partikolari |

***160. X'inhu l-għan tar-rekwiżit, imsemmi fil-paragrafu 14, għall-konsultazzjoni pubblika qabel jingħata l-inkarigu ta' SIEĠ?***

Skont il-Qafas rivedut, l-Istati Membri jridu jwettqu konsultazzjoni pubblika jew jużaw xi tip xieraq ieħor ta' strument biex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-interessi tal-utenti u l-fornituri, qabel jinkarigaw lil ċertu fornitur b'obbligu ta' servizz pubbliku. Dan jista' jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiddeterminaw jekk is-servizz ikkonċernat huwiex jew jistax jiġi pprovdut mis-suq u jżidx it-trasparenza tal-proċess. Jgħin ukoll sabiex jiġu identifikati l-ħtiġijiet eżatti tal-utenti, u b'hekk jgħin fit-tfassil tal-att ta' inkarigu bi preċiżjoni ikbar. Dan ir-rekwiżit ma japplikax meta jidher biċ-ċar li konsultazzjoni ġdida mhijiex se ġġib l-ebda valur miżjud sinifikanti ma' konsultazzjoni li saret ftit ilu fuq l-istess kwistjoni.

***161. X'għandu jkun il-kontenut tal-konsultazzjoni pubblika msemmija fil-paragrafu 14? Konsultazzjoni bħal din tista' ssir fil-forma ta' smigħ pubbliku?***

Il-konsultazzjoni pubblika għandha tippermetti lill-awtorità pubblika sabiex ittejjeb l-għarfien tagħha dwar il-ħtiġijiet u l-interessi tal-utenti u dwar l-offerti tas-suq bil-għan li tiddefinixxi l-obbligi ta' servizz pubbliku b'mod xieraq u proporzjonat. Il-kontenut jista' jkopri, pereżempju, mistoqsijiet relatati mal-ħtiġijiet tal-utenti f'termini ta' aċċessibilità, kwalità tas-servizz, affordabilità u jekk u sa liema punt dawk il-ħtiġijiet mhumiex moqdija mis-servizzi diġà pprovduti fis-suq fin-nuqqas ta' fornitur ta' servizzi pubbliċi. Jekk diġà hemm fornitur ta' servizzi pubbliċi inkarigat b'SIEĠ, u l-awtoritajiet pubbliċi qegħdin jikkunsidraw inkarigu ġdid ta' dan jew fornitur ieħor, il-konsultazzjoni tista' teżamina jekk l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' dan il-fornitur għadhomx konformi mal-ħtiġijiet attwali jew tal-ġejjieni tal-utenti.

Konsultazzjoni tista' ukoll tieħu l-forma ta' smigħ pubbliku, jekk l-utenti jkunu mgħarrfa biżżejjed dwar is-smigħ u jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom fuq il-ħtiġijiet tal-pubbliku matul dan is-smigħ.

***162. Huwa possibbli li awtorità pubblika tistabbilixxi fl-att ta' inkarigu li ser tkopri t-telf operatorju mġarrab għal kull perjodu stabbilit mingħajr ma tiddefinixxi xi parametri oħrajn għall-kalkolu tal-kumpens?***

Kif stipulat fil-paragrafu 38 tal-Qafas, mekkaniżmi ta' kumpens li fihom l-ispiża netta mġarrba fil-forniment tas-SIEĠ tkun essenzjalment ikkumpensata *ex post* bis-sħiħ ma

jipprovdu l-ebda inċentivi tal-effiċjenza għall-fornitur ta' servizzi pubbliċi. B'hekk, l-użu ta' mekkaniżmu ta' kumpens bħal dan huwa strettament limitat għal każijiet li fihom l-Istat Membru kapaċi jiġġustifika li mhuwiex fattibbli jew xieraq li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-effiċjenza produttiva u li jkun hemm kuntatt li jagħti inċentivi għall-kisba ta' gwadanni fl-effiċjenza. F'dan il-każ, il-qligħ raġonevoli ma jistax jaqbeż il-livell li jikkorrispondi għal-livell speċifikat fil-paragrafu 36 tal-Qafas.

***163. X'inhuma assi fissi mhux trasferibbli, kif imsemmi fil-paragrafu 17? Tista' tagħti eżempji?***

Assi fissi mhux trasferibbli jfissru assi li ma jistgħux jinbiegħu u/jew jinbidlu fi flus kontanti b'faċilità. Pereżempju, tagħmir kapitali ta' kumpanija tal-manifattura li huwa speċifiku għall-metodi ta' produzzjoni ta' dik il-kumpanija jista' jikkostitwixxi assi fissi mhux trasferibbli.

***164. X'inhuma "l-assi l-iżjed sinifikanti", kif imsemmi fil-paragrafu 17?***

Fil-kuntest tal-paragrafu 17, l-assi l-iżjed sinifikanti meħtieġa biex jiġi pprovdut SIEĠ huma l-assi meħtieġa għall-forniment tas-SIEĠ u li l-valur tagħhom huwa għoli biżżejjed - meta mqabbel mal-valur totali tal-assi meħtieġa għall-forniment tas-SIEĠ - sabiex jiġi ġġustifikat ċertu perjodu ta' durata għall-inkarigu. Pereżempju, tagħmir/ċentri għat-tqassim jistgħu jitqiesu bħala assi sinifikanti għall-operaturi tal-posta.

***165. Durata ta' 10 snin dejjem tkun aċċettabbli skont il-Qafas? Jew anki perjodu iqsar ta', pereż, 8 snin, ikollu bżonn ġustifikazzjoni fuq il-bażi tad-deprezzament tal-assi sinifikanti?***

Kwalunkwe durata għandha tiġi ġġustifikata b'referenza għall-kriterji oġġettivi bħall-bżonn ta' amortizzazzjoni ta' assi fissi mhux trasferibbli. Minn dan jirriżulta li durata ta' 10 snin jew saħansitra iqsar mhux dejjem tkun aċċettabbli skont il-Qafas.

***166. X'inhi d-differenza bejn ir-rekwiżiti f'termini ta' durata tal-perjodu ta' inkarigu skont id-Deċiżjoni u l-Qafas? Ir-rekwiżit tad-Deċiżjoni huwa eħrex minn dak tal-Qafas, u jekk iva, kemm?***

Skont l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni, id-Deċiżjoni tapplika biss meta l-perjodu ta' inkarigu ma jaqbiżx l-10 snin jew meta jkun hemm bżonn ta' investiment sinifikanti li jkun irid jiġi amortizzat fuq perjodu itwal.

Skont il-paragrafu 17 tal-Qafas, id-durata tal-perjodu ta' inkarigu għandha tiġi ġġustifikata b'referenza għall-kriterji oġġettivi bħall-bżonn li jiġu amortizzati assi fissi mhux trasferibbli. Fil-prinċipju, id-durata tal-perjodu ta' inkarigu ma għandhiex taqbeż il-perjodu meħtieġ għad-deprezzament tal-iktar assi sinifikanti meħtieġa għall-forniment tas-SIEĠ.

Il-Qafas (il-paragrafu 55) jistabbilixxi wkoll li meta l-inkarigu jkollu durata li ma tistax tiġi ġġustifikata b'referenza għall-kriterji oġġettivi (bħall-bżonn li jiġu amortizzati l-assi fissi mhux trasferibbli), jistgħu jfeġġu problemi serji fil-kompetizzjoni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tista' teżamina jekk l-istess servizz pubbliku jistax bl-istess mod jiġi pprovdut b'mod li jfixkel inqas, pereżempju b'durata iktar limitata ta' inkarigu.

B'hekk, il-Qafas huwa iktar strett mid-Deċiżjoni peress li kwalunkwe perjodu ta' inkarigu – inkluża durata li ma taqbiżx l-10 snin – trid tiġi ġġustifikata b'referenza għall-kriterji oġġettivi.

Jekk id-durata tal-perjodu ta' inkarigu taqbeż l-10 snin mingħajr ġustifikazzjoni fuq il-bażi tal-ħtieġa ta' amortizzazzjoni tal-assi sinifikanti, id-Deċiżjoni ma tapplikax u, fil-prinċipju, l-għajnuna mhijiex ser titqies kompatibbli skont il-Qafas.

***167. Il-Kummissjoni għaliex introduċiet dispożizzjoni ġdida fil-paragrafu 18 dwar konformità mad-Direttiva dwar it-Trasparenza?***

L-għan huwa li tiżdied it-trasparenza u l-iżgurar iktar effettiv tal-proporzjonalità tal-kumpens – b'mod partikolari billi tintalab separazzjoni tal-kontijiet bejn attivitajiet li jirċievu kumpens tas-servizz pubbliku u attivitajiet oħrajn – sabiex teħfief il-kwantifikazzjoni tal-ispejjeż netti tas-SIEĠ. Ta' min jenfasizza li l-paragrafu 18 ma jwessax il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trasparenza lil hinn minn dak li diġà huwa stabbilit fid-Direttiva nfisha. Għaldaqstant, ma joħloqx xi obbligu ġdid għall-impriżi inkarigati b'SIEĠ.

***168. Il-paragrafu 19 tal-Qafas jeħtieġ l-għażla tal-fornitur ta' servizzi permezz ta' proċeduri tal-akkwist pubbliku?***

Il-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ ma joħloq l-ebda obbligu addizzjonali tal-akkwist pubbliku. Minkejja dan, kull meta japplikaw ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, inklużi kemm id-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku kif ukoll il-prinċipji tat-Trattat, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-tali regoli, l-għajnuna ma titqiesx kompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant, il-paragrafu 19 tal-Qafas jirreferi b'mod espliċitu għar-rekwiżiti eżistenti dwar l-akkwist pubbliku. Għad li l-liġi dwar l-Għajnuna mill-Istat ma toħloq l-ebda obbligu ta' proċedura tal-offerti, l-organizzazzjoni ta' proċeduri tal-offerti għas-servizz tista' tħaffef il-konformità mal-kriterji ta' Altmark biex il-kumpens jitqies li ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107 (1) tat-TFUE (ara l-Komunikazzjoni dwar is-SIEĠ).

***169. X'inhi r-rabta bejn ir-raba' kriterju tas-sentenza Altmark u l-paragrafu 19 tal-Qafas?***

Altmark tikkonċerna l-eżistenza ta' Għajnuna mill-Istat, filwaqt li l-Qafas jindirizza l-kompatibilità tal-għajnuna.

Skont is-sentenza Altmark, kumpens tas-servizz pubbliku ma jikkostitwixxix Għajnuna mill-Istat jekk jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet (ara l-mistoqsija 61).

Ir-raba' kundizzjoni tas-sentenza Altmark tistabbilixxi li l-kumpens offrut irid ikun ir-riżultat ta' proċedura tal-akkwist pubbliku li tippermetti li ssir l-għażla tal-offerent li kapaċi jipprovdi s-servizz bl-inqas spejjeż għall-komunità, jew ir-riżultat ta' eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva ma' impriża tipika, immexxija kif suppost u pprovduta b'mod adegwat bil-mezzi meħtieġa.

Jekk twettqet proċedura tal-akkwist pubbliku konformi mar-raba' kriterju ta' Altmark u l-kriterji l-oħrajn ta' Altmark huma ssodisfati, ma hemm l-ebda Għajnuna mill-Istat u għaldaqstant, ma hemmx ambitu sabiex jiġi applikat il-Qafas.

Jekk ma sar l-ebda akkwist pubbliku konformi mar-raba' kriterju ta' Altmark u jekk il-miżura tista' tiġi kklassifikata bħala Għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1), f'dak il-

każ, id-Deċiżjoni jew il-Qafas huma applikabbli. Anki jekk ma sar l-ebda akkwist pubbliku konformi ma' Altmark, jista' jkun il-każ li l-għajnuna hija konformi mal-paragrafu 19 tal-Qafas. Dan huwa minnu, pereżempju, jekk twettqet proċedura tal-għażla (pereż. proċedura nnegozjata) li tikkonforma mar-rekwiżiti tar-regoli applikabbli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, iżda li ma titqiesx biżżejjed biex tissodisfa r-raba' kriterju ta' Altmark (ara, pereżempju, l-mistoqsija 67).

***170. Il-Kummissjoni għaliex daħħlet dispożizzjoni fil-paragrafu 20 dwar in-nuqqas ta' diskriminazzjoni? Għaliex din ma ddaħħlitx fid-Deċiżjoni wkoll?***

Din hija dispożizzjoni importanti li għandha l-għan li tindirizza b'mod iktar effettiv it-tfixkil tal-kompetizzjoni li jista' jseħħ meta l-awtoritajiet pubbliċi jinkarigaw l-istess SIEĠ lil bosta impriżi u jikkumpensawhom fuq il-bażi ta' metodi differenti. Il-Kummissjoni rċeviet numru ta' lmenti dwar sitwazzjonijiet bħal dawn. Mhuwiex xieraq li tibqa' tiġi aċċettata diskriminazzjoni bħal din, meta wieħed iqis li issa l-Qafas jieħu f'kunsiderazzjoni aħjar l-aspetti tal-kompetizzjoni.

Id-Deċiżjoni ma tinkludix klawżola ta' nondiskriminazzjoni. Dan għaliex inħass li skont l-approċċ diversifikat u proporzjonat, kunsiderazzjonijiet tal-kompetizzjoni għandu jkollhom fil-mira l-każijiet il-kbar, bi tfixkil potenzjalment iktar sinifikanti tal-kompetizzjoni, jiġifieri l-każijiet koperti mill-Qafas, filwaqt li s-servizzi soċjali u ta' skala żgħira għandhom jibbenefikaw minn trattament simplifikat.

***171. Għaliex iddaħħlet metodoloġija ġdida fil-paragrafu 24 (il-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati ) sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-kumpens?***

Il-Qafas rivedut iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jużaw il-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati (NACM) għall-kalkolu tal-ispiża netta ta' obbligu ta' servizz pubbliku. L-għażla ta' din il-metodoloġija kienet element importanti tar-riforma. Ir-raġuni primarja għall-introduzzjoni hija sabiex issir stima aħjar tal-ispiża ekonomika tal-obbligu ta' servizz pubbliku u sabiex jissewwa l-ammont ta' kumpens f'livell li jiżgura l-aħjar allokazzjoni tar-riżorsi.

Bl-NACM, l-ispiża tal-obbligu ta' servizz pubbliku hija kkalkolata bħala d-differenza bejn l-ispiża netta għall-kumpanija biex topera SIEĠ u l-ispiża netta għall-istess kumpanija li topera mingħajr obbligu ta' servizz pubbliku.

L-NACM diġà tintuża fis-setturi tat-telekomunikazzjoni u tal-posta biex tiġi kkalkolata l-ispiża netta tal-forniment tas-servizz universali. L-Anness IV tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 (kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE[135]) dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, u l-Anness I tad-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz, fihom gwida iktar iddettaljata dwar kif tiġi applikata l-metodoloġija tal-ispejjeż netti evitati.

Il-Qafas il-ġdid jippermetti wkoll metodoloġiji oħrajn meta l-NACM ma tkunx fattibbli jew xierqa.

[135] ĠU L 337, 18.12.2009.

***172. Għaliex ir-regoli l-ġodda jeħtieġu li l-Istati Membri jinkludu inċentivi għall-effiċjenza fil-mekkaniżmi ta' kumpens tagħhom?***

Fit-tfassil tal-metodu ta' kumpens, l-Istati Membri jridu jdaħħlu inċentivi għall-forniment effiċjenti tas-SIEĠ, sakemm l-użu ta' dawn l-inċentivi ma jkunx fattibbli jew xieraq. Gwadanni fl-effiċjenza jridu jinkisbu mingħajr ħsara għall-kwalità tas-servizz ipprovdut. Il-Kummissjoni daħħlet dan ir-rekwiżit il-ġdid sabiex trawwem il-forniment ta' servizzi ta' kwalità aħjar bi prezz inqas għall-kontribwenti u l-utenti u sabiex jiġi limitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni li jista' jfeġġ mis-sussidjar kurrenti ta' fornituri ta' servizzi tassew ineffiċjenti.

Trid issir distinzjoni bejn l-inklużjoni ta' inċentivi għall-effiċjenza fil-mekkaniżmu ta' kumpens u t-test tal-effiċjenza skont Altmark. Għall-kuntrarju tat-test Altmark, ma hemm l-ebda rekwiżit sabiex il-fornitur ikun effiċjenti daqs impriża tipika mmexxija kif suppost; hemm biss rekwiżit li jiddaħħlu inċentivi tal-effiċjenza fil-mekkaniżmu ta' kumpens, sabiex il-fornituri jsiru iktar effiċjenti għall-benefiċċju kemm tal-utenti kif ukoll tal-awtoritajiet pubbliċi.

L-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fit-tfassil tal-metodu tagħhom għall-kumpens u d-determinazzjoni tal-miri ta' effiċjenza. Madankollu, il-mekkaniżmu għandu jkun imsejjes fuq il-kriterji oġġettivi u li jistgħu jitkejlu stabbiliti fl-att ta' inkarigu u soġġetti għal valutazzjoni trasparenti *ex post* imwettqa minn entità indipendenti tal-fornitur tas-SIEĠ.

***173. Tista' tagħti eżempji ta' mekkaniżmi ta' kumpens li jistgħu jipprovdu inċentivi għall-effiċjenza?***

Il-Qafas jagħti żewġ eżempji ta' mekkaniżmi ta' kumpens bħal dawn:

- Definizzjoni bil-quddiem tal-livell ta' kumpens: l-Istat Membru jiddefinixxi livell ta' kumpens fiss li jinkorpora l-gwadanni fl-effiċjenza li l-impriża tkun mistennija tagħmel sakemm idum għaddej l-att ta' inkarigu;
- ħlas li jiddependi fuq kemm intlaħqu l-miri ta' effiċjenza: l-Istati Membri jiddefinixxu miri għall-effiċjenza produttivi fl-att ta' inkarigu li fih, il-livell ta' kumpens isir dipendenti fuq kemm ġew issodisfati l-miri. Jekk l-impriża ma tissodisfax l-għanijiet, il-qligħ għandu jitnaqqas. Min-naħa l-oħra, jekk l-impriża ttejjeb fuq l-għanijiet, il-qligħ għandu jiżdied.

Fi kwalunkwe każ, fil-prinċipju l-kumpens ma għandux jibqa' jkun ibbażat fuq l-ispejjeż imġarrba biss. Biex jinżamm l-inċentiv sabiex il-fornitur isir effiċjenti, il-kumpens għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż mistennija (definizzjoni bil-quddiem tal-livell ta' kumpens) jew b'taħlita ta' spejjeż mistennija u mġarrba (ħlas li jiddependi fuq jekk intlaħqux il-miri tal-effiċjenza). Il-mekkaniżmu ta' kumpens irid jiġi speċifikat minn qabel fl-att ta' inkarigu.

Iż-żewġ grafiki li ġejjin juru każijiet li fihom il-kumpens huwa bbażat fuq taħlita tal-ispejjeż mistennija u dawk imġarrba:

L-Ewwel Każ: gwadanni fl-effiċjenza ogħla minn dawk mistennija, allura l-ispejjeż imġarrba huma inqas mill-ispejjeż mistennija.




F'każ li l-ispejjeż imġarrba jkunu inqas mill-ispejjeż mistennija, il-kumpens jista' jaqbeż l-ispejjeż imġarrba, u b'hekk jiżdied il-qligħ tal-impriża. Madankollu, il-kumpens qatt ma għandu jaqbeż l-ispejjeż mistennija (flimkien ma' qligħ raġonevoli).

It-Tieni Każ: gwadanni fl-effiċjenza inqas minn dawk mistennija, allura l-ispejjeż imġarrba huma ogħla mill-ispejjeż mistennija.




F'każ li l-ispejjeż imġarrba jkunu ogħla mill-ispejjeż mistennija, il-kumpens ma jistax ikopri l-ispejjeż totali mġarrba. Għalhekk, l-impriża trid iġġarrab parti mit-telf minħabba l-fatt li kienet inqas effiċjenti minn dak li kien mistenni.

***174. Jekk l-ammont tal-kumpens jiġi stabbilit wara proċedura nnegozjata, il-Kummissjoni tqis li l-kundizzjoni dwar l-inċentivi għall-effiċjenza hija ssodisfata?***

Il-proċedura nnegozjata tagħti diskrezzjoni wiesgħa lill-awtorità kontraenti u tista' tillimita l-parteċipazzjoni tal-operaturi interessati (ara l-paragrafu 66 tal-Komunikazzjoni). Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni tqis li l-proċedura nnegozjata mhux dejjem hija biżżejjed biex tiżgura li l-ammont tal-kumpens

jikkorrispondi għall-inqas spiża għall-komunità. Għall-istess raġuni, il-Kummissjoni ma tqisx li t-tfassil tal-kumpens wara proċedura nnegozjata hija awtomatikament biżżejjed sabiex jiġi żgurat li l-livell tal-kumpens jinkorpora kwalunkwe gwadann fl-effiċjenza. Dan jista' jiġi vvalutat biss billi jiġu analizzati bir-reqqa d-dettalji kollha tal-każ individwali.

Għaldaqstant, l-Istat Membru għandu jiżgura li, jekk ammont fiss ta' kumpens jiġi ddeterminat wara proċedura nnegozjata, dan l-ammont jieħu f'kunsiderazzjoni l-gwadanni mistennija fl-effiċjenza.

Fi kwalunkwe każ, l-Istat Membru għandu jinnotifika l-għajnuna sabiex jikseb l-approvazzjoni tal-Kummissjoni qabel jidħol fi ftehim kuntrattwali mal-fornitur ta' servizzi pubbliċi.

175. ***Fil-każ ta' ħlas bil-quddiem, kif jista' jiġi evitat ir-riskju li l-fornitur jiddikjara spejjeż żejda jew jissottovaluta d-dħul?***

Kif inhu indikat fil-paragrafu 23 tal-Qafas, meta l-kumpens ikun ibbażat fuq l-ispejjeż u d-dħul mistennija, dawk l-ispejjeż u d-dħul iridu jkunu bbażati fuq parametri plawżibbli u osservabbli fir-rigward tal-ambjent ekonomiku li fih jiġi pprovdut is-SIEĠ. Fejn xieraq, għandhom ikunu msawra fuq il-kompetenza tar-regolaturi tas-settur jew ta' entitajiet oħrajn indipendenti mill-impriża.

Fin-nuqqas ta' parametri plawżibbli u osservabbli u meta l-Istat Membru ftit li xejn ikun jista' jivverifika jekk l-ispejjeż u d-dħul mistennija humiex plawżibbli, jista' jkun xieraq li jiġi ddefinit mekkaniżmu ta' kumpens minbarra ħlas bil-quddiem.

Pereżempju, l-Istati Membri jistgħu jfasslu mekkaniżmu ta' kumpens li jieħu f'kunsiderazzjoni ċerti parametri, bħan-numru ta' utenti tas-servizz. Dawk il-parametri għandhom jiġu ddefiniti fl-att ta' inkarigu.

176. ***Il-Qafas jippermetti li jsir il-ħlas ta' kumpens tas-servizz pubbliku iżda jipprojbixxi l-kumpens żejjed; xi jfisser it-terminu "kumpens żejjed"?***

Il-paragrafu 47 tal-Qafas jiddefinixxi l-kumpens żejjed bħala kumpens li l-impriża tirċievi iżjed mill-ammont meħtieġ biex tiġi koperta l-ispiża netta tar-rilaxx tal-obbligi ta' servizz pubbliku inkluż qligħ raġonevoli għad-durata sħiħa tal-kuntratt.

Dan l-ammont ta' kumpens – jew il-mekkaniżmu għall-kalkolu ta' dan l-ammont – għandu jiġi speċifikat fl-att ta' inkarigu.

Eċċess li jirriżulta minn gwadanni ogħla minn dawk mistennija fl-effiċjenza jista' jinżamm minn impriża kif speċifikat fl-att ta' affidament. Dan ma jitqiesx kumpens żejjed iżda qligħ raġonevoli addizzjonali.

177. ***Għaliex għandu jiġi pprovdut kontroll ta' sentejn jew tlieta f'każ li l-kumpens ikun ġie ddefinit ex ante bħala somma f'daqqa (u, għaldaqstant, huwa indipendenti mill-ispejjeż u d-dħul li fil-fatt jiġġarrbu)?***

Kif stipulat mill-paragrafu 50 tal-Qafas, meta l-Istat Membru jkun iddefinixxa bil-quddiem livell ta' kumpens fiss li jantiċipa u jinkorpora b'mod adegwat il-gwadanni fl-effiċjenza li l-fornitur ta' servizzi pubbliċi jista' jkun mistenni jagħmel tul il-perjodu ta' inkarigu, fuq il-bażi ta' allokazzjoni korretta tal-ispejjeż u d-dħul ta' aspettattivi

raġonevoli, fil-prinċipju, il-verifika ta' kumpens żejjed hija limitata għall-verifika li l-livell ta' qligħ li għalih huwa intitolat il-fornitur skont l-att ta' inkarigu huwa fil-fatt raġonevoli minn perspettiva *ex ante*.

Madankollu, jekk il-ħlas bil-quddiem ma jkunx ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' allokazzjoni korretta tal-ispejjeż u d-dħul u ta' aspettattivi raġonevoli, il-mekkaniżmu ta' kumpens għandu jiġi rivedut sa fejn huwa legalment possibbli. F'każ bħal dan, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-inċentivi għall-effiċjenza jinżammu fil-mekkaniżmu ta' kumpens.

***178. Il-verifiki regolari għandhom ikunu limitati għall-ħruġ ta' kumpens żejjed jew għandhom iħarsu wkoll lejn il-kwistjoni ta' jekk SIEĠ għadux iġġustifikat jew jekk sadanittant is-servizz jistax jiġi pprovdut mis-suq?***

Il-verifika ta' jekk is-servizz jistax jiġi pprovdut mis-suq għandha ssir qabel l-inkarigu (ara l-mistoqsijiet 11 u 12 iktar 'il fuq). Il-Qafas ma jeħtieġx li matul il-perjodu ta' inkarigu l-awtoritajiet nazzjonali jeżaminaw jekk is-SIEĠ għadux iġġustifikat. Madankollu, l-Istati Membri huma ħielsa jagħmlu dan jekk iridu, sabiex jiżguraw li s-SIEĠ għadu jirrifletti l-ħtiġijiet propji tal-utenti jew jaraw jekk jistax jiġi pprovdut b'mezzi oħra li jikkaġunaw inqas tfixkil tal-kompetizzjoni jew li jiswew inqas lill-pubbliku.

***179. Huwa possibbli li l-kumpens żejjed jiġi riportat għall-perjodu li jmiss jekk ma jkun hemm l-ebda kumpens żejjed tul il-perjodu sħiħ ta' inkarigu? Jew għandu jsir irkupru?***

Iva, ir-riport huwa possibbli jekk huwa konformi mal-att ta' inkarigu u jekk tul il-perjodu sħiħ ta' inkarigu ma hemm l-ebda kumpens żejjed.

***180. Għall-fini tal-Qafas, f'każ li impriża inkarigata b'SIEĠ tirċievi kumpens nieqes, tista' tittrasferixxi xi parti mill-kumpens żejjed li setgħet irċiviet għall-istess perjodu fir-rigward ta' SIEĠ ieħor inkarigata bih?***

Kif stipulat mill-paragrafu 46 tal-Qafas, l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li l-qligħ li jsir minn attivitajiet oħrajn barra l-kamp ta' applikazzjoni ta' SIEĠ (li ġej minn SIEĠ ieħor jew minn attivitajiet li mhumiex SIEĠ) ser jiġi allokat bis-sħiħ jew f'parti minnu għall-finanzjament tas-SIEĠ.

Madankollu, għandha tittieħed deċiżjoni dwar dan meta s-SIEĠ jiġi inkarigat lill-fornitur u rifless fl-att ta' inkarigu.

Meta fil-mekkaniżmu ta' kumpens jiddaħħlu inċentivi għall-forniment effiċjenti ta' SIEĠ, it-telf li jirriżulta minn gwadanni inqas milli mistennija fl-effiċjenza ma għandhomx ikunu koperti mill-awtoritajiet pubbliċi.

It-trasferiment ta' qligħ minn attivitajiet oħrajn mhux SIEĠ irid jintwera fil-kontijiet tal-impriża inkwistjoni, jitwettaq skont ir-regoli u l-prinċipji stabbiliti fil-Qafas, l-iktar fir-rigward tan-notifika minn qabel, u jkun soġġett għal kontroll xieraq. Barra minn hekk, kumpens żejjed ma jistax jibqa' disponibbli għall-impriża għar-raġuni li jkun jikkostitwixxi għajnuna kompatibbli mat-TFUE; għajnuna bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni u awtorizzata minnha jew tkun eżenti min-notifika skont ir-regoli relevanti.

181. ***Il-Kummissjoni għaliex daħħlet rekwiżiti addizzjonali għal tfixkil fil-kompetizzjoni partikolarment serju fit-Taqsima 2.9 u x'inhuma?***

Il-Kummissjoni trid tiżgura li l-kummerċ u l-kompetizzjoni fis-suq intern mhumiex milqutin tant li jmorru kontra l-interessi tal-UE (l-Artikolu 106(2) tat-TFUE). F'xi ċirkostanzi eċċezzjonali, miżura tas-SIEĠ għandha l-potenzjal li toħloq tfixkil serju fil-kompetizzjoni li jaffettwa l-kummerċ tant li jmur kontra l-interessi tal-UE. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni ser twettaq valutazzjoni fil-fond tal-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni u tivvaluta jekk it-tfixkil jistax jiġi rrimedjat permezz ta' kundizzjonijiet applikabbli għall-Istati Membri jew impenji miksuba mingħandhom.

182. ***Eżempju ta' tfixkil serju mogħti fil-paragrafu 55 tal-Qafas huwa dak ta' ggruppar mhux neċessarju. Jista' jkun hemm anki każijiet ta' diżaggregazzjoni mhux neċessarja, jiġifieri meta l-iggruppar ikun aħjar minn perspettiva tal-kompetizzjoni (pereż. għaliex servizzi li jrendu iktar qligħ jiġu ggruppati ma' servizzi li jagħmlu t-telf)?***

L-iggruppar ta' serje ta' kompiti jista' jirriżulta f'operaturi li ma jitħallewx jikkompetu għall-forniment ta' SIEĠ, jekk dawk l-operaturi ma jistgħux jipprovdu s-servizzi kollha inklużi fis-SIEĠ. Normalment id-diżaggregazzjoni ma jkollhiex l-istess effett li ma tħallix lill-operaturi milli jikkompetu għall-forniment tas-SIEĠ.

Madankollu, huwa minnu li l-iggruppar ta' servizzi li jrendu qligħ ma' servizzi li jagħmlu t-telf iwassal għal kumpens nieqes skont il-metodoloġija bbażata fuq l-allokazzjoni tal-ispejjeż. Meta jiġi kkunsidrat l-iggruppar, ikun irid jiġi mistħarreġ ukoll jekk is-servizzi li jrendu qligħ jistgħux jikkwalifikaw bħala SIEĠ ġenwini li mhumiex jew li ma jistgħux jiġu pprovduti mis-suq.

183. ***Skont il-paragrafu 61, ċerti kundizzjonijiet tal-kompatibilità ma japplikawx għal servizzi li kienu jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni iżda li ma jikkonformawx mal-kundizzjonijiet tal-kompatibilità tad-Deċiżjoni. Tista' tispjega għaliex u tagħti eżempju?***

Il-Qafas fih kundizzjonijiet tal-kompatibilità li jistgħu jitqiesu wisq kumplessi jew inadatti għal servizzi fuq skala żgħira u servizzi soċjali. Każijiet li fihom l-għajnuna li taqa' taħt l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni – jiġifieri b'mod partikolari kumpens li ma jaqbiżx il-EUR 15-il miljun u kumpens lil sptarijiet u servizzi soċjali – mhijiex koperta mid-Deċiżjoni għaliex tonqos milli tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tagħha tal-kompatibilità ser jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-Qafas (u għaldaqstant, iridu jiġu nnotifikati). Għajnuna bħal din ser tevita l-applikazzjoni ta' ċerti kundizzjonijiet tal-kompatibilità stipulati fil-Qafas, bħall-obbligu li titwettaq konsultazzjoni pubblika fuq il-ħtiġijiet tal-pubbliku għad-definizzjoni tas-SIEĠ, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn il-fornituri, l-użu tal-metodoloġija tal-ispiża netta evitata, l-obbligu li jiddaħħlu inċentivi għall-effiċjenza, eċċ.

Pereżempju, jekk l-għajnuna taqa' taħt l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni iżda ma tissodisfax waħda mill-kriterji tal-kompatibilità tad-Deċiżjoni (pereż. l-att ta' inkarigu ma jispeċifikax l-elementi kollha meħtieġa fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni), il-kompatibilità tagħha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-Qafas. Skont il-paragrafu 61, ċerti kundizzjonijiet tal-kompatibilità mhumiex ser ikunu applikabbli.

### *3.5.3 Id-dħul fis-seħħ u d-dispożizzjonijiet transitorji*

***184. Kemm ilu jiġi applikat il-Qafas? Huwa retroattiv?***

Il-Qafas japplika għall-miżuri tal-għajnuna kollha nnotifikati, anki jekk dawn ġew innotifikati qabel il-31 ta' Jannar 2012, id-data meta daħal fis-seħħ[136].

Japplika wkoll għall-għajnuna illegali li fuqha ttieħdet deċiżjoni mill-Kummissjoni wara l-31 ta' Jannar 2012, anki jekk l-għajnuna ngħatat qabel din id-data. Madankollu, jekk l-għajnuna ngħatat qabel il-31 ta' Jannar 2012, ċerti rekwiżiti[137] li ma kinux jeżistu fil-Qafas ta' qabel, u li b'hekk diffiċilment setgħu jiġu antiċipati, ma japplikawx[138].

***185. Jekk għajnuna individwali ngħatat legalment fuq il-bażi tal-Qafas tas-SIEĠ tal-2005, hemm bżonn li jiġi żgurat li t-tali għajnuna issa tikkonforma mal-Qafas il-ġdid? Hemm bżonn ta' notifika ġdida?***

Le. L-għajnuna individwali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Qafas rivedut u ddikjarata kompatibbli mill-Kummissjoni skont il-Qafas tal-2005 mhijiex affettwata mir-reviżjoni, u ma għandhiex bżonn tikkonforma mal-Qafas rivedut. Meta jingħata inkarigu ġdid, dan irid ikun kompatibbli mal-pakkett il-ġdid tas-SIEĠ u (sakemm il-kumpens il-ġdid tas-SIEĠ ma jikkonformax mad-Deċiżjoni) hemm bżonn ta' notifika ġdida.

***186. X'inhuma r-regoli għall-iskemi eżistenti?***

Skont il-miżuri xierqa stabbiliti fil-Qafas[139], l-Istati Membri jridu jippubblikaw lista tal-iskemi kollha tal-għajnuna eżistenti li jikkonċernaw il-kumpens tas-servizz pubbliku li mhumiex konformi mal-Qafas rivedut sal-31 ta' Jannar 2013. Dan jista' jsir fuq l-internet, f'ġurnal uffiċjali jew b'mezzi xierqa oħrajn. Dawn l-iskemi tal-għajnuna jridu jiġu allinjati mal-Qafas rivedut sal-31 ta' Jannar 2014. L-Istati Membri kollha aċċettaw dawk il-miżuri xierqa. Bħala konsegwenza, l-iskemi tal-għajnuna eżistenti inkwistjoni ma jistgħux jibqgħu japplikaw legalment wara l-31 ta' Jannar 2014.

## 3.6 Il-pakkett tas-SIEĠ u regoli oħrajn

***187. Is-SIEĠ li jikkonċernaw l-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol tan-nies qiegħda u t-taħriġ vokazzjonali jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni jew ir-Regolament (KE) Nru 800/2008 għal eżenzjoni ġenerali sħiħa[140]?***

SIEĠ li jikkonċerna l-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol jew it-taħriġ vokazzjonali, iddefiniti bħala tali mill-Istat u inkarigati lill-impriża minnu, jista' jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fihom. Għaldaqstant, kumpens imħallas lill-impriża li għandha mandat ta' servizz pubbliku fil-qasam tal-integrazzjoni soċjali u tax-xogħol jew taħriġ jista' jiġi eżentat min-notifika diment li l-impriża kkonċernata tkun ġenwinament ġiet inkarigata b'dan il-kompitu ta'

[136] Ara l-Paragrafu 68 tal-Qafas.

[137] Il-konsultazzjoni fuq il-ħtiġijiet tas-servizz pubbliku, il-konformità mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, l-użu tal-metodoloġija tal-ispiża netta evitata, l-introduzzjoni ta' inċentivi għall-effiċjenza fil-mekkaniżmu ta' kumpens u l-pubblikazzjoni ta' tagħrif inklużi l-ammonti tal-għajnuna mogħtija.

[138] Ara l-Paragrafu 69 tal-Qafas.

[139] Ara l-Paragrafu 70 tal-Qafas.

[140] ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.

servizz pubbliku (ara, b'mod iktar speċifiku, il-kundizzjonijiet għall-inkarigu fl-Artikoli 2, 4 u 6 tad-Deċiżjoni u t-Taqsima 3.4.2 ta' din il-gwida).

Barra minn hekk, l-għajnuna għall-impriżi li jaħtru persuni żvantaġġati skont it-tifsira tal-Artikolu 2(18) tar-Regolament (KE) Nru 800/2008 tista' tibbenefika mill-eżenzjoni tan-notifika stabbilita fir-Regolament, diment li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I tar-Regolament u dawk stabbiliti fl-Artikolu 40 tal-istess Regolament.

Fir-rigward tal-għajnua għall-impriżi li jinvestu f'taħriġ għall-ħaddiema skont it-tifsira tal-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 800/2008, din tista' tibbenefika minn eżenzjoni min-notifika stabbilita fir-Regolament, diment li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I tar-Regolament u dawk stabbiliti fl-Artikolu 39 tal-istess Regolament.

***188. Il-konformità mal-pakkett tas-SIEĠ tfisser li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku ma għandhomx għaliex jiġu applikati?***

Le. Il-pakkett tas-SIEĠ jindirizza biss il-liġi tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat. Bl-ebda mod ma jillimita l-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku (ara l-premessa 29 tad-Deċiżjoni; para. 10 (b) tal-Qafas; il-premessa 21 tar-Regolament *de minimis* dwar is-SIEĠ). Lanqas ma jillimita l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali dwar l-akkwist pubbliku.

***189. Il-finanzjament ta' SIEĠ mill-FSE u l-FEŻR huwa Għajnuna mill-Istat? Dan hu r-responsabilità tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni?***

Fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, finanzjament mogħti mill-Istati Membri li jużaw ir-riżorsi mill-FSE u l-FEŻR jikkostitwixxi riżorsi tal-Istat. Għaldaqstant, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat japplikaw għall-finanzjament mogħti mill-Istati Membri li jużaw riżorsi bħal dawn bl-istess mod daqslikieku l-finanzjament ingħata direttament mill-baġit tal-Istat Membru nnifsu.

***190. Il-finanzjament ta' SIEĠ permezz ta' riżorsi li joriġinaw mill-FSE u l-FEŻR irid jingħata skont il-pakkett tas-SIEĠ? Din hija r-responsabilità tal-Istati Membri jew tal-Kummissjoni?***

Is-sussidji pubbliċi mogħtija mill-Istati Membri li jużaw riżorsi mill-FSE u l-FEŻR huma inklużi, bħal kwalunkwe finanzjament pubbliku ieħor maħsub biex jippermetti lill-kumpanija tipprovdi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, fil-kalkolu tal-kumpens għall-forniment ta' servizzi bħal dawn, u jridu jingħataw skont il-pakkett tas-SIEĠ. Ir-responsabilità għad-definizzjoni tal-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u r-reviżjoni tal-kumpens speċifikat fl-att ta' inkarigu hija tal-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali li waqqfet is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, irrelevanti minn fejn ikun ġej il-finanzjament pubbliku allokat minn dik l-awtorità għas-servizz. Il-fatt li r-riżorsi ġejjin mill-FSE u/jew il-FEŻR ma għandu l-ebda effett affattu fuq it-twaqqif tal-mandati għas-servizz pubbliku mill-Istati Membri, li dejjem huwa r-responsabilità tagħhom.

***191. Il-finanzjament ta' SIEĠ mill-FAEŻR huwa għajnuna mill-istat?***

Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għall-finanzjament fi ħdan il-qafas tar-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali kull meta SM jeżerċita diskrezzjoni fir-rigward tal-allokazzjoni tal-fondi (cf. l-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005). Madankollu, ir-Regolament dwar l-Iżvilupp Rurali jistabbilixxi li għall-prodotti tal-

Anness I, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat la japplikaw għall-appoġġ mill-Unjoni u lanqas għall-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

Għall-appoġġ tal-iżvilupp rurali għall-prodotti li mhumiex tal-Anness I, bil-kundizzjonijiet li għadhom kif issemmew, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw bis-sħiħ għall-partijiet kollha tal-ħlasijiet: il-parti tal-Unjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja pprovduta mill-Istat Membru (kofinanzjament) u l-parti nazzjonali addizzjonali (supplimenti). Għaldaqstant, ir-regoli speċifiċi fuq is-SIEĠ jistgħu jiġu applikati jekk japplikaw ir-regoli ġenerali dwar l-għajnuna mill-Istat.

**192. *Finanzjament tas-SIEĠ permezz ta' riżorsi tal-FAEŻR għall-prodotti li mhumiex tal-Anness I irid jingħata skont il-pakkett tas-SIEĠ?***

Il-miżuri dwar l-iżvilupp rurali li jikkonċernaw il-prodotti mhux agrikoli jridu jiġu koperti jew b'*de minimis* (ir-Regolament (KE) Nru 1998/2006) jew b'regolament dwar eżenzjoni ġenerali tal-għajnuna mill-Istat jew deċiżjoni dwar għajnuna mill-Istat li diġà hija approvata. Fil-każ imsemmi l-aħħar, kull meta jkun involut SIEĠ, ikunu jridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-pakkett tas-SIEĠ.

L-appoġġ mogħti minn riżorsi tal-FAEŻR huwa inkluż, bħal kwalunkwe finanzajment pubbliku ieħor maħsub biex jippermetti lill-kumpanija tipprovdi servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, fil-kalkolu tal-kumpens għall-forniment ta' servizzi bħal dawn. L-ammont sħiħ ta' appoġġ (jiġifieri il-parti tal-Unjoni, il-kofinanzjament u s-supplimenti) irid jingħata skont il-Pakkett dwar is-SIEĠ.

Ir-responsabilità għad-definizzjoni tal-parametri għall-kalkolu, il-kontroll u l-analiżi tal-kumpens fl-att ta' inkarigu hija tal-awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali li waqqfet is-servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, irrelevanti mnejn ikun ġej il-finanzjament pubbliku allokat minn dik l-awtorità għas-servizz.

**193. *X'inhi r-relazzjoni bejn ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat fuq l-għajnuna reġjonali li stabbilixxew intensitajiet speċifiċi tal-għajnuna u r-regoli dwar is-SIEĠ?***

Jekk il-kontribuzzjoni mill-FEŻR tissodisfa r-rekwiżiti kollha tad-Deċiżjoni jew tal-Qafas, hija kompatibbli mas-suq intern fuq il-bażi tal-Artikolu 106(2) TFUE. F'dan il-każ, l-intensitajiet tal-għajnuna stabbiliti fil-linji gwida tal-għajnuna reġjonali (ibbażati fuq l-Artikolu 107(3)(a) u (c)) ma japplikawx.

Jekk l-impriża twettaq attivitajiet oħrajn minbarra l-kompiti tas-servizz pubbliku tagħha, tista' tirċievi għajnuna reġjonali għal dawk l-attivitajiet l-oħrajn. F'dan il-każ, hemm bżonn ta' kontabilità neċessarja biex jiġi żgurat li huma ssodisfati l-kundizzjonijiet rispettivi tal-kompatibilità għaż-żewġ settijiet ta' attivitajiet.

**194. *Il-kontrolli tal-Għajnuna mill-Istat huma kompatibbli mal-kontrolli fuq il-finanzjament mill-FSE?***

Il-kontrolli tal-Għajnuna mill-Istat u l-kontrolli fuq il-finanzjament mill-FSE jaqdu żewġ skopijiet: min-naħa biex ma jħallux lill-Istati Membri jagħtu għajnuna li tfixkel il-kompetizzjoni u min-naħa l-oħra biex jiżguraw li l-finanzjament mill-UE mogħti għal ċerti proġetti jintuża skont il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-għoti.

Il-finanzjament għal proġett wieħed jista' jkollu bżonn jiġi eżaminat minn dawn iż-żewġ naħat. Fejn applikabbli, il-kontrolli tal-FSE ser jinkludu wkoll ir-rispett tar-regoli dwar l-

Għajnuna mill-Istat. Dan isir minħabba l-fatt li l-operazzjonijiet kofinanzjati mill-FSE jridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u mal-atti adottati skontu[141].

***195. Skont ir-regoli dwar il-ġestjoni tal-fondi tal-FSE, huma eliġibbli biss il-partiti tan-nefqa u d-dħul strettament iddedikati għall-proġett li jkun qed jiġi kkofinanzjat, jiġifieri eskluż qligħ raġonevoli. Fil-każ ta' SSIĠ iffinanzjat minn riżorsi tal-FSE, il-qligħ raġonevoli jista' jiġi inkluż, kif stipulat fid-Deċiżjoni?***

Tabilħaqq, ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jippermettu li l-awtorità pubblika li tiffinanzja proġett tkopri 100% tal-ispejjeż ta' fornitur ta' servizzi flimkien ma' "profitt raġonevoli". Iżda l-profitt raġonevoli mhuwiex inkluż fl-ammont eliġibbli skont l-FSE. Fil-prattika, l-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ settijiet ta' regoli mhijiex problema, għaliex skont il-pakkett tas-SIEĠ, l-awtorità pubblika xorta tista' tkopri l-profitt raġonevoli bir-riżorsi tagħha stess, jekk tixtieq tagħmel hekk.

***196. X'inhi r-relazzjoni bejn il-mekkaniżmu ta' kontroll ta' proġetti kkofinanzjati mill-FSE u l-kontroll ta' kumpens żejjed impost mill-pakkett tas-SIEĠ?***

Il-proġetti ffinanzjati mill-FSE huma soġġetti għal kontroll sistematiku mill-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-programmi operazzjonali tal-FSE. Ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 fih dispożizzjonijiet iddettaljati fuq is-sistemi ta' kontroll li jridu jiġu implimentati mill-awtoritajiet inkarigati mill-programmi operazzjonali tal-FSE. L-awtoritajiet li jmexxu l-FSE jridu jivverifikaw jekk il-prodotti u s-servizzi kofinanzjati humiex fornuti u jekk in-nefqa ddikjarata mill-benefiċjarji għall-operazzjonijiet iġġarrbitx verament u jekk tikkonformax mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali. Qabel tkun tista' tiġi ddikjarata nefqa lill-Kummissjoni, l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni għandha, fost l-oħrajn, tiċċertifika li d-dikjarazzjoni tan-nefqa hija preċiża u li n-nefqa ddikjarata tikkonforma mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli.

Il-pakkett tas-SIEĠ jimplika min-naħa tiegħu li għandu jiġi implimentat mekkaniżmu ta' kontroll, filwaqt li jħalli f'idejn l-Istati Membri l-kompitu li jiddefinixxu t-termini. L-iskop ta' dan il-mekkaniżmu huwa li jiżgura li ma jkunx hemm kumpens żejjed, fatt li l-verifiki li jsiru taħt l-FSE mhux neċessarjament jistabbilixxu minħabba li dawn ikopru l-ispejjeż eliġibbli taħt l-FSE (il-kwistjoni tal-profitt raġonevoli, pereżempju, ma tkunx eżaminata). Għalkemm dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' kontroll jistgħu jaqblu dwar ċerti punti u saħansitra jekk ikun il-każ, ikunu integrati, huma għandhom madankollu loġika separata li jeħtieġ li tiġi rrispettata.

***197. Jekk Stat Membru jagħti vantaġġ lil xi intrapriża inkarigata mill-obbligi ta' servizz pubbliku ta' komunikazzjoni elettronika li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/22/KE[142] kif emendata mid-Direttiva 2009/136/KE, jibqa' possibbli li l-kumpens inkwistjoni jiġi evalwat skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat?***

Id-Direttiva 2002/22/KE tipprovdi li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jimponu miżuri addizzjonali fit-territorju tagħhom, li ma jkunux koperti mill-obbligi ta' servizz universali previsti mid-Direttiva, u li jiffinanzjawhom skont il-liġi tal-UE (ara l-Artikolu 32 u l-premessi 25 u 46 tad-Direttiva 2002/22/KE).

---

141 Ara l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

142 Id-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), ĠU L 108, 24.4.2002, p. 51.

Għaldaqstant, meta Stat Membru jagħti vantaġġ lil xi intrapriża inkarigata mill-forniment ta' servizzi telefoniċi aċċessibbli għall-pubbliku li mhumiex koperti mill-obbligi ta' servizz universali, kif definiti fil-Kapitolu II tad-Direttiva, dejjem għandu jevalwa l-kundizzjonijiet Altmark u l-kundizzjonijiet l-oħrajn tal-Għajnuna mill-Istat (jiġifieri t-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabilità, distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati, is-selettività tal-miżura inkwistjoni), sabiex jikkonkludi dwar l-eżistenza ta' Għajnuna mill-Istat.

# 4 MISTOQSIJIET DWAR L-APPLIKAZZJONI GĦAS-SSIĠ TAR-REGOLI DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU

## 4.1 Is-SSIĠ huwa pprovdut mill-awtorità pubblika nnifisha

**198.** ***Sa liema punt awtorità pubblika tista' tiddeċiedi li tipprovdi hija stess servizz soċjali ta' interess ġenerali (SSIĠ)? Fi kliem ieħor, x'inhu l-marġini tal-flessibilità li għandha l-awtorità pubblika sabiex tiddeċiedi jekk servizz għandux jingħata direttament minnha jew għandux jiġi esternalizzat? Din id-deċiżjoni hija għalkollox f'idejha?***

Hija interament ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi li jiddeċiedu jekk joffrux servizz huma nfushom jew jekk jinkarigawhx f'idejn parti terza (esternalizzazzjoni). Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw biss jekk awtorità pubblika tiddeċiedi li tinkariga forniment ta' servizz lil xi parti terza bi ħlas.

**199.** ***Ir-regoli tal-UE dwar l-għażla tal-fornitur ma japplikawx normalment meta l-awtoritajiet pubbliċi joffru servizz huma nfushom jew permezz ta' fornitur intern (din li tissejjaħ sitwazzjoni ta' "fornitur in-house"). X'inhuma l-ambitu u l-limiti tal-eċċezzjoni "in-house"?***

L-eċċezzjoni "in-house" għandha l-għan li tkopri l-każijiet fejn awtorità pubblika tagħti servizz hija stess, iżda permezz ta' entità ġuridikament separata. F'dan il-każ speċifiku, kemm l-awtorità pubblika kif ukoll l-entità li toffri s-servizz jitqiesu li jiffurmaw korp wieħed. Relazzjoni bħal din mhijiex koperta la mill-prinċipji ta' trasparenza, ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni tat-Trattat, u lanqas mid-Direttiva 2004/18/KE dwar l-Akkwist Pubbliku (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva")[143].

Il-kundizzjonijiet tal-applikabbiltà tal-prinċipju tal-eċċezzjoni "in-house" huma dawn li ġejjin:

A) Il-kontroll eżerċitat mill-awtorità pubblika, waħedha jew flimkien ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, fuq l-entità ġuridikament separata għandu jkun l-istess bħal dak li l-awtorità teżerċita fuq is-servizzi tagħha stess.

Il-kwistjoni dwar jekk awtorità pubblika teżerċitax jew le fuq entità ġuridikament separata kontroll simili għal dak li teżerċita fuq is-servizzi tagħha stess tista' tkun solvuta biss każ b'każ waqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet legali pertinenti u ċ-ċirkostanzi (liġi, statuti tal-entità kkonċernata, ftehim tal-azzjonisti, eċċ.) kollha. Din

143 Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18/KE tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, ĠU L 134, 30.4.2004, p 114.

l-awtorità pubblika għandha, fi kwalunkwe każ, teżerċita fuq l-entità kkonċernata kontroll li jippermettilha li jkollha influwenza determinanti kemm fuq l-għanijiet strateġiċi kif ukoll fuq id-deċiżjonijiet importanti ta' din tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja iddikjarat b'mod ċar li, jekk intrapriża privata jkollha sehem, anki jekk monoritarju, fil-kapital ta' dik l-entità terza, dan jeskludi l-possibilità li awtorità pubblika teżerċita fuq dik l-entità kontroll simili għal dak li teżerċita fuq is-servizz tagħha stess [144].

u

B) Il-parti essenzjali tal-attività tal-entità ġuridikament separata għandha ssir mal-awtorità pubblika jew mal-awtoritajiet pubbliċi li jikkontrollawha[145].

L-eċċezzjoni in-house u kontroll konġunt simili: Rigward l-ewwel kriterju (kontroll simili), il-Qorti rrikonoxxiet li mhuwiex essenzjali li l-kontroll simili jkun individwali u li għalhekk dan ikun jista' jiġi eżerċitat b'mod konġunt minn diversi awtoritajiet pubbliċi[146]. Hija kkonfermat ukoll li, fil-każ fejn diversi awtoritajiet pubbliċi jkollhom entità ġuridikament separata, it-tieni kriterju (attività essenzjali) jista' wkoll ikun issodisfat jekk tiġi kkunsidrata l-attività li l-entità ġuridikament separata twettaq mal-awtoritajiet pubbliċi kollha[147]. Għaldaqstant, m'hemmx bżonn li jiġu applikati proċeduri ta' akkwist pubbliku meta diversi awtoritajiet pubbliċi jikkooperaw f'entità pubblika separata, soġġetta għal kontroll konġunt tal-entitajiet pubbliċi li jikkontrollawha, u fejn il-parti essenzjali tal-attività titwettaq ma' dawn l-istess entitajiet pubbliċi. Għal aktar tagħrif dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, ara t-tweġiba għall-mistoqsija.

Għal tagħrif dwar ir-rispett tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat meta l-fornitur ta' SSIĠ jkun marbut mal-awtorità pubblika ("fornitur in-house") ara t-tweġiba għall-mistoqsija 211.

### 4.2 Il-forniment tas-SSIĠ huwa inkarigat lil parti terza bi ħlas

***200. X'inhu l-qafas legali applikabbli meta awtorità pubblika tiddeċiedi li testernalizza l-forniment ta' SSIĠ bi ħlas?***

Jekk l-awtorità pubblika tiddeċiedi li testernalizza servizz bi ħlas, din għandha ssegwi r-regoli tal-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku ta' servizzi jew ta' konċessjonijiet ta' servizzi.

Wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn żewġ każijiet:

A) L-awtorità pubblika tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku. F'dan il-każ, l-awtorità pubblika tħallas ammont determinat lill-fornitur tas-servizz. Hemm żewġ sitwazzjonijiet possibbli:

(a) il-valur tal-kuntratt ikun ogħla mil-limiti ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE.

144 Kawża C-26/03 [2005] *Stadt Halle*, , Ġabra p. I-00001, paragrafi 49-50.
145 Kawża C-107/98 *Teckal* [1999], Ġabra I-8121, paragrafu 50.
146 Kawża C-324/07 *Coditel Brabant* [2008], ,Ġabra I-08457 u Kawża C-573/07 *Sea*,[2009] Ġabra I-8127 .
147 Kawża C-340/04 *Carbotermo*, paragrafu 70 u Kawża C-295/05 *Asemfo* [2007], Ġabra p. I - 2999, paragrafu 62.

Jekk jintlaħqu l-limiti rilevanti[148], il-kuntratti ta' servizz pubbliku jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Madanakollu, skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva, il-kuntratti tas-servizzi soċjali u tas-saħħa mhumiex soġġetti għar-regoli kollha ddetaljati tad-Direttiva[149], iżda unikament għal numru limitat ħafna ta' Artikoli tagħha. Dawn jirrikjedu, b'mod partikulari, li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi[150] jkunu notament stabbiliti skont id-Direttiva fil-bidu tal-proċedura tal-akkwist (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 203), u r-riżultati tal-proċedura tal-għoti[151] għandhom ikunu ppubblikati. Barra minn hekk, meta jingħataw kuntratti għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jirrispettaw ukoll il-prinċipji bażiċi tat-TFUE, bħall-obbligu ta' trasparenza kif ukoll dak tat-trattament ugwali u mingħajr diskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi jekk u sakemm dawn is-servizzi jkunu ta' interess transfruntier[152]. Għal aktar tagħrif dwar il-kunċett ta' interess transfruntier, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 201.

Madankollu, dawn il-prinċipji jeħtieġu li jikkonformaw biss mal-elementi fundamentali tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mhux li jsegwu strettament is-sett sħiħ ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE. Għaldaqstant, meta l-awtoritajiet pubbliċi jesternalizzaw servizzi soċjali permezz ta' kuntratt ta' servizz pubbliku, huma diġà jibbenefikaw minn aktar flessibbiltà milli f'oqsma oħrajn.

Madankollu ta' min jinnota li, fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi mħallta li jinkludu kemm servizzi soċjali kif ukoll servizzi oħra koperti għalkollox mid-Direttiva tal-Akkwist Pubbliku[153] bħat-trasport, ir-riċerka xjentifika, il-konsulenza jew il-manutenzjoni, id-Direttiva tapplika biss parzjalment - kif kien spjegat hawn fuq - jekk il-valur tas-servizz soċjali[154] jkun akbar minn dak tas-servizz l-ieħor.

Is-servizzi tal-ambulanza jinkludu, pereżempju, kemm komponenti ta' servizz tas-saħħa kif ukoll ta' servizz ta' trasport. Jekk il-valur tas-servizz ta' trasport ikun ogħla minn dak tas-servizz tas-saħħa, id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva japplikaw. Jekk il-valur tas-servizz mediku jkun akbar, tapplika biss parti mid-Direttiva, kif spjegat hawn fuq[155].

(b) il-valur tal-akkwist huwa aktar baxx mil-limitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE.

Jekk il-valur tal-kuntratt ikun aktar baxx mil-limitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-awtorità pubblika għandha madankollu tikkonforma mar-regoli u l-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-Unjoni, bħall-prinċipji tat-trattament ugwali, ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza, jekk il-kuntratt inkwistjoni ikun ta' interess transfruntier. Għal aktar

148 Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/18/KE.

149 Is-servizzi soċjali u tas-saħħa jinsabu fost is-servizzi elenkati fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE. Il-kuntratti għal servizzi bħal dawn huma soġġetti biss għal numru limitat ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva (dwar id-distinzjoni bejn is-servizzi elenkati fl-Annessi II A u II B, ara l-Artikoli 20 u 21 tad-Direttiva 2004/18/KE). Il-kodiċijiet imsemmija fih huma disponibbli fuq is-sit tad-DĠ Suq Intern fuq www.simap.europa.eu.

150 Artikolu 21 flimkien mal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE.

151 Artikolu 21 flimkien mal-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2004/18/KE.

152 Jiġifieri li jkunu ta' interess għall-operaturi ekonomiċi li jinsabu fi Stati Membri oħrajn taż-Żona Ekonomika Ewropea. Ara l-Kawża C-507/03 *Commission v Ireland* [2007] Ġabra I-9777, paragrafi 29 *et seq*.

153 Is-servizzi elenkati fl-Anness II A tad-Direttiva 2004/18/KE.

154 L-Artikolu 22 tad-Direttiva 2004/18/KE.

155 Ara l-Kawża C-76/97 *Tögel* [1998], Ġabra I-5357, paragrafi 29-40.

tagħrif dwar il-kontenut preċiż ta' dawn il-prinċipji, jekk jogħġbok irreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija 201.

B) L-awtorità pubblika tagħti koncessjoni ta' servizz. F'dan il-każ, il-ħlas jikkonsisti prinċipalment fid-dritt ta' esplojtazzjoni ekonomika tas-servizz[156]. Il-konċessjonarju jġorr ir-riskju operazzjonali sostanzjali li jirriżulta mill-esplojtazzjoni tas-servizz inkwistjoni[157]. L-awtoritajiet pubbliċi li jagħtu konċessjonijiet ta' servizz, meta dawn tal-aħħar ikollhom interess transfruntier, għandhom jikkonformaw mar-regoli u mal-prinċipji bażiċi tal-liġi tal-Unjoni u b'mod partikolari, mal-prinċipji tat-trasparenza, ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni[158]. Għal aktar tagħrif dwar il-kontenut preċiż ta' dawn il-prinċipji irreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija 202.

## *201. Xi jfisser il-kunċett ta' interess transfruntier?*

Kuntratt ta' appalt jew konċessjoni jkunu ta' interess transfruntier, jekk jippreżentaw interess għall-operaturi ekonomiċi li jinsabu fi Stati Membri oħrajn taż-Żona Ekonomika Ewropea[159].

Hija r-responsabbiltà tal-awtorità pubblika li tevalwa każ b'każ l-interess potenzjali tal-kuntratt mill-perspettiva tal-operaturi ekonomiċi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn, sakemm il-liġi nazzjonali ma tipprovdix indikazzjonijiet speċifiċi.

Meta kuntratt ta' appalt jew konċessjoni jkunu ta' interess transfruntier, l-awtorità pubblika għandha tikkonforma mal-prinċipji tat-TFUE (nondiskriminazzjoni, trasparenza eċċ.)[160] waqt il-proċedura tal-għoti. Il-kuntratti ta' appalt jew il-konċessjonijiet li ma jkunux ta' interess transfruntier mhumiex soġġetti għall-prinċipji tat-TFUE.

Għalhekk, taħt ċerti kundizzjonijiet, kuntratti għal servizz żgħar ta' daqs lokali jistgħu jingħataw anki mingħajr ma jikkonformaw mal-prinċipji msemmija qabel, jekk is-servizzi inkwistjoni ma jkunux ta' interess transfruntier għall-operaturi tal-Istati Membri l-oħrajn u għalhekk ma jaffettwawx il-funzjonament tas-suq domestiku. Dan jista' jkun il-każ meta wieħed iqis il-valur partikolarment żgħir[161] (ferm aktar baxx mil-limitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE, li bħalissa huwa ta'EUR 200 000[162]) u l-karatteristiċi ta' servizz soċjali u l-fergħa tas-suq ikkonċernat, x'aktarx l-operaturi

156 Ara l-Artikolu 1 (4) tad-Direttiva 2004/18/KE.

157 Ara l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2004/18/KE, kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, speċjalment is-sentenza tal-Kawża (C-451/08) *Helmut Mueller*, [2010] Ġabra I-2673.

158 Ara dawn is-sentenzi: Kawża C-324/98 *Telaustria*, [2000] Ġabra I-10745, paragrafu 62; Kawża C-231/03 *Coname*, [2005] Ġabra I-7287, paragrafi 16-19 u Kawża C-458/03 *Parking Brixen*, [2005] Ġabra I-8585, paragrafu 49.

159 Ara l-Kawża C-507/03 *Commission v Ireland*, Ġabra I-9777, , paragrafi 29 *et seq.*

160 Kawża C-59/00 *Bent Mousten Vestergaard*, [2001] Ġabra I-9505, paragrafu 20, Kawża C-264/03 l-*Commission v France*, [2005] Ġabra I-8831, paragrafi 32-33, Kawża C-6/05 *Commision v* [2007], Ġabra I-4557, paragrafu 3.

161 Il-kriterju tal-valur waħdu mhuwiex biżżejjed sabiex jindika li kuntratt m'għandux interess transfruntier. Kif speċifikat il-Qorti fil-Kawżi Konġunti C-147/2006 u C-148/2006 *Secap* [2008], Ġabra I-3565, paragrafu 31 "huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat il-fatt li, xi drabi, il-fruntieri jgħaddu minn bliet kbar li jinsabu fit-territorju ta' Stati Membri differenti u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, anki kuntratti ta' valur żgħir jista' jkollhom interess transkonfinali."

162 Wara l-indiċjar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1251/2011 tat-30 ta' Novembru 2011 li jemenda d-Direttivi 2004/17/KE, 2004/18/KE u 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-proċeduri tal-għoti tal-kuntratti.

ekonomiċi tal-Istati Membri l-oħrajn ma jkollhomx interess potenzjali li jwettqu l-forniment tas-servizzi inkwistjoni[163].

Pereżempju, fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratti ta' servizzi legali ta' valur medju ta' madwar EUR 5 000[164]jew ta' servizzi ta' ppjanar urban bejn EUR 6 000 u EUR 26 500[165], minħabba l-valur baxx tagħhom (madwar 10 % jew inqas tal-limitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva) u ċ-ċirkostanzi individwali ta' dawn il-kwistjonijiet, il-Kummissjoni stmat li dawn il-kuntratti ma kellhomx rilevanza għas-suq domestiku.

L-eżistenza ta' lment rigward il-kuntratt inkwistjoni jista' ma jkunx biżżejjed sabiex juri li l-kuntratt għandu interess transfruntier[166].

Biex wieħed jevalwa r-rilevanza tas-servizz għas-suq intern, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jirreferu għall-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni[167] dwar il-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-kuntratti mhux soġġetti jew parzjalment soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku[168]. Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq il-kuntratti li huma biss parzjalment soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, bħall-kuntratti ta' servizzi soċjali u tas-saħħa[169]. Ladarba din il-Komunikazzjoni tinkludi interpretazzjoni ġenerali tal-kunċett ta' rilevanza għas-suq intern skont it-Trattat, din tista' sservi wkoll bħala gwida għall-konċessjonijiet.

***202. X'inhuma l-obbligi li joħorġu mill-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni?***

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-prinċipji ta' trasparenza, ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni jirrikjedu reklamar adegwat tal-intenzjoni tal-awtorità pubblika li tikkonkludi kuntratt ta' appalt jew konċessjoni. Ir-reklamar jista' jkun limitat għal deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratt li jkun se jingħata u tal-proċedura ta' għotja prevista, flimkien ma' stedina biex wieħed jikkuntattja lill-awtorità pubblika. Huwa essenzjali li l-fornituri tas-servizzi kollha mill-UE li jistgħu jkunu interessati jkollhom il-possibbiltà li jesprimu l-interess tagħhom fl-offerti għall-kuntratt.

Imbagħad l-awtorità pubblika tkun tista' tagħżel b'mod nondiskriminatorju u imparzjali l-parteċipanti mistiedna sabiex jissottomettu l-offerta u, jekk ikun il-każ, jinnegozjaw it-termini tal-kuntratt jew tal-konċessjoni. Waqt dawn in-negozjati, l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jitqiegħdu fuq livell ugwali u jirċievu l-istess informazzjoni mill-awtorità pubblika.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva[170], għall-inqas id-deċiżjonijiet li jippreġudikaw lill-persuna li għandha jew li kellha interess

---

163 Ara l-Kawża C-231/03 *Coname*, [2005] Ġabra I-7287, paragrafu 20, minħabba li huma konċessjonijiet ta' servizz.

164 Ara l-istqarrija għall-istampa IP/07/357 tal-21 ta' Marzu 2007.

165 Ara l-istqarrija għall-istampa IP/06/1786 tat-13 ta' Diċembru 2006.

166 Ara l-Kawża C-507/03, Commission v Ireland, [2005] Ġabra ECR I-9777, paragrafu 34..

167 Din il-Komunikazzjoni ġiet analizzata mill-Kawża tal-Qorti T-258/06, *Germany v Commission* li b'mod ġenerali kkonkludiet li l-Komunikazzjoni ma fihiex regoli ġodda għall-għoti ta' kuntratti ta' appalt li jmorru lil hinn mill-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni kif inhi bħalissa.

168 ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2

169 Imsemmija fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE.

170 Ara l-Kawża C-50/00 *P Union de Pequeños Agricultores*, ,[2002] Ġabra I-6677, paragrafu 39, u l-Kawża 222/86 *Heylens*, [1987] , Ġabra 4097, paragrafu 14.

li tikseb il-kuntratt, bħal deċiżjoni li jitneħħa xi offerent, għandhom ikunu eżaminati għal ksur possibbli tal-istandards bażiċi derivati mil-liġi primarja tal-Unjoni.

Għall-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jirreferu għall-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-liġi tal-Unjoni applikabbli għall-għotjiet tal-kuntratti mhux soġġetti jew parzjalment soġġetti għad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku. Kif issemma qabel, din il-Komunikazzjoni titratta wkoll kuntratti li huma biss parzjalment koperti mid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (minn hawn 'il quddiem "id-Direttivi")[171], bħall-kuntratti għas-servizzi tal-Anness IIB tad-Direttiva 2004/18/KE, li jinkludu s-servizzi tas-saħħa u s-servizzi soċjali[172]. Kif intqal fil-mistoqsija 200 u kif jirriżulta fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE, il-kuntratti għal dawn is-servizzi huma soġġetti biss għal ċerti regoli tad-Direttiva 2004/18/KE, (jiġifieri l-obbligu li jiġu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fid-dokumenti tal-kuntratt u li l-eżitu tal-proċedura jiġi ppubblikat *ex post*), li mill-bqija huma rregolati mill-prinċipji ġenerali tat-TFUE (nondiskriminazzjoni, trasparenza eċċ.) jekk ikollhom ċertu interess transfruntier.

Peress li l-Komunikazzjoni fiha interpretazzjoni ġenerali tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni, din tista' sservi wkoll ta' gwida għall-għoti ta' konċessjonijiet, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-kuntratti ta' konċessjoni għandhom ukoll valur ferm ogħla mil-limiti tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku u għalhekk, għalkemm dawn id-Direttivi mhumiex applikabbli għall-konċessjonijiet ta' servizzi, aktarx li jkollhom interess transfruntier u b'hekk, skont il-prinċipji tat-TFUE, dawn il-kuntratti xorta jeħtieġu reklamar fuq il-midja li jkopri parti kbira mill-Ewropa.

***203. Kif għandhom jinkitbu l-ispeċifikazzjonijiet xierqa għall-għoti ta' kuntratt ta' servizzi (i) biex iwieġbu b'mod sħiħ għad-diversi ħtiġijiet tal-utenti u (ii) biex jippermettu adattament tas-servizz skont is-sitwazzjonijiet li jinbidlu f'termini ta' intensità, numru ta' utenti, eċċ.?***

Id-Direttiva toffri firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet għad-determinazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet[173]. Hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet pubbliċi li jieħdu vantaġġ sħiħ minn dawn il-possibbiltajiet billi jitolbu lill-kandidati sabiex jiżviluppaw kunċett ta' servizz adattat, b'mod li joffru l-aħjar servizz possibbli, bil-livell ta' kwalità meħtieġ. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu pereżempju jispeċifikaw li l-kandidati għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' gruppi partikolari ta' utenti, jew inkella jitolbu, li s-servizz propost ikun kompatibbli mal-istrutturi li jkunu diġà implimentaw. Huwa wkoll possibbli li l-awtorità pubblika titlob li s-servizz ikun implimentat u evalwat b'mod li jinvolvi l-parteċipazzjoni tal-utenti.

Fi kwalunkwe każ, ir-regola bażika hija li l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu abbozzati b'mod li ma jiddiskriminawx u ma jiddeterminawx minn qabel l-għoti tas-servizz mill-bidu tal-proċedura.

---

171 Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi u d-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali.

172 Imsemmija fl-Anness II B tad-Direttiva 2004/18/KE.

173 Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE, li japplika wkoll għas-servizzi elenkati fl-Anness II B ta' din id-Direttiva, inklużi s-servizzi soċjali.

***204. Liema rekwiżiti oħrajn ta' kwalità jistgħu jkunu integrati fl-għoti ta' kuntratt ta' appalt jew konċessjoni ta' SSIĠ?***

Meta jingħata kuntratt ta' appalt jew konċessjoni ta' SSIĠ, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jinkludu r-rekwiżiti ta' kwalità kollha marbutin mas-suġġett tal-kuntratt li huma jqisu meħtieġa, sabiex joffru lill-utenti forniment ta' kwalità għolja, bl-aħjar valur għall-flus. Skont in-natura tagħhom, dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu riflessi fil-fażijiet differenti tal-proċedura:

Pereżempju, waqt id-**definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi**[174], l-awtorità pubblika tista' tispeċifika l-karatteristiċi kollha tas-servizz li hija tqis meħtieġa biex tiżgura forniment ta' kwalità għolja (pereż. rekwiżiti li jiżguraw il-kontinwazzjoni tas-servizz, il-konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tad-diversi kategoriji ta' utenti, l-aċċessibbiltà tal-infrastruttura għall-persuni b'mobbilta mnaqqsa, kif ukoll b'mod aktar ġenerali rekwiżiti relatati mal-kwalità ta' din l-infrastruttura). L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-servizz jistgħu jkunu definiti f'forma ta' karatteristiċi ddettaljati ħafna (li f'ċerti każijiet jikkontribwixxu għal standardizzazzjoni eċċessiva tas-servizzi proposti), jew f'termini ta' ħtiġijiet ta' prestazzjoni funzjonali. Dan it-tieni approċċ normalment joffri aktar libertà lill-kandidati billi jagħtihom il-possibbiltà li jipproponu lill-awtorità pubblika soluzzjonijiet/metodi ta' ħidma aktar innovattivi li jgħinu sabiex jintlaħqu l-miri ta' kwalità stabbiliti.

L-esperjenza u l-kwalità tal-persunal tal-fornitur tas-servizz huma wkoll fatturi deċiżivi li jikkontribwixxu għall-kwalità tas-servizz ipprovdut. Waqt id-definizzjoni tal-**kriterji tal-għażla**[175], l-awtorità pubblika tista' tistabbilixxi l-ħtiġijiet partikulari ta' kompetenzi professjonali (pereż. esperjenza professjonali, kwalifiki tal-persunal, infrastruttura teknika disponibbli), sabiex tiżgura li l-kuntrattur magħżul għandu l-kapaċità adegwata sabiex jimplimenta s-servizz fil-parametri tal-kwalità stabbiliti fil-kuntratt.

Ir-rekwiżiti tal-kwalità jistgħu jiġu inklużi wkoll fil-**kriterji tal-għoti**[176]. L-awtorità pubblika mhijiex obbligata li tagħti l-kuntratti fuq il-bażi tal-orħos prezz. Għall-kuntrarju, hija tista' tagħti l-kuntratt fuq il-bażi tal-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġjuża, li tippermettilha li tikkunsidra fil-kriterji tal-għoti l-elementi kollha kwalitattivi li hija tqis importanti u li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt. L-awtorità pubblika hija wkoll libera li tirrifletti l-importanza li hija tagħti lid-diversi aspetti kwalitattivi tas-servizz fil-kunsiderazzjoni tad-diversi kriterji ta' għoti.

Il-**kundizzjonijiet għall-prestazzjoni tal-kuntratt**[177] joffru opportunità oħra biex wieħed jiffoka fuq il-kwalità tas-servizz. Soġġett għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE, l-awtorità pubblika tista', pereżempju, iddaħħal fil-klawżoli ta' kriterji ta' eżekuzzjoni[178]rekwiżiti li jimponu fuq il-kuntrattur li jiggarantixxi livell ta' taħriġ u ta' ħlas xieraq tal-persunal involut fit-twettiq tal-kuntratt. Klawżoli bħal dawn jippermettu li jiġi evitat li l-kuntrattur jipprova jnaqqas l-ispejjeż tiegħu tal-persunal, fatt li jista' jiskoraġġixxi l-persunal involut, iżid iċ-ċaqliq tiegħu u finalment iwassal għal impatt negattiv fuq il-kwalità tas-servizz ipprovdut.

---

174 Ara l-Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE

175 Ara l-Artikolu 44 u 48 tad-Direttiva 2004/18/KE

176 Ara l-Artikolu 53 tad-Direttiva 2004/18/KE

177 Ara l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18/KE.

178 Għal raġunijiet ta' trasparenza, il-klawżoli ta' eżekuzzjoni għandhom ikunu ppubblikati qabel fid-dokumenti tal-kuntratt. Ir-rispett tal-klawżoli ta' eżekuzzjoni ma jistax ikun ivverifikat qabel ma jingħata l-kuntratt, iżda biss waqt l-eżekuzzjoni tiegħu. Biex ikun garantit ir-rispett tagħhom, l-awtorità pubblika tista' tipprovdi sanzjonijiet kuntrattwali disswasivi.

Fl-aħħar nett, waqt l-għoti ta' kuntratt ta' appalt/konċessjoni ta' SSIĠ, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jadottaw approċċ integrat għall-prestazzjoni ta' servizzi kumplessi, li ma jkunux jeħtieġu li jinqasmu f'diversi kuntratti, iżda li jkunu jistgħu jingħataw f'lott wieħed, sabiex l-utent ikun jista' jirreferi għal fornitur wieħed inkarigat minn diversi ħtiġijiet konnessi. Huma wkoll liberi li jagħżlu t-tul ta' żmien xieraq għall-kuntratt inkwistjoni, sabiex jiżguraw l-istabilità u l-kontinwità tas-servizz(i) (i)kkonċernat(i).

***205. Huwa possibbli li temenda l-kuntratt waqt l-implimentazzjoni?***

Jistgħu jsiru aġġustamenti matul il-fażi ta' twettiq tal-kuntratt, sakemm dawn ma jaffettwawx b'mod sostanzjali t-termini kompetittivi inizjali[179].

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, emenda għal kuntratt ta' appalt matul id-durata tiegħu tista' titqies bħala sostanzjali fil-każijiet li ġejjin:

- meta ddaħħal kundizzjonijiet li kieku kienu parti mill-proċedura tal-għoti inizjali, kienet tippermetti sabiex jiddaħħlu offerti li mhumiex dawk li ddaħħlu fil-bidu jew kienet tippermetti li tiġi aċċettata offerta oħra minn dik li ġiet aċċettata inizjalment;

- meta testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratt b'mod konsiderevoli sabiex jiġu koperti servizzi li fil-bidu ma kinux koperti;

- meta tibdel il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt favur il-kuntrattur b'mod li ma kienx stipulat fit-termini tal-kuntratt inizjali.[180]

***206. Kif jista' jiġi evitat piż żejjed fuq il-fornituri ż-żgħar tas-servizzi, li spiss ikunu fl-aħjar pożizzjoni li jifhmu l-karatteristiċi ta' SSIĠ f'kuntest li jkollu dimensjoni lokali qawwija?***

Hija l-awtorità pubblika li għandha torganizza l-offerta b'mod li tagħti lill-operaturi ekonomiċi ż-żgħar il-possibbiltà li jipparteċipaw u li jirbħu l-kuntratt. Aktar ma jkun kbir l-ambitu tas-servizz mitlub, u għaldaqstant aktar ma l-ħtiġijiet tal-kapaċità ekonomika u finanzjarja jkunu għolja, aktar ikun diffiċli għall-fornituri ż-żgħar tas-servizzi li jieħdu sehem fil-kuntratt. Fil-każ tal-kuntratti l-kbar (pereżempju għal varjetà ta' servizzi, jew inkella għal servizzi li għandhom jitwettqu f'żoni ġeografiċi differenti), l-awtorità kontraenti tista' tikkunsidra li taqsam il-kuntratt f'lottijiet separati li jkunu aktar aċċessibbli għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Madankollu, id-Direttivi ma jippermettux li jsir qsim artifiċjali tal-kuntratti f'kuntratti separati ta' valur inqas mil-livelli limiti bl-effett li tiġi evitata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. B'mod ġenerali, huwa rrakkomandat li l-awtoritajiet pubbliċi jħejju l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi bl-SMEs f'moħħhom, u billi jillimitaw kemm jista' jkun il-ħtiġijiet formali.

***207. Kif jista' wieħed jirrikonċilja proċeduri ta' akkwist pubbliku, li jillimitaw l-għadd ta' fornituri magħżula, maż-żamma ta' libertà ta' għażla suffiċjenti għall-utenti ta' SSIĠ?***

---

179 Kawża C-496/99, *Commission v CAS Succhi di Frutta SpA*, [2004] Ġabra I-3801, paragrafu 116. u Kawża C-454/06 *Pressetext*, 2008 I-04401, paragrafi 35 sa 37.

180 Kawża C-454/06 *Pressetext*, 2008 I-04401, paragrafi 35 sa 37.

Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku m'għandhomx l-għan li jillimitaw l-għadd ta' fornituri ta' servizzi magħżula. L-awtoritajiet kontraenti għandhom il-libertà sħiħa li jagħżlu operatur jew diversi operaturi sabiex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu, pereżempju, jagħtu l-istess konċessjoni ta' servizzi lil diversi operaturi, jekk dan ikun prattiku, biex b'hekk jiggarantixxu firxa aktar wiesgħa ta' għażla lill-utenti tas-servizz inkwistjoni.

***208. Huwa possibbli li jiddaħħal bħala kriterju għall-għażla ta' fornitur ta' servizz l-għarfien personali tal-kuntest lokali, billi dan l-aspett ikun spiss essenzjali għas-suċċess tal-prestazzjoni ta' SSIĠ?***

Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku tal-UE jiżguraw kompetizzjoni leali bejn l-operaturi, fl-Ewropa kollha, sabiex jiġi żgurat valur aħjar għall-flus għall-awtoritajiet pubbliċi. Ħtieġa ta' għarfien tal-kuntest lokali tista' twassal għal diskriminazzjoni illegali kontra fornituri tas-servizzi barranin. Fl-istess waqt, ħtieġa bħal din tista' tnaqqas l-għażla tal-awtorità pubblika għal numru żgħir ta' operaturi lokali, u b'hekk jonqos l-effett benefiku tal-kompetizzjoni fuq skala Ewropea.

Madankollu, ċerti ħtiġijiet marbuta mal-kuntest lokali jistgħu jkunu aċċettabbli jekk dawn ikunu ġġustifikati minħabba l-karatteristiċi tas-servizz li għandu jingħata (it-tip ta' servizz u/jew tal-kategoriji tal-utenti) u jkunu strettament marbuta mal-prestazzjoni tal-kuntratt.

Eżempji:

- Awtorità pubblika tista', pereżempju, teħtieġ taħt it-termini tal-prestazzjoni tal-kuntratt li l-offerent magħżul jistabbilixxi infrastruttura lokali bħal uffiċċju jew ħanut tax-xogħol jew jinstalla tagħmir speċifiku fil-post fejn se jingħata s-servizz jekk dan ikun meħtieġ għall-forniment tas-servizz.

- Awtorità muniċipali li tkun tixtieq twaqqaf kenn għan-nisa f'diffikultà, b'mod partikolari nisa ta' minoranza kulturali partikolari, tista' tispeċifika fis-sejħa għall-offerti li l-fornitur tas-servizzi għandu jkollu esperjenza preċedenti f'dan it-tip ta' servizz f'ambjent b'karatteristiċi soċjali u ekonomiċi simili, u li l-impjegati li sejrin ikunu f'kuntatt ma' u/jew jaqdu l-ħtiġijiet tan-nisa f'diffikultà għandhom ikunu familjari biżżejjed mal-kuntest kulturali u lingwistiku ta' dawn il-persuni f'diffikultà.

- Awtorità pubblika li jkollha l-ħsieb li twaqqaf servizz ta' għajnuna għax-xogħol għal adulti żgħażagħ qiegħda li jkunu ġejjin minn żoni żvantaġġjati u li tinkorpora b'mod integrat id-diffikultajiet speċifiċi li jiltaqgħu magħhom l-utenti ta' dan is-servizz (pereżempju problemi ta' saħħa mentali, dipendenza fuq id-droga jew abbuż ta' alkoħol, akkomodazzjoni soċjali u dejn) tista' tispeċifika li l-fornitur tas-servizz għandu jkollu esperjenza preċedenti f'dan it-tip ta' servizzi bl-istess tip ta' miri. L-awtorità pubblika tista' wkoll tindika li l-fornitur tas-servizzi għandu jara li, mill-bidu tal-eżekuzzjoni tas-servizz, l-impjegati li jieħdu ħsieb lill-utenti jkollhom għarfien tan-netwerks eżistenti tal-atturi soċjali li magħhom ikollhom jikkomunikaw sabiex jaqdu b'mod integrat il-ħtiġijiet tal-adulti żgħażagħ qiegħda.

Fi kwalunkwe każ, restrizzjoni ta' dan it-tip m'għandhiex tiżboq dak li huwa strettament meħtieġ sabiex tiġi żgurata prestazzjoni xierqa tas-servizz. Il-Qorti tal-Ġustizzja dddeċidiet, pereżempju, li fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratt ta' servizzi tas-saħħa ta'

terapiji respiratorji fid-dar, awtorità pubblika ma tistax titlob li l-intrapriża offerenti jkollha, fiż-żmien tal-għoti tal-offerta, uffiċċju miftuħ għall-pubbliku fil-kapitali tal-provinċja fejn is-servizz għandu jiġi pprovdut[181].

Hija r-responsabbiltà tal-awtorità pubblika li tiżgura li tali kundizzjonijiet ikunu ġġustifikati b'mod oġġettiv u li ma jwasslux għal diskriminazzjoni billi jagħtu vantaġġ mhux mistħoqq lil ċerti kategoriji ta' offerenti, b'mod partikolari l-intrapriżi lokali jew il-fornituri ta' servizzi operattivi.

Il-kwistjoni tal-għoti dirett ta' kuntratti ta' ammonti żgħar lill-fornituri lokali żgħar tas-servizzi diġà ġiet ittrattata fit-tweġiba għall-mistoqsija 206.

**209.** ***Huwa possibbli li l-kompetizzjoni tiġi llimitata biss għall-fornituri ta' servizzi li ma jkollhomx skop ta' profitt?***

**Għandha ssir distinzjoni bejn dawn iż- żewġ sitwazzjonijiet:**

- L-awtoritajiet kontraenti individwali ma jistgħux jiddeċiedu huma nfushom li jillimitaw il-parteċipazzjoni fi proċedura tal-offerti għall-fornituri ta' servizzi mingħajr skop ta' profitt. Id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku hija bbażata fuq il-prinċipji tat-trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni tal-operaturi ekonomiċi[182]. Għaldaqstant mhuwiex possibbli taħt id-Direttiva li jiġu rriservati kuntratti għal kategoriji speċifiċi ta' intrapriżi[183] bħall-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, ikun xi jkun it-tip ta' servizzi - kemm jekk elenkati fl-Anness IIA kif ukoll jekk fl-Anness IIB tad-Direttiva (bħas-servizzi soċjali)[184].

- Madankollu, il-liġi nazzjonali[185] li tirregola attività partikolari tista', f'każijiet eċċezzjonali, tipprovdi aċċess ristrett għal ċerti servizzi għall-benefiċċju tal-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt. F'dan il-każ, l-awtoritajiet pubbliċi jkunu awtorizzati li jillimitaw il-parteċipazzjoni fi proċedura tal-offerti għal dawn l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' profitt, sakemm il-liġi nazzjonali tkun konformi mal-liġi tal-UE. Madankollu, din il-liġi nazzjonali tirrappreżenta restrizzjoni fl-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE, għal-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tas-servizzi, u din ir-restrizzjoni għandha tkun iġġustifikata każ b'każ. Fuq il-bażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-restrizzjoni tista' tkun iġġustifikata, b'mod partikolari, jekk tkun meħtieġa u proporzjonata fir-raġuni fir-rigward tal-ħtieġa li jitwettqu ċerti għanijiet soċjali mfittxija mis-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali[186].

**210.** ***L-awtoritajiet pubbliċi jkun għad fadlilhom il-possibbiltà li jinnegozjaw mal-fornituri tas-servizzi waqt il-fażi tal-għażla? Dan huwa partikolarment importanti għas-SSIĠ***

181 Kawża C-234/03, *Contse* [2005] ECR I-9315, paragraph 79.

182 Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE.

183 Għalhekk kellha tiġi introdotta eċċezzjoni speċifika fid-Direttiva biex tippermetti lill-Istati Membri jirriservaw id-drit li jipparteċipaw f'ċerti kuntratti għal kategorija partikolari ta' organizzazzjonijiet, jiġifieri ħwienet tax-xogħol protetti fejn il-parti l-kbira tal-impjegati kkonċernati jkunu persuni b'diżabilità, ara l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/18/KE.

184 Id-distinzjoni bejn is-servizzi tal-Anness IIA u dawk fl-Anness IIB hija xierqa biss mill-Artikolu 20 tad-Direttiva 'il quddiem.

185 It-terminu "liġi nazzjonali" jirreferi għar-regolamenti nazzjonali ta' karattru ġenerali u astratt, għall-kuntrarju ta' deċiżjoni ta' awtorità kontraenti fil-kuntest ta' kuntratt speċifiku. Min-naħa l-oħra, il-livell leġiżlattiv (fil-livell nazzjonali jew reġjonali) mhuwiex kruċjali f'dan ir-rigward, minħabba li dan ir-regolament huwa ta' natura ġenerali u astratta.

186 Ara l-Kawża C-70/95 *Sodemare SA v Regione Lombardia* [1997] Ġabra I-3395. .

***minħabba li l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunux dejjem f'pożizzjoni li jiddefinixxu eżatt il-ħtiġijiet tagħhom fil-bidu tal-proċess. Xi drabi l-awtoritajiet pubbliċi jkunu jeħtieġu diskussjoni mal-fornituri potenzjali tas-servizzi.***

Kif intqal fit-tweġiba għall-mistoqsija 202, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw proċeduri negozjati għax-xiri ta' servizzi tas-saħħa jew ta' servizzi soċjali permezz ta' kuntratti ta' appalt jew konċessjonijiet. L-awtoritajiet pubbliċi inkwistjoni ma jkunux soġġetti għar-regoli speċifiċi dwar il-proċeduri nnegozjati tad-Direttiva 2004/18/KE, peress li din id-Direttiva mhijiex applikabbli għall-konċessjonijiet ta' servizzi u fiha ftit regoli applikabbli għas-servizzi tal-Anness IIB tagħha (bħas-SSIĠ)[187].Għal din ir-raġuni, meta jagħtu kuntratt ta' appalt jew konċessjoni ta' SSIĠ, l-awtoritajiet pubbliċi huma liberi li jorganizzaw proċedura nnegozjata *ad hoc*, sakemm il-liġi nazzjonali ma tipprovdix regoli speċifiċi. Fi kwalunkwe każ, il-prinċipji ġenerali ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni previsti mit-TFUE, li jimponu b'mod partikolari li l-operaturi ekonomiċi mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-proċedura nnegozjata jiġu ttrattati bl-istess mod, jibqgħu applikabbli għas-servizzi b'interess transfruntier.

***211. Sa liema punt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għall-kooperazzjoni bejn il-muniċipalitajiet? Din il-kooperazzjoni jista' jkollha diversi forom, pereżempju muniċipalità tixtri servizz mingħand komunità oħra, jew żewġ muniċipalitajiet li flimkien iniedu kuntratt ta' appalt jew joħolqu entità bl-għan li jipprovdu SSIĠ, eċċ.***

Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw meta awtorità pubblika jkollha l-ħsieb li tikkonkludi kuntratt ta' servizz pubbliku ma' parti terza[188]bi ħlas. Ma tagħmilx differenza jekk il-parti terza tkunx operatur privat jew awtorità pubblika.

Madankollu, kif juru l-eżempji li ġejjin, jeżistu sitwazzjonijiet fejn awtoritajiet pubbliċi jinkarigaw attivitajiet ekonomiċi f'idejn awtoritajiet pubbliċi oħrajn, jew iwettqu dawn l-attivitajiet b'mod konġunt ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn mingħajr ma jkunu obbligati li japplikaw ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku.

- Għalhekk, dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja stmat li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jwettqu l-attivitajiet ta' servizz pubbliku li huma responsabbli għalihom billi jużaw il-mezzi tagħhom stess, b'kooperazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħrajn, mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda forma partikolari ta' organizzazzjoni u mingħajr ma jkun meħtieġ li tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar l-akkwist pubbliku għall-implimentazzjoni ta' dawn il-prattiki organizzattivi.

  (a) Il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet pubbliċi tista' tkun organizzata fil-kuntest ta' entità pubblika separata li tissodisfa l-kriterji "in-house"[189]. Dwar dan il-punt, ara l-mistoqsija 199.

---

187 Kif intqal fit-tweġiba 199 u skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2004/18/KE, il-kuntratti ta' appalt għal dawn is-servizzi huma soġġetti biss għal ċerti regoli tad-Direttiva 2004/18/KE, (jiġifieri l-obbligu li jiġu definiti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fid-dokumenti ta' kuntratt u li l-eżitu tal-proċedura jiġi ppubblikat *ex post*), li mill-bqija huma rregolati mill-prinċipji ġenerali tat-TFUE (nondiskriminazzjoni, trasparenza eċċ.)

188 Ara s-sentenzi Teckal, kawża C-107/98, [1999] Ġabra I-8121, paragrafu 51, ARGE, kawża C-94/99, [2000] Ġabra I-11037, paragrafu 40, Auroux, kawża C-220/05, [2007] I-385, paragrafu 62.

189 QTĠ sentenza Coditel Brabant, kawża C-324/07, [2008] Ġabra I-08457.

(b) Il-Qorti tal-Ġustizzja pprećiżat ukoll[190] li l-pubbliku/kooperazzjoni pubblika ma teħtieġx neċessarjament il-ħolqien ta' entitajiet ġodda kkontrollati b'mod konġunt. Skont il-Qorti, kooperazzjoni bħal din tista' tkun ibbażata sempliċiment fuq kooperazzjoni bejn entitajiet pubbliċi mmexxija bl-għan uniku li jiżguraw b'mod konġunt l-eżekuzzjoni ta' kompitu pubbliku li tagħhom l-entitajiet ikkonċernati jridu jwettqu għall-ilħuq tal-għanijiet ta' interess pubbliku. Dan ma jimplikax neċessarjament li kull awtorità pubblika tikkoopera b'mod ugwali għat-twettiq tal-kompiti ta' interess pubbliku, billi l-kooperazzjoni tista' tkun ibbażata fuq it-tqassim tal-kompiti u fuq l-ispeċjalizzazzjoni. Madankollu, għandu jkun hemm kooperazzjoni reali, bi drittijiet u obbligi reċiproċi bejn il-parteċipanti, għall-kuntrarju ta' kuntratt ta' appalt fejn parti twettaq kompitu bi ħlas. M'għandux ikun hemm trasferimenti finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi, ħlief għar-rimborż tal-ispejjeż. Il-kooperazzjoni għandha tkun irregolata biss minn kunsiderazzjonijiet u rekwiżiti marbuta mat-twettiq tal-għanijiet ta' interess pubbliku, li jeskludi kwalunkwe tiftix ta' profitt u kwalunkwe parteċipazzjoni ta' entitajiet privati jew ta' entitajiet b'kapital imħallat. Finalment, il-ftehim ta' kooperazzjoni ma jistax jintuża b'mod artifiċjali bħala mezz biex tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli relevanti tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

- Awtoritajiet pubbliċi bħal muniċipalitajiet għandhom naturalment il-possibbiltà li jorganizzaw flimkien kuntratt ta' appalt. Awtorità pubblika tista' b'hekk tniedi proċedura għaliha nnifisha u għal awtorità pubblika[191]oħra sakemm dan tħabbru fil-bidu tal-proċedura. Għaldaqstant ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għall-proċedura mnedija minn din l-awtorità pubblika għaliha nnifisha u għall-awtorità pubblika jew l-awtoritajiet pubbliċi l-oħrajn, iżda ma japplikawx għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi.

- Diversi awtoritajiet pubbliċi jistgħu joħolqu entità ġdida u jittrasferulha għalkollox kompitu partikolari. F'dan il-każ, l-awtoritajiet pubbliċi ma jżommu l-ebda kontroll fuq is-servizz mogħti, li jiġi pprovdut mill-entità l-ġdida f'indipendenza sħiħa u taħt ir-responsabbiltà unika tagħha. F'din l-ipoteżi, ma jkun qed jiġi pprovdut l-ebda servizz u għalhekk la t-Trattat u lanqas id-Direttivi ma japplikaw[192].

- Meta awtoritajiet pubbliċi jistabbilixxu strutturi ta' għajnuna reċiproka u ta' kooperazzjoni mingħajr kumpens, m'hemmx forniment ta' servizzi fit-tifsira tat-Trattat u l-liġi tal-UE mhijiex applikabbli.

### *212. Sa liema punt ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku japplikaw għas-sħubiji pubbliċi-privati (PPPs)?*

---

190 QTĠ, Sentenza tal-Kummissjoni v. il-Ġermanja, Kawża C--480/06.

191 Ara l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2004/18/KE dwar il-korpi ċentrali ta' xiri.

192 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-istampa IP/07/357 tal-21.3.2007, li tiddikjara li t-trasferiment sħiħ ta' kompitu pubbliku minn entità pubblika lill-oħra ma jikkostitwixxix il-forniment tas-servizz bi ħlas fis-sens tal-Artikolu 49 tat-Trattat tal-KE, jekk l-entità pubblika li tkun ingħatat il-kompitu twettaq dan il-kompitu f'indipendenza sħiħa u taħt ir-responsabbiltà unika tagħha. Trasferiment ta' kompiti pubbliċi bħal dawn jikkostitwixxi att ta' organizzazzjoni interna tal-amministrazzjoni pubblika tal-Istat Membru inkwistjoni. Bħala tali, mhuwiex soġġett għat-Trattat u għal-libertajiet fundamentali tiegħu.

Ġeneralment, il-ħolqien ta' PPP jikkostitwixxi għoti ta' kuntratt ta' appalt jew ta' konċessjoni. Dan l-għoti huwa soġġett għar-regoli tal-akkwist pubbliku applikabbli f'dak il-każ, skont it-tip u l-valur tal-kuntratt.

Fir-rigward tal-PPP istituzjonalizzati (li jimplikaw l-eżistenza ta' entità b'kapital imħallat), huwa importanti li wieħed ifakkar li, kif kien indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija 199, ma jistax ikun hemm relazzjoni "in-house" bejn awtorità pubblika u entità pubblika-privata li fiha awtorità pubblika tipparteċipa b'mod konġunt flimkien ma' entità privata. Minn dan jirriżulta li servizzi inkarigati lil entità pubblika-privata għandhom jingħataw skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku tat-Trattat jew tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Minn dan jirriżulta wkoll li d-dħul ta' operatur privat fil-kapital ta' entità li twettaq kompiti pubbliċi mogħtija bħala parti minn relazzjoni "in-house" itemm din ir-relazzjoni u jimponi li l-kuntratt jew il-konċessjoni kkonċernati jinfetħu mill-ġdid għall-offerti, sakemm l-operatur privat ma jkunx intgħażel skont ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku.

Meta awtorità pubblika ssegwi proċedura ta' għoti konformi mal-liġi Ewropea dwar l-akkwist pubbliku sabiex tagħżel sieħeb privat li se jwettaq il-kuntratt ta' servizz jew se jibbenefika mill-konċessjoni tas-servizz b'mod konġunt ma' awtorità pubblika bħala parti minn entità mħallta pubblika-privata, ma jkunx meħtieġ aktar li tiġi organizzata proċedura ta' għoti oħra għall-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz. Madankollu, kwalunkwe tibdil sostanzjali fil-parametri li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tas-servizz li ma kienx previst fil-proċedura tal-akkwist oriġinali jkun jeħtieġ it-tnedija ta' proċedura ġdida. Għal aktar tagħrif, irreferi għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-PPP istituzjonalizzati[193] li tispjega fid-dettall kif wieħed għandu jorganizza proċedura bħal din.

***213. Sa fejn huwa possibbli li, fl-għoti ta' kuntratt ta' appalt jew ta' konċessjoni għal servizz soċjali ta' interess ġenerali, wieħed jipprevedi l-obbligu dwar ir-rispett ta' ċerti regoli ta' governanza korporattiva (pereżempju l-kontroll tal-intrapriża kkontribwit ugwalment mir-rappreżentanti ta' min iħaddem u tat-trejdjunjins jew l-inklużjoni ta' rappreżentanti tal-utenti fil-Bord tad-Diretturi)?***

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku jippermettu lix-xerrejja pubbliċi li jikkunsidraw waqt il-fażijiet differenti ta' għoti ta' kuntratt ta' appalt rekwiżiti partikolari (li jistgħu jkunu wkoll ta' natura soċjali), sakemm dawn il-kunsiderazzjonijiet ikunu kompatibbli mal-liġi tal-UE (b'mod partikolari fit-tifsira tar-rispett tal-prinċipji tat-Trattat – nondiskriminazzjoni, trasparenza, eċċ.) u jkunu indikati fl-avviż tal-kuntratt jew fid-dokumenti tal-offerta. Barra minn hekk, skont id-Direttiva msemmija hawn fuq, ir-rekwiżiti previsti fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-kriterji tal-għażla jew il-kriterji tal-għoti għandhom ikunu relatati mas-suġġett tal-kuntratt (jiġifieri li jikkaratterizzaw il-prodotti/is-servizzi mitluba). Għall-kuntrarju, ir-rekwiżiti li jagħmlu parti minn klawżoli ta' twettiq m'għandhomx neċessarjament ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt, iżda biss mat-twettiq tal-kuntratt (jiġifieri, mal-kompiti li jippermettu l-produzzjoni jew il-prestazzjoni tal-oġġetti jew is-servizzi mixtrija).

Jekk il-kuntratt inkwistjoni ma jaqax taħt id-Direttivi msemmija hawn fuq, kif inhu l-każ, pereżempju, tal-konċessjonijiet tas-servizzi jew tal-kuntratti ta' appalt li l-valur tagħhom ikun inqas mil-limiti ta' applikazzjoni tad-Direttivi msemmija hawn fuq, ir-regoli u l-

193 Komunikazzjoni interpretattiva tal-Kummissjoni C(2007)6661 dwar l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja dwar l-appalti pubbliċi u l-konċessjonijiet lil sħubijiet pubbliċi-privati istituzzjonalizzati (PPPI), ĠU 2008 C 91, p. 4.

prinċipji tat-TFUE, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE jibqgħu japplikaw jekk il-kuntratti jkollhom interess transkonfinali ċert[194]. F'dan ir-rigward, l-obbligu tar-rispett tal-prinċipji tat-TFUE, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, jipprevjeni wkoll li l-awtorità kontraenti timponi kundizzjonijiet li ma jkunux marbuta mas-suġġett tal-kuntratt jew mat-twettiq tiegħu, fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratti mhux soġġetti għad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku.

Madankollu, l-obbligi ta' governanza korporattiva, li jirrigwardaw b'mod partikolari l-kontroll tal-intrapriża jew il-preżenza ta' ċerti gruppi ta' persuni fil-Bord tad-Diretturi tal-fornitur tas-servizzi, jirrigwardaw l-organizzazzjoni tal-intrapriża inġenerali, u għaldaqstant m'għandhomx jitqiesu li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt ikkonċernat (għaliex ma jikkaratterizzawx is-servizzi mfittxija, fis-sens ta' karatteristiċi tekniċi jew ta' valur aħjar), u lanqas li huma marbuta mat-twettiq tal-kuntratt (għaliex mhumiex marbuta mal-kompiti meħtieġa għat-twettiq tas-servizzi mfittxija).

Madankollu, kif tgħid it-tweġiba għall-mistoqsija 203, l-awtorità pubblika tista' titlob li s-servizz speċifiku jitwettaq u jiġi vvalutat b'mod li jinkludi l-parteċipazzjoni tal-utenti, sakemm dan ma jwassalx għal diskriminazzjoni jew jiddetermina minn qabel l-għoti mill-bidu tal-proċedura.

Hemm diversi modi kif wieħed jinvolvi lill-utenti, li jirriflettu gradi differenti ta' involviment tal-utenti (stħarriġ, ġbir ta' suġġerimenti, eċċ.). Jista' jkun li l-awtorità pubblika jkollha ideat ċari dwar il-grad ta' parteċipazzjoni tal-utenti li hija tkun tixtieq. Hija tista' titlob ukoll, pereżempju, li l-fornitur tas-servizzi li jikseb il-kuntratt joffri jew iwaqqaf struttura jew mekkaniżmu li jippermetti lir-rappreżentanti tal-utenti li jkunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-fażi tat-twettiq tal-kuntratt, sakemm dawn id-deċiżjonijiet ma jibdlux il-kuntratt u ma jkunux diskriminatorji. Jekk l-awtorità pubblika ma jkollhiex ideat ċari dwar dan il-punt, hija tista' wkoll titlob lill-kandidati sabiex jissuġġerulha modi kif tiġi żgurata din il-parteċipazzjoni.

**214. *Kif jista' wieħed jirrikonċilja r-regoli dwar l-akkwist pubbliku mal-ħtieġa tal-awtoritajiet pubbliċi li jinkoraġġixxu s-soluzzjonijiet innovattivi li jwieġbu għall-ħtiġijiet kumplessi tal-utenti ta' SSIĠ?***

Ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku joffru lill-awtoritajiet pubbliċi għadd ta' għodod sabiex jistimulaw l-innovazzjoni.

Pereżempju, l-awtoritajiet pubbliċi huma liberi li jiddefinixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi[195] kemm permezz ta' tfassil ta' karatteristiċi tekniċi ddettaljati, kif ukoll permezz ta' rekwiżiti jew prestazzjonijiet funzjonali[196]. F'dan l-aħħar każ, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jindikaw ir-riżultati li għandhom jintlaħqu mingħajr ma tippreskrivi fid-dettall il-mezzi. Dan jippermetti l-istimulazzjoni tal-kreattività tal-kandidati, li jistgħu jidentifikaw u jipproponu soluzzjonijiet aktar innovattivi li jissodisfaw il-ħtiġijiet kumplessi tal-utenti.

194 Ara s-sentenza tal-Kawża C-324/98 *Telaustria*, 2000] Ġabra I-10745, .

195 Artikolu 23 tad-Direttiva 2004/18/KE.

196 Kif previst fl-Artikolu 23.3 tad-Direttiva 2004/18/KE, meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu definiti f'termini ta' prestazzjoni jew ta' ħtiġijiet operattivi, "*għandhom ikunu preċiżi biżżejjed li jippermettu lil dawk li jixħtu l-offerti jiddeterminaw il-kontenut soġġettiv tal-kuntratt u li jippermettu awtoritajiet kontraenti li jagħtu l-kuntratt*";

L-użu ta' varjanti[197] huwa mezz ieħor li jħeġġeġ l-innovazzjoni. L-awtoritajiet pubbliċi li jawtorizzaw il-varjanti jistgħu b'hekk iqabblu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' soluzzjoni alternattiva aktar innovattiva, meta mqabbla ma' soluzzjoni standard.

Minħabba l-fatt li s-SSIĠ huma limitati biss għal għadd żgħir ħafna ta' regoli tad-Direttiva 2004/18/KE, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jagħżlu l-proċedura li tidhrilhom l-aktar xierqa fir-rigward tal-karatteristiċi tas-servizz, sakemm il-proċedura magħżula tirrispetta l-prinċipji tat-TFUE (trasparenza, nondiskriminazzjoni). Pereżempju, f'każ ta' SSIĠ kumplessi li għalihom l-awtorità pubblika ma tkunx f'pożizzjoni li tidentifika l-mod l-aktar xieraq sabiex twieġeb il-ħtiġijiet speċifiċi tal-utenti, hija tkun tista' tuża proċedura simili għall-proċedura tad-djalogu kompetittiv[198].

### *215. X'inhuma l-obbligi tar-reklamar rigward il-konċessjonijiet ta' SSIĠ? Hija possibbli pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE?*

Il-konċessjonijiet ta' servizzi, għall-kuntrarju tal-konċessjonijiet tax-xogħlijiet pubbliċi u għall-kuntratti ta' appalt, mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/18/KE, u b'mod partikolari għall-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din hija r-raġuni li għaliha fil-preżent m'hemm l-ebda formola speċifika għall-pubblikazzjoni tal-konċessjonijiet tas-servizzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*. Madankollu, il-konċessjonijiet ta' servizzi huma rregolati mill-prinċipji tat-TFUE, inklużi dawk tat-trasparenza u tat-trattament ugwali. Skont dawn il-prinċipji u l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-324/98 Telaustria, l-awtoritajiet kontraenti (jew l-entitajiet kontraenti) huma obbligati li jiggarantixxu lill-offerenti potenzjali "grad ta' reklamar adegwat li jippermetti l-ftuħ tal-akkwist tas-servizzi għall-kompetizzjoni kif ukoll il-kontroll tal-imparzjalità tal-proċeduri ta' aġġudikazzjoni", u għalhekk li jippubblikaw avviż addattat, b'kunsiderazzjoni, fost oħrajn, għas-suġġett u l-valur ekonomiku tal-konċessjoni inkwistjoni.

- Minn dan jirriżulta li fil-limiti stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri/awtoritajiet kontraenti huma liberi li jiddefinixxu r-regoli xierqa ta' reklamar sabiex jiżguraw it-trasparenza tal-konċessjonijiet tas-servizzi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom naturalment il-possibbiltà li jippubblikaw l-avviżi dwar il-konċessjonijiet tas-servizzi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*, anki jekk dan mhux meħtieġ mil-liġi Ewropea.

### *216. Jeżistu xi mezzi oħrajn ta' esternalizzazzjoni ta' SSIĠ minbarra l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet li huma kompatibbli mal-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni u joffru għażla wiesgħa ta' fornituri?*

Iva. L-awtorità pubblika kompetenti tista', pereżempju, tistabbilixxi minn qabel il-kundizzjonijiet li fihom għandu jingħata servizz soċjali u, wara reklamar xieraq u skont il-prinċipji ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 202), jagħtu permessi jew awtorizzazzjonijiet lill-fornituri kollha li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet. Sistema bħal din ma tipprovdix limiti jew kwoti rigward l-għadd ta'

197 Ara l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/18/KE. Anki jekk is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali huma soġġetti biss għal numru limitat ta' regoli tad-Direttiva 2004/18/KE, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu naturalment jużaw id-dispożizzjonijiet fakultattivi tad-Direttiva, meta jidrilhom li jkunu xierqa.

198 Kif prevista fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2004/18/KE għall-kuntratti soġġetti għar-regoli kollha tad-Direttiva;

forrnituri ta’ servizzi; dawk kollha li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet jistgħu jipparteċipaw.

Il-fornituri li kisbu permess/awtorizzazzjoni jridu jipprovdu s-servizz skont it-talba tal-utent, li b’hekk ikollu l-għażla ta’ diversi fornituri, u bi prezz li jkun ġie stabbilit minn qabel mill-awtorità pubblika.

## 5 Applikazzjoni simultanja tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u tar-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt u konċessjonijiet ta' servizz għas-SIEĠ

### *217. Il-liġi tal-UE timponi metodu speċifiku ta’ ġestjoni tas-SIEĠ?*

Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri għandhom diskrezzjoni wiesgħa fid-definizzjoni ta’ dak li jqisu bħala SIEĠ u fl-organizzazzjoni ta’ dawn is-servizzi. Għalhekk, l-awtoritajiet pubbliċi huma liberi li jagħżlu l-metodu ta’ ġestjoni tas-SIEĠ li jimplimentaw.

Fit-tifsira tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jorganizzaw u jiffinanzjaw is-SIEĠ tagħhom kif jixtiequ huma, diment li l-kumpens mogħti ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kompiti tas-SIEĠ b'kundizzjonijiet ekonomikament aċċettabbli, b'konformità mal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

Meta l-istabbiliment ta’ SIEĠ jagħti lok għall-għoti ta’ kuntratt ta' appalt jew ta’ konċessjoni (jiġifieri meta niġu għal servizz bi ħlas irrappreżentat mill-ħlas ta’ prezz jew mill-għoti ta’ dritt tal-operat ta’ servizz imħallas primarjament minn ħlas pagabbli mill-utenti), l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jirrispettaw mhux biss ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, iżda wkoll ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet. Għal aktar dettalji, ara t-tweġibiet għall-mistoqsija 200.

F’każ li l-ġestjoni ta’ SIEĠ tingħata skont il-proċedura ta’ akkwist pubbliku li tippermetti l-għażla tal-kandidat li jista’ jipprovdi s-servizz bl-inqas spiża għall-komunità, u jekk il-kundizzjonijiet l-oħrajn tas-sentenza Altmark ikunu ssodisfati (għal dawn il-kundizzjonijiet, ara l-mistoqsija 61), il-kumpens mogħti skont dan mhuwiex Għajnuna mill-Istat fit-tifsira tas-sentenza Altmark.

### *218. Meta awtorità pubblika tiffinanzja fornitur ta’ SIEĠ f’konformità mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, din għandha tapplika wkoll ir-regoli tal-UE dwar l-għoti ta’ kuntratti ta' appalt tas-servizzi jew il-konċessjonijiet tas-servizzi?*

Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat u r-regoli dwar l-akkwist pubbliku u l-konċessjonijiet għandhom għanijiet u ambitu differenti. Ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat jirrigwardaw il-kundizzjonijiet ta’ finanzjament tas-SIEĠ u għalhekk tas-SSIĠ ta’ natura ekonomika, u għandhom l-għan li jipprevjenu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kkawżati minn finanzjamenti jew benefiċċji simili mogħtija mill-Istat u l-istituzzjonijiet tiegħu. Ir-regoli dwar il-kuntratti ta’ appalt u l-konċessjonijiet mill-banda l-oħra jirrigwardaw il-kundizzjonijiet tal-għoti ta’ dawn is-servizzi lill-operaturi. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tagħhom huwa li jiżguraw it-trattament indaqs u t-trasparenza u li jevitaw tfixkil tal-kompetizzjoni li jistgħu jirriżultaw mill-ġestjoni ta’ fondi pubbliċi mill-awtoritajiet kontraenti meta jagħtu dawn is-servizzi, kif ukoll li jassiguraw

kompetizzjoni usa' fl-Ewropa u l-kisba tal-aħjar valur għall-flus, speċjalment għall-benefiċċju tal-utent tas-servizz.

L-awtoritajiet pubbliċi li jixtiequ jistabbilixxu SIEĠ mhux biss għandhom jirrispettaw ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, iżda wkoll dawk relatati mal-għoti ta' kuntratti ta' appalt jew ta' konċessjonijiet.

Ir-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt huma applikabbli minn meta jibda l-obbligu ta' forniment ta' servizz speċifiku bi ħlas u dan irrispettivament mill-għan ta' interess ġenerali tas-servizz. Min-naħa l-oħra, is-sempliċi finanzjament ta' attività, li normalment ikun marbut mal-obbligu tal-ħlas lura tal-ammonti riċevuti, jekk ma jintużawx għall-għanijiet previsti, ma jaqax taħt il-liġi dwar l-akkwist pubbliku.

Il-klassifikazzjoni legali ta' kuntratt bħala kuntratt ta' appalt jew bħala kkonċessjoni fil-liġi tal-UE għandha tkun stabbilita fuq il-bażi tal-kunċett ta' akkwist pubbliku u konċessjoni kif definit mid-Direttivi rilevanti (u b'mod partikolari mid-Direttiva 2004/18/KE), irrispettivament mill-klassifikazzjoni legali mogħtija lill-kuntratt mil-liġi nazzjonali.

Kuntratt jista' jaqa' fl-ambitu tad-definizzjonijiet ta' kuntratt ta' servizzi pubbliku jew ta' konċessjoni meta:

a) l-għan tal-kuntratt ikun l-issodisfar ta' ħtiġijiet definiti minn qabel mill-awtorità pubblika fil-kompetenza tagħha;

b) il-karatteristiċi u l-modalitajiet għat-twettiq tas-servizz ikunu ddeterminati fid-dettall mill-awtorità pubblika;

c) il-kuntratt jipprovdi ħlas għas-servizz (ħlas ta' prezz jew għoti ta' dritt tal-operat tas-servizz imħallas minn ħlas dovut mill-utenti);

d) l-awtorità pubblika tieħu l-inizjattiva li tfittex fornitur sabiex tinkarigalu s-servizz

e) il-kuntratt ikun jinkludi penali kontra l-ksur tal-kuntratt, sabiex jiggarantixxi li s-servizz li partijiet terzi huma inkarigati jfornu, jingħata b'mod korrett u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-awtorità pubblika (penali, kumpens għal danni, eċċ.).

Dawn il-kriterji jservu bħala indikazzjonijiet sabiex wieħed jiddetermina jekk l-għan tal-kuntratt huwiex dak ta' prestazzjoni ta' servizz bi ħlas.

**219. *Huwa possibbli li konċessjonarju ta' SIEĠ jirċievi Għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku sabiex ikopri l-ispejjeż reali tal-missjoni ta' servizz pubbliku li tiegħu huwa responsabbli?***

Taħt l-Artikoli 106, 107 u 108 tat-TFUE, huma l-Istati Membri li jfasslu s-servizzi ta' SIEĠ tagħhom f'konformità mal-kundizzjonijiet iddettaljati fid-Deċiżjoni. Jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jinkariga xi entità b'xi servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, din tista' tibbenefika minn kumpens għal servizz pubbliku, jekk id-dħul li tirċievi mill-operat tas-SIEĠ ma jkunx biżżejjed sabiex tkopri l-ispejjeż. Dan il-kumpens ma jistax jaqbeż l-ispejjeż netti attwalment imġarrba inkluż profitt raġonevoli.

Skont ir-regoli dwar il-kuntratti ta' appalt u l-konċessjonijiet, il-kunċett ta' konċessjoni ta' servizz ma jipprekludix l-għoti ta' Għajnuna mill-Istat sakemm il-konċessjonarju jkompli jassumi r-riskju sostanzjali marbut mal-forniment tas-servizz. Min-naħa l-oħra, jekk l-għajnuna tneħħi r-riskju marbut mal-forniment tas-servizz jew tagħmlu insinifikanti, il-kuntratt inkwistjoni jista' jikkwalifika bħala kuntratt ta' servizz pubbliku. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet iddettaljati tad-Direttiva jkunu applikabbli fil-prinċipju.

Madankollu, f'dak li jirrigwarda s-servizzi indikati fl-Anness II B tad-Direttiva, bħas-servizzi soċjali, hemm biss ftit dispożizzjonijiet tad-Direttiva li huma applikabbli (ara t-tweġiba għall-mistoqsijiet 200 u 202).

***220. L-eċċezzjoni fejn ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku ma japplikawx għal operazzjonijiet "in-house" tfisser li lanqas ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma japplikaw?***

Jekk sitwazzjoni ma tkunx koperta mil-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, dan ma jfissirx awtomatikament li hija eskluża wkoll mir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat.

Rigward ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ara t-tweġiba għall-mistoqsija 44.

Rigward ir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 199.

***221. X'inhuma l-kriterji oġġettivi biex jiġi stabbilit li ċertu livell ta' kumpens jinnewtralizza r-riskju ta' sfruttament?***

Il-kunċett ta' riskju huwa element essenzjali tal-kunċett ta' konċessjoni. Fil-fatt, skont id-definizzjonijiet tal-konċessjoni ta' xogħlijiet u ta' servizzi previsti fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva 2004/18/KE, il-konċessjoni hija kuntratt li għandu l-istess karatteristiċi ta' kuntratt ta' appalt, ħlief għall-fatt li l-kumpens għax-xogħlijiet/għall-prestazzjoni tas-servizzi jikkonsisti biss jew fid-dritt tal-operat tax-xogħol/tas-servizz, jew f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas.

Il-kriterju ta' sfruttament, li jimplika l-eżistenza ta' riskju, jikkostitwixxi għalhekk karatteristika essenzjali sabiex wieħed jiddetermina jekk teżistix konċessjoni. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (b'mod partikolari s-sentenzi fil-Kawżi C-300/07 Oymanns u C-206/08 Eurawasser), tkun biss konċessjoni jekk riskju sostanzjali jew kbir tal-operat ikun trasferit fuq l-operatur.

L-eżistenza ta' riskju sinifikanti tista' tiġi verifikata biss każ b'każ. Ir-riskji li għandhom jiġu kkunsidrati huma dawk marbuta mal-prestazzjoni tas-servizz jew mad-disponibbiltà u l-użu tax-xogħol, inkluż ir-riskju marbut mad-domanda. Nistgħu nikkunsidraw fil-prinċipju li l-operatur iġorr riskji sostanzjali tal-operat jekk ikun hemm nuqqas ta' ċertezza dwar id-dħul fuq l-investiment.

In-nuqqas ta' riskju sinifikanti, minħabba li l-kumpens ikun laħaq l-ammonti li jinnewtralizzaw jew li jagħmlu insinifikanti r-riskju tal-operat, jimplika l-kwalifikazzjoni mill-ġdid tal-kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi bħala akkwist ta' servizzi bil-konsegwenzi legali kollha li jirriżultaw minnu (jiġifieri l-possibbiltà tal-annullament tal-kuntratt f'każ ta' ksur tal-liġi dwar l-akkwist pubbliku).

# 6 MISTOQSIJIET ĠENERALI DWAR L-APPLIKAZZJONI GĦAS-SIEĠ, U B'MOD PARITKOLARI GĦAS-SSIĠ, TAR-REGOLI TAT-TRATTAT DWAR IS-SUQ INTERN (LIBERTÀ TAL-ISTABBILIMENT U L-LIBERTÀ LI JIĠU PPROVDUTI SERVIZZI)

| |
|---|
| Bir-'regoli tat-Trattat dwar is-suq intern' hawnhekk wieħed jifhem id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar il-libertà tal-istabbiliment (l-Artikolu 49 tat-Trattat) u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi (l-Artikolu 56 tat-Trattat). Rigward ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku, irreferi għall-parti tad-dokument iddedikata għall-akkwist pubbliku (Taqsima 4). |

### 222. *Meta japplikaw ir-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern għas-SSIĠ (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE)?*

Is-SSIĠ huma koperti mir-regoli dwar is-suq intern tat-TFUE (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) meta jikkostitwixxu "attività ekonomika" fit-tifsira tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar l-interpretazzjoni ta' dawn l-Artikoli. Xi wħud minn dawn is-SSIĠ jistgħu jaqgħu wkoll fl-ambitu tad-Direttiva dwar is-servizzi. Min-naħa l-oħra, l-attivitajiet "mhux ekonomiċi" ma jaqgħux fl-ambitu ta' l-ebda waħda minn dawn ir-regoli.

Il-kunċett ta' "attività ekonomika" huwa kunċett tal-liġi tal-Unjoni li ġie żviluppat progressivament mill-Qorti fuq il-bażi tal-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE. Ladarba dan il-kunċett jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' żewġ libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattat, ma jistax ikun interpretat b'mod restrittiv[199]. Biex tkun taf aktar dwar il-kunċett ta' "attività ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern, ara l-mistoqsija 223.

### 223. *Meta attività tiġi kkwalifikata bħala "ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*

B'mod ġenerali, jaqgħu biss taħt ir-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi dawk is-servizzi li jikkostitwixxu "attivitajiet ekonomiċi".

Skont ir-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern, kull servizz ipprovdut għal remunerazzjoni għanua jitqies bħala attività ekonomika. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, is-servizz m'għandux neċessarjament ikun imħallas minn dawk li jitwettaq għalihom[200], iżda trid tingħata kunsiderazzjoni għas-servizz inkwistjoni.

Il-Qorti kellha wkoll l-okkażjoni li tispeċifika li l-karattru "ekonomiku" ta' attività ma jiddependix mill-istatus ġuridiku tal-operatur jew tal-organizzazzjoni (li jista' jkun pubbliku jew mingħajr skop ta' profitt[201]), lanqas min-natura tas-servizz (pereżempju, il-fatt li prestazzjoni taqa' taħt il-qasam tas-sigurtà soċjali jew tas-saħħa minnu nnifsu ma jeskludix l-applikazzjoni tar-regoli tat-Trattat)[202]. L-attivitajiet imwettqa minn membri ta' komunità reliġjuża jew ta' assoċjazzjoni sportiva ta' dilettanti jistgħu b'hekk jitqiesu

---

199 Kawżi Konġunti C-51/96 u C-191/97, *Deliège*, [2000] Ġabra I-2549, paragrafu 52.

200 Pereżempju, il-Qorti stmat li servizzi tal-isptar mogħtija bla ħlas taħt l-iskemi ta' assigurazzjoni tal-mard applikabbli jistgħu jikkostitwixxu attività ekonomika fit-tifsira tat-Trattat.

201 Kawża C-172/98 *Commission v Belgium*. Fil-Kawża'C-157/99 *Smits and Peerbooms* (paragrafu 50), il-Qorti ma aċċettatx l-argument li l-intenzjoni ta' profitt tal-fornitur jikkostitwixxi kundizzjoni addizzjonali sabiex servizz jista' jikkostitwixxi attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 60 tat-Trattat.

202 Sentenza fi *Smits and Peerbooms* imsemmija qabel

li jikkostitwixxu attività ekonomika[203]. Barra minn hekk, il-karattru "ekonomiku" ta' attività ma jiddependix mill-kwalifika tagħha fil-liġi nazzjonali. Servizz ikkwalifikat fil-liġi interna bħala "settur mhux tas-suq" jista' jkun ikkunsidrat bħala "attività ekonomika" skont ir-regoli msemmija qabel tat-Trattat. Il-fatt li servizz huwa pprovdut fl-interess ġenerali mhux bilfors jaffettwa n-natura ekonomika ta' din l-attività.

Biex wieħed jiddetermina jekk servizz partikolari jikkostitwixxix attività ekonomika soġġetta għar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern, u, meta relevanti, tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jeħtieġ li ssir analiżi każ b'każ tal-karatteristiċi kollha tal-attività inkwistjoni, b'mod speċjali tal-mod kif effettivament tkun qiegħda tiġi pprovduta, tiġi organizzata u ffinanzjata fl-Istat Membru kkonċernat.

Id-Direttiva dwar is-Servizzi tapplika għas-servizzi kollha li mhumiex espliċitament esklużi mill-ambitu tagħha (ċerti servizzi soċjali huma esklużi: biex tkun taf aktar dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi għas-servizzi soċjali, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 229). Is-servizzi ta' natura ekonomika biss kif definiti hawn fuq jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "servizz" kif mogħtija mid-Direttiva.

Biex tkun taf aktar dwar dak li timplika l-kwalifika ta' "attività ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern għas-servizzi soċjali kkonċernati, ara wkoll it-tweġibiet għall-mistoqsijiet 226 u 227.

### 224. *Attività meta tikkwalifika bħala "mhux ekonomika" fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE) u tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*

Mill-ġurisprudenza tal-Qorti jirriżulta li l-attivitajiet li jitwettqu mingħajr kunsiderazzjoni, mill-Istat jew f'isem l-Istat, bħala parti mid-doveri tiegħu fil-qasam soċjali, pereżempju, ma jikkostitwixxux attività ekonomika fit-tifsira tar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern u tad-Direttiva dwar is-servizzi[204].

Eżempji:

- servizzi pprovduti minn organizzazzjoni taħt l-iskema ta' assigurazzjoni obbligatorja (pereżempju l-ħlas ta' kumpens f'każijiet ta' okkorrenzi ta' diżastri naturali)[205].
- il-korsijiet offruti mis-sistema edukattiva nazzjonali[206] jew il-korsijiet offruti f'istitut ta' edukazzjoni ogħla li l-finanzjament tagħhom ikun ipprovdut, fil-parti l-kbira, minn fondi pubbliċi[207].

---

203 Kawża C-196/87 *Steymann* u Kawżi Konġunti C-51/96 u C-191/97, *Deliège*.

204 Kawża C-109/92 *Wirth*.

205 Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-355/00 *Freskot*, il-Qorti ddeċidiet li l-kontribuzzjonijiet imħallsa lil din l-organizzazzjoni ma kellhomx il-karatteristika ta' kumpens ekonomiku, minħabba li, b'mod partikolari, dawn il-kontribuzzjonijiet kellhom essenzjalment il-karatteristika ta' obbligu impost mil-leġiżlatur u li l-livell u t-termini ta' assigurazzjoni kienu stabbiliti mil-leġiżlatur.

206 Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-263/86 Humbel, il-Qorti enfasizzat, minn naħa, il-fatt li bl-istabbiliment u ż-żamma ta' sistema edukattiva nazzjonali, l-Istat m'għandux l-intenzjoni li jwettaq attivitajiet bi ħlas, iżda jkun qed iwettaq il-missjoni tiegħu fil-qasam soċjali, kulturali u edukattiv lejn il-poplu tiegħu. Min-naħa l-oħra, din is-sistema hija, b'regola ġenerali, iffinanzjata mill-baġit pubbliku u mhux mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom. Il-Qorti żiedet tgħid li n-natura ta' din l-attività mhijiex affettwata mill-fatt li l-istudenti jew il-ġenituri tagħhom huma xi drabi obbligati li jħallsu ċerti miżati jew spejjeż ta' tagħlim sabiex jikkontribwixxu b'ċertu mod għall-ispejjeż tal-operat tas-sistema.

**225. *Is-servizzi soċjali esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi jibqgħu madankollu soġġetti għar-regoli tat-Trattat dwar is-suq intern?***

L-esklużjoni fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tkopri servizzi soċjali li għandhom x'jaqsmu ma' akkomodazzjoni soċjali, ħarsien tat-tfal u appoġġ ta' familji u tal-persuni li jinsabu b'mod permanenti jew temporanju f'sitwazzjoni ta' bżonn u dawk, li huma pprovduti mill-Istat (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali), minn fornituri li għandhom mandat mill-Istat jew minn assoċċjazzjonijiet karitattivi rikonoxxuti bħala tali mill-Istat.

Is-servizzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi li jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi, ikomplu jaqgħu taħt ir-regoli tat-Trattat, b'mod speċjali dawk tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE). Il-miżuri nazzjonali li jirregolaw is-servizzi esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi għadhom għalhekk soġġetti għal valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħhom mal-liġi Komunitarja mill-qorti nazzjonali jew mill-Qorti tal-Ġustizzja, partikolarment fid-dawl tal-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat imsemmija qabel. Għanijiet fil-politika soċjali jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri li jirregolaw is-settur tas-servizzi soċjali, sakemm dawn il-miżuri jkunu proporzjonati mal-għanijiet imfittxija. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsijiet 226 u 227.

**226. *Għanijiet fil-politika soċjali jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' miżuri li jirregolaw is-settur tas-servizzi soċjali?***

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu l-għanijiet tal-politika soċjali tagħhom u, fejn xieraq, li jiddefinixxu eżatt il-livell mixtieq ta' protezzjoni. Madankollu, ir-regoli li jimponu għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti f'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità tagħhom. Ir-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet tas-suq intern għandhom ikunu evalwati taħt l-għanijiet segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u l-livell ta' protezzjoni li għandhom l-għan li jiżguraw.

Il-ġurisprudenza identifikat ċertu numru ta' "raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" li jikkostitwixxu għanijiet li jippermettu li l-Istati Membri jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq il-libertajiet tas-suq intern (pereżempju għanijiet ta' politika soċjali, il-protezzjoni ta' dawk li jirċievu s-servizzi, il-protezzjoni tal-konsumaturi, eċċ.). B'mod ġenerali, il-ġurisprudenza attwali tal-Qorti sabet li kunsiderazzjonijiet soċjali jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali, pereżempju sakemm jista' jitqies li mhuwiex aċċettabbli li jsir profitt privat mid-dgħufija ta' dawk li jirċievu s-servizzi[208]. Kull miżura iżda trid tkun tista' tiggarantixxi l-kisba ta' għan leġittimu wieħed jew aktar imressqa minn dan l-Istat Membru u ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Għalhekk, pereżempju, skont it-Trattat u (għas-servizzi li huma inklużi fiha) id-Direttiva dwar is-Servizzi, l-iskemi ta' awtorizzazzjoni minn qabel il-bidu ta' attività jistgħu jinżammu sakemm ma jkunux diskriminatorji, ikunu jsegwu għan ta' interess ġenerali, ikunu xierqa sabiex jilħqu dan l-għan u, finalment, diment li l-għan li jsegwu ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri oħrajn inqas restrittivi. Fis-settur soċjali, il-Qorti

---

207 Fis-sentenza Wirth imsemmija qabel, il-Qorti kienet tal-fehma li l-kunsiderazzjonijiet li kienet żviluppat fis-sentenza Humbel imsemmija qabel kienu validi wkoll għall-korsijiet mogħtija f'istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja li l-finanzjament tagħhom kien assigurat, fil-parti l-kbira tiegħu, mill-fondi pubbliċi.

208 Ara f'dan is-sens il-kawżi C-447/08 u C-448/08 dwar logħob tal-azzard fuq l-Internet.

ddeċidiet li l-għanijiet tal-politika soċjali jikkostitwixxu "raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" li jistgħu jiġġustifikaw l-applikazzjoni ta' skema ta' awtorizzazzjonijiet jew miżuri oħrajn li jirregolaw is-swieq diment li dawn l-iskemi jew miżuri jkunu proporzjonati għall-għanijiet imfittxija.

### *227. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jirriservaw il-prestazzjoni ta' ċerti servizzi soċjali għall-fornituri li ma jagħmlux profitt?*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, skont l-iskala tal-valuri speċifiċi għal kull Stat Membru, u minħabba d-diskrezzjoni li għandhom, Stat Membru jista' jinkariga t-twettiq ta' ċerti attivitajiet f'idejn, pereżempju, organizzazzjonijiet pubbliċi jew karitatevoli[209]. Madankollu, kwalunkwe miżura f'dan is-sens trid tkun tista' tiggarantixxi l-kisba ta' għan leġittimu wieħed jew aktar imressqa minn dan l-Istat Membru u ma jaqbiżx dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan. Barra minn hekk leġiżlazzjoni nazzjonali tista' biss tiggarantixxi l-kisba tal-għan imressaq jekk tissodisfa realment ix-xewqa li jintlaħaq b'mod konsistenti u sistematiku. Fi kwalunkwe każ, dawn ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu applikati b'mod nondiskriminatorju.

## 7 MISTOQSIJIET DWAR L-APPLIKABILITÀ TAD-DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI GĦAS-SIEĠ U, B'MOD PARTIKOLARI, GĦAS-SSIĠ

### *228. Liema servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva dwar is-Servizzi?*

Is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SIEĠ) huma koperti mid-Direttiva dwar is-Servizzi sakemm ma jkunux ġew esklużi espliċitament mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha (pereżempju s-servizzi tat-trasport, is-servizzi tas-saħħa, ċerti servizzi soċjali, is-servizzi u n-netwerks ta' komunikazzjoni elettronika u s-servizzi awdjoviżivi ġew esklużi). Is-servizzi soċjali ġew esklużi parzjalment: dawn huma koperti mid-Direttiva meta jiġu pprovduti minn operaturi privati li ma jkollhomx mandat mill-Istat, iżda huma esklużi meta jkunu pprovduti mill-Istat, minn fornituri b'mandat mill-Istat jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat.

Għal dawk is-SIEĠ li mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, din tal-aħħar fiha sett ta' "salvagwardji" li jippermettu lill-Istati Membri li jikkunsidraw bi sħiħ, matul ix-xogħol ta' implimentazzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali, l-ispeċifiċitajiet ta' dawn is-setturi. Għalhekk l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jżommu fis-seħħ ir-regoli nazzjonali li jirregolaw dawn is-setturi, sabiex jiggarantixxu pereżempju servizzi ta' kwalità għolja.

L-ewwel nett, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-libertà tal-istabbiliment jippermettu li l-Istati Membri jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet tas-SIEĠ. B'mod partikolari, l-analiżi u l-valutazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tal-liġi nazzjonali, li l-Istati Membri kellhom jistabbilixxu minħabba d-Direttiva, m'għandhomx ifixklu t-twettiq tal-missjoni partikolari mogħtija lis-SIEĠ (l-Artikolu 15.4). Barra minn hekk, skont l-Artikoli 9 sa 13, l-Istati Membri huma intitolati li jżommu fis-seħħ skemi ta' awtorizzazzjoni li jirregolaw l-aċċess għall-attivitajiet ta' servizz (inklużi s-SIEĠ) jew it-twettiq tagħhom

209 Ara s-sentenza msemmija qabel fil-Kawżi Konġunti C-447/08 u 448/08, par. 43. Ara wkoll il-Kawża C-70/95 *Sodemare SA v Regione Lombardia* [1997], Ġabra I-3395 li ġiet iċċitata qabel.

f'kull każ fejn dawn l-awtorizzazzjonijiet ikunu nondiskriminatorji, u ġustifikati minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u proporzjonati.

It-tieni nett, id-Direttiva tistipula li l-klawżola ta' prestazzjoni libera tas-servizzi previsti fl-Artikolu 16 ma tapplikax għas-SIEĠ (skont deroga espliċita li tidher fl-Artikolu 17).

Ġeneralment, ix-xogħol ta' implimentazzjoni li jsir mill-Istati Membri juri li d-Direttiva hija ta' benefiċċju sabiex timmodernizza l-ekonomija tagħna u tibbenefika kemm lill-fornituri tas-servizzi kif ukoll lill-konsumaturi. Waqt il-fażi ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ma kinitx konxja tal-problemi partikolari marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva għas-SIEĠ.

Fis-sit indikat hawn taħt għandek issib tagħrif dwar il-leġiżlazzjonijiet li l-Istati Membri adottaw sabiex jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Servizzi u links għad-diversi dokumenti leġiżlattivi jekk dawn ikunu disponibbli:

http://ec.europa.eu/internal_market/services/services-dir/implementing_legislation_en.htm

229. ***Liema servizzi soċjali ġew esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi u meta japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għal dawn is-servizzi soċjali?***

Ċerti servizzi soċjali ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi. L-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi ma tkoprix is-servizzi soċjali kollha iżda biss is-servizzi soċjali relatati ma' djar b'għan soċjali, ħarsien tat-tfal u appoġġ ta' familji u persuni li jinsabu b'mod permanenti jew temporanju f'sitwazzjoni ta' bżonn u li huma pprovduti mill-Istat (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali), minn fornituri li għandhom mandat mill-Istat jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat. Minħabba li hija deroga għal regola ġenerali, din l-esklużjoni għandha tkun interpretata b'mod strett, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Għall-kuntrarju, is-servizzi soċjali li mhumiex koperti mill-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva (pereżempju s-servizzi għall-indukrar tat-tfal li mhumiex ipprovduti mill-fornituri msemmija qabel) huma soġġetti għall-qafas regolatorju stabbilit mid-Direttiva dwar is-Servizzi.

F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jkun innutat li fid-Direttiva hemm sett sħiħ ta' dispożizzjonijiet li jirrikonoxxu u jikkunsidraw l-karatteristiċi tas-servizzi soċjali li ma jkunux ġew esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Pereżempju, id-Direttiva ma tippreġudikax il-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw l-aċċess u t-twettiq ta' dawn is-servizzi sabiex jiggarantixxu l-kwalità tagħhom. Skont l-Artikoli 9 sa 13 tad-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jżommu l-iskemi ta' awtorizzazzjoni tagħhom li jirregolaw l-aċċess u t-twettiq tal-attivitajiet diment li dawn l-iskemi jkunu nondiskriminatorji, ġustifikati u proporzjonati. Fil-każ tas-servizzi soċjali li huma koperti mid-Direttiva u li jkunu SIEĠ, dawn huma esklużi (skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva) mill-klawżola dwar il-libertà tal-provvista ta' servizzi msemmija fl-Artikolu 16 tad-Direttiva. Fl-aħħar nett, id-Direttiva ma tindirizzax il-finanzjament tas-servizzi soċjali. Id-Direttiva ma tkoprix l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri, li taqa' taħt ir-regoli tal-kompetizzjoni (ara l-parti dwar l-Għajnuna mill-Istat). B'mod partikolari, ma tikkonċernax il-kriterji ta' aċċess għall-fondi

pubbliċi, lanqas l-istandards ta' kwalità li jridu jiġu osservati biex jiġi riċevut finanzjament pubbliku (ara l-premessi 10, 17 u 28 tad-Direttiva).

***230. L-Istati Membri jistgħu jżommu, bħala parti mill-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, skemi ta' awtorizzazzjoni fil-qasam tas-servizzi soċjali?***

L-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar is-Servizzi jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jirrevedu l-leġiżlazzjoni tagħhom sabiex jidentifikaw l-iskemi ta' awtorizzazzjoni dwar l-aċċess u t-twettiq ta' attività ta' servizzi. Meta leġiżlazzjoni titlob deċiżjoni tal-awtorità kompetenti qabel ma l-fornitur ikun jista' jkollu aċċess għall-attività jew jeżerċitaha li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, din tkun skema ta' awtorizzazzjoni li għandha tkun ivvalutata skont id-Direttiva. Għal kull skema (u l-proċeduri tagħha) identifikata, l-Istat Membru kellu, matul il-perjodu ta' implimentazjoni, iwettaq evalwazzjoni fid-dawl tar-regoli stabbiliti mill-Artikoli 9 sa 13 tad-Direttiva. Għalhekk, l-iskemi ta' awtorizzazzjoni kollha relatati mal-aċċess u t-twettiq ta' attività ta' servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi kellhom ikunu soġġetti, bħala parti mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għal evalwazzjoni skont il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, tal-eżistenza jew le ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u, jekk ikun il-każ, tal-proporzjonalità tal-miżuri kkonċernati.

Skont ir-riżultati tal-evalwazzjoni, l-Istati Membri kienu mistennija li jneħħu l-iskemi ta' awtorizzazzjoni li ma kinux konformi mal-Artikolu 9 jew li jissostitwixxuhom permezz ta' miżuri inqas restrittivi li kienu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Jeħtieġ li jiġi nnutat ukoll li l-iskemi ta' awtorizzazzjoni esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi jkomplu jaqgħu taħt ir-regoli tat-Trattat, b'mod partikolari dawk tal-libertà tal-istabbiliment u tal-provvista ħielsa tas-servizzi (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE). Għaldaqstant għadhom soġġetti għal valutazzjoni tal-kompatibbiltà tagħhom mal-liġi tal-Unjoni mill-qorti nazzjonali jew mill-Qorti tal-Ġustizzja, speċjalment fid-dawl tal-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE imsemmija qabel. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsijiet 225 u 230.

***231. Meta skema ta' awtorizzazzjoni tkun tapplika fl-istess waqt għal servizzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għal servizzi li huma inklużi, din l-iskema taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva? Jekk iva, l-Istat Membru għandu jistabbilixxi skemi ta' awtorizzazzjoni separati u speċifiċi għas-servizzi esklużi u inklużi?***

Iva, meta l-istess skema ta' awtorizzazzjoni tapplika fl-istess waqt għal servizzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u għal servizzi li huma inklużi fiha, din l-iskema taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Madankollu, id-Direttiva ma timponix lill-Istat Membru li jistabbilixxi skemi ta' awtorizzazzjoni separati skont jekk tirrigwardax servizz li jaqa' jew le fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, kif ma tipprekludix li Stat Membru jipprovdi skemi separati. L-importanti, fit-tifsira tad-Direttiva, huwa li l-Istat Membru jiżgura li l-iskemi ta' awtorizzazzjoni għas-servizzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjonitad-Direttiva jkunu konformi magħha (għal aktar dettalji ara t-tweġiba għall-mistoqsija 230).

***232. L-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi japplika għas-servizzi soċjali relatati mal-iskejjel tat-trabi u ċ-ċentri ta' matul il-ġurnata ipprovduti minn fornituri b'mandat mill-Istat jew mill-awtoritajiet lokali jew minn kwalunkwe entità b'mandat li toffri dawn is-servizzi?***

Is-servizzi soċjali relatati mal-iskejjel tat-trabi u ċ-ċentri ta'matul il-ġurnata huma koperti permezz tal-esklużjoni msemmija fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi sakemm dawn ikunu pprovduti mill-Istat innifsu (fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali), minn fornitur b'mandat mill-Istat jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat.

Is-servizzi soċjali relatati mal-iskejjel tat-trabi u ċ-ċentri ta' matul il-ġurnata pprovduti minn operaturi mingħajr mandat mill-Istat mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Ara wkoll it-tweġiba għall-mistoqsija 229.

***233. Xi jkopri l-kunċett ta' "Stat" fit-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi li jipprovdi li s-servizzi soċjali għandhom ikunu pprovduti mill-"Istat" jew minn "fornituri li għandhom mandat mill-Istat"?***

Ta' min ifakkar l-ewwel nett li l-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi għandu l-għan li jiddefinixxi l-ambitu ta' esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għal ċerti servizzi soċjali. Għalhekk, peress li din hija deroga għal regola ġenerali, din għandha, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, tkun interpretata b'mod strett.

Skont l-Artikolu 2(2)(j) ċerti servizzi soċjali (kemm dawk ipprovduti mill-"Istat" kif ukoll dawk ipprovduti mill-"fornituri li gandhom mandat mill-Istat" ġew esklużi mill-kamp ta' applikazjoni  tad-Direttiva. Il-kunċett ta' Stat, fit-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jinkludi, skont il-premessa 27 tad-Direttiva, mhux biss l-amministrazzjoni ċentrali tal-Istat iżda wkoll l-awtoritajiet territorjali kollha fil-livell reġjonali u lokali. Fornitur li għandu mandat mill-Istat fis-sens tad-Direttiva  jiddeċiedi li jinkariga lil xi fornitur, kemm jekk dan ikun persuna jew entità, pubbliku jew privat, li l-Istat, fis-sens speċifikat hawn fuq, itih l-obbligu li jipprovdi ċertu servizz minflok li jipprovdih b'mod dirett.. Sabiex tikkwalifika biex tibbenefika mill-eċċezzjoni taħt id-Direttiva, il-kwistjoni dwar jekk huwiex servizz soċjali pprovdut mill-Istat jew minn organizzazzjoni pubblika li tkun ġiet inkarigata b'mod espliċitu, mill-Istat jew f'ismu, mill-obbligu tat-twettiq ta' dak is-servizz, pereżempju, permezz ta' liġi, mhijiex determinanti.

***234. Xi jkopri l-kunċett ta' "fornituri li għandhom mandat mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?***

Il-Kummissjoni tikkunsidra li sabiex fornitur jista' jitqies li għandu "mandat mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(j), dan il-fornitur għandu jkollu l-obbligu li jipprovdi s-servizz li fdalu l-Istat. Fornitur inkarigat mill-obbligu li joffri servizz, pereżempju wara kuntratt ta' appalt jew permezz ta' konċessjoni ta' servizzi, jista' jitqies bħala fornitur li għandu "mandat mill-Istat" fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Dan japplika wkoll għal kwalunkwe tip ieħor ta' miżura li jieħu l-Istat sakemm din il-miżura timplika l-obbligu ta' servizz għall-fornitur inkwistjoni.

***235. Il-kunċett ta' "fornituri li għandhom mandat mill-Istat" fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi (l-Artikolu 2(2)(j)) huwa l-istess bħall-kunċett ta' "att ta' inkarigu" fis-sens tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, kif ukoll fis-sens tal-Pakkett tas-SIEĠ?***

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 51.

***236. Deċiżjoni uffiċjali ta' awtorità pubblika reġjonali li tiddefinixxi servizz soċjali ta' interess ġenerali ta' taħriġ vokazzjonali u li tinkariga l-ġestjoni tiegħu lil intrapriża***

***waħda jew aktar ta' taħriġ permezz ta' konċessjoni ta' servizzi u tagħti kumpens għas-servizz pubbliku hija att ta' inkarigu fis-sens tad-Direttiva dwar is-servizzi?***

Intrapriża ta' taħriġ inkarigata permezz ta' deċiżjoni uffiċjali ta' awtorità pubblika reġjonali mill-ġestjoni, permezz ta' konċessjoni ta' servizzi, ta' servizz soċjali ta' interess ġenerali ta' taħriġ vokazzjonali ma tistax titqies bħala "fornitur li għandu mandat" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(j) imsemmi qabel sakemm l-intrapriża inkwistjoni ma jkollhiex l-obbligu li tipprovdi dan is-servizz. Din hija analiżi li jkollha ssir każ b'każ, fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi konkreti ta' kull każ.

Barra minn hekk, taħt l-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva, fid-dawl tal-premessa 27 ta' din id-Direttiva, is-servizz ta' taħriġ vokazzjonali pprovdut minn fornitur b'mandat mill-Istat jista' biss jitqies bħala servizz eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet iddettaljati fil-premessa 27 tad-Direttiva, jiġifieri jekk ikun indirizzat lejn persuni "li huma fi stat partikolari ta' bżonn permanenti jew temporanju minħabba d-dħul insuffiċjenti fil-familja, jew in-nuqqas totali jew parzjali ta' indipendenza" jew "bir-riskju li jiġu emarġinati", bħal fil-każ tan-nies qiegħda.

Fl-aħħar nett, ta' min jinnota li s-servizzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, jibqgħu, fi kwalunkwe każ, jaqgħu taħt l-applikazzjoni tar-regoli tat-TFUE, jiġifieri dawk tal-libertà tal-istabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (l-Artikoli 49 u 56 tat-TFUE). Ara f'dan ir-rigward it-tweġiba għall-mistoqsija 226. F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat lil dan it-tip ta' att, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 52.

***237. Xi jkopri l-kunċett ta' "karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 2(2)(j) tad-Direttiva dwar is-Servizzi?***

Dan il-kunċett huwa speċifiku għad-Direttiva dwar is-Servizzi u għalhekk l-interpretazzjoni tiegħu ma tiddependix b'mod dirett mill-kunċetti li jeżistu fil-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, lanqas minn dokumenti oħrajn tal-UE. Din id-definizzjoni hija maħsuba biss biex tidentifika ċerti operaturi li s-servizzi tagħhom jistgħu jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi fit-tifsira tal-Artikolu 2(2)(j) tagħha, jiġifieri s-servizzi soċjali relatati ma' akkomodazzjoni soċjali, indukrar tat-tfal u appoġġ ta' familji u persuni fil-bżonn b'mod permanenti jew temporanju li huma pprovduti minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat.

Għalhekk, fis-sens tad-Direttiva dwar is-Servizzi, il-kunċett ta' "karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat" jimplika mhux biss in-nuqqas ta' profitt tal-fornituri tas-servizzi inkwistjoni, iżda wkoll il-fatt li dawn iwettqu attivitajiet ta' karità (speċifikament rikonoxxuti bħala tali mill-awtoritajiet pubbliċi) għall-benefiċċju ta' terzi persuni (jiġifieri minbarra l-membri tagħhom) f'sitwazzjoni ta' bżonn. Minn dan jirriżulta, fost oħrajn, li l-uniku għarfien tan-nuqqas ta' skop ta' profitt ta' ċerti assoċjazzjonijiet (mogħti pereżempju għal skopijiet ta' taxxa) jew inkella l-aspett ta' interess ġenerali tal-attivitajiet imwettqa ma jikkostitwixxux kriterji suffiċjenti fihom infushom sabiex jikkwalifikaw lill-assoċjazzjoni skont il-kunċett ta' "karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istat". Bl-istess mod, approvazzjoni sempliċi riċevuta mill-Istat ma tistax titqies bħala kriterju suffiċjenti fih innifsu biex assoċjazzjoni titqies skont dan il-kunċett (u li għalhekk dawn l-attivitajiet huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi).

B'referenza għal dan il-kunċett fil-manwal dwar l-implimentazzjoni[210] tagħha, il-Kummissjoni semmiet, bħala eżempju ta' assoċjazzjoni tal-karità fis-sens tad-Direttiva, "knejjes u organizzazzjonijiet tal-knisja li jservu għanijiet karitatevoli u benevolenti". Il-karattru lajk jew reliġjuż ta' assoċjazzjonijiet bħal dawn mhuwiex madankollu determinanti għall-finijiet tad-definizzjoni tal-ambitu tal-esklużjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi għas-servizzi soċjali. Minn dan jirriżulta li s-servizzi li jingħataw minn assoċjazzjoni li l-aspett karitatevoli tagħha ġie rikonoxxut mill-Istat huma esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi taħt l-Artikolu 2(2)(j) tagħha, irrispettivament mill-fatt jekk l-organizzazzjoni inkwistjoni hijiex lajka jew reliġjuża.

[210] Manwal dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-servizzi disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/internal_market/services/services-dir/documents_en.htm